# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 130

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

16 ta' Mejju 2023


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060** ..... 1

★ **Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri** ([1]) ..... 52

★ **Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali** ([1]) ..... 105


DIRETTIVI


★ **Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq** ([1]) ..... 115

★ **Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni** ([1]) ..... 134


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2023/955 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-10 ta' Mejju 2023**

**li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 91(1)(d), l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(2), u l-Artikolu 322(1)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), (il-"Ftehim ta' Pariġi") ([4]), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Dak l-impenn issaħħaħ bl-adozzjoni fil-kuntest tal-UNFCCC tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li l-impatti tat-tibdil fil-klima ser ikunu ħafna aktar baxxi b'żieda fit-temperatura ta' 1,5 °C, meta mqabbla ma' 2 °C, u tiddeċiedi li tkompli bl-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C.

(2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew") tistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha bħala għan it-trasformazzjoni tal-Unjoni f'soċjetà sostenibbli, ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra sa mhux aktar tard mill-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan ukoll li jirrestawra, jipproteġi, jippreserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u l-impatti relatati mal-ambjent. Fl-aħħar nett, hija tqis li jenħtieġ li din it-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

([1]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 158.
([2]) ĠU C 301, 5.8.2022, p. 70.
([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2023 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2023.
([4]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

(3) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), l-Unjoni naqqxet fil-leġislazzjoni l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sa mhux aktar tard mill-2050, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija mistennija jikkontribwixxu biex tintlaħaq dik il-mira.

(4) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020 approvaw il-mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, filwaqt li ssottolinjaw l-importanza ta' kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u solidarjetà u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Dawk il-konklużjonijiet ġew riaffermati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Mejju 2021, fejn il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tressaq malajr il-pakkett leġiżlattiv tagħha flimkien ma' eżami fil-fond tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-livell tal-Istati Membri.

(5) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, approvat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021, jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu d-drittijiet soċjali u d-dimensjoni soċjali Ewropea fil-politiki kollha tal-Unjoni. Il-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li "Kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma, is-sanitazzjoni, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali. Għandu jkun disponibbli appoġġ għall-aċċess għal dawk is-servizzi għal dawk fil-bżonn.".

(6) Id-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 affermat mill-ġdid il-wegħda tal-Kunsill Ewropew li jaħdem lejn Ewropa soċjali li ssaħħaħ tranżizzjoni ġusta, u d-determinazzjoni tiegħu li jkompli japprofondixxi l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni, bil-konsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

(7) Sabiex jiġu implimentati l-impenn lejn in-newtralità klimatika, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija ġiet rieżaminata u emendata sabiex jitħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

(8) Dawk l-emendi għandhom impatti ekonomiċi u soċjali differenti fuq is-setturi differenti tal-ekonomija, iċ-ċittadini, u l-Istati Membri. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini, mit-trasport bit-triq u s-setturi addizzjonali li jikkorrispondu għall-attivitajiet industrijali mhux koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, tipprovdi inċentiv ekonomiku addizzjonali biex isir investiment fit-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwils fossili u, b'hekk, jitħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Flimkien ma' miżuri oħra, jenħtieġ li dan, fuq terminu medju sa twil, jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport, inaqqas il-kostijiet tal-bini u tat-trasport bit-triq, u, fejn rilevanti, jipprovdi opportunitajiet ġodda għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u investimenti sostenibbli, allinjati bis-sħiħ mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

(9) Madankollu, huma meħtieġa riżorsi biex jiġu ffinanzjati dawk l-investimenti. Barra minn hekk, qabel ma jsiru tali investimenti, il-kost sostnut mill-unitajiet domestiċi u mill-utenti tat-trasport għat-tisħin, it-tkessiħ, it-tisjir u t-trasport bit-triq x'aktarx li jiżdied hekk kif il-fornituri tal-fjuwil soġġetti għall-obbligi taħt is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq jgħaddu l-kostijiet tal-karbonju lill-konsumaturi.

(10) It-tranżizzjoni klimatika ser ikollha impatt ekonomiku u soċjali li huwa diffiċli li jiġi vvalutat ex ante. Il-kisba tażżieda fl-ambizzjoni klimatika ser tirrikjedi riżorsi pubbliċi u privati sostanzjali. L-investimenti f'miżuri tal-effiċjenza enerġetika, kif ukoll f'sistemi tat-tisħin ibbażati fuq l-enerġija rinnovabbli, bħat-tisħin b'pompi tas-sħana elettriċi, it-tisħin u t-tkessiħ fil-livell distrettwali u l-parteċipazzjoni f'komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, huma metodu effettiv biex jitnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni u l-emissjonijiet filwaqt li tiżdied ir-reżiljenza tal-Unjoni. Huwa meħtieġ finanzjament iddedikat biex jappoġġa lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli.

---

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

([6]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(11) Iż-żieda fil-prezz għall-fjuwils fossili tista' taffettwa b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli li jonfqu parti akbar mill-introjtu tagħhom fuq l-enerġija u t-trasport, li, f'ċerti reġjuni, ma għandhomx aċċess għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà u trasport alternattivi u affordabbli, u li jistgħu ma jkollhomx il-kapaċità finanzjarja li jinvestu fit-tnaqqis tal-konsum ta' fjuwils fossili. L-ispeċifiċitajiet ġeografiċi, bħall-gżejjer, ir-reġjuni u t-territorji ultraperiferiċi, iż-żoni rurali jew remoti, il-periferiji inqas aċċessibbli, żoni muntanjużi jew żoni li għadhom lura, jista' jkollhom impatti speċifiċi fil-kuntest tal-faqar tat-trasport fuq il-vulnerabbiltà tal-unitajiet domestiċi, il-mikrointrapriżi u l-utenti tat-trasport. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi jitqiesu meta jitħejjew miżuri u investimenti b'appoġġ għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, fejn applikabbli u rilevanti.

(12) Parti mid-dħul iġġenerat mill-inklużjoni tal-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li jintuża biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali li jirriżultaw minn dik l-inklużjoni, sabiex it-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u b'hekk ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Jenħtieġ li l-ammont kumplessiv tal-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit taħt dan ir-Regolament (il-"Fond") jirrifletti l-livell tal-ambizzjoni a' dekarbonizzazzjoni mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini, mit-trasport bit-triq u minn setturi addizzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

(13) L-użu ta' parti mid-dħul biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali li jirriżultaw mill-inklużjoni tal-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE huwa saħansitra aktar rilevanti fid-dawl tal-livelli eżistenti ta' faqar enerġetiku. Il-faqar enerġetiku huwa sitwazzjoni li fiha l-unitajiet domestiċi ma jkunux jistgħu jaċċessaw servizzi essenzjali tal-enerġija li jirfdu standard tal-ħajja u tas-saħħa diċenti, bħal tisħin adegwat permezz tat-tisħin, tkessiħ, hekk kif it-temperaturi jogħlew, u -t-tidwil u l-enerġija biex jitħaddmu l-apparati domestiċi. Fi sħarriġ tal-2021 fl-Unjoni kollha, madwar 34 miljun Ewropew, kważi 6,9 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni, qalu li ma jaffordjawx isaħħnu d-dar tagħhom b'mod suffiċjenti. Għalhekk, il-faqar enerġetiku huwa sfida ewlenija għall-Unjoni. Filwaqt li t-tariffi soċjali jew l-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju jistgħu jipprovdu serħan immedjat lill-unitajiet domestiċi li qed jiffaċċjaw faqar enerġetiku fuq terminu qasir, miżuri mmirati biss, b'mod partikolari r-rinnovazzjonijiet tal-bini, inkluż permezz tal-aċċess għal enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-promozzjoni attiva ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn l-unitajiet domestiċi, u r-rinnovazzjonijiet tal-bini li jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet fit-tul u jgħinu b'mod effettiv biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku. Jenħtieġ li jkun possibbli li d-definizzjoni ta' faqar enerġetiku skont dan ir-Regolament tiġi aġġornata biex tirrifletti l-eżitu tan-negozjati dwar Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni).

(14) Approċċ olistiku għar-rinnovazzjonijiet tal-bini li jqis b'mod aktar effiċjenti l-persuni f'riskju ta' esklużjoni, jiġifieri dawk li jbatu l-aktar mill-faqar enerġetiku fl-Unjoni, jista' jwassal għal inqas domanda għall-enerġija. Għalhekk, l-appoġġ skont il-Fond għas-settur tal-bini jenħtieġ li jkollu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika, li jwassal għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għal kull unità domestika li jkun viżibbli f'termini tal-flus iffrankati u, b'riżultat ta' dan, jipprovdi mezz wieħed biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku. Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2010/31/UE tistabbilixxi l-pedamenti biex jintlaħqu dawk l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li titqies meta jiġi implimentat dan ir-Regolament.

(15) Peress li l-faqar tat-trasport għadu ma ġiex definit fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi introdotta tali definizzjoni għall-fini ta' dan ir-Regolament. Il-faqar tat-trasport jista' jsir kwistjoni saħansitra aktar urġenti, kif rikonoxxut fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika ([8]), u jirriżulta fi tnaqqis fl-aċċess għal attivitajiet u servizzi soċjoekonomiċi essenzjali bħall-impjiegi, l-edukazzjoni jew il-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għal individwi u unitajiet domestiċi vulnerabbli. Il-faqar tat-trasport normalment jiġi kkawżat minn fattur wieħed jew taħlita ta' fatturi bħal introjtu baxx, infiq għoli fuq il-fjuwil, jew nuqqas ta' trasport privat jew pubbliku affordabbli jew aċċessibbli. Il-faqar fit-trasport jista' jaffettwa b'mod partikolari individwi u unitajiet domestiċi f'żoni rurali, insulari, periferali, muntanjużi, remoti u inqas aċċessibbli jew reġjuni jew territorji inqas żviluppati, inkluż żoni periurbani inqas żviluppati u r-reġjuni ultraperiferiċi.

---

([7]) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

([8]) ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35.

(16) Jenħtieġ li l-Fond jiġi stabbilit biex jipprovdi fondi lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-politiki tagħhom maħsuba biex jindirizzaw l-impatti soċjali tal-introduzzjoni tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli. Jenħtieġ li dan jinkiseb b'mod partikolari permezz ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju u permezz ta' miżuri u investimenti maħsuba biex inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz ta' effiċjenza enerġetika miżjuda tal-binjiet, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ tal-binjiet, irrispettivament minn min hu l-proprjetarju ta' dawk il-binjiet, inkluż l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u permezz tal-għoti ta' aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-forom differenti ta' akkomodazzjoni għall-kiri, inkluż dawk fis-suq tal-kiri privat. L-appoġġ finanzjarju jew l-inċentivi fiskali, bħall-possibbiltà ta' tnaqqis tal-kostijiet tar-rinnovazzjoni mill-kera jistgħu jiġu inklużi fost il-miżuri sabiex jitqiesu l-inkwilini u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali.

(17) Jenħtieġ li kull Stat Membru jippreżenta Pjan Soċjali għall-Klima ("il-Pjan") lill-Kummissjoni. Il-Pjanijiet għandhom jiġu ppreżentati sat-30 ta' Ġunju 2025 sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati bir-reqqa u fil-ħin. Jenħtieġ li l-Pjanijiet ikollhom komponent ta' investiment li jippromwovi s-soluzzjoni fit-tul tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jistgħu jipprevedu miżuri oħrajn, inkluż l-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju biex jittaffew l-effetti negattivi fuq l-introjtu fuq perjodu ta' żmien iqsar. Jenħtieġ li l-Pjanijiet isegwu żewġ objettivi. L-ewwel nett, jenħtieġ li dawn jipprovdu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti vulnerabbli tat-trasport, ir-riżorsi meħtieġa biex jiffinanzjaw u jwettqu investimenti fl-effiċjenza enerġetika, fid-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ, f'vetturi b'emissjonijiet ta' livell żero u baxxi u fil-mobbiltà, inkluż permezz ta' vouchers, sussidji jew self b'imgħax żero. It-tieni nett, jenħtieġ li huma jtaffu l-impatt taż-żieda fil-kost tal-fjuwils fossili fuq dawk l-aktar vulnerabbli u, b'hekk, jipprevjenu l-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport matul il-perjodu tranżizzjonali sakemm ikunu twettqu tali investimenti. Il-Pjanijiet jistgħu jappoġġaw l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali. Meta jimplimentaw miżuri b'appoġġ għall-utenti tat-trasport vulnerabbli, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-appoġġ għal vetturi b'emissjonijiet żero fil-Pjanijiet tagħhom, dment li din tkun soluzzjoni affordabbli u li tista' tintuża.

(18) L-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab ekonomiċi u soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, huma fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu, jimplimentaw u, fejn rilevanti, jemendaw Pjanijiet li huma adattati u mmirati għaċ-ċirkostanzi lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom, il-politiki eżistenti tagħhom fl-oqsma rilevanti u l-użu ppjanat ta' fondi rilevanti oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li ssir konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati kull darba li l-Kummissjoni tkun meħtieġa tivvaluta Pjan. B'dak il-mod, id-diversità wiesgħa tas-sitwazzjonijiet, l-għarfien speċifiku tal-gvernijiet lokali u reġjonali, is-sħab ekonomiċi u soċjali, l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-partijiet ikkonċernati industrijali u r-rappreżentanti tad-djalogu soċjali, kif ukoll iċ-ċirkostanzi nazzjonali, jistgħu jiġu riflessi bl-aħjar mod u jikkontribwixxu għall-effettività u l-effiċjenza tal-appoġġ globali lill-persuni vulnerabbli.

(19) Jenħtieġ li l-Pjanijiet jitfasslu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u jitħejjew f'konformità mal-mudell ipprovdut. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu aġġustamenti żgħar jew jikkoreġu żbalji klerikali fil-Pjanijiet, permezz ta' notifika sempliċi ta' dawk il-bidliet lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-aġġustamenti żgħar jirrappreżentaw żieda jew tnaqqis ta' mhux aktar minn 5 % tal-mira prevista fil-Pjan.

(20) L-iżgurar li l-miżuri u l-investimenti jkunu mmirati b'mod partikolari lejn unitajiet domestiċi li jinsabu f'faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli huwa kruċjali għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. Il-miżuri ta' appoġġ maħsuba biex jippromwovu t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li jgħinu lill-Istati Membri jindirizzaw l-impatti soċjali li jirriżultaw mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq.

(21) Sakemm iseħħ l-impatt ta' dawk l-investimenti fuq it-tnaqqis tal-kostijiet u tal-emissjonijiet, appoġġ dirett għall-introjtu immirat tajjeb għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u għall-utenti tat-trasport vulnerabbli jikkontribwixxi għal tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija u tal-mobbiltà u jappoġġa t-tranżizzjoni ġusta. Jenħtieġ li l-appoġġ dirett għall-introjtu jiġi mifhum li huwa miżura temporanja li takkumpanja d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tad-djar u tat-trasport. Dan ma jkunx permanenti minħabba li ma jindirizzax il-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku u tal-faqar tat-trasport. Jenħtieġ li tali appoġġ jintuża biss biex jiġu indirizzati l-impatti diretti tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, u jenħtieġ li ma jintużax biex jiġu indirizzati l-kostijiet tal-elettriku jew tat-tisħin relatati mal-inklużjoni tal-produzzjoni tal-enerġija u tas-sħana fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-eliġibbiltà għal tali appoġġ dirett għall-introjtu tkun limitata fiż-żmien. Ir-riċevituri tal-appoġġ dirett għall-introjtu jenħtieġ li jkunu mmirati, bħala membri ta'

grupp ġenerali ta' riċevituri, minn miżuri u investimenti bil-għan li jneħħu b'mod effettiv lil dawk ir-riċevituri mill-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet jinkludu appoġġ dirett għall-introjtu dment li jkun fihom ukoll miżuri jew investimenti b'impatti dejjiema mmirati lejn l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli li jirċievu appoġġ dirett għall-introjtu.

(22) L-Istati Membri jenħtieġ li jqajmu kuxjenza fost l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli billi jipprovdu informazzjoni, edukazzjoni u pariri mmirati, aċċessibbli u affordabbli dwar miżuri u investimenti kosteffettivi, u appoġġ disponibbli, inkluż permezz ta' awditi tal-enerġija tal-bini, kif ukoll konsultazzjonijiet dwar l-enerġija mfassla apposta jew servizzi ta' ġestjoni tal-mobbiltà mfassla apposta.

(23) B'kont meħud tal-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, u mal-impenn għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet, il-miżuri u l-investimenti skont dan ir-Regolament huma maħsuba li jkunu konformi mal-mira li mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([9]) (il-"QFP 2021-2027") u tal-ammont totali tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 ([10]), u mill-inqas 37 % tal-ammont totali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, stabbilita mir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), jenħtieġ li jintefqu fuq l-integrazzjoni tal-objettivi klimatiċi. Il-miżuri u l-investimenti skont dan ir-Regolament huma maħsuba wkoll biex ikunu konformi mal-ambizzjoni li 7,5 % tal-infiq annwali taħt il-QFP 2021-2027 jiġi pprovdut għall-objettivi tal-bijodiversità fis-sena 2024 u 10 % tal-infiq annwali taħt il-QFP 2021-2027għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2026 u fl-2027, filwaqt li jitqiesu d-duplikazzjonijiet eżistenti bejn il-miri tal-klima u tal-bijodiversità.

Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) tintuża għall-intraċċar tan-nefqiet tal-Fond. Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa miżuri u investimenti li jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]). Huma biss tali miżuri u investimenti li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-Pjanijiet. Bħala regola, jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ dirett għall-introjtu jitqiesu li għandhom impatt prevedibbli insinifikanti fuq l-objettivi ambjentali u, bħala tali, jenħtieġ li jitqiesu konformi mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ gwida teknika lill-Istati Membri ferm qabel it-tħejjija tal-Pjanijiet. Jenħtieġ li l-gwida tispjega kif il-miżuri u l-investimenti għandhom jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

(24) In-nisa huma milquta b'mod sproporzjonat mill-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport, b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom, li jirrappreżentaw 85 % tal-familji b'ġenitur wieħed, kif ukoll in-nisa waħedhom, in-nisa b'diżabilità, u n-nisa anzjani li jgħixu waħedhom. Barra minn hekk, in-nisa għandhom xejriet ta' mobbiltà differenti u aktar kumplessi. Il-familji b'ġenitur wieħed bi tfal dipendenti fuqhom għandhom riskju partikolarment għoli ta' faqar fost it-tfal. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-integrazzjoni ta' dawk l-objettivi, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà jenħtieġ li jitqiesu u jiġu promossi matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

(25) Il-klijenti attivi, il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini u l-kummerċ bejn il-pari ta' enerġija rinnovabbli jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jiksbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq mibdi miċ-ċittadini. Dawn jagħtu s-setgħa u jinvolvu lill-konsumaturi u jippermettu lil ċerti gruppi ta' klijenti domestiċi jipparteċipaw f'miżuri u investimenti tal-effiċjenza enerġetika, jappoġġaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli tal-unitajiet domestiċi u fl-istess ħin jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini u tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli taċ-ċittadini u jqisuhom bħala benefiċjarji eliġibbli tal-Fond.

---

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

([11]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

([13]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(26) Jenħtieġ li l-Istati Membri, fil-Pjanijiet, jinkludu l-miżuri u l-investimenti li jridu jiġu ffinanzjati, il-kostijiet stmati ta' dawk il-miżuri u l-investimenti, u l-kontribuzzjoni nazzjonali. Meta jippreżentaw il-Pjanijiet tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw il-kostijiet totali stmati minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) biex jippermettu l-komparabbiltà bejn il-Pjanijiet. Jenħtieġ li l-Pjanijiet jinkludu wkoll l-objettivi intermedji u miri ewlenin sabiex l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri u l-investimenti tkun tista' tiġi vvalutata.

(27) Il-Fond u l-Pjanijiet jenħtieġ li jkunu koerenti mar-riformi ppjanati u mal-impenji magħmula mill-Istati Membri skont il-pjanijiet nazzjonali integrati u aġġornati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), u jitfasslu minnhom, skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni), skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, skont il-programmi tal-politika ta' koeżjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, skont il-pjanijiet għal tranżizzjoni ġusta skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]), skont il-pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE, u skont l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri għar-rinnovazzjoni tal-bini f'konformità mad-Direttiva 2010/31/UE. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza amministrattiva, fejn applikabbli, jenħtieġ li l-informazzjoni inkluża fil-Pjanijiet tkun konsistenti ma' dawk l-atti leġiżlattivi u l-pjanijiet.

(28) Għal ippjanar aktar effiċjenti, jenħtieġ li fil-Pjanijiet tagħhom l-Istati Membri jindikaw il-konsegwenzi tal-posponiment tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita f'konformità mal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, skont l-Artikolu 30k ta' dik id-Direttiva. Għal dak l-għan, l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha tiġi inkluża fil-Pjan jenħtieġ li tiġi distinta bir-reqqa billi tiġi sseparata f'żewġ xenarji, jiġifieri, billi jiġu deskritti u kkwantifikati l-aġġustamenti meħtieġa għall-miżuri, l-investimenti, l-objettivi intermedji, il-miri, l-ammont tal-kontribuzzjoni nazzjonali u kwalunkwe element rilevanti ieħor tal-Pjan.

(29) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa lill-Istati Membri b'mezzi finanzjarji biex jimplimentaw il-Pjanijiet tagħhom permezz tal-Fond. Il-ħlasijiet mill-Fond jenħtieġ li jsiru bil-kondizzjoni li jinkisbu l-objettivi u l-miri inklużi fil-Pjanijiet. Dan jippermetti li jitqiesu ċ-ċirkostanzi u l-prijoritajiet nazzjonali filwaqt li jiġi ssimplifikat il-finanzjament u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-finanzjament taħt il-Fond ma' programmi nazzjonali oħra ta' nfiq u filwaqt li jiġu ggarantiti l-impatt u l-integrità tal-infiq tal-Unjoni.

(30) Jenħtieġ li l-Fond jiġi ffinanzjat b'mod eċċezzjonali u temporanju mid-dħul iġġenerat mill-irkant ta' 50 miljun kwota skont l-Artikolu 10a(8b) tad-Direttiva 2003/87/KE, 150 miljun kwota skont l-Artikolu 30d(3) ta' dik id-Direttiva u volum ta' kwoti addizzjonali skont l-Artikolu 30d(4) ta' dik id-Direttiva, li jenħtieġ li jikkostitwixxu dħul assenjat estern. Fil-prinċipju, jenħtieġ li ammont massimu ta' EUR 65 000 000 000 ikun disponibbli għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2026-2032. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-irkantar tal-kwoti koperti mill-Kapitolu IVa ta' dik id-Direttiva. Fejn is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita f'konformità ma' dak il-Kapitolu tiġi posposta sal-2028 skont l-Artikolu 30k ta' dik id-Direttiva, l-ammont massimu disponibbli għall-implimentazzjoni tal-Fond jenħtieġ li jkun ta' EUR 54 600 000 000. Dak l-ammont u l-ammonti annwali jirriflettu ħtieġa akbar ta' finanzjament fil-bidu tal-Fond. Jenħtieġ li l-allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru f'konformità ma' metodoloġija tal-allokazzjoni li jipprovdi, b'mod partikolari, appoġġ addizzjonali lil dawk l-Istati Membri li huma l-aktar milquta mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Meta jitqies li d-dħul assenjat estern għandu jsir disponibbli wara l-irkantar tal-kwoti skont l-Artikoli 10a(8b), 30d(3) u 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, jeħtieġ li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) biex l-Unjoni tkun tista' timpenja kull sena l-ammonti meħtieġa għall-ħlasijiet lill-Istati Membri li għandhom isiru f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-akkomodazzjoni tal-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat.

---

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

([16]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(31) Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għal mill-inqas 25 % tal-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet tagħhom.

(32) L-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali, kif xieraq. Il-ftehimiet mal-Istati Membri li jikkostitwixxu impenji legali individwali jenħtieġ li jqisu, fost l-oħrajn, l-avveniment imsemmi fl-Artikolu 30k tad-Direttiva 2003/87/KE li jista' jiskatta dewmien ta' sena mill-bidu tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali. Jenħtieġ li dawk il-ftehimiet iqisu wkoll kwalunkwe riskju finanzjarju potenzjali għall-Unjoni, li jista' jirrikjedi emenda tal-impenji legali individwali, minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-finanzjament temporanju u eċċezzjonali tal-Fond minn dħul assenjat estern iġġenerat mill-kwoti tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

(33) Sabiex jiġu żgurati riżorsi addizzjonali għall-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitolbu trasferiment ta' riżorsi lill-Fond mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni taħt ġestjoni kondiviża, stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1060, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament. Sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tagħhom taħt il-Fond, jenħtieġ li jkun possibbli li r-riżorsi jiġu ttrasferiti mill-allokazzjoni finanzjarja annwali tagħhom għal fondi taħt ġestjoni kondiviża prevista fir-Regolament (UE) 2021/1060, sa limitu massimu ta' 15 %. Bl-għan li jittaffa l-piż amministrattiv li jirriżulta minn trasferimenti suċċessivi ta' riżorsi mill-allokazzjoni finanzjarja annwali tagħhom mill-Fond għal fondi taħt ġestjoni kondiviża li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1060, jenħtieġ li l-emenda korrispondenti ta' programm wieħed jew aktar, fil-prinċipju, tkun meħtieġa darba biss, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet biex jiġi żgurat kontroll finanzjarju effettiv. Jenħtieġ li jkun possibbli li jsiru trasferimenti ulterjuri fis-snin sussegwenti billi jiġu nnotifikati t-tabelli finanzjarji lill-Kummissjoni, dment li l-bidliet ikunu relatati esklużivament ma' żieda fir-riżorsi finanzjarji, mingħajr ebda tibdil ulterjuri fil-programm ikkonċernat.

(34) Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa miżuri li jirrispettaw il-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament mill-Unjoni. Jenħtieġ li l-Fond ma jkunx sostitut għall-infiq nazzjonali rikorrenti, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, inkluż għall-ħlasijiet tal-kostijiet għall-azzjonijiet ta' assistenza teknika indikati fil-Pjanijiet.

(35) Sabiex tiġi żgurata allokazzjoni effiċjenti, trasparenti u koerenti tal-fondi, u biex jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li l-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament ikunu konsistenti mal-programmi li għaddejjin tal-Unjoni, dawk nazzjonali u, fejn xieraq, dawk reġjonali, u jkunu komplementari għalihom, filwaqt li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni għall-istess nefqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li, fl-istadji kollha tal-proċess, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni effettiva, fl-istadji kollha tal-proċess, sabiex jissalvagwardjaw il-konsistenza, il-koerenza, il-komplementarjetà u s-sinerġija fost is-sorsi ta' finanzjament. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippreżentaw l-informazzjoni rilevanti dwar il-finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat meta jissottomettu l-Pjanijiet tagħhom lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Fond ikun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-miżuri u l-investimenti ffinanzjati taħt il-Fond ikunu jistgħu jirċievu finanzjament minn programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni, dment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kostijiet.

(36) Jenħtieġ li l-ħlasijiet isiru abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Istat Membru kkonċernat. Huwa għalhekk meħtieġ li ssir deroga mill-Artikolu 116(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, sabiex l-iskadenza għall-ħlas tkun tista' tibda mid-data tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat ta' dik id-deċiżjoni u mhux mid-data li fiha tasal talba għal ħlas.

(37) Wara l-analiżi tat-talbiet kollha għall-ħlasijiet riċevuti f'ċiklu partikolari, u jekk id-dħul assenjat lill-Fond f'konformità mal-Artikolu 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jkunx biżżejjed biex ikopri t-talbiet għal ħlasijiet ippreżentati mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħallas lill-Istati Membri fuq bażi ta' pro rata sabiex tipprevedi trattament ugwali tal-Istati Membri. Fiċ-ċiklu ta' talbiet għal ħlasijiet li jkun imiss, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti prijorità lil dawk l-Istati Membri bi ħlasijiet imdewma miċ-ċiklu preċedenti ta' talbiet, u unikament wara dan tħallas it-talbiet għal ħlasijiet li jkunu għadhom kif ġew sottomessi.

(38) Sabiex tiġi ffaċilitata t-tħejjija tal-Pjanijiet u biex jiġu żgurati regoli trasparenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-lista ta' indikaturi komuni u l-mudell għall-Pjanijiet jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Annessi għal dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jużaw indikaturi komuni rilevanti biex jistabbilixxu l-objettivi intermedji u l-miri fil-Pjanijiet tagħhom. Il-lista ta' indikaturi komuni jenħtieġ li jkun fiha l-indikaturi komuni għar-rappurtar dwar il-progress u għall-fini tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet u tal-Fond.

(39) Jenħtieġ li l-Fond jiġi implimentat f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, inkluż il-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-frodi, il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess. Il-Fond huwa soġġett għal reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri stabbiliti bir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]).

(40) Għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba, filwaqt li tiġi rrispettata n-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-Fond, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-impenji tal-baġit, għall-ħlasijiet, għas-sospensjoni, u għall-irkupru tal-fondi, kif ukoll għat-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-użu tal-fondi b'rabta mal-miżuri appoġġati mill-Fond ikun konformi mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tali appoġġ jingħata f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiżguraw li l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess jiġu evitati, identifikati u rettifikati, u li jiġi evitat il-finanzjament doppju mill-Fond u programmi oħrajn tal-Unjoni. Is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju, kif ukoll it-tnaqqis u l-irkupru tal-allokazzjoni finanzjarja, jenħtieġ li jkunu possibbli meta l-Pjan ma jkunx ġie implimentat b'mod sodisfaċenti mill-Istat Membru kkonċernat, jew fil-każ ta' irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess b'rabta mal-miżuri appoġġati mill-Fond jew ksur serju ta' obbligu skont il-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju. Fil-każ tat-terminazzjoni ta' ftehim relatat mal-appoġġ finanzjarju jew it-tnaqqis u l-irkupru ta' allokazzjoni finanzjarja, jenħtieġ li dawk l-ammonti jiġu allokati lill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2033 skont ir-regoli għad-distribuzzjoni tal-kwoti stabbiliti fl-Artikolu 30d(5) tad-Direttiva 2003/87/KE. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri kontradittorji xierqa biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni b'rabta mas-sospensjoni u l-irkupru tal-ammonti mħallsa, jew mat-terminazzjoni tal-ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju, jirrispettaw id-dritt tal-Istati Membri li jissottomettu osservazzjonijiet.

(41) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti b'mod effettiv. Filwaqt li hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istat Membru nnifsu li jiżgura li l-Fond jiġi implimentat f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirċievi assigurazzjoni suffiċjenti mill-Istati Membri f'dak ir-rigward. Għal dak l-għan, meta jiġu biex jimplimentaw il-Fond, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u jenħtieġ li jirkupraw l-ammonti mħallsa indebitament jew użati ħażin. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu f'sistema elettronika kategoriji standardizzati ta' data u informazzjoni li jippermettu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet serji fir-rigward tal-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond, jiġifieri l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ, inkluż għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-valutazzjoni tar-riskju, sabiex taċċessa u tanalizza tali data u informazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkoraġġixxi l-użu ta' dik is-sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ bil-ħsieb li tiġi applikata b'mod ġeneralizzat mill-Istati Membri.

(42) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ikunu jistgħu jużaw is-sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ fi ħdan il-kompetenzi u d-drittijiet tagħhom.

(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jithallew jipproċessaw data personali biss fejn dan ikun meħtieġ għall-iskop li jiżguraw il-kwittanza, l-awditjar u l-kontroll, l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibilità tal-użu tal-fondi b'rabta mal-miżuri għall-implimentazzjoni taħt il-Fond. Jenħtieġ li d-data personali tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) jew mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]), skont liema minnhom ikun applikabbli.

([17]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([19]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(44) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([21]), (KE, Euratom) Nru 2185/96 ([22]) u (UE) 2017/1939 ([23]), l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-OLAF għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE għandu s-setgħa li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]). F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa, lill-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(45) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u ġestjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati skont l-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(46) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1060 jiġi emendat skont dan.

(47) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jkun hemm kontribut għan-newtralità klimatika billi jiġu indirizzati l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv,

---

([20]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal- Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([21]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

([22]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([23]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

([24]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*KAPITOLU I*

***Dispożizzjonijiet Ġenerali***

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima (il-"Fond") għall-perjodu mill-2026 sal-2032.

Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-miżuri u l-investimenti inklużi fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom ("il-Pjanijiet").

Il-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, għall-mikrointrapriżi u għall-utenti tat-trasport, li huma vulnerabbli u partikolarment affettwati mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi fil-faqar tat-trasport.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "faqar enerġetiku" tfisser in-nuqqas ta' aċċess ta' unità domestika għal servizzi essenzjali tal-enerġija li jirfdu standard tal-għajxien u tas-saħħa diċenti, inkluż tisħin, tkessiħ, tidwil adegwati, u enerġija għat-tħaddim ta' apparati domestiċi, fil-kuntest nazzjonali rilevanti, tal-politika soċjali eżistenti u ta' politiki rilevanti oħra;

(2) "faqar tat-trasport" tfisser l-inabbiltà jew id-diffikultà tal-individwi u tal-unitajiet domestiċi biex ilaħħqu mal-kostijiet tat-trasport privat jew pubbliku, jew in-nuqqas ta' aċċess jew l-aċċess limitat tagħhom għat-trasport meħtieġ għall-aċċess tagħhom għal servizzi u attivitajiet soċjoekonomiċi essenzjali, filwaqt li jitqies il-kuntest nazzjonali u spazjali;

(3) "kostijiet totali stmati tal-Pjan" tfisser il-kostijiet totali stmati tal-miżuri u tal-investimenti inklużi fil-Pjan;

(4) "allokazzjoni finanzjarja" tfisser appoġġ finanzjarju li ma jistax jitħallas lura taħt il-Fond li huwa disponibbli għall-allokazzjoni, jew li jkun ġie allokat, lil Stat Membru;

(5) "objettiv intermedju" tfisser kisba kwalitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta' miżura jew investiment;

(6) "mira" tfisser kisba kwantitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta' miżura jew investiment;

(7) "enerġija minn sorsi rinnovabbli" jew "enerġija rinnovabbli" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli kif definita fil-punt (1) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]);

(8) "unità domestika" tfisser unità domestika privata kif definita fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]);

([25]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

([26]) Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1).

(9) "mikrointrapriża" tfisser intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali jew il-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jaqbżux EUR 2 miljun, ikkalkulati f'konformità mal-Artikoli minn 3 sa 6 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([27]);

(10) "unitajiet domestiċi vulnerabbli" tfisser unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi, inkluż dawk b'introjtu baxx u medju inferjuri, li huma affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jirrinnovaw il-bini li jokkupaw;

(11) "mikrointrapriżi vulnerabbli" tfisser mikrointrapriżi li huma affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini jew mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li, għall-fini tal-attività tagħhom, ma għandhomx il-mezzi jew biex jirrinnovaw il-bini li jokkupaw, inkella biex jixtru vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi jew biex jaqilbu għal modi sostenibbli alternattivi ta' trasport, inkluż it-trasport pubbliku, kif rilevanti;

(12) "utenti tat-trasport vulnerabbli" tfisser individwi u unitajiet domestiċi fil-faqar tat-trasport, iżda wkoll individwi u unitajiet domestiċi, inkluż minn dawk b'introjtu baxx u medju inferjuri, li huma affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jixtru vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi jew biex jaqilbu għal modi sostenibbli alternattivi ta' trasport, inkluż it-trasport pubbliku;

(13) "rinnovazzjoni tal-bini" tfisser kull tip ta' rinnovazzjoni tal-bini relatata mal-enerġija, li għandha l-għan li żżid ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, bħall-iżolament tal-involukru tal-bini, jiġifieri l-ħitan, is-saqaf, l-art u l-bdil tat-twieqi, u l-installazzjoni ta' sistemi tekniċi tal-bini, konformi ma' kull standard nazzjonali rilevanti tas-sikurezza, inkluż billi tikkontribwixxi għar-rekwiżiti ta' rinnovazzjoni stabbiliti fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni);

(14) "sistema teknika tal-bini" tfisser it-tagħmir tekniku għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, għall-ventilazzjoni, għall-misħun domestiku, għall-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini, għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post u l-ħżin tagħha, jew għal taħlita ta' tali tagħmir tekniku, inkluż dawk is-sistemi li jużaw enerġija minn sorsi rinnovabbli, ta' bini jew ta' unità ta' bini;

(15) "klijent attiv" tfisser klijent attiv kif iddefinit fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]);

(16) "komunità tal-enerġija taċ-ċittadin" tfisser komunità tal-enerġija taċ-ċittadin kif definita fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944;

(17) "komunità tal-enerġija rinnovabbli" tfisser komunità tal-enerġija rinnovabbli kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(18) "kummerċ bejn il-pari ta' enerġija rinnovabbli" tfisser kummerċ bejn il-pari ta' enerġija rinnovabbli kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(19) "vettura b'emissjonijiet ta' livell żero jew baxxi" tfisser vettura b'emissjonijiet ta' livell żero jew baxxi kif definita fl-Artikolu 3(1), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]).

*Artikolu 3*

**Objettivi**

1. L-objettiv ġenerali tal-Fond għandu jkun li jikkontribwixxi għal tranżizzjoni soċjalment ġusta għan-newtralità klimatika billi jindirizza l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

([27]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

([28]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

([29]) Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

2. L-objettiv speċifiku tal-Fond għandu jkun li jappoġġa lil unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, permezz ta’ appoġġ dirett għall-introjtu temporanju u permezz ta’ miżuri u investimenti maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ tal-bini, inkluż permezz tal-integrazzjoni fil-bini ta’ ġenerazzjoni u ħżin tal-enerġija rinnovabbli, u biex jagħtu aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b’emissjonijiet żero u baxxi.

*KAPITOLU II*

***Pjanijiet Soċjali għall-Klima***

*Artikolu 4*

**Pjanijiet Soċjali għall-Klima**

1. Kull Stat Membru għandu jissottometti l-Pjan tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Pjan għandu jinkludi sett koerenti ta’ miżuri u investimenti nazzjonali eżistenti jew ġodda maħsuba biex jindirizzaw l-impatt tal-ipprezzar tal-karbonju fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli sabiex jiġu żgurati tisħin, tkessiħ u mobbiltà affordabbli, filwaqt li jakkumpanjaw u jħaffu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura konsistenza bejn il-Pjan tiegħu u l-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima aġġornat tiegħu msemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

3. Il-Pjan jista’ jinkludi miżuri nazzjonali li jipprovdu appoġġ dirett għall-introjtu temporanju lil unitajiet domestiċi vulnerabbli u unitajiet domestiċi vulnerabbli biex jitnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-fjuwils fossili li tirriżulta mill-inklużjoni ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

4. Il-Pjan għandu jinkludi miżuri u investimenti nazzjonali u, fejn rilevanti, lokali u reġjonali, f’konformità mal-Artikolu 8, biex:

(a) issir rinnovazzjoni tal-bini, u dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, inkluż l-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli;

(b) jiżdied l-użu ta’ mobbiltà u trasport b’emissjonijiet żero u baxxi.

5. Fejn Stat Membru jkollu diġà fis-seħħ sistema nazzjonali għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq jew taxxa fuq il-karbonju, il-miżuri nazzjonali diġà fis-seħħ biex itaffu l-impatti u l-isfidi soċjali jistgħu jiġu inklużi fil-Pjan dment li jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Konsultazzjoni pubblika**

1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta Pjan lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni pubblika mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, rappreżentanti tas-sħab ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati oħra. Kull Stat Membru għandu jwettaq dik il-konsultazzjoni f’konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u f’konformità mal-qafas legali nazzjonali ta’ dak l-Istat Membru.

2. Kull Stat Membru għandu jinkludi fil-Pjan tiegħu taqsira ta’:

(a) il-konsultazzjoni li tkun saret skont il-paragrafu 1; u

(b) kif il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati li pparteċipaw fil-konsultazzjoni huwa rifless fil-Pjan.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 16(3), il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-Pjan ġiex żviluppat b’konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f’konformità mal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

4. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri billi tipprovdi eżempji ta' prattiki tajbin ta' konsultazzjonijiet dwar il-Pjanijiet f'konformità mal-Artikolu 6(4).

*Artikolu 6*

**Il-kontenut tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima**

1. Il-Pjan għandu jistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) miżuri u investimenti konkreti f'konformità mal-Artikolu 4 u 8 biex jitnaqqsu l-effetti msemmija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu, flimkien ma' spjegazzjoni ta' kif dawk il-miżuri u investimenti jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 3 fil-qafas ġenerali tal-politiki rilevanti ta' Stat Membru;

(b) fejn rilevanti, miżuri ta' akkumpanjament konkreti, koerenti b'mod reċiproku u msaħħa biex jitwettqu l-miżuri u l-investimenti u jitnaqqsu l-effetti msemmija fil-punt (d);

(c) informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat ta' miżuri u investimenti minn sorsi oħra internazzjonali, pubbliċi, tal-Unjoni jew, fejn rilevanti, privati li jikkontribwixxu għall-miżuri u investimenti li jinsabu fil-Pjan, inkluż informazzjoni dwar appoġġ dirett għall-introjtu temporanju;

(d) stima tal-effetti probabbli taż-żieda fil-prezzijiet li tirriżulta mill-inklużjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fuq l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari fuq l-inċidenza tal-faqar enerġetiku u l-faqar fit-trasport, u fuq il-mikrointrapriżi; dawn l-effetti għandhom jiġu analizzati fil-livell territorjali xieraq kif definit minn kull Stat Membru, filwaqt li jitqiesu elementi u speċifiċitajiet nazzjonali, bħall-aċċess għat-trasport pubbliku u għal servizzi bażiċi, u jiġu identifikati ż-żoni l-aktar milquta;

(e) stima tal-għadd ta', u l-identifikazzjoni ta', unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli;

(f) spjegazzjoni ta' kif id-definizzjonijiet tal-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport għandhom jiġu applikati fil-livell nazzjonali;

(g) fejn il-Pjan jipprevedi miżuri kif imsemmi fl-Artikolu 4(3), il-kriterji għall-identifikazzjoni tar-riċevituri finali eliġibbli, il-limitu ta' żmien previst għall-miżuri inkwistjoni u l-ġustifikazzjoni tagħhom abbażi ta' stima kwantitattiva u spjegazzjoni kwalitattiva ta' kif dawn il-miżuri huma mistennija jnaqqsu l-faqar enerġetiku, il-faqar tat-trasport u l-vulnerabbiltà tal-unitajiet domestiċi għal żieda fil-prezz tat-trasport bit-triq u l-fjuwil għat-tisħin;

(h) l-objettivi intermedji previsti, il-miri u skeda ta' żmien komprensiva indikattiva għall-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti li għandhom jitlestew sal-31 ta' Lulju 2032;

(i) fejn applikabbli, skeda ta' żmien għat-tnaqqis gradwali tal-appoġġ għal vetturi b'emissjonijiet baxxi;

(j) il-kostijiet totali stmati tal-Pjan, akkumpanjati minn ġustifikazzjoni xierqa u spjegazzjonijiet ta' kif huma konformi mal-prinċipju tal-kostefiċjenza u proporzjonati għall-impatt mistenni tal-Pjan;

(k) il-kontribuzzjoni nazzjonali prevista għall-kostijiet totali stmati, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 15;

(l) ħlief għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament, spjegazzjoni ta' kif il-Pjan jiżgura li l-ebda waħda mill-miżuri jew l-investimenti ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;

(m) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjan mill-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari tal-objettivi intermedji u l-miri proposti, l-indikaturi komuni rilevanti msemmija fl-Anness IV, u jekk l-ebda wieħed minn dawn l-indikaturi ma jkun rilevanti għal miżura jew investiment speċifiku, indikaturi individwali addizzjonali proposti mill-Istat Membru kkonċernat;

(n) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-Pjan, taqsira tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika msemmi fl-Artikolu 5;

(o) spjegazzjoni tas-sistema tal-Istat Membru li tipprevjeni, tiskopri u tikkoreġi l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess, meta tintuża l-allokazzjoni finanzjarja pprovduta taħt il-Fond, u tal-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni;

(p) fejn applikabbli u rilevanti, spjegazzjoni ta' kif l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi, bħall-gżejjer, ir-reġjuni u t-territorji ultraperiferiċi, iż-żoni rurali jew remoti, il-periferiji inqas aċċessibbli, żoni muntanjużi jew żoni li għadhom lura, ġew ikkunsidrati fil-Pjan;

(q) fejn rilevanti, spjegazzjoni ta' kif il-miżuri u l-investimenti għandhom l-għan li jindirizzaw l-inugwaljanza bejn il-ġeneri.

2. Il-Pjan jista' jinkludi azzjonijiet ta' assistenza teknika meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-miżuri u tal-investimenti.

3. Il-Pjan għandu jkun konsistenti mal-informazzjoni inkluża u l-impenji li jittieħdu mill-Istat Membru skont dan li ġej:

(a) il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

(b) il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) 2021/1060;

(c) il-pjan tiegħu għall-irkupru u r-reżiljenza skont ir-Regolament (UE) 2021/241;

(d) il-pjan ta' rinnovazzjoni tal-bini tiegħu skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni);

(e) il-pjan nazzjonali integrat u aġġornat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999; u

(f) il-pjanijiet territorjali tiegħu għal tranżizzjoni ġusta skont ir-Regolament (UE) 2021/1056.

4. Matul it-tħejjija tal-Pjanijiet, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' prattika tajba, inkluż dwar miżuri u investimenti kosteffettivi li għandhom jiġu inklużi fil-Pjanijiet. L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll appoġġ tekniku taħt il-faċilità Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA), stabbilita permezz ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment fl-2009, jew taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]).

5. Għall-finijiet tal-punt (l) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika lill-Istati Membri, imfassla skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond, dwar il-konformità tal-miżuri u l-investimenti mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

6. Biex tassisti lill-Istati Membri jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tipprovdi valur komuni li għandu jitqies għall-prezz tal-karbonju li jirriżulta mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

7. Kull Stat Membru għandu juża l-mudell stipulat fl-Anness V għall-Pjan.

## *KAPITOLU III*

## ***Appoġġ mill-Fond għall-Pjanijiet Soċjali għall-Klima***

### *Artikolu 7*

### **Prinċipji li jirregolaw il-Fond**

1. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-miżuri u l-investimenti stabbiliti fil-Pjanijiet tagħhom.

([30]) Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

2. Il-pagament tal-appoġġ finanzjarju skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lil kull Stat Membru għandu jkun bil-kondizzjoni li dak l-Istat Membru jilħaq l-istadji importanti u l-miri għall-miżuri u l-investimenti f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament. Dawn l-objettivi intermedji u l-miri għandhom ikunu kompatibbli mal-miri klimatiċi tal-Unjoni u l-objettiv stipulat fir-Regolament (UE) 2021/1119, u għandhom ikopru b'mod partikolari:

(a) l-effiċjenza enerġetika;

(b) ir-rinnovazzjoni tal-bini;

(c) il-mobbiltà u t-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi;

(d) it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

(e) tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, b'mod partikolari unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, ta' mikrointrapriżi vulnerabbli u ta' utenti tat-trasport vulnerabbli.

3. Il-Fond għandu jappoġġa biss miżuri u investimenti li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

4. Il-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond għandhom inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u, fejn rilevanti, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif ukoll għal impjiegi sostenibbli u ta' kwalità fl-oqsma koperti mill-miżuri u l-investimenti tal-Fond.

*Artikolu 8*

**Miżuri u investimenti eliġibbli li għandhom jiġu inklużi fil- Pjanijiet Soċjali għall-Klima**

1. L-Istat Membru jista' jinkludi fil-kostijiet totali stmati tal-Pjan il-miżuri u investimenti li ġejjin b'impatti dejjiema dejjem jekk huma jimmiraw prinċipalment unitajiet domestiċi vulnerabbli mikrointrapriżi vulnerabbli jew utenti tat-trasport vulnerabbli u beħsiebhom:

(a) jappoġġaw rinnovazzjonijiet tal-bini, b'mod partikolari għal unitajiet domestiċi vulnerabbli u mikrointrapriżi vulnerabbli li jokkupaw il-bini bl-agħar rendiment, u inkluż għal inkwilini u persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;

(b) jappoġġaw l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inkluż akkomodazzjoni soċjali;

(c) jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, bħal permezz tal-elettrifikazzjoni, tat-tisħin u t-tkessiħ tal-binjiet, u t-tisjir fihom, billi jipprovdu aċċess għal sistemi affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u billi jintegraw ġenerazzjoni u ħżin tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin u klijenti attivi oħra biex jippromwovu l-użu tal-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli, bħall-kondiviżjoni tal-enerġija u l-kummerċ bejn il-pari tal-enerġija rinnovabbli, il-konnessjoni ma' grilji intelliġenti u ma' networks tat-tisħin distrettwali, li jikkontribwixxi għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija jew għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku;

(d) jipprovdu informazzjoni, edukazzjoni, sensibilizzazzjoni u pariri mmirati, aċċessibbli u affordabbli dwar miżuri u investimenti kosteffettivi, appoġġ disponibbli għar-rinnovazzjonijiet tal-bini u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll possibiltajiet alternattivi għall-mobbiltà u t-trasport sostenibbli u affordabbli;

(e) jappoġġaw lill-entitajiet pubbliċi u privati, inkluż fornituri ta' akkomodazzjoni soċjali, b'mod partikolari kooperattivi pubbliċi-privati, fl-iżvilupp u l-forniment ta' soluzzjonijiet affordabbli ta' effiċjenza enerġetika u strumenti ta' finanzjament xierqa f'konformità mal-għanijiet soċjali tal-Fond;

(f) jipprovdu aċċess għal vetturi u roti b'emissjonijiet żero u baxxi, filwaqt li tinżamm in-newtralità teknoloġika, inkluż appoġġ finanzjarju jew inċentivi fiskali għax-xiri tagħhom, kif ukoll għal infrastruttura pubblika u privata xierqa, b'mod partikolari, fejn rilevanti, ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi, l-infrastruttura għall-irriċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil u l-iżvilupp ta' suq tal-vetturi użati b'emissjonijiet żero; l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li fejn vetturi b'emissjonijiet żero jkunu soluzzjoni affordabbli u li tista' tintuża, l-appoġġ għal tali vetturi jingħata prijorità fil-Pjanijiet tagħhom;

(g) jinċentivaw l-użu ta' trasport pubbliku affordabbli u aċċessibbli u jappoġġaw lil entitajiet privati u pubbliċi, inkluż kooperattivi, fl-iżvilupp u l-forniment ta' mobbiltà sostenibbli fuq talba, servizzi ta' mobbiltà kondiviża u għażliet ta' mobbiltà attiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet il-kostijiet tal-miżuri li jipprovdu appoġġ dirett għall-introjtu lil unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli biex jitnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil għat-trasport bit-triq u għat-tisħin. Tali appoġġ għandu jkun temporanju u jonqos maż-żmien. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ dirett għall-introjtu temporanju jekk il-Pjanijiet tagħhom ikun fihom miżuri jew investimenti mmirati lejn dawk l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli f'konformità mal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament. Tali appoġġ għandu jkun limitat għall-impatt dirett tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Il-kostijiet tal-miżuri li jipprovdu appoġġ dirett għall-introjtu temporanju m'għandhomx jirrappreżentaw aktar minn 37,5 % tal-istima totali tal-ispiża tal-Pjan, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(j) ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet l-ispejjeż tal-assistenza teknika biex ikopru l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' tħejjija, programmar, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Fond u għall-kisba tal-objettivi tiegħu, pereżempju studji, spejjeż tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati, informazzjoni u azzjonijiet ta' komunikazzjoni. Il-kostijiet ta' din l-assistenza teknika għandha tammonta sa 2,5 % tal-istima totali tal-ispiża tal-Pjan kif imsemmi fl-Artikolu 6(1), punt (j).

*Artikolu 9*

**Trasferiment tal-benefiċċji lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport**

1. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-Pjanijiet l-appoġġ ipprovdut permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, dejjem jekk dawk l-entitajiet iwettqu miżuri u investimenti li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli jew utenti tat-trasport vulnerabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu s-salvagwardji statutorji u kuntrattwali meħtieġa biex jiżguraw li l-benefiċċju kollu jasal għand l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi vulnerabbli jew l-utenti vulnerabbli tat-trasport.

*Artikolu 10*

**Riżorsi tal-Fond**

1. Ammont massimu ta' EUR 65 000 000 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2032 fi prezzijiet attwali għandu jkun disponibbli, f'konformità mal-10a(8b), 30d(3) u 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni tal-Fond. Dak l-ammont għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-finijiet tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30d(4), is-sitt subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-ammonti annwali allokati għall-Fond, fil-limitu tal-ammont massimu stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, m'għandhomx jaqbżu l-ammonti msemmija fl-Artikolu 30d(4), ir-raba' subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

Fejn is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE tiġi posposta sal-2028 skont l-Artikolu 30k ta' dik id-Direttiva, l-ammont massimu li għandu jkun disponibbli għall-Fond għandu jkun ta' EUR 54 600 000 000 u l-ammonti annwali allokati għall-Fond m'għandhomx jaqbżu l-ammonti rispettivi msemmija fl-Artikolu 30d(4), il-ħames subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. B'deroga mill-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jkopru l-ammont massimu rilevanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru disponibbli awtomatikament fil-bidu ta' kull sena finanzjarja, mill-1 ta' Jannar 2026, sal-ammonti annwali applikabbli rilevanti msemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 1.

3. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż li jappartjenu għal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Fond u għall-kisba tal-objettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni inklużivi, u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, mal-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, mal-għodod korporattivi tal–IT, u mal-ispejjeż l-oħrajn kollha ta'

assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Fond. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet ta' attivitajiet ta' sostenn oħrajn, bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post u l-kostijiet ta' konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet eliġibbli.

*Artikolu 11*

**Ir-riżorsi minn programmi b'ġestjoni kondiviża u l-użu tar-riżorsi u għalihom**

1. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, jiġu ttrasferiti lill-Fond soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Fil-Pjanijiet tagħhom ippreżentati skont l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jitolbu t-trasferiment sa 15 % tal-allokazzjoni finanzjarja annwali massima tagħhom għall-fondi b'ġestjoni kondiviża prevista fir-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti għandhom jiffinanzjaw miżuri u investimenti kif imsemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament u għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-fondi li lilhom jiġu ttrasferiti r-riżorsi. Ir-riżorsi għandhom jiġu ttrasferiti mill-Istati Membri permezz tal-emenda ta' programm wieħed jew aktar, ħlief għal programmi taħt il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), f'konformità mal-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060, u għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli stipulati f'dak ir-Regolament u r-regoli tal-fondi li lilhom jiġu trasferiti r-riżorsi.

3. L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw lill-awtoritajiet maniġerjali tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 bl-implimentazzjoni ta' miżuri u investimenti li jibbenefikaw mill-Fond, fejn applikabbli fid-dawl tas-sinerġiji ma' dawk il-programmi tal-politika ta' koeżjoni u f'konformità mal-objettivi tal-Fond. L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li b'hekk jinkarigaw lil dawn l-awtoritajiet fil-Pjanijiet tagħhom. F'każijiet bħal dawn, is-sistemi eżistenti ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ mill-Istati Membri, kif notifikati lill-Kummissjoni, għandhom jitqiesu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-Pjanijiet tagħhom, bħala parti mill-kostijiet totali stmati, il-pagamenti għal appoġġ tekniku addizzjonali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/240 u l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti għall-fini tal-kompartiment tal-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]). Dawk il-kostijiet ma għandhomx jaqbżu l-4 % tal-allokazzjoni finanzjarja massima għall-Pjan, u l-miżuri rilevanti, kif stabbiliti fil-Pjan, għandhom ikunu konformi ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Implimentazzjoni**

Il-Fond għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni taħt ġestjoni diretta f'konformità mar-regoli rilevanti adottati skont l-Artikolu 322 TFUE, b'mod partikolari r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

*Artikolu 13*

**Addizzjonalità u finanzjament komplementari**

1. L-appoġġ taħt il-Fond għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt fondi, programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni. Il-miżuri u l-investimenti appoġġati taħt il-Fond jistgħu jirċievu appoġġ minn fondi, programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni, diment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost.

([31]) Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

2. L-appoġġ mill-Fond, inkluż l-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju msemmi fl-Artikolu 4(3), għandu jkun addizzjonali u m'għandux jissostitwixxi n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.

3. Għall-assistenza teknika lill-Istati Membri, il-kostijiet amministrattivi marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-Pjan m'għandhomx jitqiesu bħala nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.

*Artikolu 14*

**Allokazzjoni finanzjarja massima**

1. L-allokazzjoni finanzjarja massima għandha tiġi kkalkolata għal kull Stat Membru skont l-Artikolu 10 u kif speċifikat fl-Annessi I u II.

2. Kull Stat Membru jista' jissottometti talba sal-allokazzjoni finanzjarja massima tiegħu biex jimplimenta l-Pjan tiegħu.

*Artikolu 15*

**Kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet totali stmati**

L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għal mill-inqas 25 % tal-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet tagħhom.

*Artikolu 16*

**Valutazzjoni tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan u, fejn applikabbli, kull emenda għal dak il-Pjan ippreżentata minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 18, għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Meta twettaq dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet jew titlob aktar informazzjoni fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tal-Pjan mill-Istat Membru. L-Istat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba u jista' jirrevedi l-Pjan jekk meħtieġ, inkluż wara l-preżentazzjoni tal-Pjan. L-Istat Membru u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jestendu l-iskadenza għall-valutazzjoni b'perjodu raġonevoli jekk meħtieġ.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk it-trasferimenti mitluba f'konformità mal-Artikolu 11 jissodisfawx l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-Pjan, filwaqt li tqis l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru, kif ġej:

(a) għall-fini tal-valutazzjoni tar-rilevanza, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

   (i) jekk il-Pjan jirrappreżentax tweġiba xierqa għall-impatt soċjali fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, u l-isfidi ffaċċjati minnhom, fl-Istat Membru kkonċernat mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi fil-faqar tat-trasport, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-isfidi identifikati fil-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat tal-Istat Membru kkonċernat dwar l-enerġija u l-klima u tal-progress tiegħu skont l-Artikolu 9(3), u l-Artikoli 13 u 29 tar-Regolament (UE) 2018/1999, kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Istati Membri maħruġa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fil-kuntest tal-miri għall-klima u l-enerġija tal-Unjoni għall-2030 objettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni mhux aktar tard mill-2050;

   (ii) jekk il-Pjan huwiex mistenni jiżgura li l-miżuri u investimenti inklużi fil-Pjan ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 u jekk il-Pjan jgħinx biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili;

(iii) jekk il-Pjan fihx miżuri u investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż biex jiġu indirizzati l-impatti u l-isfidi soċjali li jirriżultaw minnha u b'mod partikolari għall-kisba tal-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050 u l-istadji importanti tal-2030 tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti;

(b) għall-fini tal-valutazzjoni tal-effettività, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(i) jekk il-Pjan huwiex mistenni li jkollu impatt dejjiemi fl-Istat Membru fuq l-isfidi indirizzati minn dak il-Pjan, f'konformità mal-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050, u b'mod partikolari fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, b'mod partikolari unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi fil-faqar tat-trasport;

(ii) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru humiex mistennija jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjan, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-objettivi intermedji u l-miri, u l-indikaturi relatati;

(iii) jekk il-miżuri u l-investimenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex konsistenti u konformi mar-rekwiżiti skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija (riformulazzjoni), id-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva (UE) 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]) u d-Direttiva 2010/31/UE; u

(iv) jekk il-miżuri u l-investimenti proposti mill-Istat Membru jrawmux il-komplementarjetà, is-sinerġija, il-koerenza u l-konsistenza mal-istrumenti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6(3).

(c) għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-effiċjenza, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

(i) jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Istat Membru għall-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-Pjan hijiex raġonevoli, plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata mal-impatt ambjentali u soċjali nazzjonali mistenni, filwaqt li tqis ukoll l-ispeċifiċitajiet nazzjonali li jistgħu jħallu impatt fuq il-kostijiet ipprovduti fil-Pjan;

(ii) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru humiex mistennija jipprevjenu, isibu u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta tintuża l-allokazzjoni finanzjarja pprovduta taħt il-Fond, inkluż l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u programmi oħrajn tal-Unjoni;

(iii) jekk l-objettivi intermedji u l-miri proposti mill-Istat Membru humiex effiċjenti, fil-kuntest tal-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-azzjonijiet eliġibbli tal-Fond;

(d) għall-fini tal-valutazzjoni tal-koerenza, il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-Pjan fihx miżuri u investimenti li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

*Artikolu 17*

**Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni**

1. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 16, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-Pjan ta' Stat Membru, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, mhux aktar tard minn ħames xhur mid-data tal-preżentazzjoni ta' dak il-Pjan skont l-Artikolu 4(1).

2. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva ta' Pjan, l-att ta' implimentazzjoni li jirreferi għaliha fil-paragrafu 1 għandu jistipula:

(a) il-miżuri u l-investimenti li għandhom jiġu implimentati mill-Istat Membru, l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan, u l-objettivi intermedji u l-miri;

([32]) Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

(b) l-allokazzjoni finanzjarja massima allokata f'konformità mal-Artikolu 14(1) li għandha titħallas f'pagamenti parzjali, skont l-Artikolu 20, ladarba l-Istat Membru jkun kiseb b'mod sodisfaċenti l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Pjan;

(c) il-kontribuzzjoni nazzjonali;

(d) l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan, inkluż, fejn rilevanti, il-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 21;

(e) l-indikaturi rilevanti relatati mal-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri previsti; kif ukoll

(f) l-arranġamenti biex jingħata aċċess mill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti.

3. L-allokazzjoni finanzjarja massima msemmija fil-paragrafu 2, punt (b), ta' dan l-Artikolu għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan proposti mill-Istat Membru, kif ivvalutat skont il-kriterji stipulati fl-Artikolu 16(3).

L-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja massima msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) fejn il-Pjan ikun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 16(3), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan mingħajr il-kontribuzzjoni nazzjonali jkun ugwali għal, jew ogħla minn, l-allokazzjoni finanzjarja massima għal dak l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 14(1), l-allokazzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru għandha tkun ugwali għall-ammont totali tal-allokazzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 14(1);

(b) fejn il-Pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 16(3), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan mingħajr il-kontribuzzjoni nazzjonali jkun aktar baxx mill-allokazzjoni finanzjarja massima għal dak l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 14(1), l-allokazzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru għandha tkun ugwali għall-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan mingħajru il-kontribuzzjoni nazzjonali;

(c) fejn il-Pjan ikun jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 16(3), iżda l-valutazzjoni tidentifika dgħufijiet fis-sistemi interni ta' kontroll, il-Kummissjoni tista' titlob li miżuri addizzjonali biex jindirizzaw dawn id-dgħufijiet jiġu inklużi fil-Pjan u jinkisbu mill-Istat Membru qabel l-ewwel pagament;

(d) fejn il-Pjan ma jikkonformax b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 16(3), ma għandha tiġi allokata l-ebda allokazzjoni finanzjarja lill-Istat Membru.

4. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva dwar Pjan, id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi r-raġunijiet għal dik il-valutazzjoni negattiva. L-Istat Membru kkonċernat għandu jerġa' jippreżenta l-Pjan, wara li jqis il-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 18*

**Emenda tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima**

1. Fejn Pjan ma jkunx għadu jista' jinkiseb, inkluż l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti, jew ikun jeħtieġ li jiġi aġġustat konsiderevolment, jew kompletament inkella parzjalment, minn Stat Membru minħabba ċirkostanzi oġġettivi, b'mod partikolari minħabba l-effetti diretti attwali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni Pjan emendat sabiex jinkludi l-bidliet meħtieġa u debitament ġustifikati. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ tekniku, f'konformità mal-Artikolu 11(4), għat-tħejjija tal-Pjan emendat.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan emendat f'konformità mal-Artikolu 16.

3. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva tal-Pjan emendat, hija għandha, f'konformità mal-Artikolu 17(1), tadotta deċiżjoni li tagħti r-raġunijiet għall-valutazzjoni pożittiva tagħha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. B'deroga mill-Artikolu 17(1), il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni skont dan il-paragrafu fi żmien tliet xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-Pjan emendat mill-Istat Membru kkonċernat.

4. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva tal-Pjan emendat, hija għandha tirrifjuta l-Pjan emendat fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 3, wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien tliet xhur mid-data tal-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjan emendat.

5. Sal-15 ta' Marzu 2029, kull Stat Membru għandu jivvaluta l-adegwatezza tal-Pjan tiegħu bil-ħsieb tal-effetti diretti proprja tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u t-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni flimkien mar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

6. Fil-każ ta' aġġustamenti minuri għall-Pjan, li jirrappreżentaw żieda jew tnaqqis ta' inqas minn 5 % tal-mira stabbilita fil-Pjan, pereżempju aġġornamenti żgħar fil-miżuri u l-investimenti stabbiliti fil-Pjan, jew il-korrezzjoni ta' żbalji klerikali, l-Istat Membru għandu jinnotifika tali bidliet lill-Kummissjoni.

*Artikolu 19*

## Impenn tal-allokazzjoni finanzjarja

1. Wara li l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni pożittiva kif imsemmi fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, hija għandha, fi żmien debitu, tikkonkludi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat li jikkostitwixxi impenn legali individwali skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 għall-perjodu 2026-2032, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30d(4) u l-Artikoli 30i u 30k tad-Direttiva 2003/87/KE. Dak il-ftehim għandu jiġi konkluż mhux aktar minn sena qabel is-sena tal-bidu tal-irkantijiet skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, jew sentejn qabel dik is-sena, f'każijiet fejn japplika l-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu, ta' dan ir-Regolament.

2. L-impenji baġitarji jistgħu jkunu bbażati fuq impenji globali u, fejn xieraq, jistgħu jiġu diżaggregati fi pagamenti annwali mifruxa fuq diversi snin.

*Artikolu 20*

## Regoli dwar il-ħlasijiet, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' ftehimiet rigward allokazzjonijiet finanzjarji

1. Il-ħlasijiet tal-allokazzjonijiet finanzjarji skont dan l-Artikolu lill-Istat Membru għandhom isiru malli jinkisbu l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti miftiehma indikati fil-Pjan, kif approvati f'konformità mal-Artikolu 17, u soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament. Ma' tali kisba, l-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba debitament motivata għal ħlas. L-Istat Membru għandu jissottometti tali talbiet għal ħlas lill-Kummissjoni darba jew darbtejn fis-sena, sal-31 ta' Lulju jew sal-31 ta' Diċembru.

2. Malli tirċievi talba għal ħlas minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 17 ma nkisbux b'mod sodisfaċenti. Il-kisba sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u tal-miri għandha tippresupponi li l-miżuri relatati ma' objettivi intermedji u miri miksuba b'mod sodisfaċenti preċedentement ma jkunux treġġgħu lura mill-Istat Membru kkonċernat.

3. Meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva ta' talba għal ħlas individwali, hija għandha tadotta deċiżjoni individwali li tawtorizza l-iżborż tal-allokazzjoni finanzjarja f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi u filwaqt li tiżgura li l-Istati Membri jingħataw trattament ugwali. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni individwali mhux qabel xahrejn u mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-iskadenza rilevanti għas-sottomissjoni tat-talba għal ħlas f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Meta, b'riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-objettivi intermedji u l-miri stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 17 ma jkunux inkisbu b'mod sodisfaċenti, il-ħlas tal-parti tal-allokazzjoni finanzjarja proporzjonali għall-mira jew l-objettiv intermedju mhux miksub għandu jiġi sospiż. L-Istat Membru jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahar mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni għandha titneħħa biss meta l-objettivi intermedji u l-miri jkunu nkisbu b'mod sodisfaċenti kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 17.

5. B'deroga mill-Artikolu 116(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-iskadenza għall-ħlas għandha tibda tiddekorri mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-iżborż tal-allokazzjoni finanzjarja lill-Istat Membru kkonċernat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jew mid-data tal-komunikazzjoni tat-tneħħija ta' sospensjoni skont il-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu.

6. Meta l-objettivi intermedji u l-miri ma jkunux inkisbu b'mod sodisfaċenti fi żmien perjodu ta' disa' xhur mis-sospensjoni msemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja b'mod proporzjonat wara li tkun tat lill-Istat Membru l-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha rigward il-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri.

7. Meta, fi żmien 15-il xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 19, ma jkun sar l-ebda progress tanġibbli fir-rigward ta' kwalunkwe objettiv intermedju u mira rilevanti mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tittermina dawk il-ftehimiet u għandha tiddiżimpenja l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar it-terminazzjoni ta' dawk il-ftehimiet wara li tkun tat lill-Istat Membru l-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li ma jkun sar l-ebda progress tanġibbli.

8. Il-ħlasijiet kollha għandhom isiru sal-31 ta' Diċembru 2033.

9. B'deroga mill-Artikolu 116 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jekk, f'ċiklu partikolari ta' talbiet għal ħlas kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dħul assenjat lill-Fond f'konformità mal-Artikolu 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jkunx biżżejjed biex ikopri t-talbiet għal ħlas sottomessi, il-Kummissjoni għandha tħallas lill-Istati Membri fuq bażi pro rata determinata bħala sehem tal-fondi disponibbli għall-ħlasijiet imqabbel mat-total ta' ħlasijiet approvati. Fiċ-ċiklu ta' talbiet għal ħlas li jkun imiss, il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lil dawk l-Istati Membri bi ħlasijiet imdewma miċ-ċiklu preċedenti ta' talbiet għal ħlas, u t-talbiet għal ħlas li jkunu għadhom kif ġew sottomessi tittrattahom biss aktar tard.

10. B'deroga mill-Artikolu 12(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30d(4), is-sitt subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha talloka lill-Istati Membri l-ammonti li jikkorrispondu għal kwalunkwe approprjazzjoni li ma tkunx intużat sal-31 ta' Diċembru 2033 f'konformità mar-regoli għad-distribuzzjoni tal-kwoti definiti fl-Artikolu 30d(5) tad-Direttiva 2003/87/KE sabiex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 21*

**Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Meta jimplimentaw il-Pjanijiet, l-Istati Membri, bħala benefiċjarji tal-fondi taħt il-Fond, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-allokazzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond, inkluż dawk imwettqa minn entitajiet pubbliċi jew privati li ma jkunux unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli f'konformità mal-Artikolu 9, ikun konformi mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern kif stipulat ulterjorment fl-Anness III u l-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod żbaljat jew użati b'mod skorrett. L-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom.

2. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 19 għandhom jipprevedu l-obbligi li ġejjin tal-Istati Membri:

(a) li jikkontrollaw regolarment li l-finanzjament ipprovdut ikun intuża kif suppost f'konformità mar-regoli applikabbli kollha u li kwalunkwe miżura jew investiment taħt il-Pjan ikunu ġew implimentati kif suppost f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess;

(b) li jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess kif definiti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li jieħdu azzjoni legali biex jirkupraw fondi li jkunu ġew miżapproprjati, inkluż b'rabta ma' kwalunkwe miżura jew investiment implimentati taħt il-Pjan;

(c) li jakkumpanjaw talba għal ħlas:

(i) b'dikjarazzjoni ta' ġestjoni li l-allokazzjonijiet finanzjarji ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom, li l-informazzjoni ppreżentata mat-talba għal ħlas hija kompluta, preċiża u affidabbli, u li s-sistemi ta' kontroll intern stabbiliti jagħtu l-assigurazzjonijiet meħtieġa li l-allokazzjonijiet finanzjarji ġew ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba; u

(ii) b'taqsira tal-awditi mwettqa f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-awditi f'termini tal-ammont ta' nfiq kopert u l-perjodu ta' żmien kopert u l-analiżi tad-dgħufijiet identifikati u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda;

(d) għall-fini tal-awditjar u l-kontroll u biex tiġi prevista informazzjoni komparabbli dwar l-użu ta' allokazzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-miżuri u l-investimenti implimentati taħt il-Pjan, li jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu f'sistema elettronika u jiżguraw l-aċċess għall-kategoriji standardizzati ta' data li ġejjin:

(i) l-isem tar-riċevituri finali tal-allokazzjonijiet finanzjarji, in-numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT tagħhom jew in-numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa u l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja mill-Fond;

(ii) l-isem tal-kuntrattur(i) u tas-sottokuntrattur(i) u n-numru/i tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħhom u l-valur tal-kuntratt(i) fejn ir-riċevitur finali tal-allokazzjonijiet finanzjarji jkun awtorità kontraenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku;

(iii) l-isem/ismijiet, il-kunjom(ijiet), id-data/dati tat-twelid u n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa, tas-sid(ien) benefiċjarju/i tar-riċevitur tal-allokazzjonijiet finanzjarji jew tal-kuntrattur, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33]);

(iv) lista ta' kwalunkwe miżura u investiment implimentati taħt il-Fond bl-ammont totali ta' finanzjament pubbliku ta' dawk il-miżuri u l-investimenti u li tindika l-ammont ta' fondi mħallsa taħt fondi oħra ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni;

(e) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u biex jimponu obbligi fuq ir-riċevituri finali kollha tal-allokazzjonijiet finanzjarji mħallsa għall-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti inklużi fil-Pjan, jew lill-persuni jew l-entitajiet l-oħrajn kollha involuti fl-implimentazzjoni tagħhom biex jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u biex jimponu obbligi simili fuq ir-riċevituri finali kollha tal-fondi żborżati;

(f) li jżommu rekords skont l-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, bil-punt ta' referenza jkun it-tranżazzjoni tal-ħlas rilevanti għall-miżura jew investiment rispettivi.

L-informazzjoni msemmija fil-punt (d)(ii) tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandha tkun meħtieġa biss meta l-valur tal-akkwist pubbliku jkun akbar mil-limiti tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]). Fir-rigward ta' sottokuntratturi, dik l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa biss:

(a) għall-ewwel livell ta' sottokuntrattar;

([33]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

([34]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

(b) meta dik l-informazzjoni tkun irreġistrata fir-rigward tal-kuntrattur rispettiv; u

(c) għal sottokuntratti b'valur totali ta' aktar minn EUR 50 000.

3. Id-data personali msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pproċessata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għall-fini, u d-durata korrispondenti, tal-proċedimenti ta' kwittanza, awditjar u kontroll, informazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità relatati mal-użu ta' allokazzjonijiet finanzjarji relatati mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 19. Id-data personali għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 jew mar-Regolament (UE) 2018/1725, skont liema minnhom ikun applikabbli. Fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 319 TFUE, il-Fond għandu jkun soġġett għal rapportar taħt ir-rapportar finanzjarju u ta' akkontabbiltà integrat imsemmi fl-Artikolu 247 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u, b'mod partikolari, separatament fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni.

4. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 19 għandhom jipprevedu wkoll id-dritt tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ taħt il-Fond u li tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni, f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interessi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew ikkorreġuta mill-Istat Membru, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta minn tali ftehimiet.

Meta tkun qed tiddeċiedi fuq l-ammont tal-irkupru u t-tnaqqis, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew ta' ksur ta' obbligu. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma jsir it-tnaqqis.

## *KAPITOLU IV*

## ***Komplementarjetà, Monitoraġġ u Evalwazzjoni***

### *Artikolu 22*

### **Il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, b'mod proporzjonat mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-Fond u l-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament, u l-Fond għall-Modernizzazzjoni skont l-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE. Għal dak l-iskop, huma għandhom:

(a) jiżguraw il-komplementarjetà, is-sinerġija, il-koerenza u l-konsistenza fost strumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, lokali jew reġjonali, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni;

(b) itejbu kemm jista' jkun il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi; u

(c) jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni u l-kontroll fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, lokali jew reġjonali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Fond.

### *Artikolu 23*

### **Informazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-data msemmija fl-Artikolu 21(2), il-punt (d)(i), (ii) u (iv), ta' dan ir-Regolament disponibbli għall-pubbliku u jżommuha aġġornata f'sit web uniku f'formati miftuħa u li jinqraw minn magna, kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([35]), li għandhom jippermettu li d-data tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(2), il-punti (d)(i) u (ii), ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi ppubblikata fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jew fil-każ ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

([35]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

2. Ir-riċevituri ta' appoġġ mill-Fond għandhom jiġu infurmati dwar l-oriġini ta' dawk il-fondi, inkluż fejn jibbenefikaw minn dawk il-fondi permezz ta' intermedjarji. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-emblema tal-Unjoni u dikjarazzjoni ta' finanzjament xierqa li taqra "iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea – Fond Soċjali għall-Klima" fuq dokumenti u materjal ta' komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-miżura maħsuba għar-riċevituri. Ir-riċevituri ta' appoġġ mill-Fond, bl-eċċezzjoni tal-appoġġ għal persuni fiżiċi jew fejn ikun hemm riskju li informazzjoni kummerċjalment sensittiva ssir pubblika, għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament mill-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil udjenzi multipli, inkluż il-media u l-pubbliku.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-Fond, mal-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament u mar-riżultati miksuba, inkluż, fejn xieraq u bil-qbil tal-awtoritajiet nazzjonali, permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni konġunti mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 24*

**Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni, fuq bażi biennali, dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan tiegħu flimkien mar-rapport ta' progress nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u f'konformità mal-Artikolu 28 tiegħu. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa fil-Pjan. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-indikaturi li jinsabu fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament fir-rapport ta' progress tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Fond u tkejjel l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa taħt il-Fond.

3. Is-sistema ta' rapportar tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tar-riżultati tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri ta' appoġġ mill-Fond.

4. Il-Kummissjoni għandha tuża l-indikaturi komuni li jinsabu fl-Anness IV biex tirrapporta dwar il-progress u għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Fond sabiex jintlaħqu l-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 3.

*Artikolu 25*

**Trasparenza**

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-Pjanijiet sottomessi mill-Istati Membri u d-deċiżjonijiet, kif magħmula pubbliċi mill-Kummissjoni, simultanjament u b'termini ugwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien żejjed.

2. L-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Kunsill fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jew tal-implimentazzjoni tiegħu għandha ssir disponibbli fl-istess ħin għall-Parlament Ewropew, soġġett għal arranġamenti ta' kunfidenzjalità jekk ikun meħtieġ.

3. Il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-valutazzjoni tal-Pjanijiet mill-Kummissjoni.

*Artikolu 26*

**Djalogu soċjali dwar il-klima**

1. Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, u sabiex jiġu żgurati aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont, il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni darbtejn f'sena biex jiddiskutu l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) il-Pjanijiet sottomessi mill-Istati Membri;

(b) il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-Pjanijiet sottomessi mill-Istati Membri;

(c) l-istatus tal-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri stabbiliti fil-Pjanijiet sottomessi mill-Istati Membri;

(d) il-proċeduri tal-ħlas, tas-sospensjoni u tat-terminazzjoni, inkluż kwalunkwe osservazzjoni ppreżentata u kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda mill-Istati Membri biex jiżguraw il-kisba sodisfaċenti tal-objettivi intermedji u l-miri stabbiliti fil-Pjanijiet sottomessi minnhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' kwalunkwe element li jirriżulta mill-fehmiet espressi permezz tad-djalogu soċjali dwar il-klima, inkluż ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew jekk ikunu pprovduti.

*KAPITOLU V*

***Dispożizzjonijiet Finali***

*Artikolu 27*

**Evalwazzjoni u r-rieżami tal-Fond**

1. Sentejn wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-Fond, li jieħu kont tar-riżultati tal-ewwel rapporti sottomessi mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 24, u għandha tissottometti, fejn xieraq, kwalunkwe proposta għal emendi għal dan ir-Regolament.

2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jivvaluta, b'mod partikolari:

(a) il-punt sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi tal-Fond stabbiliti fl-Artikolu 3, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud tal-Unjoni;

(b) fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, l-effiċjenza ta' miżuri u investimenti u l-użu tal-appoġġ dirett għall-introjtu fid-dawl tal-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri stabbiliti fil-Pjanijiet;

(c) kif id-definizzjonijiet tal-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport jiġu applikati fl-Istati Membri, abbażi tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (f), kif ukoll jekk humiex meħtieġa emendi għal tali definizzjonijiet;

(d) ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-miżuri u l-investimenti kollha stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-impatt fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżat mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u tal-miżuri nazzjonali meħuda biex jintlaħaq it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]), kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tad-dħul assenjat b'rabta ma' żviluppi possibbli rigward l-irkantar tal-kwoti skont is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE u kunsiderazzjonijiet rilevanti oħra.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2033, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport ta' evalwazzjoni ex post indipendenti. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ex post għandu jikkonsisti minn valutazzjoni globali tal-Fond u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatt tiegħu.

4. Mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l- 2027, fil-każ li d-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmi fl-Artikolu 30d(5) tad-Direttiva 2003/87/KE jkun stabbilit bħala riżorsa proprja f'konformità mal-Artikolu 311(3) TFUE, il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tippreżenta l-proposti meħtieġa sabiex tiżgura, fil-qafas tal-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027, l-effettività u l-kontinwità tal-implimentazzjoni tal-Fond, temporanjament u eċċezzjonalment iffinanzjat mid-dħul assenjat estern iġġenerat mill-kwoti tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

([36]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

*Artikolu 28*

**Emenda għar-Regolament (UE) 2021/1060**

Fir-Regolament (UE) 2021/1060, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“*Artikolu 26a*

**Riżorsi trasferiti mill-Fond Soċjali għall-Klima**

1. Ir-riżorsi trasferiti mill-Fond Soċjali għall-Klima, stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandhom jiġu implimentati f’konformità ma’ dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-Fond li għalih jiġu ttrasferiti r-riżorsi u għandhom ikunu definittivi. Tali riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern għall-fini tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u għandhom ikunu addizzjonali għar-riżorsi msemmija fl-Artikolu 110 ta’ dan ir-Regolament.

2. Meta l-Istati Membri jimplimentaw ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu taħt ġestjoni kondiviża, huma għandhom jissottomettu l-emendi tal-programm f’konformità mal-Artikolu 24 ta’ dan ir-Regolament fir-rigward ta’ programm wieħed jew aktar. L-Istati Membri għandhom jippjanaw l-użu ta’ tali riżorsi biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi stabbiliti għall-baġit tal-Unjoni f’konformità mal-Artikolu 6(1) ta’ dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi rilevanti tal-Fond Soċjali għall-Klima kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/955 u għandhom jintużaw biex jappoġġaw il-miżuri u l-investimenti stabbiliti fl-Artikolu 8 ta’ dak ir-Regolament. Huma għandhom jiġu pprogrammati taħt prijorità ddedikata waħda jew aktar li jikkorrispondu għal objettiv speċifiku wieħed jew aktar tal-Fond li għalih jiġu ttrasferiti r-riżorsi u għal kategorija waħda jew aktar ta’ reġjuni, fejn japplika, b’indikazzjoni tat-tqassim annwali tar-riżorsi. Ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-konformità mar-rekwiżiti ta’ konċentrazzjoni tematika kif previst fir-regoli speċifiċi għall-Fond.

3. Meta l-Kummissjoni tkun diġà approvat talba ta’ Stat Membru għal emenda ta’ programm relatat ma’ trasferiment ta’ riżorsi mill-Fond Soċjali għall-Klima, għal kwalunkwe trasferiment ulterjuri ta’ riżorsi fis-snin sussegwenti, l-Istat Membru jista’ jissottometti notifika ta’ tabelli finanzjarji minflok emenda ta’ programm, dment li l-bidliet proposti jkunu relatati esklużivament ma’ żieda fir-riżorsi finanzjarji, mingħajr ebda bidla ulterjuri fil-programm.

4. B’deroga mill-Artikolu 18 u l-Artikolu 86(1), it-tieni subparagrafu, ta’ dan ir-Regolament, ir-riżorsi trasferiti f’konformità ma’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2023/955 ma għandhomx jitqiesu għar-rieżami ta’ nofs it-terminu u l-ammont ta’ flessibbiltà.

5. B’deroga mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-limitu ta’ żmien li warajh il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja l-ammonti f’konformità mal-Artikolu 105(1) ta’ dan ir-Regolament għandu jibda mis-sena li fiha jsiru l-impenji baġitarji korrispondenti. Ir-riżorsi ma għandhomx jiġu ttrasferiti għal programmi taħt il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Mejju 2023 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).”

*Artikolu 29*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-30 ta' Ġunju 2024, id-data sa meta l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]) li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-10 ta' Mejju 2023.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| R. METSOLA | J. ROSWALL |

([37]) Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ara paġna 134 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*ANNESS I*

## METODOLOĠIJA GĦALL-KALKOLU TAL-ALLOKAZZJONI FINANZJARJA MASSIMA GĦAL KULL STAT MEMBRU FIL-QAFAS TAL-FOND SKONT L-ARTIKOLU 14

Dan l-Anness jistipula l-metodoloġija għall-kalkolu tal-allokazzjoni finanzjarja massima disponibbli għal kull Stat Membru f'konformità mal-Artikoli 10 u 14.

Il-metodoloġija tqis il-varjabbli li ġejjin fir-rigward ta' kull Stat Membru:

— il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar li tgħix f'żoni rurali (2019);

— l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni tal-fjuwil mill-unitajiet domestiċi (medja tal-2016-2018);

— il-perċentwal ta' unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar b'arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom (2019);

— il-popolazzjoni totali (2019);

— l-introjtu nazzjonali gross (GNI) per capita tal-Istat Membru, imkejjel fi standard tal-kapaċità tal-akkwist (2019);

— is-sehem tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-sorsi ta' emissjonijiet 1A3b, 1A4a u 1A4b, kif stabbilit fil-Linji Gwida tal-IPCC tal-2006 għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra (medja tal-2016-2018), kif rieżaminat b'mod komprensiv skont l-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament.

L-allokazzjoni finanzjarja massima ta' Stat Membru skont il-Fond (MFAi) hija stabbilita kif ġej:

$$MFA_i = \alpha_i \times (MA)$$

Fejn:

L-ammont massimu (MA) għall-implimentazzjoni tal-Fond kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) u $\alpha_i$ huwa s-sehem tal-Istat Membru i fl-ammont massimu, iddeterminat fuq il-bażi tal-passi li ġejjin:

$$\alpha_i = (50\% \times \beta_i + 50\% \times \lambda_i) \times \frac{GNI_{EU}^{PC}}{GNI_i^{PC}}$$

Fejn

$$\beta i = \min\left(\frac{rural\ pop_i}{rural\ pop_{EU}}, \frac{pop_i}{pop_{EU}} \times f_i\right)$$

$$\lambda_i = \gamma_i \times \delta_i$$

$$\gamma i = \frac{HCO2_i}{HCO2_{EU}}$$

$$\delta i = \min\left(\frac{arrears_i}{arrears_{EU}}, f_i\right)$$

fi = 1 jekk $GNI_i^{PC} \geq GNI_{EU}^{PC}$; fi = 2,5 jekk $GNI_i^{PC}$<$GNI_{EU}^{PC}$

Fejn għal kull Stat Membru i:

$rural\ pop_i$ hija l-popolazzjoni f'riskju ta' faqar li tgħix f'żoni rurali tal-Istat Membru i;

$rural\ pop_{EU}$ hija s-somma tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar li tgħix f'żoni rurali tal-Istati Membri tal-UE-27;

$pop_i$ hija l-popolazzjoni tal-Istat Membru i;

$pop_{EU}$ hija s-somma tal-popolazzjoni tal-Istati Membri tal-UE-27;

$HCO2_i$ huma l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni tal-fjuwil mill-unitajiet domestiċi tal-Istat Membru i;

$HCO2_{EU}$ hija s-somma tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni tal-fjuwil mill-unitajiet domestiċi tal-Istati Membri tal-UE-27;

$arrears_i$ huwa l-perċentwal tal-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar b'arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet tal-Istat Membru i;

$arrears_{EU}$ huwa l-perċentwal ta' unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar b'arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom tal-UE-27;

$GNI_i^{PC}$ huwa l-GNI per capita tal-Istat Membru i;

$GNI_{EU}^{PC}$ huwa l-GNI per capita tal-UE-27.

Il-βi ta' dawk l-Istati Membri b'GNI per capita inqas mill-valur tal-UE-27 u li għalihom $\frac{rural\ pop_i}{rural\ pop_{EU}}$ huwa l-komponent minimu, jiġu aġġustati proporzjonalment biex jiġi żgurat li l-somma ta' βi għall-Istati Membri kollha tkun ugwali għal 100 %. Il-λi kollha jiġu aġġustati proporzjonalment biex jiġi żgurat li s-somma tagħhom tkun ugwali għal 100 %.

Għall-Istati Membri kollha, αi ma tistax tkun inqas minn 0,07 % tal-ammont massimu kif imsemmi fl-Artikolu 10(1). L-$\alpha_i$ tal-Istati Membri kollha b'$\alpha_i$ ogħla minn 0,07 % jiġu aġġustati proporzjonalment biex jiġi żgurat li s-somma tal-$\alpha_i$ kollha tkun ugwali għal 100 %.

Għall-Istati Membri b'GNI per capita inqas minn 90 % tal-valur tal-UE-27, $\alpha_i$ ma jistax ikun inqas mis-sehem tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-sorsi ta' emissjonijiet 1A3b, 1A4a u 1A4b, kif stabbilit fil-Linji Gwida tal-IPCC tal-2006 għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra għall-medja tal-perjodu 2016-2018, kif rieżaminat b'mod komprensiv skont l-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament. L-$\alpha_i$ tal-Istati Membri b'GNI per capita ogħla mill-valur tal-UE-27 jiġu aġġustati proporzjonalment biex jiġi żgurat li s-somma tal-$\alpha_i$ kollha tkun ugwali għal 100 %.

*ANNESS II*

Allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru fil-qafas tal-Fond skont l-Artikoli 10 u 14

L-applikazzjoni tal-metodoloġija fl-Anness I għall-ammonti msemmija fl-Artikolu 10(1) tirriżulta fis-sehem u l-allokazzjoni finanzjarja massima li ġejjin għal kull Stat Membru.

Kwalunkwe ammont li jappartjeni għall-Artikolu 10(3) ser ikun kopert fil-limiti tal-allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru fuq bażi pro rata.

| Allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru | | | |
|---|---|---|---|
| Stat Membru | Sehem bħala % tat-total | TOTAL<br>2026-2032<br>(f'EUR, prezzijiet attwali) | |
| | | Skont l-Artikolu 10(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi | Skont l-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu |
| Belġju | 2,55 | 1 659 606 425 | 1 394 069 397 |
| Bulgarija | 3,85 | 2 499 490 282 | 2 099 571 836 |
| Ċekja | 2,40 | 1 562 617 717 | 1 312 598 882 |
| Danimarka | 0,50 | 324 991 338 | 272 992 724 |
| Ġermanja | 8,18 | 5 317 778 511 | 4 466 933 949 |
| Estonja | 0,29 | 186 244 570 | 156 445 439 |
| Irlanda | 1,02 | 663 390 868 | 557 248 329 |
| Greċja | 5,52 | 3 586 843 608 | 3 012 948 631 |
| Spanja | 10,52 | 6 837 784 631 | 5 743 739 090 |
| Franza | 11,19 | 7 276 283 944 | 6 112 078 513 |
| Kroazja | 1,94 | 1 263 071 899 | 1 060 980 395 |
| Italja | 10,81 | 7 023 970 924 | 5 900 135 577 |
| Ċipru | 0,20 | 131 205 466 | 110 212 591 |
| Latvja | 0,71 | 463 676 528 | 389 488 284 |
| Litwanja | 1,02 | 664 171 367 | 557 903 948 |
| Lussemburgu | 0,10 | 66 102 592 | 55 526 177 |
| Ungerija | 4,33 | 2 815 968 174 | 2 365 413 267 |
| Malta | 0,07 | 45 500 000 | 38 220 000 |
| Netherlands | 1,11 | 720 463 632 | 605 189 451 |
| Awstrija | 0,89 | 578 936 189 | 486 306 399 |
| Polonja | 17,60 | 11 439 026 446 | 9 608 782 215 |
| Portugall | 1,88 | 1 223 154 017 | 1 027 449 374 |
| Rumanija | 9,25 | 6 012 677 290 | 5 050 648 923 |
| Slovenja | 0,55 | 357 971 733 | 300 696 256 |
| Slovakkja | 2,35 | 1 530 553 074 | 1 285 664 582 |

| Allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru | | | |
|---|---|---|---|
| Stat Membru | Sehem bħala % tat-total | TOTAL<br>2026-2032<br>(f'EUR, prezzijiet attwali) | |
| | | Skont l-Artikolu 10(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi | Skont l-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu |
| Finlandja | 0,54 | 348 132 328 | 292 431 155 |
| Żvezja | 0,62 | 400 386 447 | 336 324 616 |
| EU27 | 100 % | 65 000 000 000 | 54 600 000 000 |

*ANNESS III*

## Rekwiżiti ewlenin għas-sistema ta' kontroll intern tal-Istat Membru

1. L-Istat Membru għandu jipprovdi sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti, f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tiegħu, li tinkludi s-separazzjoni tal-funzjonijiet u l-arranġamenti ta' rapportar, superviżjoni u monitoraġġ.

   Dan jinkludi:

   (a) il-ħatra tal-awtoritajiet fdati bl-implimentazzjoni tal-Pjan Soċjali għall-Klima u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-funzjonijiet relatati;

   (b) il-ħatra tal-awtorità jew awtoritajiet responsabbli għall-iffirmar tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkumpanja t-talbiet għal ħlas;

   (c) proċeduri li jiżguraw li din l-awtorità jew dawn l-awtoritajiet ser jingħataw garanzija dwar l-ilħuq tal-objettivi intermedji u l-miri stabbiliti fil-Pjan, u li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u finanzjament doppju;

   (d) separazzjoni xierqa bejn il-funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' awditjar.

2. L-Istat Membru għandu jwettaq implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati kontra l-frodi u l-korruzzjoni, kif ukoll kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiġu evitati b'mod effettiv il-kunflitti ta' interess.

   Dan jinkludi:

   (a) miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, kif ukoll mal-evitar ta' finanzjament doppju u biex tittieħed azzjoni legali biex jiġu rkuprati l-fondi li ġew miżapproprjati;

   (b) valutazzjoni tar-riskju tal-frodi u d-definizzjoni ta' miżuri xierqa ta' mitigazzjoni kontra l-frodi.

3. L-Istat Membru għandu jżomm proċeduri xierqa għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u tat-taqsira tal-awditi mwettqa fil-livell nazzjonali.

   Dawn jinkludu:

   (a) proċedura effettiva għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, li tiddokumenta t-taqsira tal-awditi u ż-żamma tal-informazzjoni sottostanti għar-rekord tal-awditjar;

   (b) proċeduri effettivi biex jiġi żgurat li l-każijiet kollha ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interessi jiġu rrappurtati u kkoreġuti kif xieraq permezz ta' rkupri.

4. Sabiex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, l-Istat Membru għandu jiżgura verifiki ta' ġestjoni xierqa, inkluż il-proċeduri għall-verifika tal-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri u tal-konformità mal-prinċipji orizzontali ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

   Dawn jinkludu:

   (a) verifiki ta' ġestjoni xierqa li permezz tagħhom l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni ser jivverifikaw l-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri tal-fond (eż. eżamijiet dokumentarji, verifiki fuq il-post);

   (b) verifiki ta' ġestjoni xierqa li permezz tagħhom l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni ser jivverifikaw in-nuqqas ta' irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interessi, u finanzjament doppju (eż. eżamijiet dokumentarji, verifiki fuq il-post).

5. L-Istati Membri għandhom iwettqu awditi adegwati u indipendenti tas-sistemi u tal-operazzjonijiet f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

   Dawn jinkludu:

   (a) il-ħatra tal-korp jew korpi li ser iwettqu l-awditi tas-sistemi u tal-operazzjonijiet u kif tiġi żgurata l-indipendenza funzjonali tagħhom;

(b) l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti lil dan il-korp jew dawn il-korpi għall-fini tal-Fond;

(c) l-indirizzar effettiv mill-korp jew korpi tar-riskju ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interessi u finanzjament doppju kemm permezz ta' awditi tas-sistema kif ukoll permezz ta' awditi tal-operazzjonijiet.

6. L-Istat Membru għandu jżomm sistema effettiva biex jiżgura li jinżammu l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa għall-finijiet tar-rekord tal-awditjar.

Dawn jinkludu:

(a) il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna effettivi f'sistema elettronika ta' data dwar ir-riċevituri finali tal-miżuri jew l-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi intermedji u l-miri;

(b) aċċess lill-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE, għad-data tar-riċevituri finali.

# *ANNESS IV*

Indikaturi komuni għal objettivi intermedji u miri indikattivi għall-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 6(1), punt (m), il-monitoraġġ mill-Istat Membru tal-implimentazzjoni tal-Pjan tiegħu msemmi fl-Artikolu 24(1), l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-progress lejn l-objettivi tal-Fond imsemmija fl-Artikolu 24(4)

Il-miżuri u l-investimenti jistgħu jikkontribwixxu għal diversi indikaturi komuni. Jekk il-Pjan ta' Stat Membru ma jkun fih l-ebda miżura jew investiment li jikkontribwixxu għal xi whud mill-indikaturi, Stat Membru jista' jindika "mhux applikabbli".

| Numru | Indikatur komuni relatat mal-appoġġ tal-Fond | Spjegazzjoni | Unità |
|---|---|---|---|
| **Settur tal-bini** | | | |
| Indikaturi tal-kuntest | | | |
| 1 | L-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli | F'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 2, il-punt (10). | L-għadd ta' unitajiet domestiċi |
| 2 | L-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku | F'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 2, il-punt (1). | L-għadd ta' unitajiet domestiċi |
| Indikaturi tal-output | | | |
| 3 | L-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli li bbenefikaw minn mill-inqas miżura strutturali waħda li naqqset l-emissjonijiet tagħhom fis-settur tal-bini | F'konformità mal-Artikolu 2, il-punt (10) u l-Artikolu 8(1). Miżuri dovuti għall-appoġġ mill-Fond biss. | L-għadd ta' unitajiet domestiċi |
| 4 | L-għadd ta' binjiet li jkunu għaddew minn rinnovazzjoni profonda (jiġifieri rinnovazzjoni li tittrasforma bini jew unità ta' bini (a) qabel l-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'użu ta' kważi żero enerġija (b) mill-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'emissjonijiet żero) | L-indikatur jgħodd l-għadd ta' binjiet u l-erja tal-art korrispondenti li qed tiġi rinnovata kompletament jew parzjalment abbażi tal-appoġġ minn miżuri u investimenti taħt il-Fond, fejn "rinnovazzjoni tal-bini" hija definita fl-Artikolu 2, il-punt (13). Barra minn hekk, l-indikatur għandu jiddistingwi l-binjiet abbażi tal-klassi taċ-Ċertifikat tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija tagħhom, u jidentifika speċifikament kemm ġew rinnovati binjiet bl-agħar rendiment. | Unitajiet tal-bini |
| 5 | L-erja tal-art utli totali ta' binjiet li jkunu għaddew minn rinnovazzjoni profonda (jiġifieri rinnovazzjoni li tittrasforma bini jew unità ta' bini (a) qabel l-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'użu ta' kważi żero enerġija (b) mill-1 ta' Jannar 2030, f'bini b'emissjonijiet żero) | | L-erja tal-art rinnovata (m2/sena) |
| 6 | L-għadd ta' binjiet li jkunu għaddew minn rinnovazzjoni enerġetika oħra (jiġifieri r-rinnovazzjonijiet enerġetiċi kollha għajr ir-rinnovazzjonijiet profondi, li għandhom jiġu rrapportati hawn fuq) | | Unitajiet tal-bini |
| 7 | L-erja tal-art utli totali ta' binjiet li jkunu għaddew minn rinnovazzjoni enerġetika oħra (jiġifieri r-rinnovazzjonijiet enerġetiċi kollha għajr ir-rinnovazzjonijiet profondi, li għandhom jiġu rrapportati hawn fuq) | | L-erja tal-art rinnovata (m2/sena) |

| Numru | Indikatur komuni relatat mal-appoġġ tal-Fond | Spjegazzjoni | Unità |
|---|---|---|---|
| 8 | Is-sostituzzjoni ta' installazzjoni tat-tisħin bil-fjuwils fossili b'apparat ibbażat fuq sorsi rinnovabbli u/jew installazzjoni effiċjenti ħafna abbażi tal-klassi tat-Tikketta tal-Enerġija kif stabbilita fl-att legali rilevanti. | Dawn l-azzjonijiet jilħqu l-parametru referenzjarju tal-UE għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u s-sehem indikattiv tal-enerġija rinnovabbli (fil-konsum finali tal-enerġija) stabbilit fil-livell nazzjonali fis-settur tal-bini skont id-dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva (UE) 2018/2001.Is-sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli u l-elettriku rinnovabbli t-tnejn jistgħu jikkontribwixxu għal dan il-parametru referenzjarju. Dawn l-azzjonijiet jikkontribwixxu wkoll għall-mira tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli skont id-dispożizzjoni rilevanti ta' dik id-Direttiva.<br>Jikkonċerna biss sostituzzjonijiet addizzjonali ta' installazzjonijiet tat-tisħin bil-fjuwils fossili dovuti għall-appoġġ mill-Fond. | L-għadd ta' unitajiet ta' installazzjoni tat-tisħin bil-fjuwils fossili sostitwiti (eż. b'pompa tas-sħana jew installazzjoni solari termali) |
| 9 | Kapaċità operazzjonali addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli | Dan jikkonċerna biss il-kapaċità operazzjonali addizzjonali dovuta għall-appoġġ mill-Fond. | MW |
| 10 | | | L-għadd ta' unitajiet |
| Indikaturi tar-riżultati | | | |
| 11 | It-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli | It-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli bħala riżultat ta' miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | % |
| 12 | It-tnaqqis stmat fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tal-bini | It-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tal-bini li jirriżulta minn miżuri u investimenti ffinanzjati mill-Fond.<br>L-emissjonijiet fis-settur tal-bini huma stabbiliti bħala dawk koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE (għas-settur tal-bini, is-sorsi tal-emissjonijiet 1A4a u 1A4b kif stabbiliti fil-Linji Gwida tal-IPCC għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-2006). | ktCO2e |
| 13 | It-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku | It-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku bħala riżultat ta' miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond.<br>L-Istati Membri kkonċernati mill-Artikolu 3(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2018/1999 għandhom jinkludu, skont l-Artikolu 24, il-punt (b) ta' dak ir-Regolament, fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima informazzjoni kwantitattiva dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku. L-Istati Membri jistgħu jużaw u mhumiex limitati għall-indikaturi disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) identifikati bħala rilevanti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar il-faqar enerġetiku ([1]), elenkati fil-mudell ta' rapportar għar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. | % |

([1]) ĠU L 357, 27.10.2020, p. 35.

| Numru | Indikatur komuni relatat mal-appoġġ tal-Fond | Spjegazzjoni | Unità |
|---|---|---|---|
| | | L-indikatur ma jgħoddx abitazzjonijiet kollettivi bħal sptarijiet, djar tal-kura, ħabsijiet, kwartieri militari, istituzzjonijiet reliġjużi, djar ta' alloġġ, hostels tal-ħaddiema, eċċ. | |
| 14 | L-iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija primarja | L-iffrankar tal-enerġija miksub għandu jiġi kkalkulat, għal dan l-għan, abbażi biss tal-appoġġ finanzjarju mill-Fond.<br>L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar it-tnaqqis annwali fil-konsum tal-enerġija finali/primarja miksub fost l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u, meta applikabbli, il-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni) dovut għall-appoġġ tal-Fond li huwa komplementari għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dik id-Direttiva, inkluż l-appoġġ li jgħaddi minn skemi ta' obbligu b'rabta mal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika alternattivi skont id-dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva u inkluż interventi mwettqa għall-konformità mal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija skont id-dispożizzjoni rilevanti ta' dik id-Direttiva. | MWh/sena |
| 15 | | | kWh/m2 (jekk tkun disponibbli l-erja totali tal-art) |
| 16 | L-iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija finali | Il-linja bażi tirreferi għall-konsum annwali tal-enerġija finali u primarja qabel l-intervent, u l-valur miksub jirreferi għall-konsum annwali tal-enerġija finali u primarja għas-sena ta' wara l-intervent.<br>L-iffrankar tal-enerġija f'bini individwali għandu jiġi ddokumentat abbażi taċ-Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija jew kriterji oħra għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija mmirat jew miksub stipulat fid-dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni). | kWh/m2 (jekk tkun disponibbli l-erja totali tal-art) |
| 17 | | | MWh/sena |
| Settur tat-trasport bit-triq | | | |
| Indikaturi tal-kuntest | | | |
| 18 | L-għadd ta' utenti tat-trasport vulnerabbli | F'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 2, il-punt (12). | L-għadd ta' unitajiet domestiċi |
| 19 | L-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar tat-trasport | F'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 2, il-punt (2). | L-għadd ta' unitajiet domestiċi |
| Indikaturi tal-output | | | |
| 20 | L-għadd ta' utenti tat-trasport vulnerabbli li bbenefikaw minn mill-inqas miżura strutturali waħda li naqqset l-emissjonijiet tagħhom fis-settur tat-trasport bit-triq | F'konformità mal-Artikolu 2, il-punt (12) u l-Artikolu 8(1). Miżuri dovuti għall-appoġġ mill-Fond biss. | L-għadd ta' unitajiet domestiċi |

| Numru | Indikatur komuni relatat mal-appoġġ tal-Fond | Spjegazzjoni | Unità |
|---|---|---|---|
| 21 | Ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero | L-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero appoġġati minn miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | L-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet żero |
| 22 | Ix-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi | L-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi appoġġati minn miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | L-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi |
| 23 | Ix-xiri ta' roti u vetturi ta' mikromobbiltà | L-għadd ta' roti u vetturi ta' mikromobbiltà appoġġati minn miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | L-għadd ta' roti u vetturi ta' mikromobbiltà |
| 24 | Infrastruttura addizzjonali għall-fjuwils alternattivi (punti tar-rifornimenti/tal-irriċarġjar) | L-għadd ta' punti tar-rifornimenti u tal-irriċarġjar (ġodda jew aġġornati) għal vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi appoġġati minn miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond, b'enfasi addizzjonali fuq żoni remoti.<br>It-termini "fjuwil alternattiv", "punt tal-irriċarġjar" u "punt tar-rifornimenti" għandu jkollhom l-istess tifsira bħad-definizzjonijiet ta' dawn it-termini fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<br>L-indikatur għandu jinġabar u jiġi rrapportat separatament għal (i) il-punti tal-irriċarġjar; u (ii) il-punti tar-rifornimenti.<br>Bħala parti minn dan tal-aħħar, (iii) il-punti tar-rifornimenti tal-idroġenu għandhom jiġu rrapportati separatament. | L-għadd ta' punti tar-rifornimenti u tal-irriċarġjar |
| 25 | Biljetti tat-trasport pubbliku bi prezz imnaqqas jew b'xejn | L-għadd ta' utenti tat-trasport pubbliku appoġġati minn miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond.<br>L-indikatur għandu jinġabar u jiġi rrapportat separatament għal (i) biljetti bi prezz imnaqqas; u (ii) biljetti b'xejn. | L-għadd ta' utenti |
| 26 | Soluzzjonijiet addizzjonali ta' mobbiltà kondiviża u mobbiltà bħala servizz | L-għadd ta' utenti ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà kondiviża u mobbiltà bħala servizz appoġġati minn miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | L-għadd ta' utenti |
| 27 | | | Unitajiet |
| 28 | Infrastruttura ddedikata għaċ-ċikliżmu appoġġata | It-tul tal-infrastruttura ddedikata għaċ-ċikliżmu li tkun għadha kif inbniet jew li tkun ġiet aġġornata b'mod sinifikanti permezz ta' proġetti appoġġati mill-Fond. Infrastruttura ddedikata għaċ-ċikliżmu tinkludi faċilitajiet taċ-ċikliżmu separati mit-toroq għat-traffiku tal-vetturi jew partijiet oħra tal-istess triq b'mezzi strutturali (bħal kurduni tal-bankini u barrieri), toroq għaċ-ċikliżmu, mini għaċ-ċikliżmu, eċċ. Għall-infrastruttura taċ-ċikliżmu b'korsiji separati f'direzzjoni waħda (eż. fuq kull naħa ta' triq), it-tul jitkejjel bħala t-tul tal-korsija. | L-għadd ta' km |
| Indikaturi tar-riżultati | | | |
| 29 | It-tnaqqis fl-għadd ta' utenti tat-trasport vulnerabbli | It-tnaqqis fl-għadd ta' utenti tat-trasport vulnerabbli bħala riżultat ta' miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | % |

| Numru | Indikatur komuni relatat mal-appoġġ tal-Fond | Spjegazzjoni | Unità |
|---|---|---|---|
| 30 | It-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar tat-trasport | It-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar tat-trasport bħala riżultat ta' miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | % |
| 31 | It-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport bit-triq | L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport bit-triq li rriżulta minn miżuri u investimenti ffinanzjati mill-Fond.<br>L-emissjonijiet fis-settur tat-trasport bit-triq huma definiti bħala dawk koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE (għas-settur tat-trasport bit-triq, is-sorsi tal-emissjonijiet 1A3b kif stabbiliti fil-Linji Gwida tal-IPCC għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-2006). | ktCO2e |
| Mikrointrapriżi (kemm is-settur tal-bini kif ukoll dak tat-trasport bit-triq) | | | |
| Indikaturi tal-kuntest | | | |
| 32 | L-għadd ta' mikrointrapriżi vulnerabbli | F'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 2, il-punt (11). | L-għadd ta' mikrointrapriżi |
| Indikaturi tal-output | | | |
| 33 | L-għadd ta' mikrointrapriżi vulnerabbli li bbenefikaw minn mill-inqas miżura strutturali waħda li naqqset l-emissjonijiet tagħhom fis-settur tal-bini u s-settur tat-trasport bit-triq | F'konformità mal-Artikolu 2, il-punt (11) u l-Artikolu 8(1). Miżuri dovuti għall-appoġġ mill-Fond biss. | L-għadd ta' mikrointrapriżi |
| Indikaturi tar-riżultati | | | |
| 34 | It-tnaqqis fl-għadd ta' mikrointrapriżi vulnerabbli | It-tnaqqis fl-għadd ta' mikrointrapriżi vulnerabbli bħala riżultat ta' miżuri u investimenti ffinanzjati taħt il-Fond. | % |
| Appoġġ Dirett għall-introjtu temporanju | | | |
| Indikaturi tal-kuntest | | | |
| 35 | Sehem tal-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju fil-kostijiet totali tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima | F'konformità mal-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 10. | % |
| Indikaturi tal-output | | | |
| 36 | L-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli li rċevew appoġġ temporanju dirett għall-introjtu | L-indikatur għandu jindika l-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli li jkunu rċevew appoġġ dirett għall-introjtu temporanju, u b'hekk jingħaddu r-riċevituri finali kollha tal-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju mħallas taħt il-Fond.<br>L-indikatur għandu jinġabar u jiġi rrapportat separatament għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u għall-utenti tat-trasport vulnerabbli, f'konformità mal-Artikolu 2, il-punti (10) u (12) u l-Artikolu 4(3). | L-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli (unità: unitajiet domestiċi) |
| 37 | | | L-għadd ta' utenti tat-trasport vulnerabbli (unità: unitajiet domestiċi) |

| Numru | Indikatur komuni relatat mal-appoġġ tal-Fond | Spjegazzjoni | Unità |
|---|---|---|---|
| Indikaturi tar-riżultati | | | |
| 38 | Appoġġ temporanju medju dirett għall-introjtu għal kull unità domestika vulnerabbli u utent tat-trasport vulnerabbli | L-indikatur għandu jindika l-ammont medju ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju riċevut għal kull unità domestika vulnerabbli u utent tat-trasport vulnerabbli taħt il-Fond. | EUR/unità domestika (settur tal-bini) |
| 39 | | | EUR/unità domestika (settur tat-trasport bit-triq) |

*ANNESS V*

Mudell għall-Pjanijiet Soċjali għall-Klima msemmija fl-Artikolu 6(7)

Werrej

1. ĦARSA ĠENERALI U PROĊESS BIEX JIĠI STABBILIT IL-PJAN SOĊJALI GĦALL-KLIMA ....43

1.1. Taqsira eżekuttiva....43

1.2. Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-politika ....43

1.3. Proċess ta' konsultazzjoni pubblika ....43

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI U L-INVESTIMENTI, L-OBJETTIVI INTERMEDJI U L-MIRI....44

2.1. KOMPONENT [1][2]: [settur tal-bini][settur tat-trasport] ....44

(i) Deskrizzjoni tal-komponent ....44

(ii) Deskrizzjoni tal-miżuri u l-investimenti tal-komponent ....44

(iii) La tagħmilx ħsara sinifikanti ....44

(iv) Objettivi intermedji, miri u skeda ta' żmien ....45

(v) Finanzjament u kostijiet....45

(vi) Ġustifikazzjoni għall-entitajiet benefiċjarji għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli (jekk applikabbli) ....45

(vii) Kostijiet totali stmati tal-komponent ....46

(viii) Xenarju fil-każ ta' bidu aktar tard tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ....46

2.2. KOMPONENT [3]: appoġġ dirett għall-introjtu ....46

(i) Deskrizzjoni tal-komponent ....46

(ii) Deskrizzjoni tal-miżuri tal-komponent ....46

(iii) Objettivi intermedji u miri għal miżuri ta' appoġġ dirett għall-introjtu ....47

(iv) Ġustifikazzjoni għall-miżuri ....47

(v) Kostijiet tal-miżuri ....47

(vi) Ġustifikazzjoni għall-entitajiet benefiċjarji għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli (jekk applikabbli) ....47

(vii) Il-kost stmat tal-Pjan għall-komponent tal-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju. ....48

(viii) Xenarju fil-każ ta' bidu aktar tard tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ....48

2.3. Assistenza teknika....48

2.4. Trasferimenti għal programmi ta' ġestjoni kondiviża ....48

2.5. Kostijiet ....48

3. ANALIŻI U IMPATT ĠENERALI ....49

3.1. Definizzjonijiet....49

3.2. Impatt proġettat fuq gruppi vulnerabbli ....49

3.3. Impatt proġettat tal-miżuri u l-investimenti ppjanati ....49

4. KOMPLEMENTARJETÀ, ADDIZZJONALITÀ U IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN....50

4.1. Monitoraġġ u implimentazzjoni tal-Pjan ....50

4.2. Konsistenza ma' inizjattivi oħra ....50

4.3. Komplementarjetà tal-finanzjament....50

4.4. Addizzjonalità ..... 50
4.5. Speċifiċitajiet ġeografiċi ..... 51
4.6. Prevenzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitt ta' interessi ..... 51
4.7. Informazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità ..... 51

## 1. ĦARSA ĠENERALI U PROĊESS BIEX JIĠI STABBILIT IL-PJAN SOĊJALI GĦALL-KLIMA

### 1.1. Taqsira eżekuttiva

Il-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-Istat Membru b'enfasi partikolari fuq l-isfidi ewlenin mill-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tal-bini u dak tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u kif il-Pjan ser iwieġeb għal dawn l-isfidi.

It-tabella ta' ħarsa ġenerali li tiġbor fil-qosor l-objettivi ewlenin tal-Pjan, flimkien mal-kostijiet totali stmati tal-Pjan, inkluż il-kontribuzzjoni mill-Fond, il-kontribuzzjoni nazzjonali u r-riżorsi mill-programmi ta' ġestjoni kondiviża li għandhom jiġu ttrasferiti lill-Fond, maqsuma fit-tliet oqsma ta' intervent: miżuri u investimenti għas-settur tal-bini, għas-settur tat-trasport bit-triq, u miżuri għal appoġġ dirett għall-introjtu, abbażi tal-mudell ta' hawn taħt:

| Qasam ta' intervent | Kostijiet totali (assoluti u % tal-finanzjament totali) skont is-sors ta' finanzjament | Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri u l-investimenti ewlenin ippjanati | Objettivi tal-miżuri u l-investimenti | Impatt tal-miżuri u l-investimenti | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Tnaqqis fl-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli (unità: unitajiet domestiċi) | Tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 |
| Settur tal-bini | | | | | |
| Settur tat-trasport bit-triq | | | | | |
| Appoġġ dirett għall-introjtu temporanju | | | | | |
| Assistenza teknika (Artikolu 8(3)) | | | | | |
| Kontribuzzjoni għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (Artikolu 11(3)) | | | | | |
| Kontribuzzjoni għall-kompartiment tal-Istati Membri f'InvestEU (Artikolu 11(3)) | | | | | |

### 1.2. Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-politika

Informazzjoni dwar il-politiki nazzjonali attwali dwar l-enerġija u l-klima, kif qed jiġu applikati fil-kuntest nazzjonali, b'enfasi partikolari fuq is-setturi tal-bini u tat-trasport u fir-rigward tal-gruppi l-aktar vulnerabbli.

### 1.3. Proċess ta' konsultazzjoni

Taqsira tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, kif implimentat f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-Pjan, li jkopri l-ambitu, it-tip, u ż-żmien tal-attivitajiet ta' konsultazzjonijiet, kif ukoll kif il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati huma riflessi fil-Pjan.

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI U L-INVESTIMENTI, L-OBJETTIVI INTERMEDJI U L-MIRI

Informazzjoni għal kull komponent għat-tliet oqsma tal-Pjan separatament:

— settur tal-bini;

— settur tat-trasport bit-triq;

— appoġġ dirett għall-introjtu temporanju.

Komponent jista' jinkludi diversi subkomponenti li jiffukaw fuq sfida jew ħtieġa speċifika. Kull komponent jew subkomponent jista' jinkludi miżura jew investiment wieħed jew diversi marbutin mill-qrib jew dipendenti b'mod reċiproku.

2.1. KOMPONENT [1][2]: [settur tal-bini] [settur tat-trasport]

Informazzjoni dwar il-komponent:

(i) Deskrizzjoni tal-komponent

Kaxxa ta' taqsira:

| |
|---|
| Kaxxa ta' taqsira għall-Komponent [1][2] [settur tal-bini] [settur tat-trasport] |
| Qasam ta' intervent: [settur tal-bini] [settur tat-trasport] |
| Objettiv: |
| Miżuri u investimenti: |
| Kostijiet totali stmati: EUR xx, li minnhom |
| Kostijiet mitluba biex jiġu koperti taħt il-Fond: EUR xx |
| Kostijiet li għandhom jiġu koperti mill-kontribuzzjoni nazzjonali: EUR xx |

(ii) Deskrizzjoni tal-miżuri u l-investimenti tal-komponent

Deskrizzjoni dettaljata tal-komponent u l-miżuri u l-investimenti speċifiċi tiegħu, kif ukoll l-interkonnessjonijiet u s-sinerġiji tagħhom, li tkopri dan li ġej:

— Analiżi ċara u bbażata fuq l-evidenza tal-isfidi eżistenti u kif dawn jiġu indirizzati mill-miżuri u l-investimenti;

— In-natura, it-tip u d-daqs tal-miżura jew l-investiment, li jistgħu jinkludu miżuri ta' appoġġ tekniku addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 11(4), filwaqt li jiġi indikat jekk hijiex miżura jew investiment ġdid jew eżistenti maħsuba li jiġu estiżi bl-appoġġ mill-Fond;

— Informazzjoni dettaljata dwar l-objettiv tal-miżura jew l-investiment u dwar min u xiex huwa fil-mira tagħhom; spjegazzjoni ta' kif il-miżura u l-investiment jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tal-objettivi tal-Fond fil-qafas ġenerali tal-politiki rilevanti ta' Stat Membru, u kif dawn ser inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili;

— Deskrizzjoni ta' kif jiġu implimentati l-miżura jew l-investiment (mezzi ta' implimentazzjoni), b'referenza għall-kapaċità amministrattiva tal-Istat Membru fil-livell ċentrali u, fejn rilevanti, dak reġjonali u lokali, bi spjegazzjoni dwar kif ir-riżorsi ser jiġu assorbiti fil-ħin u kif jiġu diretti lejn il-livelli subnazzjonali, jekk applikabbli;

— Spjegazzjoni ta' kif il-miżura jew l-investiment ser ikollhom l-għan li jindirizzaw l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, jekk applikabbli;

— L-iskeda ta' żmien tal-miżura jew tal-investiment; għall-appoġġ li jikkonċerna vetturi b'emissjonijiet baxxi, skeda ta' żmien għat-tnaqqis gradwali ta' dak -appoġġ.

(iii) La tagħmilx ħsara sinifikanti

Informazzjoni dwar kif il-miżuri u l-investimenti inklużi fil-komponent jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852. Il-Kummissjoni ser tipprovdi gwida teknika, skont l-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament.

(iv) Objettivi intermedji, miri u skeda ta' żmien

Informazzjoni dwar kull objettiv intermedju u mira li ser jirriflettu l-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti ta' dan il-komponent, kif ġej:

— għaliex intgħażlu l-objettiv intermedju jew il-mira speċifiċi;

— x'qed ikejlu l-objettiv intermedju jew il-mira;

— kif ser jitkejjel, liema metodoloġija u sors ser jintużaw, u kif ser tiġi vverifikata b'mod oġġettiv il-kisba xierqa tal-objettiv intermedju jew il-mira;

— x'inhi l-linja bażi (il-punt tat-tluq) u x'inhu l-livell jew il-punt speċifiku li għandu jintlaħaq;

— sa meta ser jintlaħaq (kull tliet xhur u kull sena);

— min u liema istituzzjoni ser ikunu inkarigati mill-implimentazzjoni, il-kejl u r-rappurtar.

Tabella li fiha l-objettivi intermedji, il-miri u l-iskeda ta' żmien għall-komponenti bl-informazzjoni li ġejja:

| Numru ta' sek-wenza | Isem tal-miżura/investi-ment | Objettiv inter-medju jew Mira | Isem tal-objet-tiv inter-med-ju/mira | Indikaturi kwalitat-tivi (objettivi intermedji) | Indikaturi kwantitattivi (miri) | | | Skeda ta' żmien għall-kisba | | Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl/in-vesti-ment | Linja bażi | Għan | Trimes-tru | Sena | |
| | | | | | | | | | | |

(v) Finanzjament u kostijiet

Informazzjoni u spjegazzjoni dwar il-kost totali stmat tal-komponent u għal kull miżura u investiment, sostnut b'ġustifikazzjoni xierqa, inkluż:

— Il-metodoloġija użata, is-suppożizzjonijiet sottostanti li saru (eż. dwar il-kostijiet unitarji, il-kostijiet tal-inputs) u l-ġustifikazzjoni għal dawn is-suppożizzjonijiet;

— L-iskeda ta' żmien komprensiva indikattiva li fiha dawn il-kostijiet mistennija li jiġġarrbu;

— Informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet totali tal-miżuri u l-investimenti;

— Kwalunkwe informazzjoni dwar liema finanzjament minn strumenti oħra tal-Unjoni huwa jew jista' jiġi previst relatat mal-istess komponent;

— Kwalunkwe informazzjoni dwar il-finanzjament previst minn sorsi privati u liema livell ta' ingranaġġ huwa mmirat, jekk rilevanti;

— Ġustifikazzjoni dwar il-plawżibbiltà u r-raġonevolezza tal-kostijiet stmati, fejn meħtieġ, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali.

(vi) Ġustifikazzjoni għall-entitajiet benefiċjarji għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli (jekk applikabbli)

Jekk l-appoġġ mill-Fond jiġi pprovdut permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli, jew utenti tat-trasport vulnerabbli, spjegazzjoni ta' liema miżuri jew investimenti dawk l-entitajiet ser iwettqu u kif dawk il-miżuri u l-investimenti fl-aħħar mill-aħħar ser ikunu għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli;

Jekk l-appoġġ mill-Fond jiġi pprovdut permezz ta' intermedjarji finanzjarji, deskrizzjoni tal-miżuri li l-Istat Membru jkun beħsiebu jadotta biex jiżgura li l-intermedjarji finanzjarji jgħaddu l-benefiċċju kollu lir-riċevituri finali.

(vii) Kostijiet totali stmati tal-komponent

Imla t-tabella dwar il-kost stmat tal-miżuri u l-investimenti inklużi fil-komponent, f'konformità mal-mudell pprovdut hawn taħt:

| Numru ta' Sek-wenza | Miżura relatata (miżura jew investiment) | Perjodu taż-żmien rilevanti | | Kostijiet stmati li għalihom qed jintalab finanzjament mill-Fond | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Total mitlub | Jekk disponibbli: aqsam skont is-sena | | | | | | |
| | | Mid-data | Sad-data | Ammont (mn EUR) | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 |
| | | | | | | | | | | | |

(viii) Xenarju fil-każ ta' bidu aktar tard tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet

Deskrizzjoni u kwantifikazzjoni tal-aġġustamenti meħtieġa għall-miżuri, l-investimenti, l-objettivi intermedji, il-miri, l-ammont tal-kontribuzzjoni nazzjonali u kwalunkwe element rilevanti ieħor tal-Pjan li jirriżulta mill-posponiment tal-bidu tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE f'konformità mal-Artikolu 30k ta' dik id-Direttiva.

Verżjoni separata tal-kaxxa ta' taqsira, it-tabella dwar l-objettivi intermedji, il-miri u l-iskeda ta' żmien u t-tabella dwar il-kostijiet stmati.

2.2. KOMPONENT [3]: appoġġ dirett għall-introjtu

Informazzjoni dwar il-Komponent għall-appoġġ dirett għall-introjtu:

(i) Deskrizzjoni tal-komponent

Kaxxa ta' taqsira:

| |
|---|
| Kaxxa ta' taqsira għall-Komponent 3 - appoġġ dirett għall-introjtu |
| Qasam ta' intervent: appoġġ dirett għall-introjtu |
| Objettiv: |
| Miżuri: |
| Kostijiet totali stmati: EUR xx, li minnhom |
| Kostijiet mitluba biex jiġu koperti taħt il-Fond: EUR xx |
| Kostijiet li għandhom jiġu koperti mill-kontribuzzjoni nazzjonali: EUR xx |

(ii) Deskrizzjoni tal-miżuri tal-komponent

Deskrizzjoni dettaljata tal-komponent u l-miżuri speċifiċi tiegħu, kif ukoll l-interkonnessjonijiet u s-sinerġiji tagħhom, inkluż:

— Analiżi ċara u bbażata fuq l-evidenza tal-isfidi eżistenti u kif dawn jiġu indirizzati mill-miżuri u l-objettivi tal-appoġġ;

— In-natura, it-tip u d-daqs tal-appoġġ;

— Informazzjoni dettaljata dwar ir-riċevituri finali tal-appoġġ u l-kriterji użati għall-identifikazzjoni tagħhom;

— L-iskeda ta' żmien għat-tnaqqis fl-appoġġ dirett għall-introjtu f'konformità mal-iskeda ta' żmien tal-Fond, inkluż data ta' tmiem konkreta għall-appoġġ;

— Spjegazzjoni ta' kif l-appoġġ ser ikollu l-għan li jindirizza l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, jekk applikabbli;

— Deskrizzjoni ta' kif jiġi implimentat l-appoġġ;

— Informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet tal-miżuri.

(iii) Objettivi intermedji u miri għal miżuri ta' appoġġ dirett għall-introjtu

Informazzjoni dwar kull objettiv intermedju u mira li ser jirriflettu l-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-komponent, kif ġej:

— għaliex intgħażlu l-objettiv intermedju jew il-mira speċifiċi;

— x'qed ikejlu l-objettiv intermedju jew il-mira;

— kif ser jitkejjel, liema metodoloġija u sors ser jintużaw, u kif ser tiġi vverifikata b'mod oġġettiv il-kisba xierqa tal-objettiv intermedju jew il-mira;

— x'inhi l-linja bażi (il-punt tat-tluq) u x'inhu l-livell jew il-punt speċifiku li għandu jintlaħaq;

— sa meta ser jintlaħaq;

— min u liema istituzzjoni ser ikunu inkarigati mill-implimentazzjoni, il-kejl u r-rappurtar.

Tabella li fiha l-objettivi intermedji, il-miri u l-iskeda ta' żmien għall-miżuri ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju, il-mudell qed jiġi pprovdut hawn taħt:

| Numru ta' sek-wenza | Miżura | Objettiv inter-medju jew Mira | Isem tal-objet-tiv inter-med-ju/mira | Indikaturi kwalitat-tivi (objettivi intermedji) | Indikaturi kwantitattivi (miri) | | | Skeda ta' żmien għall-kisba | | Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Trimes-tru | Sena | |
| | | | | | | | | | | |

(iv) Ġustifikazzjoni għall-miżuri

Ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 6(1) u 8(2):

— Stima kwantitattiva u spjegazzjoni kwalitattiva ta' kif il-miżuri fil-Pjan huma mistennija li jnaqqsu l-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport u l-vulnerabbiltà tal-unitajiet domestiċi u tal-utenti tat-trasport għal żieda fil-prezzijiet tat-trasport bit-triq u tal-fjuwil għat-tisħin;

— Ġustifikazzjoni dwar l-iskeda ta' żmien proposta tal-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju li jkun qed jonqos u l-kondizzjonijiet meta dan ma jibqax japplika;

— Deskrizzjoni ta' kif il-gruppi ta' riċevituri ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju huma fil-mira wkoll ta' miżuri u investimenti strutturali biex jitneħħew b'mod effettiv mill-faqar enerġetiku u mill-faqar tat-trasport, u deskrizzjoni tal-komplementarjetà tal-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju ma' miżuri u investimenti strutturali biex jiġu appoġġati unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli.

(v) Kostijiet tal-miżuri

Informazzjoni dwar il-kostijiet totali stmati tal-komponent, sostnut b'ġustifikazzjoni xierqa, inkluż:

— Il-metodoloġija użata, is-suppożizzjonijiet sottostanti li saru u l-ġustifikazzjoni għal dawn is-suppożizzjonijiet;

— Id-data komparattiva tal-kostijiet dwar il-kost reali, jekk ikunu twettqu miżuri ta' appoġġ simili fil-passat;

— Kwalunkwe informazzjoni dwar liema finanzjament minn strumenti oħra tal-Unjoni huwa jew jista' jiġi previst relatat mal-istess appoġġ;

— Ġustifikazzjoni dettaljata xierqa dwar il-plawżibbiltà u r-raġonevolezza tal-kostijiet stmati, inkluż kwalunkwe data jew evidenza użata annessa mal-Pjan.

(vi) Ġustifikazzjoni għall-entitajiet benefiċjarji għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli (jekk applikabbli)

Jekk l-appoġġ mill-Fond jiġi pprovdut permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli jew utenti tat-trasport vulnerabbli, spjegazzjoni ta' x'tip ta' miżuri ser iwettqu dawk l-entitajiet u kif dawk il-miżuri fl-aħħar mill-aħħar ser ikunu għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli jew utenti tat-trasport vulnerabbli.

Jekk l-appoġġ mill-Fond jiġi pprovdut permezz ta' intermedjarji finanzjarji, deskrizzjoni tal-miżuri li l-Istat Membru jkun beħsiebu jadotta biex jiżgura li l-intermedjarji finanzjarji jgħaddu l-benefiċċju kollu lir-riċevituri finali.

(vii) Il-kost stmat tal-Pjan għall-komponent tal-appoġġ dirett għall-introjtu temporanju.

Imla t-tabella dwar il-kost stmat tal-appoġġ inkluż fil-komponent, il-mudell huwa pprovdut hawn taħt:

| Numru ta' sek-wenza | Tip ta' appoġġ | Perjodu taż-żmien rilevanti | | Kostijiet stmati li għalihom qed jintalab finanzjament mill-Fond | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Total mitlub | Jekk disponibbli: aqsam skont is-sena | | | | | | |
| | | Mid-data | Sad-data | Ammont (mn EUR) | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 |
| | | | | | | | | | | | |

(viii) Xenarju fil-każ ta' bidu aktar tard tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet

Deskrizzjoni u kwantifikazzjoni tal-aġġustamenti meħtieġa għall-miżuri, l-investimenti, l-objettivi intermedji, il-miri, l-ammont tal-kontribuzzjoni nazzjonali u kwalunkwe element rilevanti ieħor tal-Pjan li jirriżulta mill-posponiment tal-bidu tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE f'konformità mal-Artikolu 30k ta' dik id-Direttiva.

Verżjoni separata tal-kaxxa ta' taqsira, it-tabella dwar l-objettivi intermedji, il-miri u l-iskeda ta' żmien u t-tabella dwar il-kostijiet stmati.

2.3. Assistenza teknika

Deskrizzjoni tal-azzjonijiet ta' assistenza teknika li ser jiġu inklużi għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-miżuri u l-investimenti stipulati fil-Pjan, f'konformità mal-Artikolu 8(3), inkluż:

— in-natura, it-tip u d-daqs tal-azzjonijiet ta' assistenza teknika;

— il-kost stmat tal-azzjonijiet ta' assistenza teknika.

2.4. Trasferimenti għal programmi ta' ġestjoni kondiviża

Jekk ir-riżorsi jkunu maħsuba biex jiġu ttrasferiti mill-Fond għal fondi taħt ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 11(2), indikazzjoni ta' lejn liema programmi ser jiġu ttrasferiti dawn ir-riżorsi u taħt liema skeda ta' żmien, u indikazzjoni ta' kif il-miżuri u l-investimenti li għandhom jiġu implimentati taħt dawk il-programmi jikkonformaw mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, inkluż jekk jaqgħux taħt il-miżuri u l-investimenti stipulati fl-Artikolu 8.

2.5. Kostijiet totali stmati tal-Pjan

Il-kostijiet totali stmati tal-Pjan, inkluż kwalunkwe ammont li jsir disponibbli għal appoġġ tekniku addizzjonali skont l-Artikolu 11(4) ta' dan ir-Regolament, l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus għall-fini tal-kompartiment tal-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/523 u kwalunkwe ammont disponibbli għal assistenza teknika addizzjonali skont l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament.

Indikazzjoni tal-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet totali tal-pjan tiegħu inkluż indikazzjoni ta' kwalunkwe riżorsa maħsuba biex tiġi ttrasferita lill-Fond mill-programmi ta' ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe riżorsa maħsuba biex tiġi ttrasferita mill-Fond għal programmi ta' ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament.

Deskrizzjoni ta' kif il-kostijiet huma konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonati mal-impatt mistenni tal-Pjan.

Imla t-tabella li tiġbor fil-qosor il-kost tal-Fond skont is-sors tal-finanzjament, il-mudell huwa pprovdut hawn taħt:

| Kostijiet totali tal-Pjan Soċjali għall-Klima | Każ bażi | Fil-każ tal-Artikolu 30k tad-Direttiva 2003/87/KE |
|---|---|---|
| KOSTIJIET TOTALI STMATI TAL-PJAN, li minnhom | EUR XXX | EUR XXX |
| Koperti mill-Fond | EUR XXX | EUR XXX |
| Kontribuzzjoni nazzjonali | EUR XXX | EUR XXX |
| Trasferimenti minn programmi ta' ġestjoni kondiviża | EUR XXX | EUR XXX |
| (Trasferimenti għal programmi ta' ġestjoni kondiviża) | -EUR XXX | -EUR XXX |

3. ANALIŻI U IMPATT ĠENERALI

3.1. Definizzjonijiet

Spjegazzjoni ta' kif id-definizzjonijiet tal-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport għandhom jiġu applikati fil-livell nazzjonali.

3.2. Impatt proġettat fuq gruppi vulnerabbli

Stima tal-effetti probabbli taż-żieda fil-prezzijiet li jirriżultaw mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE fuq unitajiet domestiċi, u b'mod partikolari dwar l-inċidenza tal-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport, u fuq il-mikrointrapriża, li tinkludi b'mod partikolari, stima tal-għadd ta', u l-identifikazzjoni ta', unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli. Dawn l-effetti għandhom jiġu analizzati fil-livell territorjali xieraq kif stabbilit minn kull Stat Membru, filwaqt li jitqiesu speċifiċitajiet u elementi nazzjonali bħall-aċċess għat-trasport pubbliku u għal servizzi bażiċi u jiġu identifikati ż-żoni l-aktar affettwati.

Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata fl-istimi, filwaqt li jiġi żgurat li l-istimi jiġu kkalkulati b'livell suffiċjenti ta' diżaggregazzjoni reġjonali.

3.3. Impatt proġettat tal-miżuri u l-investimenti ppjanati

Stima tal-impatti proġettati tal-miżuri u l-investimenti ppjanati fit-Taqsima 2 dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-faqar enerġetiku u l-faqar tat-trasport, meta mqabbla mal-linja bażi deskritta hawn fuq.

Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata fl-istimi.

Tabelli kwalitattivi u kwantitattivi dwar l-impatt tal-Pjan, il-mudell huwa pprovdut hawn taħt:

| Komponent | Deskrizzjoni tal-impatti mistennija tal-komponent fuq: (inkluż l-indikaturi kwantitattivi rilevanti) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Effiċjenza enerġetika | Rinnovazzjoni tal-bini | Mobbiltà u t-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi | Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra | Tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli (unità: unitajiet domestiċi) |
| Pjan ġenerali | | | | | |
| Settur tal-bini | | | | | |
| Settur tat-trasport bit-triq | | | | | |

| Komponent | Kwantifikazzjoni tal-impatt (jekk disponibbli) jiġifieri d-differenza % minn linja bażi newtrali għall-politika | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Terminu qasir (tliet snin bil-quddiem) | | | Terminu medju (tmiem il-pjan) | | |
| | Emissjonijiet ta' gassijiet serra | Unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku | Unitajiet domestiċi f'faqar tat-trasport | Emissjonijiet ta' gassijiet serra | Unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku | Unitajiet domestiċi f'faqar tat-trasport |
| Pjan ġenerali | | | | | | |
| Settur tal-bini | | | | | | |
| Settur tat-trasport bit-triq | | | | | | |

Tabella kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-impatt mistenni tal-miżuri ta' appoġġ dirett għall-introjtu temporanju fuq it-tnaqqis tal-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli kif ukoll unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku u ta' faqar tat-trasport, il-mudell huwa pprovdut hawn taħt:

| Komponent: appoġġ dirett għall-introjtu | |
|---|---|
| Tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-utenti tat-trasport vulnerabbli | Deskrizzjoni tal-impatti mistennija |
| | Stima tal-impatti mistennija; unità: unitajiet domestiċi |
| Tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku u faqar tat-trasport | Deskrizzjoni tal-impatti mistennija |
| | Stima tal-impatti mistennija; unità: unitajiet domestiċi |

## 4. KOMPLEMENTARJETÀ, ADDIZZJONALITÀ U IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN

Din il-parti tikkonċerna l-Pjan kollu. Id-diversi kriterji msemmija hawn taħt jeħtieġ li jiġu ġġustifikati għall-Pjan kollu kemm hu.

### 4.1. Monitoraġġ u implimentazzjoni tal-Pjan

Spjegazzjoni dwar kif l-Istat Membru biħsiebu jimplimenta l-miżuri u l-investimenti proposti, b'enfasi fuq l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni inkluż, fejn rilevanti, il-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 21.

### 4.2. Konsistenza ma' inizjattivi oħra

Spjegazzjoni dwar kif il-Pjan huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża u l-impenji meħuda mill-Istat Membru skont pjanijiet u fondi rilevanti oħra, u l-interazzjoni bejn il-pjanijiet differenti fil-futur, kif stipulat fl-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 16(3), il-punt (b) (iii).

### 4.3. Komplementarjetà tal-finanzjament

Informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat ta' miżuri u investimenti minn sorsi oħra tal-Unjoni, internazzjonali, pubbliċi, jew, fejn rilevanti, privati, li jikkontribwixxu għall-miżuri u investimenti li jinsabu fil-Pjan, inkluż dwar appoġġ dirett għall-introjtu temporanju, skont l-Artikolu 6(1), il-punt (c).

### 4.4. Addizzjonalità

Spjegazzjoni u ġustifikazzjoni ta' kif il-miżuri jew l-investimenti ġodda jew eżistenti huma addizzjonali u ma jissostitwixxux in-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, skont l-Artikolu 13(2), inkluż tali spjegazzjoni u ġustifikazzjoni fir-rigward tal-miżuri u l-investimenti inklużi fil-Pjan f'konformità mal-Artikolu 4(5).

4.5. Speċifiċitajiet ġeografiċi

Spjegazzjoni ta' kif l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi, bħall-gżejjer, ir-reġjuni u t-territorji ultraperiferiċi, iż-żoni rurali jew remoti, il-periferiji inqas aċċessibbli, żoni muntanjużi jew żoni li għadhom lura, ġew ikkunsidrati mill-Pjan.

4.6. Prevenzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitt ta' interessi

Sistema għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitt ta' interessi, meta jintużaw il-fondi pprovduti taħt il-Fond, u l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 21 u l-Anness III, inkluż fondi mogħtija permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli f'konformità mal-Artikolu 9.

4.7. Informazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità

Il-konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 li jirreferu għal aċċess pubbliku għad-data, filwaqt li jiġi indikat is-sit web li fih ser tiġi ppubblikata d-data, kif ukoll il-miżuri ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà.

Deskrizzjoni tal-istrateġija nazzjonali ta' komunikazzjoni maħsuba biex tiżgura s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-finanzjament mill-Unjoni.

# REGOLAMENT (UE) 2023/956 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-10 ta' Mejju 2023**

**li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew"), il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir. Din l-istrateġija għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) sa mhux aktar mill-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipproteġi, jippreserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u l-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-trasformazzjoni trid tkun waħda ġusta u inklużiva biex ħadd ma jitħalla lura. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll fil-komunikazzjoni tagħha tat-12 ta' Mejju 2021 intitolata "Perkors lejn Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd, Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija", il-promozzjoni ta' strumenti u inċentivi rilevanti biex jiġi implimentat aħjar il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas kif stabbilit fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u b'hekk titlesta t-tneħħija gradwali ta' "tniġġis mingħajr ħlas" bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn id-dekarbonizzazzjoni u l-ambizzjoni ta' tniġġis żero.

(2) Il-Ftehim ta' Pariġi ([4]), adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (il-"Ftehim ta' Pariġi"), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Skont il-Patt Klimatiku ta' Glasgow, adottat fit-13 ta' Novembru 2021, il-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC, li serviet ta' laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, irrikonoxxiet ukoll li l-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura medja globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali tkun tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u impenjat ruħha li ssaħħaħ l-objettivi tal-2030 sa tmiem l-2022 biex titnaqqas id-diskrepanza fl-ambizzjoni.

([1]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 181.
([2]) ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.
([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2023.
([4]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

(3) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u sfidi oħra relatati mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kiber biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

(4) L-Unjoni hija impenjata li, sal-2030, tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra fis-setturi kollha tal-ekonomija b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, kif stabbilit fil-preżentazzjoni lill-UNFCCC f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar l-aġġornament tal-kontribut determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha.

(5) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) daħħal fil-leġiżlazzjoni l-objettiv tan-newtralità klimatika fis-setturi kollha tal-ekonomija sa mhux aktar tard mill-2050. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll objettiv domestiku vinkolanti tal-Unjoni, sal-2030, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

(6) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) tal-2018 dwar l-impatti taż-żidiet fit-temperatura globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jipprovdi bażi xjentifika b'saħħitha biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u juri l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni dwar il-klima. Dak ir-rapport jikkonferma li sabiex titnaqqas il-probabbiltà ta' avvenimenti estremi tat-temp, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jeħtieġ li jitnaqqsu b'mod urġenti, u li t-tibdil fil-klima jeħtieġ li jkun limitat għal żieda fit-temperatura globali ta' 1,5 °C. Barra minn hekk, jekk il-perkorsi ta' mitigazzjoni, konsistenti mal-limitu tat-tisħin globali għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, ma jiġux attivati malajr, se jkollhom jittieħdu miżuri ta' adattament ferm aktar kumplessi u li jqumu aktar flus biex jiġu evitati l-impatti ta' livelli ogħla ta' tisħin globali. Il-kontribut tal-Grupp ta' Ħidma I għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC intitolat "Climate Change 2021: The Physical Science Basis" (It-tibdil fil-klima 2021: il-bażi tax-xjenza fiżika) ifakkar li t-tibdil fil-klima diġà qiegħed jolqot kull reġjun tad-dinja u jipprevedi li fid-deċennji li ġejjin, it-tibdil fil-klima se jiżdied fir-reġjuni kollha. Dak ir-rapport jenfasizza li, sakemm ma jkunx hemm tnaqqis immedjat, rapidu u fuq skala kbira fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, it-trażżin tat-tisħin għal kważi 1,5 °C jew saħansitra 2 °C mhux se jkun jista' jintlaħaq.

(7) L-Unjoni qed issegwi politika ambizzjuża marbuta mal-azzjoni dwar il-klima u daħħlet fis-seħħ qafas regolatorju biex tikseb l-objettiv tagħha tal-2030 tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-leġiżlazzjoni li timplimenta dak l-objettiv tikkonsisti, fost l-oħrajn, fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni ("EU ETS") u tipprovdi pprezzar armonizzat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-livell tal-Unjoni għal setturi u sottosetturi b'intensità enerġetika għolja, fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), li jintroduċi objettivi nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, u fir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), li jirrikjedi li l-Istati Membri jikkumpensaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu tal-art bl-assorbimenti tal-gassijiet serra mill-atmosfera.

(8) Filwaqt li l-Unjoni naqqset sostanzjalment l-emissjonijiet interni ta' gassijiet serra tagħha, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra integrati fl-importazzjonijiet lejn l-Unjoni żdiedu, b'hekk ġew kompromessi l-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas l-impronta globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha. L-Unjoni għandha r-responsabbiltà li tkompli tiżvolġi rwol ta' tmexxija fl-azzjoni globali dwar il-klima.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

([6]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

(9) Sakemm għadd sinifikanti ta' sħab internazzjonali tal-Unjoni jkollhom approċċi ta' politika li ma jiksbux fl-istess livell ta' ambizzjoni dwar il-klima, hemm riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sseħħ jekk, għal raġunijiet ta' kostijiet relatati mal-politiki dwar il-klima, in-negozji f'ċerti setturi jew sottosetturi tal-industrija jittrasferixxu l-produzzjoni lejn pajjiżi oħra jew l-importazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi jissostitwixxu prodotti ekwivalenti b'intensità aktar baxxa f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Tali sitwazzjonijiet jistgħu jwasslu għal żieda fl-emissjonijiet globali totali, u b'hekk jipperikolaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li huwa meħtieġ b'mod urġenti jekk irridu li t-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jkomplu l-isforzi biex nillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Hekk kif l-Unjoni żżid l-ambizzjoni tagħha relatata mal-klima, dak ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jista' jikkomprometti l-effikaċja tal-politiki tal-Unjoni relatati mat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

(10) L-inizjattiva għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (is-"CBAM") hija parti mill-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-Mira ta' 55 %". Is-CBAM għandu jservi bħala element essenzjali tas-sett ta' għodod tal-Unjoni biex jintlaħaq l-objettiv ta' Unjoni newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi billi jiġu indirizzati r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju li jirriżultaw miż-żieda fl-ambizzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-klima. Is-CBAM mistenni jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tad-dekarbonizzazzjoni fil-pajjiżi terzi.

(11) Il-mekkaniżmi eżistenti biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'setturi jew sottosetturi fejn tali riskju jeżisti jikkonsistu mill-allokazzjoni tranżitorja bla ħlas tal-kwoti tal-EU ETS u minn miżuri finanzjarji biex jikkumpensaw għall-kostijiet tal-emissjonijiet indiretti mġarrba mill-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. Dawk il-mekkaniżmi huma stabbiliti fl-Artikolu 10a(6) u l-Artikolu 10b tad-Direttiva 2003/87/KE rispettivament. L-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti EU ETS fil-livell ta' dawk bl-aħjar prestazzjoni kienet strument ta' politika għal ċerti setturi industrijali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Madankollu, meta mqabbel mal-irkant sħiħ, tali allokazzjoni bla ħlas iddgħajjef is-sinjal tal-prezz li s-sistema tipprovdi u b'hekk taffettwa l-inċentivi għall-investiment f'aktar tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

(12) Is-CBAM ifittex li jissostitwixxi dawk il-mekkaniżmi eżistenti billi jindirizza r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod differenti, jiġifieri billi jiżgura pprezzar tal-karbonju ekwivalenti għall-importazzjonijiet u l-prodotti interni. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni gradwali mis-sistema attwali ta' kwoti bla ħlas għas-CBAM, is-CBAM għandu jiddaħħal progressivament filwaqt li l-kwoti bla ħlas fis-setturi koperti mis-CBAM jitneħħew gradwalment. L-applikazzjoni kkombinata u tranżitorja tal-kwoti tal-EU ETS allokati bla ħlas u tas-CBAM ma għandha fl-ebda każ tirriżulta fi trattament aktar favorevoli għall-oġġetti tal-Unjoni meta mqabbla mal-oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni.

(13) Il-prezz tal-karbonju qiegħed jiżdied, u l-kumpaniji għandhom bżonn viżibbiltà fit-tul, prevedibbiltà u ċertezza tad-dritt biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom f'dawk li huma investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali. Għaldaqstant, bil-għan li jissaħħaħ il-qafas ġuridiku għall-ġlieda kontra r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jenħtieġ li jiġi stabbilit perkors ċar għall-estensjoni ulterjuri gradwali tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM għall-prodotti, għas-setturi u għas-sottosetturi f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

(14) Filwaqt li l-objettiv tas-CBAM huwa li jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, dan ir-Regolament jinkoraġġixxi wkoll lill-produtturi minn pajjiżi terzi li jużaw teknoloġiji li huma aktar effiċjenti fit-tnaqqis ta' gassijiet serra sabiex jiġu ġġenerati inqas emissjonijiet. Għalhekk, is-CBAM mistenni jagħti appoġġ effikaċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-pajjiżi terzi.

(15) Bħala strument għall-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, is-CBAM jenħtieġ li jiżgura li l-prodotti importati jkunu soġġetti għal sistema regolatorja li tapplika kostijiet tal-karbonju ekwivalenti għal dawk li jinġarrbu fl-ambitu tal-EU ETS, li jirriżulta fi prezz tal-karbonju ekwivalenti għall-importazzjonijiet u għall-prodotti interni. Is-CBAM huwa miżura għall-klima li jenħtieġ li ssostni t-tnaqqis tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra u tipprevjeni r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li tiżgura l-kompatibbiltà mal-leġiżlazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

(16) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiżi terzi, ħlief meta l-produzzjoni tagħhom tkun diġà ġiet soġġetta għall-EU ETS, permezz tal-applikazzjoni għall-pajjiżi jew għat-territorji terzi, jew għal sistema ta' pprezzar tal-karbonju li tkun marbuta bis-sħiħ mal-EU ETS.

(17) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-karbonju tkun kostantement akkumpanjata mill-koeżjoni ekonomika u soċjali, jenħtieġ li jitqiesu, fir-reviżjoni futura ta' dan ir-Regolament, ir-restrizzjonijiet u l-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE kif ukoll tal-Istati insulari li jiffurmaw parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, mingħajr ma jiġu kompromessi l-integrità u l-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni.

(18) Bil-ħsieb li jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'installazzjonijiet offshore, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-oġġetti, jew għall-prodotti pproċessati minn dawk l-oġġetti li jirriżultaw mill-proċedura ta' proċessar attiv, miġjuba fi gżira artifiċjali, struttura fissa jew li żżomm f'wiċċ l-ilma, jew kwalunkwe struttura oħra fuq il-blata kontinentali jew fiż-żona ekonomika esklużiva ta' Stat Membru fejn dik il-blata kontinentali jew żona ekonomika esklużiva hija fil-viċinanzi immedjati tat-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kundizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni tas-CBAM għal tali oġġetti.

(19) Jenħtieġ li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra soġġetti għas-CBAM jikkorrispondu għal dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, jiġifieri d-diossidu tal-karbonju ("$CO_2$") kif ukoll, fejn rilevanti, l-ossidu nitruż u l-perfluworokarburi. Jenħtieġ li s-CBAM inizjalment japplika għall-emissjonijiet diretti ta' dawk il-gassijiet serra mill-mument tal-produzzjoni tal-oġġetti sal-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni, sabiex jirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS biex tiġi żgurata l-koerenza. Jenħtieġ ukoll li s-CBAM japplika għall-emissjonijiet indiretti. Dawk l-emissjonijiet indiretti huma l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-ġenerazzjoni tal-elettriku użat għall-produzzjoni tal-oġġetti li għalihom japplika dan ir-Regolament. L-inklużjoni tal-emissjonijiet indiretti tkun tkompli żżid l-effikaċja ambjentali tas-CBAM u l-ambizzjoni tiegħu biex jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Jenħtieġ, madankollu, li l-emissjonijiet indiretti ma jitqisux inizjalment għall-oġġetti li fir-rigward tagħhom japplikaw fl-Unjoni l-miżuri finanzjarji li jikkumpensaw għall-kostijiet tal-emissjonijiet indiretti mġarrba mill-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. Dawk l-oġġetti huma identifikati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-reviżjonijiet futuri tal-EU ETS fid-Direttiva 2003/87/KE u, b'mod partikolari, ir-reviżjonijiet tal-miżuri ta' kumpens tal-kostijiet indiretti jiġu riflessi kif xieraq fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, jenħtieġ li tinġabar data bil-għan li tispeċifika ulterjorment il-metodoloġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti. Dik il-metodoloġija jenħtieġ li tqis il-kwantità ta' elettriku użat għall-produzzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-pajjiż tal-oriġini, is-sors ta' ġenerazzjoni u l-fatturi ta' emissjoni relatati ma' dak l-elettriku. Jenħtieġ li l-metodoloġija speċifika tkun speċifikata ulterjorment bil-għan li jinkiseb l-aktar mod adegwat biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tiġi żgurata l-integrità ambjentali tas-CBAM.

(20) L-EU ETS u s-CBAM jikkondividu għan komuni li jipprezzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra integrati fl-istess setturi u oġġetti permezz tal-użu ta' kwoti jew ċertifikati speċifiċi. Iż-żewġ sistemi għandhom natura regolatorja u huma ġġustifikati mill-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, f'konformità mal-objettiv ambjentali vinkolanti stabbilit fil-liġi tal-Unjoni, stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, li jitnaqqsu, sal-2030, l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u l-għan li tinkiseb newtralità klimatika fis-setturi kollha tal-ekonomija sa mhux aktar tard mill-2050.

(21) Filwaqt li l-EU ETS tistabbilixxi numru totali ta' kwoti li jinħarġu (il-limitu massimu) għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tippermetti l-iskambju ta' kwoti (is-"sistema ta' limitu u skambju"), jenħtieġ li s-CBAM ma jistabbilix limiti kwantitattivi għall-importazzjonijiet, sabiex il-flussi kummerċjali ma jkunux limitati. Barra minn hekk, filwaqt li l-EU ETS tapplika għal installazzjonijiet fl-Unjoni, jenħtieġ li s-CBAM japplika għal ċerti oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni.

(22) Is-sistema tas-CBAM għandha xi karatteristiċi speċifiċi meta mqabbla mal-EU ETS, inkluż fir-rigward tal-kalkolu tal-prezz taċ-ċertifikati CBAM, il-possibbiltajiet ta' skambju taċ-ċertifikati CBAM u il-perjodu ta' validità tagħhom. Dawk il-karatteristiċi huma dovuti għall-ħtieġa li tiġi ppreservata l-effikaċja tas-CBAM bħala miżura li tipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Jiżguraw ukoll li l-ġestjoni tas-sistema CBAM ma tkunx eċċessivament

ta' piż, f'termini kemm ta' obbligi imposti fuq l-operaturi kif ukoll ta' riżorsi għall-amministrazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jinżamm livell ta' flessibbiltà disponibbli għall-operaturi ekwivalenti għal dak fl-ambitu tal-EU ETS. Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat tali bilanċ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ikkonċernati.

(23) Sabiex tiġi ppreservata l-effikaċja tagħha bħala miżura li tipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, is-CBAM jeħtieġ li jirrifletti mill-qrib il-prezz tal-EU ETS. Filwaqt li fis-suq tal-EU ETS il-prezz tal-kwoti rilaxxati fis-suq jiġi ddeterminat permezz ta' rkantijiet, il-prezz taċ-ċertifikati CBAM jenħtieġ li jirrifletti b'mod raġonevoli l-prezz ta' tali rkantijiet permezz ta' medji kkalkulati fuq bażi ta' kull ġimgħa. Tali prezzijiet medji ta' kull ġimgħa jirriflettu mill-qrib il-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet tal-EU ETS u jippermettu marġni raġonevoli għall-importaturi biex jieħdu vantaġġ mill-bidliet fil-prezzijiet tal-EU ETS filwaqt li jiżguraw ukoll li s-sistema tibqa' maniġġabbli għall-awtoritajiet amministrattivi.

(24) Skont l-EU ETS, il-limitu massimu jiddetermina l-offerta ta' kwoti tal-emissjonijiet u jipprovdi ċertezza dwar emissjonijiet massimi ta' gassijiet serra. Il-prezz tal-karbonju huwa ddeterminat mill-bilanċ bejn tali offerta u d-domanda tas-suq. Id-disponibbiltà skarsa hija meħtieġa biex ikun hemm inċentiv għall-prezzijiet. Dan ir-Regolament mhuwiex maħsub li jimponi limitu massimu fuq l-għadd ta' ċertifikati CBAM disponibbli għall-importaturi; jekk l-importaturi setgħu jittrasferixxu u jiskambjaw iċ-ċertifikati CBAM, dan seta' jirriżulta f'sitwazzjonijiet li fihom il-prezz għaċ-ċertifikati CBAM ma jibqax jirrifletti l-evoluzzjoni tal-prezz fl-EU ETS. Tali sitwazzjoni ddgħajjef l-inċentiv għad-dekarbonizzazzjoni, tiffavorixxi r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tfixkel l-objettiv globali tal-klima tas-CBAM. Din tista' tirriżulta wkoll fi prezzijiet differenti għall-operaturi minn pajjiżi differenti. Il-limiti għall-possibbiltajiet ta' skambju taċ-ċertifikati CBAM u biex dawn jiġu ttrasferiti huma ġġustifikati għalhekk mill-ħtieġa li jiġi evitat li jiġu kompromessi l-effikaċja u l-objettiv tal-klima tas-CBAM u li jiġi żgurat trattament pariġġ tal-operaturi minn pajjiżi differenti. Madankollu, sabiex tinżamm il-possibbiltà għall-importaturi li jottimizzaw il-kostijiet tagħhom, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi sistema li biha l-awtoritajiet jistgħu jixtru mill-ġdid ċerta kwantità ta' ċertifikati żejda mingħand l-importaturi. Tali ammont jenħtieġ li jiġi stabbilit f'livell li jippermetti marġni raġonevoli għall-importaturi biex itaffu l-kostijiet tagħhom matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati filwaqt li jiġi ppreservat l-effett globali tat-trażmissjoni tal-prezz, u jiġi żgurat li jinżamm l-għan ambjentali tas-CBAM.

(25) Minħabba li s-CBAM ikun japplika għall-importazzjonijiet ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni aktar milli għall-installazzjonijiet, ċerti adattamenti u semplifikazzjonijiet ikunu japplikaw ukoll għas-CBAM. Waħda minn dawk is-semplifikazzjonijiet jenħtieġ li tikkonsisti minn sistema ta' dikjarazzjonijiet sempliċi u aċċessibbli li biha l-importaturi jirrapportaw l-emissjonijiet totali verifikati ta' gassijiet serra integrati f'oġġetti importati f'sena kalendarja partikolari. Jenħtieġ li jiġi applikat ukoll kalendarju differenti meta mqabbel maċ-ċiklu ta' konformità tal-EU ETS sabiex jiġi evitat kwalunkwe ostaklu potenzjali li jaf jirriżulta mill-obbligi għall-verifikaturi akkreditati skont dan ir-Regolament u d-Direttiva 2003/87/KE.

(26) L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li tali penali jiġu infurzati. Fuq livell aktar speċifiku, l-ammont tal-penali għan-nuqqas min-naħa tad-dikjarant awtorizzat CBAM li jċedi ċ-ċertifikati CBAM jenħtieġ li jkun identiku għall-ammont skont l-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87/KE. Madankollu, meta l-oġġetti jkunu ġew introdotti fl-Unjoni minn persuna, għajr dikjarant awtorizzat CBAM, mingħajr ma tikkonforma mal-obbligi ta' dan ir-Regolament, l-ammont ta' dawk il-penali jenħtieġ li jkun ogħla sabiex ikun effikaċi, proporzjonat u dissważiv, anki b'kont meħud tal-fatt li tali persuna ma għandix l-obbligu li ċċedi ċ-ċertifikati CBAM. L-impożizzjoni ta' penali skont dan ir-Regolament hija mingħajr preġudizzju għall-penali li jistgħu jiġu imposti skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għall-ksur ta' obbligi rilevanti oħra, b'mod partikolari dawk relatati mar-regoli doganali.

(27) Filwaqt li l-EU ETS tapplika għal ċerti proċessi u attivitajiet ta' produzzjoni, jenħtieġ li s-CBAM jimmira lejn l-importazzjonijiet korrispondenti tal-oġġetti. Dan jirrikjedi l-identifikazzjoni ċara tal-oġġetti importati permezz tal-klassifikazzjoni tagħha fin-Nomenklatura Magħquda ("NM") stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([9]) u li torbothom mal-emissjonijiet integrati.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

(28) L-oġġetti jew il-prodotti pproċessati koperti mis-CBAM jenħtieġ li jirriflettu l-attivitajiet koperti mill-EU ETS billi dik is-sistema hija bbażata fuq kriterji kwantitattivi u kwalitattivi marbuta mal-objettiv ambjentali tad-Direttiva 2003/87/KE u hija l-aktar sistema regolatorja komprensiva tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni.

(29) Id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM b'tali mod li jirrifletti l-attivitajiet koperti mill-EU ETS ikun jikkontribwixxi wkoll biex jiġi żgurat li l-prodotti importati jingħataw trattament li mhuwiex inqas favorevoli minn dak mogħti lil prodotti simili ta' oriġini interna.

(30) Filwaqt li l-objettiv aħħari tas-CBAM huwa kopertura wiesgħa ta' prodotti, ikun prudenti li nibdew b'għadd magħżul ta' setturi b'oġġetti relattivament omoġenji li fihom hemm riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Is-setturi tal-Unjoni meqjusa f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju huma elenkati fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/708 ([10]).

(31) Jenħtieġ li l-oġġetti, li għalihom jenħtieġ li japplika dan ir-Regolament, jintgħażlu wara analiżi bir-reqqa tar-rilevanza tagħhom f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra akkumulati u tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi korrispondenti tal-EU ETS, filwaqt li jiġu limitati l-kumplessità u l-piż amministrattiv għall-operaturi kkonċernati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-għażla tqis il-materjali bażiċi u l-prodotti bażiċi koperti mill-EU ETS bl-objettiv li jiġi żgurat li l-emissjonijiet integrati fi prodotti b'intensità għolja ta' emissjonijiet importati fl-Unjoni jkunu soġġetti għal prezz tal-karbonju ekwivalenti għal dak applikat għal prodotti tal-Unjoni, u li jittaffew ir-riskji tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kriterji rilevanti biex titnaqqas l-għażla għandhom ikunu: l-ewwel nett, ir-rilevanza tas-setturi f'termini ta' emissjonijiet, jiġifieri jekk is-settur huwiex wieħed mill-akbar emittenti aggregati ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra; it-tieni, l-esponiment tas-settur għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, kif definit skont id-Direttiva 2003/87/KE; u t-tielet, il-ħtieġa li tiġi bbilanċjata l-kopertura wiesgħa tal-prodott f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li jiġu limitati l-kumplessità u l-piż amministrattiv.

(32) L-użu tal-ewwel kriterju jkun jippermetti l-elenkar tas-setturi industrijali li ġejjin f'termini ta' emissjonijiet akkumulati: ħadid u azzar, raffineriji, siment, aluminju, sustanzi kimiċi bażiċi organiċi, idroġenu u fertilizzanti.

(33) Madankollu, ċerti setturi elenkati fid-Deċiżjoni Delegata (UE) 2019/708 jenħtieġ li ma jiġux indirizzati f'dan ir-Regolament f'dan l-istadju, minħabba l-karatteristiċi partikolari tagħhom.

(34) B'mod partikolari, jenħtieġ li s-sustanzi kimiċi organiċi ma jkunux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minħabba limitazzjonijiet tekniċi li fil-mument tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament ma jippermettux li jiġu definiti b'mod ċar l-emissjonijiet integrati ta' tali oġġetti importati. Għal dawk l-oġġetti, il-parametru referenzjarju applikabbli skont l-EU ETS huwa parametru bażiku, li ma jippermettix allokazzjoni mhux ambigwa tal-emissjonijiet integrati f'oġġetti importati individwali. Allokazzjoni aktar immirata għal sustanzi kimiċi organiċi teħtieġ aktar data u analiżi.

(35) Restrizzjonijiet tekniċi simili japplikaw għall-prodotti tar-raffineriji, li għalihom mhuwiex possibbli li jiġu assenjati mingħajr ambigwità l-emissjonijiet tal-gassijiet serra lil prodotti tal-output individwali. Fl-istess ħin, il-paramentru referenzjarju rilevanti fl-EU ETS mhuwiex relatat direttament ma' prodotti speċifiċi, bħall-petrol, id-diżil jew il-pitrolju, iżda mal-output kollu tar-raffineriji.

(36) Il-prodotti tal-aluminju jenħtieġ li jiġu inklużi fis-CBAM billi huma esposti ħafna għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, f'diversi applikazzjonijiet industrijali, huma jinsabu f'kompetizzjoni diretta mal-prodotti tal-azzar minħabba karatteristiċi li jixbhu mill-qrib dawk tal-prodotti tal-azzar.

(37) Fil-mument tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, l-importazzjonijiet ta' idroġenu fl-Unjoni huma relattivament baxxi. Madankollu, dik is-sitwazzjoni mistennija tinbidel konsiderevolment fis-snin li ġejjin billi l-pakkett tal-Unjoni "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jippromwovi l-użu tal-idroġenu rinnovabbli. Għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija kollha kemm hi, se tiżdied id-domanda għall-idroġenu rinnovabbli, u b'konsegwenza t'hekk dan se jwassal għal proċessi ta' produzzjoni mhux integrati fil-prodotti downstream li fihom l-idroġenu huwa prekursur. L-inklużjoni tal-idroġenu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM hija l-mezz xieraq biex tkompli tiġi mrawma d-dekarbonizzazzjoni tal-idroġenu.

([10]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/708 tal-15 ta' Frar 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-determinazzjoni ta' setturi u sottosetturi meqjusa li jinsabu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu 2021-2030 (ĠU L 120, 8.5.2019, p. 20).

(38) Bl-istess mod, ċerti prodotti jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM minkejja l-livell baxx tagħhom ta' emissjonijiet integrati li jirriżultaw waqt il-proċess tal-produzzjoni, billi l-esklużjoni tagħhom tkun iżżid il-probabbiltà taċ-ċirkomvenzjoni tal-inklużjoni tal-prodotti tal-azzar fis-CBAM billi jiġi mmodifikat il-mudell tal-kummerċ lejn prodotti downstream.

(39) Min-naħa l-oħra, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax inizjalment għal ċerti prodotti li l-produzzjoni tagħhom ma tinvolvix emissjonijiet sinifikanti bħal skrapp tal-ħadid, ligi tal-ħadid u ċerti fertilizzanti.

(40) L-importazzjoni tal-elettriku jenħtieġ li tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi dak is-settur huwa responsabbli għal 30 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-Unjoni. L-ambizzjoni miżjuda tal-Unjoni fl-ambitu tal-klima twessa' d-distakk fil-kostijiet tal-karbonju bejn il-produzzjoni tal-elettriku fi ħdan l-Unjoni u fil-pajjiżi terzi. Dak id-distakk, flimkien mal-progress fil-konnessjoni tal-grilja tal-elettriku tal-Unjoni ma' dik tal-ġirien tagħha, ikun iżid ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba żieda fl-importazzjonijiet tal-elettriku, li parti sinifikanti minnha hija prodotta minn impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam.

(41) Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv fir-rigward tal-amministrazzjonijiet nazzjonali kompetenti u l-importaturi, huwa xieraq li jiġu speċifikati l-każijiet limitati li fihom jenħtieġ li ma japplikawx l-obbligi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Dik id-dispożizzjoni de minimis, madankollu, hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni kontinwata tad-dispożizzjonijiet skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali li huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament kif ukoll, b'mod partikolari, mal-leġiżlazzjoni doganali, inkluża l-prevenzjoni tal-frodi.

(42) Billi l-importaturi ta' oġġetti koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkollhomx jissodisfaw l-obbligi tagħhom fl-ambitu ta' dan ir-Regolament fil-mument tal-importazzjoni, jenħtieġ li jiġu applikati miżuri amministrattivi speċifiċi biex jiġi żgurat li tali obbligi jiġu ssodisfati fi stadju aktar tard. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-importaturi jkollhom biss id-dritt li jimportaw oġġetti soġġetti għal dan ir-Regolament wara li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

(43) Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali ma jippermettux l-importazzjoni ta' oġġetti minn kwalunkwe persuna oħra għajr dikjarant awtorizzat CBAM. F'konformità mal-Artikoli 46 u 48 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), l-awtoritajiet doganali għandhom id-dritt li jwettqu kontrolli fuq l-oġġetti, inkluż fir-rigward tal-identifikazzjoni tad-dikjarant awtorizzat CBAM, il-kodiċi NM bi tmien ċifri, il-kwantità u l-pajjiż ta' oriġini tal-oġġetti importati, id-data tad-dikjarazzjoni u l-proċedura doganali. Il-Kummissjoni jeħtieġ li tinkludi r-riskji relatati mas-CBAM fid-definizzjoni tal-kriterji u tal-istandards komuni tar-riskju skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

(44) Matul perjodu ta' tranżizzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jinfurmaw lid-dikjaranti doganali bl-obbligu li jirrapportaw l-informazzjoni, sabiex jikkontribwixxu għall-ġbir ta' informazzjoni kif ukoll għall-għarfien dwar il-ħtieġa li jintalab l-istatus ta' dikjaranti awtorizzati CBAM meta applikabbli. Tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi kkomunikata mill-awtoritajiet doganali b'mod xieraq biex jiġi żgurat li d-dikjaranti doganali jkunu mgħarrfa b'dan l-obbligu.

(45) Jenħtieġ li s-CBAM ikun ibbażat fuq sistema ta' dikjarazzjoni li fiha dikjarant awtorizzat CBAM, li jista' jirrappreżenta aktar minn importatur wieħed, ikun jippreżenta annwalment dikjarazzjoni tal-emissjonijiet integrati fl-oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni u jkun iċedi għadd ta' ċertifikati CBAM li jikkorrispondu għal dawk l-emissjonijiet iddikjarati. L-ewwel dikjarazzjoni CBAM, fir-rigward tas-sena kalendarja tal-2026, jenħtieġ li tiġi ppreżentata sal-31 ta' Mejju 2027.

(46) Dikjarant awtorizzat CBAM jenħtieġ li jitħalla jitlob tnaqqis fl-għadd ta' ċertifikati CBAM li għandhom jiġu ċeduti li jikkorrispondu għall-prezz tal-karbonju diġà effettivament imħallas fil-pajjiż ta' oriġini għall-emissjonijiet integrati ddikjarati.

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(47) L-emissjonijiet integrati ddikjarati jenħtieġ li jiġu vverifikati minn persuna akkreditata minn korp nazzjonali ta' akkreditament maħtur skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) jew skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 ([13]).

(48) Jenħtieġ li s-CBAM jippermetti lill-operaturi tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni fil-pajjiżi terzi jirreġistraw fir-reġistru CBAM u jagħmlu disponibbli lid-dikjaranti awtorizzati CBAM l-emissjonijiet integrati vverifikati tagħhom mill-produzzjoni ta' oġġetti. Jenħtieġ li operatur ikun jista' jagħżel li ma jkollux ismu, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt tiegħu fir-reġistru CBAM aċċessibbli għall-pubbliku.

(49) Iċ-ċertifikati CBAM ikunu differenti mill-kwoti tal-EU ETS li għalihom l-irkantar ta' kuljum huwa karatteristika essenzjali. Minħabba l-ħtieġa li jiġi stabbilit prezz ċar għaċ-ċertifikati CBAM, il-pubblikazzjoni ta' kuljum tkun toħloq piż eċċessiv u konfużjoni għall-operaturi, billi l-prezzijiet ta' kuljum jirriskjaw li ma jibqgħux validi meta jiġu ppubblikati. Għalhekk, il-pubblikazzjoni tal-prezzijiet CBAM fuq bażi ta' kull ġimgħa tirrifletti b'mod aktar preċiż ix-xejra tal-ipprezzar tal-kwoti rilaxxati fis-suq tal-EU ETS u ssegwi l-istess objettiv fl-ambitu tal-klima. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kalkolu tal-prezz taċ-ċertifikati CBAM jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' perjodu itwal, jiġifieri fuq bażi ta' kull ġimgħa, milli fil-perjodu stabbilit mill-EU ETS, jiġifieri fuq bażi ta' kuljum. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun fdata bil-kompitu li tikkalkula u tippubblika dan il-prezz medju.

(50) Sabiex id-dikjaranti awtorizzati CBAM jingħataw flessibbiltà biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u jippermettulhom jibbenefikaw minn fluttwazzjonijiet fil-prezz tal-kwoti tal-EU ETS, jenħtieġ li ċertifikati CBAM ikunu validi għal perjodu limitat mid-data tax-xiri tagħhom. Jenħtieġ li d-dikjarant awtorizzat CBAM jitħalla jerġa' jbigħ porzjon miċ-ċertifikati mixtrija żejda. Bil-ħsieb li jċedi ċ-ċertifikati CBAM, jenħtieġ li d-dikjarant awtorizzat CBAM jakkumula l-għadd ta' ċertifikati meħtieġa rikjesti matul is-sena, li jikkorrispondu mas-sollijiet stabbiliti fl-aħħar ta' kull trimestru.

(51) Il-karatteristiċi fiżiċi tal-elettriku bħala prodott jiġġustifikaw disinn kemxejn differenti fis-CBAM, meta mqabbel ma' oġġetti oħra. Jenħtieġ li l-valuri prestabbiliti jintużaw f'kundizzjonijiet speċifikati b'mod ċar, u jenħtieġ li jkun possibbli għad-dikjaranti awtorizzati CBAM li jitolbu l-kalkolu tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament fuq il-bażi tal-emissjonijiet reali. Il-kummerċ fl-elettriku huwa differenti mill-kummerċ f'oġġetti oħra, billi l-iskambji jsiru permezz ta' grilji tal-elettriku interkonnessi, bl-użu ta' boroż tal-enerġija u forom speċifiċi ta' skambju. L-akkoppjament tas-swieq huwa forma ta' skambju tal-elettriku regolata b'mod intensiv li tippermetti l-aggregazzjoni tad-domandi u tal-offerti fl-Unjoni kollha.

(52) Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni u titjieb it-traċċabbiltà tal-emissjonijiet reali ta' $CO_2$ mill-importazzjoni tal-elettriku u l-użu tiegħu fl-oġġetti, jenħtieġ li l-kalkolu tal-emissjonijiet reali jkun permess biss f'ċerti kundizzjonijiet rigorużi. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun meħtieġ li tintwera nomina soda tal-kapaċità ta' interkonnessjoni allokata u li jkun hemm relazzjoni kuntrattwali diretta bejn ix-xerrej u l-produttur tal-elettriku rinnovabbli, jew bejn ix-xerrej u l-produttur tal-elettriku li jkollu emissjonijiet b'valur inqas minn dak prestabbilit.

(53) Biex jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tindirizza l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa r-riskju ta' tali ċirkomvenzjoni fis-setturi kollha li fihom japplika dan ir-Regolament.

(54) Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija konkluż mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE ([14]) u, l-Partijiet għal Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, inklużi Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi, huma impenjati fil-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni li eventwalment jenħtieġ li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju simili jew ekwivalenti għall-EU ETS jew fil-parteċipazzjoni tagħhom fl-EU ETS.

([12]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94).

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE tad-29 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija (ĠU L 198, 20.7.2006, p. 15).

(55) L-integrazzjoni tal-pajjiżi terzi fis-suq tal-elettriku tal-Unjoni hija fattur importanti għal dawk il-pajjiżi biex jaċċeleraw it-tranżizzjoni tagħhom lejn sistemi tal-enerġija b'sehem għoli ta' enerġiji rinnovabbli. L-akkoppjament tas-suq tal-elettriku, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 ([15]), jippermetti lill-pajjiżi terzi jintegraw aħjar l-elettriku minn enerġiji rinnovabbli fis-suq tal-elettriku, jiskambjaw tali elettriku b'mod effiċjenti f'żona usa', filwaqt li jibbilanċjaw l-offerta u d-domanda mas-suq akbar tal-Unjoni, u jnaqqsu l-intensità tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tagħhom. L-integrazzjoni tal-pajjiżi terzi fis-suq tal-elettriku tal-Unjoni tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-provvisti tal-elettriku f'dawk il-pajjiżi u fl-Istati Membri ġirien.

(56) Ġaladarba s-swieq tal-elettriku tal-pajjiżi terzi jiġu integrati mill-qrib f'dak tal-Unjoni permezz ta' akkoppjament tas-swieq, jenħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet tekniċi biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tas-CBAM għall-elettriku esportat minn dawk il-pajjiżi fit-territorju doganali tal-Unjoni. Jekk ma jkunux jistgħu jinstabu soluzzjonijiet tekniċi, jenħtieġ li l-pajjiżi terzi bi swieq akkoppjati ma' dak tal-Unjoni jibbenefikaw minn eżenzjoni mis-CBAM limitata fiż-żmien sal-2030 fir-rigward biss tal-esportazzjoni tal-elettriku, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li dawk il-pajjiżi terzi, madankollu, jiżviluppaw pjan direzzjonali u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-karbonju li jipprevedi prezz ekwivalenti għall-EU ETS, u jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom li jiksbu n-newtralità tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050 kif ukoll biex jallinjaw ruħhom mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent, tal-klima, tal-kompetizzjoni u tal-enerġija. Tali eżenzjoni jenħtieġ li tiġi rtirata fi kwalunkwe mument jekk ikun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-pajjiż inkwistjoni ma jirrispettax l-impenji tiegħu jew jekk sal-2030 ma jkunx adotta sistema ta' skambju tal-emissjonijiet ekwivalenti għall-EU ETS.

(57) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni japplikaw għal perjodu limitat. Għal dak l-iskop, jenħtieġ li s-CBAM japplika mingħajr aġġustament finanzjarju, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni bla xkiel tiegħu, b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' impatti ta' tfixkil fuq il-kummerċ. Jenħtieġ li l-importaturi jirrappurtaw fuq bażi trimestrali l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti importati matul it-trimestru preċedenti tas-sena kalendarja, u jiddefinixxu l-emissjonijiet diretti u indiretti kif ukoll kwalunkwe prezz tal-karbonju effettivament imħallas barra l-pajjiż. L-aħħar rapport CBAM, li huwa r-rapport li għandu jiġi ppreżentat għall-aħħar trimestru tal-2025, jenħtieġ li jiġi ppreżentat sal-31 ta' Jannar 2026.

(58) Sabiex jiġi ffaċilitat u żgurat il-funzjonament tajjeb tas-CBAM, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti fil-qadi tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet tagħhom fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoordina, toħroġ linji gwida u tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattiki.

(59) Bil-għan li dan ir-Regolament jiġi applikat b'mod effiċjenti f'termini ta' kostijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tamministra r-reġistru CBAM li fih id-data dwar id-dikjaranti awtorizzati CBAM, l-operaturi u l-installazzjonijiet fil-pajjiżi terzi.

(60) Jenħtieġ li tiġi stabbilita pjattaforma ċentrali komuni għall-bejgħ u għax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM. Bil-ħsieb li tissorvelja t-tranżazzjonijiet fuq il-pjattaforma ċentrali komuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll bejn dawn l-awtoritajiet u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit fluss rapidu ta' informazzjoni bejn il-pjattaforma ċentrali komuni u r-reġistru CBAM.

(61) Bil-għan li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq kontrolli bbażati fuq ir-riskji u jenħtieġ li tirrieżamina l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet CBAM f'dan is-sens.

(62) Bil-għan ukoll li ssir applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni, bħala kontribut preliminari, tagħmel il-kalkoli tagħha rigward iċ-ċertifikati CBAM li jridu jiġu ċeduti għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-rieżami tagħha tad-dikjarazzjonijiet CBAM. Tali kontribut preliminari jenħtieġ li jingħata għal skopijiet indikattivi biss u mingħajr preġudizzju għall-kalkolu definittiv li għandu jsir mill-awtorità kompetenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ebda dritt ta' appell jew miżuri ta' rimedju oħra ma jkunu possibbli kontra tali kontribut preliminari min-naħa tal-Kummissjoni.

---

([15]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24).

(63) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu rieżamijiet tad-dikjarazzjonijiet CBAM individwali għal skopijiet ta' infurzar. Il-konklużjonijiet tar-rieżamijiet tad-dikjarazzjonijiet CBAM individwali jenħtieġ li jiġu kondiviżi mal-Kummissjoni. Dawk il-konklużjonijiet jenħtieġ li jkunu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra permezz tar-reġistru CBAM.

(64) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu responsabbli biex jistabbilixxu u jiġbru d-dħul li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament

(65) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa regolarment l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jenħtieġ li r-rapporti jiffukaw b'mod partikolari fuq il-possibbiltajiet li jissaħħu l-azzjonijiet dwar il-klima biex jintlaħaq l-objettiv ta' Unjoni newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, bħala parti minn dak ir-rapportar, tiġbor l-informazzjoni meħtieġa bil-għan li tkompli testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-emissjonijiet integrati indiretti fl-oġġetti elenkati fl-Anness II mill-aktar fis possibbli, kif ukoll għal oġġetti u servizzi oħra li jistgħu jkunu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, bħall-prodotti downstream, u bil-għan li tiżviluppa metodi ta' kalkolu tal-emissjonijiet integrati fuq il-bażi tal-metodi tal-impronta ambjentali, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE ([16]). Dawk ir-rapporti jenħtieġ li jkun fihom ukoll valutazzjoni tal-impatt tas-CBAM fuq ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, inkluż fir-rigward tal-esportazzjonijiet, u tal-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali fl-Unjoni kollha, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet u l-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u tal-Istati insulari li jiffurmaw parti mit-territorju doganali tal-Unjoni.

(66) Il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u indirizzati mill-Kummissjoni, inkluż meta l-operaturi jistgħu jimmodifikaw ftit l-oġġetti tagħhom mingħajr ma jbiddlu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom, jew jaqsmu l-kunsinni b'mod artifiċjali, sabiex jevitaw l-obbligi ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġu mmonitorjati wkoll is-sitwazzjonijiet li fihom l-oġġetti jintbagħtu lil pajjiż jew reġjun terz qabel l-importazzjoni tagħhom fis-suq tal-Unjoni, bil-għan li jiġu evitati l-obbligi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, jew sitwazzjonijiet li fihom l-operaturi fil-pajjiżi terzi jesportaw il-prodotti tagħhom b'intensità inqas għolja ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u jżommu l-prodotti tagħhom b'intensità ogħla ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal swieq oħrajn, jew sitwazzjonijiet li fihom issir riorganizzazzjoni min-naħa tal-esportaturi jew tal-produtturi tal-mudelli u tal-kanali tagħhom tal-bejgħ u tal-produzzjoni, jew kwalunkwe tip ieħor ta' prattiki ta' bejgħ dupliċi jew ta' produzzjoni dupliċi, bil-għan li jiġu evitati l-obbligi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(67) Fir-rispett sħiħ tal-prinċipju stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ħidma fuq l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikollha l-għan li tinkludi, sal-2030, is-setturi kollha koperti mid-Direttiva 2003/87/KE. Għaldaqstant, hija u tirrieżamina u tevalwa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm riferiment għal din il-kronoloġija, u tagħti prijorità lill-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra integrati fl-oġġetti li huma l-aktar esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u li għandhom intensità tal-karbonju għolja, kif ukoll fil-prodotti downstream li jkun fihom perċentwal sinifikanti ta' mill-inqas wieħed mill-oġġetti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fl-eventwalità li l-Kummissjoni ma tippreżentax, sal-2030, proposta leġiżlattiva għal tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-raġunijiet u tieħu l-miżuri neċessarji biex tilħaq l-objettiv li tinkludi, mill-aktar fis possibbli, is-setturi kollha koperti mid-Direttiva 2003/87/KE.

(68) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta wkoll rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sentejn wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, u kull sentejn wara dan il-perjodu. Iż-żmien meta jiġu ppreżentati r-rapporti jenħtieġ li jsegwu l-kalendarji dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju skont l-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE. Ir-rapporti jenħtieġ li jkun fihom valutazzjoni tal-impatti tas-CBAM.

(69) Sabiex tippermetti risposta rapida u effikaċi għal ċirkostanzi imprevedibbli, eċċezzjonali u mhux provokati li għandhom konsegwenzi distruttivi għall-infrastruttura ekonomika u industrijali ta' pajjiż terz wieħed jew aktar soġġetti għas-CBAM, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva, kif xieraq, li temenda dan ir-Regolament. Tali proposta leġiżlattiva jenħtieġ li tistabbilixxi l-miżuri li huma l-aktar xierqa fid-dawl taċ-ċirkostanzi li l-pajjiż(i) terz(i) għandu/hom quddiemu/hom, filwaqt li żżomm l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien.

([16]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE tad-9 ta' April 2013 dwar l-użu ta' metodi komuni għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 124, 4.5.2013, p. 1).

(70) Jenħtieġ li jitkompla djalogu mal-pajjiżi terzi u jkun hemm spazju għal kooperazzjoni u soluzzjonijiet li jistgħu jinfurmaw l-għażliet speċifiċi li jsiru rigward id-dettalji tas-CBAM matul l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

(71) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistinka biex tinvolvi ruħha b'mod uniformi u f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, mal-pajjiżi terzi li l-kummerċ tagħhom lejn l-Unjoni huwa affettwat minn dan ir-Regolament, biex teżamina l-possibbiltajiet għal djalogu u kooperazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-elementi speċifiċi tas-CBAM. Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina wkoll il-possibbiltà li tikkonkludi ftehimiet li jqisu l-mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-karbonju tal-pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-Unjoni toffri assistenza teknika għal dawk l-iskopijiet lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lill-pajjiżi l-anqas żviluppati kif identifikati min-Nazzjonijiet Uniti (LDCs).

(72) It-twaqqif tas-CBAM jitlob li jiġu żviluppati kooperazzjonijiet bilaterali, multilaterali u internazzjonali mal-pajjiżi terzi. Għal dak l-iskop, jenħtieġ li jitwaqqaf forum ta' pajjiżi bi strumenti ta' pprezzar tal-karbonju jew bi strumenti analogi oħra ("Klabb għall-Klima"), biex tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' politiki klimatiċi ambizzjużi fil-pajjiżi kollha u jwitti t-triq għall-qafas għall-ipprezzar tal-karbonju fuq livell dinji. Jenħtieġ li l-Klabb għall-Klima jkun miftuħ, fuq bażi volontarja, mhux esklużiv u mmirat b'mod partikolari lejn ambizzjoni għolja fil-qasam tal-klima, bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Klabb għall-Klima jista' jaħdem taħt l-awspiċji ta' organizzazzjoni internazzjonali multilaterali u jenħtieġ li jaġevola t-tqabbil u, meta jkun il-każ, il-koordinament tal-miżuri rilevanti b'impatt fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Jenħtieġ li l-Klabb għall-Klima jappoġġa wkoll l-komparabbiltà tal-miżuri rilevanti għall-klima billi jiżgura l-kwalità tal-monitoraġġ, tar-rapportar u tal-verifika fil-qasam tal-klima fost il-membri tiegħu u joffri l-mezzi għall-involviment u għat-trasparenza bejn l-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha.

(73) Bil-għan li jingħata aktar appoġġ għall-ksib tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi fil-pajjiżi terzi, tkun ħaġa tajba li l-Unjoni tkompli toffri appoġġ finanzjarju permezz tal-baġit tal-Unjoni favur il-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament għaliha fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, anki għall-isforzi tagħhom favur id-dekarbonizzazzjoni u t-trasformazzjoni tal-industriji tal-manifattura tagħhom. Dak l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-aġevolazzjoni tal-adattament tal-industriji kkonċernati għar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda li joħorġu minn dan ir-Regolament.

(74) Billi s-CBAM għandu l-għan li jinkoraġġixxi produzzjoni aktar nadifa, l-Unjoni hija impenjata li taħdem mal-pajjiżi terzi b'introjtu baxx u medju u tappoġġahom fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji tal-manifattura tagħhom bħala parti mid-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tappoġġa lil dawk il-pajjiżi permezz tal-baġit tal-Unjoni, speċjalment lill-pajjiżi l-anqas żviluppati, bil-għan li tikkontribwixxi biex tiżgura l-adattament tagħhom għall-obbligi skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli wkoll tappoġġa l-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament għaliha f'dawk il-pajjiżi, anki fl-isforzi tagħhom favur id-dekarbonizzazzjoni u t-trasformazzjoni tal-industriji tal-manifattura tagħhom, fi ħdan il-limitu massimu tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-appoġġ finanzjarju li tagħti l-Unjoni lill-finanzjamenti internazzjonali għall-klima. L-Unjoni qiegħda taħdem biex tintroduċi riżorsa proprja ġdida bbażata fuq id-dħul iġġenerat mill-bejgħ taċ-ċertifikati CBAM.

(75) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([17]) u (UE) 2018/1725 ([18]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(76) Fl-interess tal-effiċjenza, jenħtieġ li japplika mutatis mutandis ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 ([19]) għal dan ir-Regolament.

([17]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([19]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

(77) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta':

— is-suppliment lil dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri għall-pajjiżi jew it-territorji terzi li tħassru mil-lista fil-punt 2 tal-Anness III, biex tiżgura l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal dawk il-pajjiżi u t-territorji fir-rigward tal-elettriku;

— l-emendar tal-lista tal-pajjiżi u tat-territorji terzi elenkati fil-punt 1 jew 2 tal-Anness III, billi żżid dawk il-pajjiżi jew it-territorji f'dik il-lista, bil-għan li mis-CBAM teskludi lil dawk il-pajjiżi jew it-territorji terzi li huma integrati bis-sħiħ fl-EU ETS, jew marbuta magħha, fil-każ ta' ftehimiet futuri, jew billi tneħħi lit-territorji jew lill-pajjiżi terzi mil-lista, b'hekk ikunu soġġetti għas-CBAM, li fih ma jiddebitawx effettivament il-prezz tal-EU ETS fuq l-oġġetti esportati lejn l-Unjoni;

— is-suppliment lil dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' akkreditament lill-verifikaturi, għall-kontroll u s-sorveljanza tal-verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditament u għar-rikonoxximent reċiproku u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi tal-akkreditament;

— is-suppliment lil dan ir-Regolament billi tiddefinixxi ulterjorment iż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-bejgħ u tax-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM; u

— l-emendar tal-lista ta' oġġetti fl-Anness I billi żżid, f'ċerti ċirkostanzi, oġġetti li ġew ftit modifikati, biex issaħħaħ il-miżuri li jindirizzaw il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([20]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(78) Tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jitwettqu b'mod trasparenti u jistgħu jinkludu konsultazzjonijiet preliminari tal-partijiet ikkonċernati, bħall-korpi kompetenti, l-industrija (inklużi l-SMEs), is-sħab soċjali bħat-trade unions, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet ambjentali.

(79) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]).

(80) Jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, meta xieraq, penali amministrattivi u finanzjarji. Jenħtieġ għalhekk li s-CBAM jibbaża ruħu fuq mekkaniżmi xierqa u effikaċi biex jevita telf tad-dħul.

(81) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju fuq livell globali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(82) Bil-għan li jingħata lok għall-adozzjoni f'waqtha ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

([20]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([21]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (is-"CBAM", "Carbon Border Adjustment Mechanism") biex jindirizza l-emissjonijiet tal-gassijiet serra integrati fl-oġġetti elenkati fl-Anness I, mal-importazzjoni tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju fuq livell globali u jiġu appoġġati l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, anki billi jinħolqu inċentivi biex jonqsu l-emissjonijiet min-naħa tal-operaturi fil-pajjiżi terzi.

2. Is-CBAM jikkomplementa s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE (l-"EU ETS") billi japplika sett ekwivalenti ta' regoli għall-importazzjonijiet tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

3. Is-CBAM huwa maħsub biex jissostitwixxi l-mekkaniżmi stabbiliti skont id-Direttiva 2003/87/KE biex jipprevjeni r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, billi jirrifletti sa liema punt il-kwoti tal-EU ETS jiġu allokati, bla ħlas f'konformità mal-Artikolu 10a ta' dik id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-oġġetti elenkati fl-Anness I li joriġinaw minn pajjiż terz, fejn dawk l-oġġetti, jew prodotti pproċessati minn dawk l-oġġetti kif jirriżulta mill-proċedura ta' proċessar attiv imsemmija fl-Artikolu 256 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, jiġu importati fit-territorju doganali tal-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li joriġinaw minn pajjiż terz, fejn dawk l-oġġetti, jew prodotti pproċessati minn dawk l-oġġetti kif jirriżulta mill-proċedura ta' proċessar attiv imsemmija fl-Artikolu 256 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, jinġiebu fi gżira artifiċjali, struttura fissa jew li żżomm f'wiċċ l-ilma, jew kwalunkwe struttura oħra fuq il-blata kontinentali jew fiż-żona ekonomika esklużiva ta' Stat Membru fil-viċinanzi immedjati tat-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kundizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni tas-CBAM għal tali oġġetti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kunċetti ekwivalenti għal dawk ta' importazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni u ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa, fir-rigward tal-proċeduri relatati mal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni CBAM fir-rigward ta' tali oġġetti u l-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet doganali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2) ta' dan ir-Regolament.

3. B'deroga mill-paragrafu 1 u 2, dan ir-Regolament ma għandux japplika:

(a) għall-oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li huma importati fit-territorju doganali tal-Unjoni dment li l-valur intrinsiku ta' tali oġġetti ma jaqbiżx, għal kull konsenja, il-valur speċifikat għall-oġġetti ta' valur negliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 ([22]);

(b) għall-oġġetti li jinsabu fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi li ġejjin minn pajjiż terz dment li l-valur intrinsiku ta' tali oġġetti ma jaqbiżx il-valur speċifikat għall-oġġetti ta' valur negliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009;

([22]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23).

(c) għall-oġġetti li għandhom jiġu ttrasportati jew użati fil-kuntest ta' attivitajiet militari skont l-Artikolu 1, il-punt (49), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([23]).

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal oġġetti li joriġinaw fil-pajjiżi u t-territorji terzi elenkati fil-punt 1 tal-Anness III.

5. L-oġġetti importati għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw minn pajjiżi terzi f'konformità mar-regoli ta' oriġini mhux preferenzjali kif imsemmija fl-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

6. Il-pajjiżi u t-territorji terzi għandhom jiġu elenkati fil-punt 1 tal-Anness III meta jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-EU ETS tapplika għal dak il-pajjiż jew it-territorju terz jew ikun ġie konkluż ftehim bejn dak il-pajjiż jew it-territorju terz u l-Unjoni li jorbot bis-sħiħ l-EU ETS u s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' dak il-pajjiż jew it-territorju terz;

(b) il-prezz tal-karbonju mħallas fil-pajjiż li fih joriġinaw l-oġġetti jiġi impost effettivament fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra integrati f'dawk l-oġġetti mingħajr ebda ribass lil hinn minn dak applikat ukoll fl-EU ETS.

7. Jekk pajjiż jew territorju terz ikollu suq tal-elettriku li jkun integrat fis-suq intern tal-Unjoni għall-elettriku permezz tal-akkoppjament tas-swieq, u ma jkunx hemm soluzzjoni teknika għall-applikazzjoni tas-CBAM għall-importazzjoni tal-elettriku fit-territorju doganali tal-Unjoni, minn dak il-pajjiż jew it-territorju terz, dik l-importazzjoni tal-elettriku minn dak il-pajjiż jew it-territorju għandha tkun eżentata mill-applikazzjoni tas-CBAM, dment li l-Kummissjoni tkun ivvalutat li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ġew issodisfati skont il-paragrafu 8:

(a) il-pajjiż jew it-territorju terz ikun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni li jistabbilixxi obbligu li tiġi applikata l-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku, inkluża l-leġiżlazzjoni dwar l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll regoli oħra fil-qasam tal-enerġija, l-ambjent u l-kompetizzjoni;

(b) il-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dak il-pajjiż jew it-territorju terz timplimenta d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-suq tal-elettriku, inkluż l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-akkoppjament tas-swieq tal-elettriku;

(c) il-pajjiż jew it-territorju terz ikun ippreżenta pjan direzzjonali lill-Kummissjoni li jkun fih kalendarju għall-adozzjoni ta' miżuri biex jimplimenta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (d) u (e);

(d) il-pajjiż jew it-territorju terz ikun impenja ruħu għan-newtralità klimatika sal-2050 u b'konsegwenza ta' dan, jekk ikun il-każ, ikun ifformula formalment u kkomunika lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) sa nofs is-seklu strateġija ta' żvilupp fit-tul ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra allinjata ma' dak l-objettiv, u jkun irrispetta dak l-impenn fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu;

(e) il-pajjiż jew it-territorju terz, meta jimplimenta l-pjan direzzjonali msemmija fil-punt (c), ikun wera li rrispetta l-iskadenzi ffissati u l-progress sostanzjali lejn l-allinjament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima fuq il-bażi ta' dak il-pjan direzzjonali, inkluż lejn l-ipprezzar tal-karbonju f'livell ekwivalenti għal dak fl-Unjoni b'mod partikolari sa fejn hija kkonċernata l-ġenerazzjoni tal-elettriku; l-implimentazzjoni ta' sistema ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-elettriku, bi prezz ekwivalenti għall-EU ETS, għandha tiġi ffinalizzata sal-1 ta' Jannar 2030;

(f) il-pajjiż jew it-territorju terz ikun qiegħed fis-seħħ sistema effikaċi biex tipprevjeni l-importazzjoni indiretta tal-elettriku fl-Unjoni minn pajjiżi jew territorji terzi oħra li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (a) sa (e).

([23]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

8. Pajjiż jew territorju terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 7 għandu jiġi elenkat fil-punt 2 tal-Anness III, u għandu jippreżenta żewġ rapporti dwar l-issodisfar ta' dawk il-kundizzjonijiet, l-ewwel wieħed sal-1 ta' Lulju 2025 u t-tieni sal-31 ta' Diċembru 2027. Sal-31 ta' Diċembru 2025 u sal-1 ta' Lulju 2028, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, partikolarment fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali msemmi fil-paragrafu 7, il-punt (c), u r-rapporti li tirċievi mill-pajjiż jew it-territorju terz, jekk dak il-pajjiż jew it-territorju terz għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7.

9. Pajjiż jew territorju terz elenkat fil-punt 2 tal-Anness III għandu jitneħħa minn dik il-lista meta tkun tapplika waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex tqis li dak il-pajjiż jew it-territorju terz ma jkunx wera biżżejjed progress biex jikkonforma ma' waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7, jew li dak il-pajjiż jew it-territorju terz ikun ħa azzjoni li ma tkunx kompatibbli mal-objettivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-klima u l-ambjent;

(b) dak il-pajjiż jew it-territorju terz ikun ħa passi kontra l-objettivi tiegħu għad-dekarbonizzazzjoni, bħall-forniment ta' appoġġ pubbliku għall-istabbiliment ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida li temetti aktar minn 550 gramma ta' diossidu tal-karbonju ("$CO_2$") ta' oriġini fossili għal kull kilowatt-siegħa ta' elettriku.

(c) il-Kummissjoni jkollha evidenza li, bħala riżultat ta' żieda fl-esportazzjonijiet tal-elettriku lejn l-Unjoni, l-emissjonijiet għal kull kilowatt-siegħa mill-produzzjoni tal-elettriku f'dak il-pajjiż jew it-territorju terz ikunu żdiedu b'mill-inqas 5 % meta mqabbla mal-1 ta' Jannar 2026.

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri għal pajjiżi jew territorji terzi li jitneħħew mil-lista fil-punt 2 tal-Anness III, biex tiżgura l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal dawk il-pajjiżi jew dawk it-territorji fir-rigward tal-elettriku. Jekk f'każijiet bħal dawn l-akkoppjament tas-swieq jibqa' inkompatibbli mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li teskludi lil dawk il-pajjiżi jew it-territorji terzi mill-akkoppjament tas-swieq tal-Unjoni u tirrikjedi allokazzjoni tal-kapaċità espliċita mal-fruntiera bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi jew it-territorji terzi, biex ikun jista' japplika s-CBAM.

11. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 biex temenda l-listi ta' pajjiżi jew territorji terzi elenkati fil-punt 1 jew 2 tal-Anness III, billi żżid jew tħassar pajjiż jew territorju terz, skont jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 6, 7 jew 9 ta' dan l-Artikolu jkunux issodisfati fir-rigward ta' dak il-pajjiż jew territorju terz.

12. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li tqis il-mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju f'tali pajjiżi jew territorji għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "oġġetti" tfisser oġġetti elenkati fl-Anness I;

(2) "gassijiet serra" tfisser gassijiet serra kif speċifikat fl-Anness I fir-rigward ta' kull wieħed mill-oġġetti elenkati f'dak l-Anness;

(3) "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra fl-atmosfera mill-produzzjoni tal-oġġetti;

(4) "importazzjoni" tfisser ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa kif previst fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(5) "EU ETS" tfisser is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE għajr attivitajiet tal-avjazzjoni;

(6) "territorju doganali tal-Unjoni" tfisser it-territorju kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(7) "pajjiż terz" tfisser pajjiż jew territorju barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(8) "blata kontinentali" tfisser il-blata kontinentali kif definita fl-Artikolu 76 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar;

(9) "żona ekonomika esklużiva" tfisser żona ekonomika esklużiva kif definita fl-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar u li ġiet iddikjarata bħala żona ekonomika esklużiva minn Stat Membru skont dik il-konvenzjoni;

(10) "valur intrinsiku" tfisser il-valur intrinsiku għall-oġġetti kummerċjali kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (48), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446;

(11) "akkoppjament tas-swieq" tfisser l-allokazzjoni tal-kapaċità tat-trażmissjoni permezz ta' sistema tal-Unjoni li tqabbel l-ordnijiet b'mod simultanju u talloka kapaċitajiet transżonali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2015/1222;

(12) "allokazzjoni espliċita tal-kapaċità" tfisser l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera li tkun separata mill-kummerċ tal-elettriku;

(13) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità, maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 11;

(14) "awtoritajiet doganali" tfisser l-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(15) "importatur" tfisser il-persuna li tippreżenta dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-oġġetti f'isimha stess u għan-nom tagħha stess jew, meta d-dikjarazzjoni doganali tiġi ppreżentata minn rappreżentant doganali indirett f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, il-persuna li għan-nom tagħha tiġi ppreżentata tali dikjarazzjoni;

(16) "dikjarant doganali" tfisser dikjarant kif definit fl-Artikolu 5, il-punt (15), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jippreżenta dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' oġġetti f'ismu stess jew il-persuna li f'isimha tiġi ppreżentata tali dikjarazzjoni;

(17) "dikjarant awtorizzat CBAM" tfisser persuna awtorizzata minn awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 17;

(18) "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li ma tkunx persuna ġuridika iżda li tkun rikonoxxuta skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali li jkollha l-kapaċità li twettaq atti legali;

(19) "stabbilita fi Stat Membru" tfisser:

(a) fil-każ ta' persuna fiżika, kwalunkwe persuna li għandha r-residenza tagħha fi Stat Membru;

(b) fil-każ ta' persuna ġuridika jew assoċjazzjoni ta' persuni, kwalunkwe persuna li jkollha uffiċċju reġistrat, sede ċentrali jew stabbiliment permanenti ta' negozju tagħha fi Stat Membru;

(20) "numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi" (numru EORI) tfisser in-numru assenjat mill-awtorità doganali meta r-reġistrazzjoni għall-finijiet doganali tkun saret f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(21) "emissjonijiet diretti" tfisser emissjonijiet mill-proċessi tal-produzzjoni ta' oġġetti, inklużi l-emissjonijiet mill-produzzjoni ta' tisħin u tkessiħ ikkunsmati matul il-proċessi ta' produzzjoni, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tat-tisħin jew tat-tkessiħ;

(22) "emissjonijiet integrati" tfisser emissjonijiet diretti rilaxxati matul il-produzzjoni tal-oġġetti u emissjonijiet indiretti mill-produzzjoni tal-elettriku kkonsmat matul il-proċessi tal-produzzjoni, ikkalkolati skont il-metodi stabbiliti fl-Anness IV u speċifikati ulterjorment fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(7);

(23) "tunnellata ta' $CO_2e$" tfisser tunnellata metrika ta' $CO_2$, jew ammont ta' kwalunkwe gass serra elenkat fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ekwivalenti;

(24) "ċertifikat CBAM" tfisser ċertifikat f'format elettroniku li jikkorrispondi għal tunnellata $CO_2e$ ta' emissjonijiet integrati fl-oġġetti;

(25) "ċediment" tfisser tpaċija taċ-ċertifikati CBAM meta mqabbla mal-emissjonijiet integrati ddikjarati f'oġġetti importati jew meta mqabbla mal-emissjonijiet integrati fl-oġġetti importati li kellhom jiġu ddikjarati;

(26) "proċessi tal-produzzjoni" tfisser il-proċessi kimiċi u fiżiċi mwettqa biex jiġu prodotti oġġetti f'installazzjoni;

(27) "valur prestabbilit" tfisser valur, li jiġi kkalkulat jew prelevat minn data sekondarja, li jirrappreżenta l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti;

(28) "emissjonijiet reali" tfisser l-emissjonijiet ikkalkulati fuq il-bażi ta' data primarja mill-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti u mill-produzzjoni tal-elettriku kkunsmat matul dawk il-proċessi kif iddeterminat f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness IV;

(29) "prezz tal-karbonju" tfisser l-ammont monetarju mħallas f'pajjiż terz, fl-ambitu ta' skema għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, fil-forma ta' taxxa, imposta jew dritt jew fil-forma ta' kwoti ta' emissjonijiet skont sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet serra, ikkalkulat fuq gassijiet serra koperti minn tali miżura, u rilaxxati matul il-produzzjoni tal-oġġetti;

(30) "installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja fejn jitwettaq proċess tal-produzzjoni;

(31) "operatur" tfisser kwalunkwe persuna li topera jew tikkontrolla installazzjoni f'pajjiż terz;

(32) "korp nazzjonali ta' akkreditament" tfisser korp nazzjonali ta' akkreditament kif maħtur minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(33) "kwota tal-EU ETS" tfisser kwota kif iddefinita fl-Artikolu 3, il-punt (a), tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva għajr attivitajiet tal-avjazzjoni;

(34) "emissjonijiet indiretti" tfisser emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku li jiġu kkunsmati matul il-proċessi tal-produzzjoni tal-oġġetti, indipendentement mill-post tal-produzzjoni tal-elettriku kkunsmat.

## KAPITOLU II

## OBBLIGI U DRITTIJIET TA' DIKJARANTI AWTORIZZATI CBAM

### *Artikolu 4*

### Importazzjoni ta' oġġetti

L-oġġetti għandhom jiġu importati fit-territorju doganali tal-Unjoni minn dikjarant awtorizzat CBAM biss.

### *Artikolu 5*

### Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni

1. Kull importatur stabbilit fi Stat Membru, qabel ma jimporta oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni, għandu japplika għall-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM ("applikazzjoni għal awtorizzazzjoni"). Meta tali importatur jaħtar rappreżentant doganali indirett f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u meta r-rappreżentant doganali indirett jaqbel li jaġixxi bħala dikjarant awtorizzat CBAM, ir-rappreżentant doganali indirett għandu jippreżenta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

2. Meta importatur ma jkunx stabbilit fi Stat Membru, ir-rappreżentant doganali indirett għandu jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

3. L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għandha tiġi ppreżentata permezz tar-reġistru CBAM stabbilit skont l-Artikolu 14.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn il-kapaċità tat-trażmissjoni għall-importazzjoni tal-elettriku tiġi allokata permezz ta' allokazzjoni espliċita tal-kapaċità, il-persuna li lilha tkun ġiet allokata l-kapaċità għall-importazzjoni u li tinnomina din il-kapaċità għall-importazzjoni, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha titqies bħala dikjarant awtorizzat CBAM fl-Istat Membru fejn il-persuna tiddikjara l-importazzjoni tal-elettriku fid-dikjarazzjoni doganali. L-importazzjonijiet iridu jitkejlu għal kull fruntiera għal perjodi ta' żmien mhux itwal minn siegħa u ma għandu jkun possibbli l-ebda tnaqqis ta' esportazzjoni jew ta' tranżitu fl-istess siegħa.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih id-dikjarazzjoni doganali tkun ġiet ippreżentata għandha tirreġistra lill-persuna fir-reġistru CBAM.

5. L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar l-applikant:

(a) l-isem, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt;

(b) in-numru EORI;

(c) attività ekonomika ewlenija mwettqa fl-Unjoni;

(d) ċertifikazzjoni mill-awtorità tat-taxxa fl-Istat Membru fejn l-applikant ikun stabbilit li l-applikant mhuwiex soġġett għal ordni ta' rkupru pendenti għal djun tat-taxxa nazzjonali;

(e) dikjarazzjoni tal-unur li l-applikant ma kien involut fl-ebda ksur serju jew ksur ripetut ta' leġiżlazzjoni doganali, regoli dwar it-tassazzjoni jew regoli dwar l-abbuż tas-suq matul il-ħames snin qabel is-sena tal-applikazzjoni, inkluż li ma għandu l-ebda rekord ta' reati serji rigward l-attività ekonomika tiegħu;

(f) informazzjoni meħtieġa biex tintwera l-kapaċità finanzjarja u operazzjonali biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-applikant skont ir-Regolament u, jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi hekk fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, dokumenti ta' sostenn li jikkonfermaw dik l-informazzjoni, bħar-rapport tal-introjtu u l-karta tal-bilanċi sal-aħħar tliet snin finanzjarji li għalihom kienu magħluqa l-kontijiet;

(g) valur stmat fi flus u volum ta' importazzjonijiet ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni skont it-tip ta' oġġetti, għas-sena kalendarja li matulha tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, u għas-sena kalendarja ta' wara;

(h) ismijiet u informazzjoni ta' kuntatt tal-persuni li f'isimhom ikun qed jaġixxi l-applikant, jekk applikabbli.

6. L-applikant jista' jirtira l-applikazzjoni tiegħu fi kwalunkwe mument.

7. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jinforma lill-awtorità kompetenti, permezz tar-reġistru CBAM, mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu li tkun saret wara li d-deċiżjoni li tagħti l-istatus tad-dikjarant awtorizzat CBAM tkun ġiet adottata skont l-Artikolu 17 li tista' tinfluwenza dik id-deċiżjoni jew il-kontenut tal-awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa tagħha.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-komunikazzjonijiet bejn l-applikant, l-awtorità kompetenti u l-Kummissjoni, il-format standard tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u l-proċeduri għall-preżentazzjoni tali applikazzjoni permezz tar-reġistru CBAM, il-proċedura li l-awtorità kompetenti għandha ssegwi u l-iskadenzi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u r-regoli għall-identifikazzjoni tad-dikjaranti awtorizzati CBAM mill-awtorità kompetenti għall-importazzjoni tal-elettriku. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

*Artikolu 6*

**Dikjarazzjoni CBAM**

1. Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, u għall-ewwel darba fl-2027 għas-sena 2026, kull dikjarant awtorizzat CBAM għandu juża r-reġistru CBAM imsemmi fl-Artikolu 14 biex jippreżenta dikjarazzjoni CBAM għas-sena kalendarja preċedenti.

2. Id-dikjarazzjoni CBAM għandu jkun fiha dan li ġej:

(a) il-kwantità totali ta’ kull tip ta’ oġġetti importati matul is-sena kalendarja preċedenti, espressa f’megawatt-sigħat għall-elettriku u f’tunnellati għal oġġetti oħra;

(b) l-emissjonijiet integrati totali f’dawk l-oġġetti msemmija fil-punt (a), ta’ dan il-paragrafu, espressi f’tunnellati ta’ emissjonijiet ta’ $CO_2e$ għal kull megawatt-siegħa ta’ elettriku jew, għal oġġetti oħra, f’tunnellati ta’ emissjonijiet ta’ $CO_2e$ għal kull tunnellata ta’ kull tip ta’ oġġetti, ikkalkulati f’konformità mal-Artikolu 7 u vverifikati f’konformità mal-Artikolu 8;

(c) l-għadd totali ta’ ċertifikati CBAM li għandhom jiġu ċeduti, li jikkorrispondi għall-emissjonijiet integrati totali msemmijin fil-punt (b) ta’ dan il-paragrafu wara t-tnaqqis dovut minħabba l-prezz tal-karbonju mħallas f’pajjiż tal-oriġini f’konformità mal-Artikolu 9 u l-aġġustament meħtieġ biex jiġi rifless il-punt sa fejn il-kwoti tal-EU ETS jiġu allokati bla ħlas f’konformità mal-Artikolu 31.

(d) kopji tar-rapporti ta’ verifika maħruġa mill-verifikaturi akkreditati, skont l-Artikolu 8 u l-Anness VI.

3. Meta jiġu importati prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura tal-ipproċessar attiv kif imsemmi fl-Artikolu 256 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jirrapporta fid-dikjarazzjoni CBAM l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti li kienu tqiegħdu taħt il-proċedura tal-ipproċessar attiv u li rriżultaw fi prodotti pproċessati importati, anki meta l-prodotti ipproċessati ma jkunux elenkati fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll meta l-prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura ta’ proċessar attiv ikunu oġġetti ritornati kif imsemmi fl-Artikolu 205 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

4. Meta l-oġġetti importati elenkati fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament ikunu prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura tal-ipproċessar passiv kif imsemmi fl-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jirrapporta fid-dikjarazzjoni CBAM l-emissjonijiet tal-operazzjoni tal-ipproċessar li jsiru barra mit-territorju doganali tal-Unjoni biss.

5. Meta l-oġġetti importati jkunu oġġetti ritornati kif imsemmi fl-Artikolu 203 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jirrapporta b’mod separat, fid-dikjarazzjoni CBAM, “żero” għall-emissjonijiet integrati totali li jikkorrispondu għal dawk l-oġġetti.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni dwar il-format standard tad-dikjarazzjoni CBAM, inkluża informazzjoni dettaljata għal kull installazzjoni u pajjiż tal-oriġini u tip ta’ oġġetti li jridu jiġu rrapportati li jiġġustifikaw it-totali msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, b’mod partikolari fir-rigward tal-emissjonijiet integrati u l-prezz tal-karbonju mħallas, il-proċedura għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni CBAM permezz tar-reġistru CBMA, u l-arranġamenti għaċ-ċediment taċ-ċertifikati CBAM imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c), ta’ dan l-Artikolu, f’konformità mal-Artikolu 22(1), b’mod partikolari fir-rigward tal-proċess u tal-għażla mid-dikjarant awtorizzat CBAM taċ-ċertifikati li jiġu ċeduti. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

*Artikolu 7*

**Kalkolu tal-emissjonijiet integrati**

1. L-emissjonijiet integrati fl-oġġetti għandhom jiġu kkalkolati skont il-metodi stabbiliti fl-Anness IV. Għall-oġġetti elenkati fl-Anness II, l-emissjonijiet diretti biss għandhom jiġu kkalkolati u meqjusa.

2. L-emissjonijiet integrati fl-oġġetti għajr l-elettriku għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi tal-emissjonijiet reali f’konformità mal-metodi stabbiliti fil-punti 2 u 3 tal-Anness IV. Meta l-emissjonijiet reali ma jkunux jistgħu jiġu determinati b’mod adegwat, kif ukoll fil-każ ta’ emissjonijiet indiretti, l-emissjonijiet integrati għandhom jiġu ddeterminati b’referenza għall-valuri prestabbiliti f’konformità mal-metodi stabbiliti fil-punt 4.1 tal-Anness IV.

3. L-emissjonijiet integrati fl-elettriku importat għandhom jiġu ddeterminati b’referenza għall-valuri prestabbiliti f’konformità mal-metodu stabbilit fil-punt 4.2 tal-Anness IV, sakemm id-dikjarant awtorizzat CBAM juri li ġew issodisfati l-kriterji għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati fuq il-bażi tal-emissjonijiet reali elenkati fil-punt 5 tal-Anness IV.

4. L-emissjonijiet integrati indiretti għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-metodu stabbilit fil-punt 4.3 tal-Anness IV u speċifikat ulterjorment fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, sakemm id-dikjarant awtorizzat CBAM juri li ġew issodisfati l-kriterji għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati fuq il-bażi tal-emissjonijiet reali elenkati fil-punt 6 tal-Anness IV.

5. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jżomm rekords tal-informazzjoni meħtieġa għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V. Dawn ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu li l-verifikaturi akkreditati skont l-Artikolu 18 jivverifikaw l-emissjonijiet integrati f'konformità mal-Artikolu 8 u l-Anness VI u jippermettu li l-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti jirrieżaminaw id-dikjarazzjoni CBAM f'konformità mal-Artikolu 19(2).

6. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jżomm dawk ir-rekords tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, inkluż ir-rapport tal-verifikatur, sa tmiem ir-raba' sena wara s-sena li fiha d-dikjarazzjoni CBAM tkun ġiet ippreżentata jew kellha tiġi ppreżentata.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar:

(a) l-applikazzjoni tal-elementi tal-metodi ta' kalkolu stabbiliti fl-Anness IV, inklużi d-determinazzjoni tal-konfini tas-sistema tal-proċessi tal-produzzjoni, u tal-materjali rilevanti ta' input (prekursuri), il-fatturi tal-emissjoni, il-valuri speċifiċi għall-installazzjoni tal-emissjonijiet reali u l-valuri prestabbiliti u l-applikazzjoni rispettiva tagħhom għall-oġġetti individwali kif ukoll id-definizzjoni ta' metodi biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-data li fuq il-bażi tagħha għandhom jiġu ddeterminati l-valuri prestabbiliti, inkluż il-livell ta' dettall u l-verifika tad-data, u inkluża l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-oġġetti li jridu jitqiesu "oġġetti sempliċi" u "oġġetti kumplessi" għall-iskopijiet tal-punt 1 tal-Anness IV; dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw ukoll il-kundizzjonijiet li fihom jitqies li l-emissjonijiet reali ma jistgħux jiġu ddeterminati b'mod adegwat, kif ukoll l-elementi ta' evidenza li juru li ġew issodisfati l-kriterji meħtieġa biex jiġi ġġustifikat l-użu tal-emissjonijiet reali għall-elettriku kkunsmat fil-produzzjoni tal-proċessi tal-oġġetti għall-iskopijiet tal-paragrafu 2 elenkati fil-punti 5 u 6 tal-Anness IV; u

(b) l-applikazzjoni tal-elementi tal-metodi ta' kalkolu skont il-paragrafu 4 f'konformità mal-punt 4.3 tal-Anness IV.

Meta jkun iġġustifikat b'mod oġġettiv, l-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jipprevedu li l-valuri prestabbiliti jistgħu jiġu adattati għal żoni, reġjuni jew pajjiżi partikolari biex jitqiesu fatturi oġġettivi speċifiċi li jaffettwaw l-emissjonijiet, bħas-sorsi tal-enerġija prevalenti jew il-proċessi industrijali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jibnu fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti għall-monitoraġġ u għall-verifika tal-emissjonijiet u d-data dwar l-attivitajiet għall-installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([24]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([25]). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Verifika tal-emissjonijiet integrati**

1. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jiżgura li l-emissjonijiet integrati totali ddikjarati fid-dikjarazzjoni CBAM ippreżentata skont l-Artikolu 6 huma verifikati minn verifikatur akkreditat skont l-Artikolu 18, fuq il-bażi tal-prinċipji ta' verifika stabbiliti fl-Anness VI.

2. Għall-emissjonijiet integrati f'oġġetti prodotti f'installazzjonijiet f'pajjiż terz irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 10, id-dikjarant awtorizzat CBAM jista' jagħżel li juża informazzjoni vverifikata żvelata lilu f'konformità mal-Artikolu 10(7) biex jissodisfa l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

([24]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

([25]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8).

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipji ta' verifika msemmija fl-Anness VI fir-rigward:

(a) tal-possibbiltà li tingħata deroga, f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u mingħajr ma tiġi kompromessa stima affidabbli tal-emissjonijiet integrati, mill-obbligu li l-verifikatur iżur l-installazzjoni fejn ġew prodotti l-oġġetti rilevanti;

(b) id-definizzjoni tas-sollijiet għal deċiżjonijiet dwar jekk dikjarazzjonijiet skorretti jew nonkonformitajiet humiex materjali; u

(c) tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa għar-rapport ta' verifika, inkluż il-format tiegħu.

Meta tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tfittex l-ekwivalenza u l-koerenza mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

**Prezz tal-karbonju mħallas f'pajjiż terz**

1. Fid-dikjarazzjoni CBAM, dikjarant awtorizzat CBAM jista' jitlob tnaqqis fl-għadd ta' ċertifikati CBAM li jridu jiġu ċeduti sabiex jitqies il-prezz tal-karbonju mħallas fil-pajjiż tal-oriġini għall-emissjonijiet integrati ddikjarati. It-tnaqqis jista' jintalab biss jekk il-prezz tal-karbonju tħallas effettivament fil-pajjiżi tal-oriġini. F'tali każ, għandhom jitqiesu kull ribass jew forma oħra ta' kumpens disponibbli f'dawk il-pajjiż li jkunu rriżultaw fi tnaqqis ta' dak il-prezz tal-karbonju.

2. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jżomm rekords tad-dokumentazzjoni meħtieġa biex turi li l-emissjonijiet integrati ddikjarati kienu soġġetti għal prezz tal-karbonju fil-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti li jkun effettivament tħallas kif imsemmi fil-paragrafu 1. Id-dikjarant awtorizzat CBAM, b'mod partikolari, għandu jżomm l-evidenza relatata mar-ribassi disponibbli jew kwalunkwe forma oħra ta' kumpens, b'mod partikolari r-referenzi għal-leġiżlazzjoni rilevanti ta' dak il-pajjiż. L-informazzjoni li tinsab f'dik id-dokumentazzjoni għandha tkun iċċertifikata minn persuna indipendenti mid-dikjarant awtorizzat CBAM u mill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini. L-isem u l-informazzjoni ta' kuntatt ta' dik il-persuna indipendenti għandhom jidhru fuq id-dokumentazzjoni. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jżomm ukoll evidenza tal-pagament reali tal-prezz tal-karbonju.

3. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jżomm ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 2 sa tmiem ir-raba' sena wara s-sena li matulha d-dikjarazzjoni CBAM tkun ġiet ippreżentata jew kellha tiġi ppreżentata.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-konverżjoni tal-prezz annwali medju tal-karbonju effettivament imħallas f'konformità mal-paragrafu 1 fi tnaqqis korrispondenti tal-għadd ta' ċertifikati CBAM li jridu jiġu ċeduti, inkluża l-konverżjoni f'euro tal-prezz tal-karbonju effettivament imħallas b'munita barranija bir-rata tal-kambju medja annwali, l-evidenza meħtieġa tal-pagament reali tal-prezz tal-karbonju, eżempji ta' eventwali ribassi jew forom oħra ta' kumpens rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kwalifiki tal-persuna indipendenti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-kundizzjonijiet biex tiġi aċċertata l-indipendenza ta' dik il-persuna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

*Artikolu 10*

**Reġistrazzjoni tal-operaturi u tal-installazzjonijiet f'pajjiżi terzi**

1. Meta ssir talba mingħand operatur jew installazzjoni li jinsabu f'pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha tirreġistra l-informazzjoni dwar dak l-operatur u dwar l-installazzjoni tiegħu f'reġistru CBAM imsemmi fl-Artikolu 14.

2. It-talba għar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja li trid tiġi inkluża fir-reġistru CBAM fil-mument tar-reġistrazzjoni:

(a) l-isem, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-operatur;

(b) il-post ta' kull installazzjoni inkluż l-indirizz sħiħ u l-koordinati ġeografiċi espressi f'lonġitudni u latitudni li jinkludu sitt deċimali;

(c) l-attività ekonomika ewlenija tal-installazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-operatur bir-reġistrazzjoni fir-reġistru CBAM. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' ħames snin mid-data tan-notifika tagħha lill-operatur tal-installazzjoni.

4. L-operatur għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 li tirriżulta wara r-reġistrazzjoni, u l-Kummissjoni għandha taġġorna l-informazzjoni rilevanti fir-reġistru tas-CBAM.

5. L-operatur għandu:

(a) jiddetermina l-emissjonijiet integrati kkalkulati f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness IV, skont it-tip ta' oġġetti prodotti fl-installazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) jiżgura li l-emissjonijiet integrati msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġu vverifikati f'konformità mal-prinċipji ta' verifika stabbiliti fl-Anness VI minn verifikatur akkreditat skont l-Artikolu 18;

(c) iżomm kopja tar-rapport ta' verifika kif ukoll rekords tal-informazzjoni meħtieġa biex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet integrati fl-oġġetti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V għal perjodu ta' erba' snin wara li tkun twettqet il-verifika.

6. Ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 5, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu l-verifika tal-emissjonijiet integrati f'konformità mal-Artikolu 8 u mal-Anness VI, u biex jippermettu r-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 19, tad-dikjarazzjoni CBAM li tkun saret minn dikjarant awtorizzat CBAM li tkun ġiet żvelata l-informazzjoni rilevanti lilu f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

7. Operatur jista' jiżvela l-informazzjoni dwar il-verifika tal-emissjonijiet integrati msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu lil dikjarant awtorizzat CBAM. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jkollu d-dritt li jagħmel użu minn dik l-informazzjoni żvelata biex jissodisfa l-obbligu msemmi fl-Artikolu 8.

8. Fi kwalunkwe mument, l-operatur jista' jitlob li jitneħħa mir-reġistru tar-reġistru CBAM. Il-Kummissjoni għandha, fuq tali talba, u wara li tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti, tneħħi mir-reġistru lill-operatur u tħassar l-informazzjoni dwar dak l-operatur u dwar l-installazzjoni tiegħu mir-reġistru CBAM, dment li tali informazzjoni ma tkunx meħtieġa għar-rieżami tad-dikjarazzjonijiet CBAM li jkunu ġew ippreżentati. Il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat lill-operatur ikkonċernat il-possibbiltà li jinstema' u wara li tkun ikkonsultat l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, anki tħassar mir-reġistru l-informazzjoni jekk il-Kummissjoni jidhrilha li l-informazzjoni dwar dak l-operatur ma tkunx għadha preċiża. Il-Kummissjoni għandha tinforma wkoll lill-awtoritajiet kompetenti b'dan t-tħassir mir-reġistru.

## KAPITOLU III

## AWTORITAJIET KOMPETENTI

### *Artikolu 11*

### **Awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti biex taqdi l-funzjonijiet u d-dmirijiet li ġejjin minn dan ir-Regolament u jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lista tal-awtoritajiet kompetenti kollha għall-Istati Membri u tippubblika dik l-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli fir-reġistru CBAM.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom li ġejjin minn dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Kummissjoni**

Minbarra l-kompiti li l-Kummissjoni teżerċita skont dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq tal-funzjonijiet u l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, u għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħhom billi tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll toħroġ linji gwida dwarhom, u billi tippromwovi skambju adegwat ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni.

*Artikolu 13*

**Segretezza professjonali u żvelar ta' informazzjoni**

1. L-informazzjoni kollha li l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni tikseb matul it-twettiq ta' dmirijietha li tkun min-natura tagħha kunfidenzjali jew li tkun ipprovduta fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun koperta bl-obbligu ta' segretezza professjonali. L-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni ma għandhiex tiżvela din l-informazzjoni mingħajr il-permess espliċitu minn qabel tal-persuna jew tal-awtorità li tkun ipprovdietha jew b'riżultat tal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni jistgħu jikkondividu tali informazzjoni ma' xulxin, mal-awtoritajiet doganali, mal-awtoritajiet responsabbli mis-sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali, u mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, għall-finijiet tal-iżgurar tal-konformità ta' persuni mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali. Tali informazzjoni kondiviża għandha tkun koperta bis-segretezza professjonali u m'għandhiex tiġi żvelata lil xi persuna jew awtorità oħra ħlief b'riżultat tal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

*Artikolu 14*

**Reġistru CBAM**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi reġistru CBAM ta' dikjaranti awtorizzati CBAM fil-forma ta' bażi ta' data elettronika standardizzata li jkun fiha d-data dwar iċ-ċertifikati CBAM ta' dawk id-dikjaranti awtorizzati CBAM. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni fir-reġistru CBAM disponibbli awtomatikament u f'ħin reali għall-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti.

2. Ir-reġistru tas-CBAM imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih kontijiet b'informazzjoni dwar kull dikjarant awtorizzat CBAM, b'mod partikolari:

(a) l-isem, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt tad-dikjarant awtorizzat CBAM;

(b) in-numru EORI tad-dikjarant awtorizzat CBAM;

(c) in-numru tal-kont tas-CBAM;

(d) in-numru ta' identifikazzjoni, il-prezz tal-bejgħ, id-data tal-bejgħ, u d-data taċ-ċediment, tax-xiri mill-ġdid jew tal-kanċellazzjoni taċ-ċertifikati CBAM għal kull dikjarant awtorizzat CBAM.

3. Ir-reġistru CBAM għandu jkun fih, f'taqsima separata tar-reġistru, l-informazzjoni dwar l-operaturi u tal-installazzjonijiet fil-pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 10(2).

4. L-informazzjoni fir-reġistru CBAM imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tkun kunfidenzjali, bl-eċċezzjoni tal-ismijiet, l-indirizzi u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-operaturi u fejn jinsabu l-installazzjonijiet fil-pajjiżi terzi. Operatur jista' jagħżel li ismu, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt ma jsirux aċċessibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tagħmel aċċessibbli f'format interoperabbli l-informazzjoni pubblika fir-reġistru CBAM.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, fuq bażi annwali, għal kull wieħed mill-oġġetti elenkati fl-Anness I, l-emissjonijiet aggregati integrati fl-oġġetti importati.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar l-infrastruttura u l-proċessi u l-proċeduri speċifiċi tar-reġistru CBAM, inkluż l-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 15, il-bażijiet ta' data elettroniċi li jkun fihom l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, id-data tal-kontijiet fir-reġistru CBAM imsemmija fl-Artikolu 16, it-trażmissjoni lir-reġistru CBAM tal-informazzjoni dwar il-bejgħ, ix-xiri mill-ġdid u l-kanċellazzjoni taċ-ċertifikati CBAM imsemmija fl-Artikolu 20, u l-informazzjoni kontroverifikata ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 25(3). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

*Artikolu 15*

**Analiżi tar-riskju**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli bbażati fuq ir-riskju fuq id-data u t-tranżazzjonijiet irreġistrati fir-reġistru CBAM, imsemmi fl-Artikolu 14, biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda irregolarità fix-xiri, il-pussess, iċ-ċediment, ix-xiri mill-ġdid u l-kanċellazzjoni taċ-ċertifikati CBAM.

2. Jekk il-Kummissjoni tidentifika irregolaritajiet b'riżultat tal-kontrolli mwettqa skont il-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati sabiex jitwettqu investigazzjonijiet ulterjuri sabiex jiġu kkoreġuti l-irregolaritajiet identifikati.

*Artikolu 16*

**Kontijiet fir-reġistru CBAM**

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru tal-kont CBAM uniku lil kull dikjarant awtorizzat CBAM.

2. Kull dikjarant awtorizzat CBAM għandu jingħata aċċess lill-kont tiegħu fir-reġistru CBAM.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kont hekk kif tingħata l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1) u għandha tinnotifika lid-dikjarant awtorizzat CBAM b'dan.

4. Meta d-dikjarant awtorizzat CBAM ikun temm l-attività ekonomika tiegħu jew l-awtorizzazzjoni tiegħu tkun ġiet revokata, il-Kummissjoni għandha tagħlaq il-kont ta' dak id-dikjarant awtorizzat CBAM, dment li d-dikjarant awtorizzat CBAM ikun irrispetta l-obbligi kollha tiegħu skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 17*

**Awtorizzazzjoni**

1. Meta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 5, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-applikant għandha tagħti l-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM dment li jkun hemm konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha.

Qabel ma tagħti l-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM, l-awtorità kompetenti għandha twettaq proċedura ta' konsultazzjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni permezz tar-reġistru CBAM. Il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tinvolvi lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni u m'għandhiex taqbeż 15-il jum ta' xogħol.

2. Il-kriterji għall-għoti tal-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-applikant ma jkunx ġie involut fi ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali, tar-regoli dwar it-tassazzjoni, tar-regoli dwar l-abbuż tas-suq jew ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament u, b'mod partikolari l-applikant ma jkollu l-ebda rekord ta' reati serji relatati mal-attività ekonomika matul il-ħames snin ta' qabel l-applikazzjoni;

(b) l-applikant juri l-kapaċità finanzjarja u operazzjonali tiegħu biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament.

(c) l-applikant ikun stabbilit fl-Istat Membru fejn l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata; u

(d) l-applikant ikun ġie assenjat numru EORI f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

3. Meta l-awtorità kompetenti ssib li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew issodisfati, jew meta l-applikant ikun naqas milli jipprovdi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(5), l-għoti tal-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM għandu jiġi rrifjutat. Tali deċiżjoni li jiġi rrifjutat l-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM għandha tagħti r-raġunijiet għar-rifjut u tinkludi informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' appell.

4. Deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tagħti l-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru CBAM u għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt tad-dikjarant awtorizzat CBAM;

(b) in-numru EORI tad-dikjarant awtorizzat CBAM;

(c) in-numru tal-kont tas-CBAM assenjat lid-dikjarant awtorizzat CBAM f'konformità mal-Artikolu 16(1);

(d) il-garanzija meħtieġa skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

5. Għall-finijiet tal-konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi l-għoti ta' garanzija jekk l-applikant ma jkunx ġie stabbilit matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(1).

L-awtorità kompetenti għandha tiffissa l-ammont ta' din il-garanzija għall-ammont ikkalkulat bħala l-valur aggregat tal-għadd ta' ċertifikati CBAM li d-dikjarant awtorizzat CBAM ikollu jċedi f'konformità mal-Artikolu 22 fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' oġġetti rrapportati f'konformità mal-Artikolu 5(5), il-punt (g). Il-garanzija mogħtija għandha tkun garanzija bankarja, pagabbli mal-ewwel talba, minn istituzzjoni finanzjarja li topera fl-Unjoni jew bħala forma oħra ta' garanzija li tipprovdi assigurazzjoni ekwivalenti.

6. Meta l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li l-garanzija mogħtija ma tiżgurax, jew ma għadhiex suffiċjenti biex tiżgura, il-kapaċità finanzjarja u operazzjonali tad-dikjarant awtorizzat tas-CBAM sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament, din għandha tirrikjedi li d-dikjarant awtorizzat CBAM jagħżel bejn li jagħti garanzija addizzjonali jew jissostitwixxi l-garanzija inizjali b'garanzija ġdida f'konformità mal-paragrafu 5.

7. L-awtorità kompetenti għandha tirrilaxxa l-garanzija immedjatament wara l-31 ta' Mejju tat-tieni sena li fiha d-dikjarant awtorizzat CBAM ikun ċeda ċ-ċertifikati CBAM f'konformità mal-Artikolu 22.

8. L-awtorità kompetenti għandha tirrevoka l-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM meta:

(a) id-dikjarant awtorizzat CBAM jitlob revoka; jew

(b) id-dikjarant awtorizzat CBAM ma jkunx għadu jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 6 ta' dan l-Artikolu, jew kien involut fi ksur serju jew ripetut tal-obbligu li jċedi ċ-ċertifikati CBAM skont l-Artikolu 22(1) jew tal-obbligu li jiżgura għadd suffiċjenti ta' ċertifikati CBAM fil-kont tiegħu fir-reġistru CBAM fi tmiem kull trimestru, kif imsemmi fl-Artikolu 22(2).

Qabel ma tirrevoka l-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM, l-awtorità kompetenti għandha tagħti lid-dikjarant awtorizzat CBAM il-possibbiltà li jinstema' u għandha twettaq proċedura ta' konsultazzjoni dwar ir-revoka possibbli ta' tali status. Il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tinvolvi lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni u m'għandhiex taqbeż 15-il jum ta' xogħol.

Kwalunkwe deċiżjoni ta' revoka għandu jkun fiha r-raġunijiet għad-deċiżjoni kif ukoll informazzjoni dwar id-dritt ta' appell.

9. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra fir-reġistru CBAM l-informazzjoni dwar:

(a) l-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni tkun ġiet irrifjutata skont il-paragrafu 3; u

(b) il-persuni li l-istatus tagħhom ta' dikjarant awtorizzat CBAM ikun ġie revokat skont il-paragrafu 8.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kundizzjonijiet:

(a) għall-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, inkluż dak li wieħed ma kienx involut fi ksur serju jew fi ksur ripetut skont il-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu;

(b) għall-applikazzjoni tal-garanzija msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu;

(c) għall-applikazzjoni tal-kriterji ta' ksur serju jew ripetut, kif imsemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu;

(d) għall-konsegwenzi tar-revoka tal-istatus ta' dikjarant awtorizzat CBAM, kif imsemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu; u

(e) għall-iskadenzi u għall-formati speċifiċi tal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 8 ta' dan l-Artikolu;

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

*Artikolu 18*

**Akkreditament tal-verifikaturi**

1. Kull persuna akkreditata f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 għal grupp rilevanti ta' attivitajiet għandha titqies bħala verifikatur akkreditat skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tidentifika gruppi rilevanti ta' attivitajiet billi tipprovdi allinjament tal-kwalifiki ta' verifikatur akkreditat meħtieġa biex iwettaq il-verifiki għall-finijiet ta' dan ir-Regolament mal-grupp rilevanti ta' attivitajiet elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 u indikati fiċ-ċertifikat ta' akkreditament. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Korp nazzjonali ta' akkreditament jista', fuq talba, jakkredita persuna biex tkun verifikatur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament meta jqis, abbażi tad-dokumentazzjoni ppreżentata lilu, li tali persuna jkollha l-kapaċità li tapplika l-prinċipji ta' verifika msemmija fl-Anness VI meta twettaq il-kompiti ta' verifika tal-emissjonijiet integrati skont l-Artikoli 8 u 10.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-akkreditament imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għall-kontroll u s-sorveljanza tal-verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditament u għar-rikonoxximent reċiproku u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi tal-akkreditament.

*Artikolu 19*

**Rieżami tad-dikjarazzjonijiet CBAM**

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha r-rwol ta' sorveljanza fir-rieżami tad-dikjarazzjonijiet CBAM.

2. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina d-dikjarazzjonijiet CBAM, bi qbil mal-istrateġija ta' rieżami, inklużi l-fatturi tar-riskju, fil-perjodu li jintemm bir-raba' sena wara s-sena li fiha kellhom jiġu ppreżentati d-dikjarazzjonijiet CBAM.

Ir-rieżami jista' jikkonsisti fil-verifika tal-informazzjoni pprovduta fid-dikjarazzjoni CBAM u fir-rapporti ta' verifika fuq il-bażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikolu 25, kwalunkwe evidenza rilevanti oħra, u fuq il-bażi ta' kwalunkwe awditu li jitqies meħtieġ, inkluż fil-bini tad-dikjarant awtorizzat CBAM.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-bidu u r-riżultati tar-rieżami lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM, permezz tar-reġistru CBAM.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM tista' tirrieżamina wkoll dikjarazzjoni CBAM fi żmien il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika l-bidu u r-riżultati ta' rieżami lill-Kummissjoni, permezz tar-reġistru CBAM.

3. Il-Kummissjoni għandha perjodikament tiddefinixxi l-fatturi tar-riskju u l-punti ta' attenzjoni speċifiċi, abbażi ta' analiżi tar-riskji b'rabta mal-implimentazzjoni tas-CBAM fil-livell tal-Unjoni, b'kont meħud tal-informazzjoni li tinsab fir-reġistru CBAM, id-data kkomunikata mill-awtoritajiet doganali, u sorsi ta' informazzjoni rilevanti oħrajn, inkluż il-kontrolli u l-verifiki mwettqa skont l-Artikoli 15(2) u l-Artikolu 25.

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita wkoll l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti dwar attivitajiet frawdolenti u l-penali imposti f'konformità mal-Artikolu 26.

4. Meta dikjarant awtorizzat CBAM jonqos milli jippreżenta dikjarazzjoni CBAM f'konformità mal-Artikolu 6, jew meta l-Kummissjoni tqis, abbażi tar-rieżami tagħha skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li l-għadd dikjarat ta' ċertifikati CBAM ma jkunx korrett, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-obbligi skont dan ir-Regolament ta' dan id-dikjarant awtorizzat CBAM fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kalkolu preliminari tal-għadd totali ta' ċertifikati CBAM li kellhom jiġu ċeduti, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena wara dik li fiha kellha tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni CBAM, jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tar-raba' sena ta' wara dik li fiha d-dikjarazzjoni CBAM żbaljata tkun ġiet ippreżentata kif applikabbli. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tali kalkolu preliminari, għal skopijiet indikattivi u mingħajr preġudizzju għall-kalkolu definittiv stabbilit mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM.

5. Meta l-awtorità kompetenti tikkonkludi li l-għadd iddikjarat ta' ċertifikati CBAM li jridu jiġu ċeduti ma jkunx korrett, jew li ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda dikjarazzjoni CBAM f'konformità mal-Artikolu 6, hija għandha tiddetermina l-għadd taċ-ċertifikati CBAM li kellhom jiġu ċeduti mid-dikjarant awtorizzat CBAM, b'kont meħud tal-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lid-dikjarant awtorizzat CBAM bid-deċiżjoni tagħha dwar l-għadd determinat ta' ċertifikati CBAM u għandha titlob li d-dikjarant awtorizzat CBAM iċedi ċ-ċertifikati CBAM addizzjonali fi żmien xahar.

Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti għandu jkun fiha r-raġunijiet għad-deċiżjoni kif ukoll informazzjoni dwar id-dritt ta' appell. Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata wkoll permezz tar-reġistru CBAM.

Meta l-awtorità kompetenti, wara li tirċievi l-kalkolu preliminari mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu, tiddeċiedi li ma tieħu l-ebda azzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan, permezz tar-reġistru CBAM.

6. Meta l-awtorità kompetenti tikkonkludi li l-għadd ta' ċertifikati CBAM ċeduti jaqbeż l-għadd li kellu jiġi ċedut, hija għandha, tinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Iċ-ċertifikati CBAM ċeduti żejda għandhom jinxtraw mill-ġdid f'konformità mal-proċeduri previsti fl-Artikolu 23.

## KAPITOLU IV

## **ĊERTIFIKATI CBAM**

### *Artikolu 20*

### **Bejgħ taċ-ċertifikati CBAM**

1. Stat Membru għandu jbigħ iċ-ċertifikati CBAM fuq pjattaforma ċentrali komuni lid-dikjaranti awtorizzati CBAM stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u timmaniġġja l-pjattaforma ċentrali komuni b'segwitu ta' proċedura ta' akkwist konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fil-pjattaforma ċentrali komuni.

3. L-informazzjoni dwar il-bejgħ, ix-xiri mill-ġdid u l-kanċellazzjoni taċ-ċertifikati CBAM fil-pjattaforma ċentrali komuni għandha tiġi ttrasferita lir-reġistru CBAM fi tmiem kull jum tax-xogħol.

4. Iċ-ċertifikati CBAM għandhom jinbiegħu lid-dikjaranti awtorizzati CBAM bil-prezz ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 21.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kull ċertifikat CBAM jiġi assenjat numru uniku ta' identifikazzjoni meta jinħoloq. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra n-numru uniku ta' identifikazzjoni u l-prezz u d-data tal-bejgħ taċ-ċertifikat CBAM fir-reġistru CBAM fil-kont tad-dikjarant awtorizzat CBAM li jixtri dak iċ-ċertifikat.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 li jissupplimentaw dan ir-Regolament biex tispeċifika aktar iż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra relatati mal-ġestjoni tal-bejgħ u x-xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM, billi tfittex il-koerenza mal-proċeduri tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 ([26]).

*Artikolu 21*

**Prezz taċ-ċertifikati CBAM**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-prezz taċ-ċertifikati CBAM bħala l-medja tal-prezzijiet tal-għeluq tal-kwoti tal-EU ETS fuq il-pjattaforma tal-irkant f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 għal kull ġimgħa kalendarja.

Għal dawk il-ġimgħat kalendarji li fihom ma jkun skedat l-ebda rkant fuq il-pjattaforma tal-irkant, il-prezz taċ-ċertifikati CBAM għandu jkun il-medja tal-prezzijiet tal-għeluq tal-kwoti tal-EU ETS tal-aħħar ġimgħa li fiha jkunu seħħew irkanti fuq il-pjattaforma tal-irkant.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-prezz medju, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, fuq is-sit web tagħha jew bi kwalunkwe mod xieraq ieħor fl-ewwel jum tax-xogħol tal-ġimgħa kalendarja segwenti. Dak il-prezz għandu japplika mill-ewwel jum tax-xogħol wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu sal-ewwel jum tax-xogħol tal-ġimgħa kalendarja segwenti.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-metodoloġija prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-kalkolu tal-prezz medju taċ-ċertifikati CBAM u l-arranġamenti prattiċi għall-pubblikazzjoni ta' dak il-prezz. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

*Artikolu 22*

**Ċediment taċ-ċertifikati CBAM**

1. Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, u għall-ewwel darba fl-2027 għas-sena 2026, id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jċedi, permezz tar-reġistru CBAM, għadd ta' ċertifikati CBAM li jikkorrispondi għall-emissjonijiet integrati ddikjarati f'konformità mal-Artikolu 6(2), il-punt (c), u vverifikati f'konformità mal-Artikolu 8 għas-sena kalendarja ta' qabel iċ-ċediment. Il-Kummissjoni għandha tneħħi ċ-ċertifikati CBAM ċeduti mir-reġistru CBAM. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jiżgura li l-għadd rikjest ta' ċertifikati CBAM ikun disponibbli fil-kont tiegħu fir-reġistru CBAM.

([26]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).

2. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jiżgura li l-għadd ta' ċertifikati CBAM fil-kont tiegħu fir-reġistru CBAM fl-aħħar ta' kull trimestru jikkorrispondi għal mill-inqas 80 % tal-emissjonijiet integrati, determinati b'referenza għall-valuri prestabbiliti f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness IV, fl-oġġetti kollha li jkun importa mill-bidu tas-sena kalendarja.

3. Meta l-Kummissjoni ssib li l-għadd ta' ċertifikati CBAM fil-kont ta' dikjarant awtorizzat CBAM ma jkunx konformi mal-obbligi skont il-paragrafu 2, hija għandha tgħarraf, permezz tar-reġistru CBAM, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM.

L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lid-dikjarant awtorizzat CBAM bil-ħtieġa li jiżgura għadd suffiċjenti ta' ċertifikati CBAM fil-kont tiegħu fi żmien xahar minn tali notifika.

L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra n-notifika lid-dikjarant awtorizzat CBAM u r-risposta mingħandu, fir-reġistru CBAM.

*Artikolu 23*

**Xiri mill-ġdid taċ-ċertifikati CBAM**

1. Fuq talba ta' dikjarant awtorizzat CBAM, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jixtri mill-ġdid iċ-ċertifikati CBAM żejda li jifdal fil-kont tad-dikjarant fir-reġistru CBAM wara li ċ-ċertifikati jkunu ġew ċeduti f'konformità mal-Artikolu 22.

Il-Kummissjoni għandha tixtri mill-ġdid iċ-ċertifikati CBAM żejda permezz tal-pjattaforma ċentrali komuni msemmija fl-Artikolu 20 f'isem l-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM. Id-dikjarant awtorizzat CBAM għandu jippreżenta t-talba għax-xiri mill-ġdid sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena li matulha ġew ċeduti ċ-ċertifikati CBAM.

2. L-għadd ta' ċertifikati soġġetti għal xiri mill-ġdid kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun limitat għal terz tal-għadd totali taċ-ċertifikati CBAM mixtrija mid-dikjarant awtorizzat CBAM matul is-sena kalendarja preċedenti.

3. Il-prezz tax-xiri mill-ġdid għal kull ċertifikat CBAM għandu jkun il-prezz imħallas mid-dikjarant awtorizzat CBAM għal dak iċ-ċertifikat fil-mument tax-xiri.

*Artikolu 24*

**Kanċellazzjoni taċ-ċertifikati CBAM**

Fl-1 ta' Lulju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tikkanċella kwalunkwe ċertifikat CBAM li jkun inxtara matul is-sena qabel is-sena kalendarja preċedenti u li jkun fadal fil-kont ta' dikjarant awtorizzat CBAM fir-reġistru CBAM. Dawk iċ-ċertifikati CBAM għandhom jiġu kkanċellati mingħajr ebda kumpens.

Meta l-għadd ta' ċertifikati CBAM li għandhom jiġu ċeduti jiġi kkontestat f'tilwima pendenti fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tissospendi l-kanċellazzjoni taċ-ċertifikati CBAM sal-punt li jikkorrispondi għall-ammont ikkontestat. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM għandha tikkomunika mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

KAPITOLU V

**REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-IMPORTAZZJONI TA’ OĠĠETTI**

*Artikolu 25*

**Regoli applikabbli għall-importazzjoni ta’ oġġetti**

1. L-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu l-importazzjoni ta’ oġġetti minn kwalunkwe persuna li ma tkunx id-dikjarant awtorizzat CBAM.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom perjodikament u awtomatikament, b’mod partikolari permezz tal-mekkaniżmu ta’ sorveljanza stabbilit skont l-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, jikkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni speċifika dwar l-oġġetti ddikjarati għall-importazzjoni. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi n-numru EORI u n-numru tal-kont tas-CBAM tad-dikjarant awtorizzat CBAM, il-kodiċi NM bi tmien ċifri tal-oġġetti, il-kwantità, il-pajjiż tal-oriġini, id-data tad-dikjarazzjoni doganali u l-proċedura doganali.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-dikjarant awtorizzat CBAM u għandha, għal kull dikjarant CBAM, tivverifika dik l-informazzjoni mad-data fir-reġistru CBAM skont l-Artikolu 14.

4. L-awtoritajiet doganali, f’konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, jistgħu jikkomunikaw informazzjoni kunfidenzjali miksuba mill-awtoritajiet doganali matul il-qadi ta’ dmirijiethom, jew ipprovduta lill-awtoritajiet doganali fuq bażi kunfidenzjali, lill-Kummissjoni u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ta l-istatus tad-dikjarant awtorizzat CBAM.

5. Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 għandu japplika mutatis mutandis għal dan ir-Regolament.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jiddefinixxu l-informazzjoni u l-perjodiċità, it-twaqqit u l-mezzi għall-komunikazzjoni ta’ dik l-informazzjoni skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu. Dawn l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

KAPITOLU VI

**INFURZAR**

*Artikolu 26*

**Penali**

1. Dikjarant awtorizzat CBAM li, sal-31 ta’ Mejju ta’ kull sena, jonqos milli jċedi l-għadd ta’ ċertifikati CBAM li jikkorrispondi għall-emissjonijiet integrati fl-oġġetti importati matul is-sena kalendarja preċedenti għandu jeħel il-ħlas ta’ penali. Tali penali għandha tkun identika għall-penali ta’ emissjonijiet żejda stabbilita fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u miżjuda skont l-Artikolu 16(4) ta’ dik id-Direttiva, applikabbli fis-sena tal-importazzjoni tal-oġġetti. Tali penali għandha tapplika għal kull ċertifikat CBAM li d-dikjarant awtorizzat CBAM ma jkunx ċeda.

2. Meta persuna għajr dikjarant awtorizzat CBAM tintroduċi oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma tikkonforma mal-obbligi skont dan ir-Regolament, dik il-persuna għandha teħel il-ħlas ta’ penali. Tali penali għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva u għandha, partikolarment skont id-durata, il-gravità, il-portata, in-natura intenzjonali u r-ripetizzjoni ta’ tali nuqqas ta’ konformità u l-livell ta’ kooperazzjoni tal-persuna mal-awtorità kompetenti, tkun ammont ta’ bejn tlieta u ħames darbiet il-penali msemmija fil-paragrafu 1, applikabbli fis-sena tal-introduzzjoni tal-oġġetti, għal kull ċertifikat CBAM li l-persuna ma tkunx ċediet.

3. Il-ħlas tal-penali m’għandux jeħles lid-dikjarant awtorizzat CBAM mill-obbligu li jċedi l-għadd pendenti ta’ ċertifikati CBAM f’sena partikolari.

4. Meta l-awtorità kompetenti tiddetermina, inkluż fid-dawl ta' kalkoli preliminari mwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 19, li dikjarant awtorizzat CBAM ikun naqas milli jikkonforma mal-obbligu li jċedi ċ-ċertifikati CBAM kif speċifikat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew li persuna tkun introduċiet oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma kkonformat mal-obbligi skont dan ir-Regolament kif speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha timponi l-penali skont il-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, kif applikabbli. Għal dak il-għan, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lid-dikjarant awtorizzat CBAM jew, meta japplika l-paragrafu 2, lill-persuna:

(a) li l-awtorità kompetenti tkun ikkonkludiet li d-dikjarant awtorizzat CBAM jew il-persuna msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi skont dan ir-Regolament;

(b) bir-raġunijiet għall-konklużjoni tagħha;

(c) bl-ammont tal-penali imposta fuq id-dikjarant awtorizzat CBAM jew fuq il-persuna msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(d) bid-data minn meta l-penali hija dovuta;

(e) bl-azzjoni li d-dikjarant awtorizzat CBAM jew il-persuna msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu biex iħallsu l-penali; u

(f) bid-dritt tad-dikjarant awtorizzat CBAM jew tal-persuna msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jappellaw.

5. Meta l-penali ma tkunx tħallset sad-data tal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (d), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura l-ħlas ta' dik il-penali bil-mezzi kollha disponibbli għaliha skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-deċiżjonijiet dwar il-penali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-Kummissjoni u għandhom jirreġistraw il-ħlas finali msemmi fil-paragrafu 5 fir-reġistru CBAM.

*Artikolu 27*

**Ċirkomvenzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, fuq il-bażi ta' data rilevanti u oġġettiva, biex tindirizza prattiki ta' ċirkomvenzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni għandhom ikunu definiti bħala bidla fix-xejra tal-kummerċ fl-oġġetti importati, li tirriżulta minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr li jiġu evitati, b'mod sħiħ jew parzjalment, kwalunkwe waħda mill-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Tali prattika, proċess jew ħidma jistgħu jikkonsistu minn, iżda mhumiex limitati għal:

(a) modifika żgħira tal-oġġetti kkonċernati biex dawk l-oġġetti jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM li mhumiex elenkati fl-Anness I, ħlief meta l-modifika tbiddel il-karatteristiċi essenzjali tagħhom;

(b) il-qsim artifiċjali tal-kunsinni f'partiti b'mod li l-valur intrinsiku ta' kull waħda ma jaqbiżx is-soll imsemmi fl-Artikolu 2(3).

3. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni, bil-ħsieb li tidentifika prattiki ta' ċirkomvenzjoni, inkluż permezz ta' sorveljanza tas-suq jew abbażi ta' kwalunkwe sors rilevanti ta' informazzjoni, bħall-komunikazzjonijiet u r-rapportar mingħand l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4. Stat Membru jew kwalunkwe parti li tkun ġiet affettwata jew li tibbenefika minn kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 2 tista' tinnotifika lill-Kummissjoni jekk tkun qiegħda tħabbat wiċċha ma' prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Il-partijiet interessati ħlief għall-partijiet affettwati jew li bbenefikaw direttament, bħal organizzazzjonijiet ambjentali u organizzazzjonijiet mhux governattivi, li jsibu evidenza konkreta prattiki ta' ċirkomvenzjoni, jistgħu wkoll jinnotifikaw lill-Kummissjoni.

5. In-notifika msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiddikjara r-raġunijiet li tkun ibbażata fuqhom u għandha tinkludi data u statistika rilevanti biex issostni d-dikjarazzjoni ta' ċirkomvenzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni dwar dikjarazzjoni ta' ċirkonvenzjoni jew meta tkun ġiet innotifikata minn Stat Membru, jew minn parti affettwata, parti li bbenefikat jew parti interessata oħra, dment li n-notifika tkun tissodisfa r-rekwiżiti msemmija f'dan il-paragrafu, jew meta l-Kummissjoni stess tiddetermina li tali investigazzjoni tkun meħtieġa. Fit-twettiq tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiġi assistita mill-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-investigazzjoni fi żmien disa' xhur mid-data tan-notifika. Meta tinbeda investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti kollha.

6. Meta l-Kummissjoni, waqt li tqis id-data, ir-rapporti u l-istatistika rilevanti, inklużi dawk ipprovduti mill-awtoritajiet doganali, ikollha biżżejjed raġunijiet biex temmen li ċ-ċirkustanzi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, ikunu qed iseħħu fi Stat Membru wieħed jew aktar skont xejra stabbilita, hija għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 biex temenda l-lista tal-oġġetti fl-Anness I billi żżid il-prodotti ftit modifikati rilevanti msemmijin fil-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, għall-finijiet ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

## KAPITOLU VII

## EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA U PROĊEDURA TA' KUMITAT

### *Artikolu 28*

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(10), 2(11), 18(3), 20(6) u 27(6). għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-17 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 2(10), 2(11), 18(3), 20(6) u 27(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

4. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

6. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

7. Att delegat adottat skont l-Artikoli 2(10), 2(11), 18(3), 20(6) jew 27(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 29*

**Proċedura ta’ kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tas-CBAM. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VIII

**RAPPORTAR U RIEŻAMI**

*Artikolu 30*

**Rieżami u rapportar mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni, f’konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandha tiġbor l-informazzjoni meħtieġa bil-ħsieb li testendi l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament kif indikat fi u skont il-paragrafu 2, il-punt (a), u ta’ metodi li qed jiżviluppaw ta’ kalkolu tal-emissjonijiet integrati fuq il-bażi ta’ metodi tal-impronta ambjentali.

2. Qabel tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 32, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

Ir-rapport tal-konformità għandu jinkludi valutazzjoni:

(a) tal-possibbiltà li l-kamp ta’ applikazzjoni jiġi estiż:

(i) għall-emissjonijiet indiretti integrati fl-oġġetti elenkati fl-Anness II;

(ii) għall-emissjonijiet integrati fit-trasport tal-oġġetti elenkati fl-Anness I u fis-servizzi tat-trasport;

(iii) għall-oġġetti f’riskju ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għajr dawk elenkati fl-Anness I, u speċifikament sustanzi kimiċi u polimeri organiċi;

(iv) għall-materjali ta’ input (prekursuri) l-oħra għall-oġġetti elenkati fl-Anness I;

(b) tal-kriterji li għandhom jintużaw biex jiġu identifikati l-oġġetti li għandhom jiġu inklużi fil-lista fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament abbażi tas-setturi f’riskju ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju identifikati skont l-Artikolu 10b tad-Direttiva 2003/87/KE; dik il-valutazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn kalendarju li jintemm fl-2030 għall-inklużjoni gradwali tal-oġġetti fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies b’mod partikolari l-livell ta’ riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju rispettiva tagħhom;

(c) tar-rekwiżiti tekniċi għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati għal oġġetti oħrajn li għandhom jiġu inklużi fil-lista fl-Anness I;

(d) tal-progress li jkun sar fid-diskussjonijiet internazzjonali rigward l-azzjoni dwar il-klima;

(e) tas-sistema ta’ governanza, inklużi l-ispejjeż amministrattivi;

(f) tal-impatt ta’ dan ir-Regolament fuq l-oġġetti elenkati fl-Anness I importati minn pajjiżi li qed jiżviluppaw b’interess speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) kif identifikati min-Nazzjonijiet Uniti u fuq l-effetti tal-assistenza teknika mogħtija;

(g) tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti skont l-Artikolu 7(7) u l-punt 4.3 tal-Anness IV.

3. Mill-inqas sena qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jidentifika l-oġġetti aktar 'l isfel fil-katina tal-valur tal-oġġetti elenkati fl-Anness I li huwa jirrakkomanda li jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, fil-mument opportun, metodoloġija li għandha tkun ibbażata fuq ir-rilevanza f'termini ta' emissjonijiet akkumulati ta' gassijiet serra u r-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

4. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom, fejn ikun xieraq, ikunu akkumpanjati minn proposta leġiżlattiva sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, inkluża valutazzjoni tal-impatt dettaljata, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa f'dawk ir-rapporti.

5. Kull sentejn mill-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni, bħala parti mir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività tas-CBAM fl-indirizzar tar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tal-oġġetti mmanifatturati fl-Unjoni għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi li ma japplikawx l-EU ETS jew mekkaniżmu simili tal-ipprezzar tal-karbonju. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-iżvilupp tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni fis-setturi tas-CBAM u l-iżviluppi fir-rigward tal-flussi kummerċjali u l-emissjonijiet integrati ta' dawk l-oġġetti fis-suq globali. Jekk ir-rapport jikkonkludi li hemm riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ta' oġġetti mmanifatturati fl-Unjoni għall-esportazzjoni lejn tali pajjiżi terzi li ma japplikawx l-EU ETS jew mekkaniżmu simili tal-ipprezzar tal-karbonju, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tindirizza dak ir-riskju b'mod li jkun konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u li jqis id-dekarbonizzazzjoni tal-installazzjonijiet fl-Unjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tas-CBAM bil-ħsieb li tevalwa l-impatti u l-aġġustamenti possibbli fl-applikazzjoni tiegħu.

Qabel l-1 ta' Jannar 2028, kif ukoll kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-funzjonament tas-CBAM. Ir-rapport għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) valutazzjoni tal-impatt tas-CBAM fuq:

  (i) ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, inkluż fir-rigward tal-esportazzjonijiet;

  (ii) is-setturi koperti;

  (iii) is-suq intern, u l-impatt ekonomiku u territorjali fl-Unjoni kollha;

  (iv) l-inflazzjoni u l-prezzijiet tal-prodotti bażiċi;

  (v) l-effett fuq l-industriji li jużaw oġġetti elenkati fl-Anness I;

  (vi) il-kummerċ internazzjonali, inkluża r-riorganizzazzjoni tar-riżorsi; u

  (vii) il-pajjiżi l-anqas żviluppati;

(b) valutazzjoni:

  (i) tas-sistema ta' governanza, inkluża valutazzjoni tal-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tal-awtorizzazzjoni tad-dikjaranti CBAM mill-Istati Membri;

  (ii) tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

  (iii) tal-prattiki ta' ċirkomvenzjoni;

  (iv) tal-applikazzjoni tal-penali fl-Istati Membri;

(c) ir-riżultati tal-investigazzjonijiet u l-penali imposti;

(d) l-informazzjoni aggregata dwar l-intensità tal-emissjonijiet għal kull pajjiż tal-oriġini għall-oġġetti differenti elenkati fl-Anness I.

7. Meta jkun seħħ avveniment imprevedibbli, eċċezzjonali u mhux provokat barra mill-kontroll ta' pajjiż terz wieħed jew aktar soġġetti għas-CBAM, u dak l-avveniment ikollu konsegwenzi distruttivi fuq l-infrastruttura ekonomika u industrijali ta' tali pajjiż ikkonċernat jew pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jkun akkumpanjat, fejn ikun il-każ, minn proposta leġiżlattiva, biex temenda dan ir-Regolament, billi tistabbilixxi l-miżuri proviżorji meħtieġa biex jiġu indirizzati dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

8. Minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament, bħala parti mir-rapportar annwali skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]), il-Kummissjoni għandha tevalwa u tirrapporta dwar il-mod kif il-finanzjament skont dak ir-Regolament ikun ikkontribwixxa għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura fil-pajjiżi l-anqas żviluppati.

## KAPITOLU IX

## KOORDINAZZJONI B'ALLOKAZZJONI BLA ĦLAS TAL-KWOTI SKONT L-EU ETS

### *Artikolu 31*

### Allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti skont l-EU ETS u obbligu biex jiġu ċeduti ċ-ċertifikati CBAM

1. Iċ-ċertifikati CBAM li għandhom jiġu ċeduti f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aġġustati biex jirriflettu l-punt sa fejn il-kwoti tal-EU ETS jiġu allokati bla ħlas f'konformità mal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE għall-installazzjonijiet, fl-Unjoni, li jipproduċu l-oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-kalkolu tal-aġġustament kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn ir-regoli dettaljati għandhom jiġu elaborati b'referenza għall-prinċipji applikati fl-EU ETS għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti lil installazzjonijiet li jipproduċu, fl-Unjoni, l-oġġetti elenkati fl-Anness I, b'kont meħud tal-parametri referenzjarji differenti użati fl-EU ETS għall-allokazzjoni bla ħlas bil-ħsieb li dawk il-parametri referenzjarji jiġu kkombinati f'valuri korrispondenti għall-oġġetti kkonċernati, u b'kont meħud tal-materjali rilevanti ta' input (prekursuri). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2).

## KAPITOLU X

## DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

### *Artikolu 32*

### Kamp ta' applikazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni mill-1 ta' Ottubru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2025, l-obbligi tal-importatur skont dan ir-Regolament għandhom ikunu limitati għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikoli 33, 34 u 35 ta' dan ir-Regolament. Meta l-importatur ikun stabbilit fi Stat Membru u jaħtar rappreżentant doganali indirett skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, u meta r-rappreżentant doganali indirett jaqbel, l-obbligi ta' rapportar għandhom japplikaw għal tali rappreżentant doganali indirett. Meta l-importatur ma jkunx stabbilit fi Stat Membru, l-obbligi ta' rapportar għandhom japplikaw għar-rappreżentant doganali indirett.

([27]) Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

*Artikolu 33*

**Importazzjoni ta' oġġetti**

1. L-awtoritajiet doganali għandhom jinfurmaw lill-importatur jew, fis-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 32, lir-rappreżentant doganali indirett dwar l-obbligu ta' rapportar imsemmi fl-Artikolu 35, mhux aktar tard mill-mument tar-rilaxx tal-oġġetti għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom, perjodikament u awtomatikament, b'mod partikolari permezz tal-mekkaniżmu ta' sorveljanza stabbilit skont l-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew b'mezzi elettroniċi tat-trażmissjoni tad-data, jikkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-oġġetti importati, inkluż il-prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura ta' proċessar passiv. Din l-informazzjoni għandha tinkludi n-numru EORI tad-dikjarant doganali u tal-importatur, il-kodiċi NM bi tmien ċifri, il-kwantità, il-pajjiż tal-oriġini, id-data tad-dikjarazzjoni doganali u l-proċedura doganali.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu stabbiliti d-dikjarant doganali u, meta applikabbli, l-importatur.

*Artikolu 34*

**Obbligu ta' rapportar għal ċerti proċeduri doganali**

1. Meta jiġu importati prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura tal-ipproċessar attiv kif imsemmi fl-Artikolu 256 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-obbligu ta' rapportar imsemmi fl-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi l-informazzjoni dwar l-oġġetti li kienu tpoġġew taħt il-proċedura tal-ipproċessar attiv u li rriżultaw fil-prodotti pproċessati importati, anki jekk il-prodotti pproċessati ma jkunux elenkata fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll meta l-prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura ta' proċessar attiv ikunu oġġetti ritornati kif imsemmi fl-Artikolu 205 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

2. L-obbligu ta' rapportar imsemmi fl-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-importazzjoni ta':

(a) prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura tal-ipproċessar passiv kif imsemmi fl-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(b) oġġetti li jikkwalifikaw bħala oġġetti ritornati f'konformità mal-Artikolu 203 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

*Artikolu 35*

**Obbligu ta' rapportar**

1. Sa mhux aktar tard minn xahar wara t-tmiem ta' dak it-trimestru, kull importatur jew, fis-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett, li jkun importa oġġetti matul trimestru partikolari ta' sena kalendarja għandu, għal dak it-trimestru, jippreżenta rapport ("rapport CBAM") lill-Kummissjoni li jkun jinkludi informazzjoni dwar l-oġġetti importati matul dak it-trimestru.

2. Ir-rapport CBAM għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kwantità totali ta' kull tip ta' oġġetti, espressa f'megawatt sigħat għall-elettriku u f'tunnellati għal oġġetti oħra, speċifikata għal kull installazzjoni li tipproduċi l-oġġetti fil-pajjiż tal-oriġini;

(b) l-emissjonijiet integrati totali reali, espressi f'tunnellati ta' emissjonijiet ta' $CO_2e$ għal kull megawatt siegħa ta' elettriku jew għal oġġetti oħrajn f'tunnellati ta' emissjonijiet ta' $CO_2e$ għal kull tunnellata ta' kull tip ta' oġġetti, ikkalkulati f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Anness IV;

(c) l-emissjonijiet indiretti totali kkalkulati f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 7;

(d) il-prezz tal-karbonju dovut f'pajjiż tal-oriġini għall-emissjonijiet integrati fl-oġġetti importati, b'kont meħud ta' kwalunkwe ribass jew forma oħra ta' kumpens disponibbli.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika perjodikament lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti lista ta' dawk l-importaturi jew rappreżentanti doganali indirett stabbiliti fl-Istat Membru, inklużi l-ġustifikazzjonijiet korrispondenti, li fir-rigward tagħhom ikollha raġunijiet biex temmen li jkunu naqsu milli jikkonformaw mal-obbligu li jippreżentaw rapport CBAM f'konformità mal-paragrafu 1.

4. Meta l-Kummissjoni tqis li rapport CBAM ma jkunx komplut jew korrett, hija għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-importatur huwa stabbilit jew, fis-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett huwa stabbilit, l-informazzjoni addizzjonali li tqis meħtieġa biex tikkompleta jew tikkoreġi dak ir-rapport. Tali informazzjoni għandha tingħata għal skopijiet indikattivi u mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni definittiva minn dik l-awtorità kompetenti. Dik l-awtorità kompetenti għandha tibda l-proċedura ta' korrezzjoni u tinnotifika lill-importatur, jew, fis-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett bl-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jikkoreġi dak ir-rapport. Fejn xieraq, l-importatur jew dak ir-rappreżentant doganali indirett għandu jippreżenta rapport ikkoreġut lill-awtorità kompetenti kkonċernata u lill-Kummissjoni.

5. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu tibda proċedura ta' korrezzjoni, inkluż b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u tiddetermina li l-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett ma jkunx ħa l-passi meħtieġa biex jikkoreġi r-rapport CBAM, jew meta l-awtorità kompetenti kkonċernata tiddetermina, inkluż b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, li l-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligu li jippreżenta rapport CBAM f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dik l-awtorità kompetenti għandha timponi penali effettiva, proporzjonata u dissważiva fuq l-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 32, fuq ir-rappreżentant doganali indirett. Għal dak il-għan, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artiklu 32, lir-rappreżentant doganali indirett u tinforma lill-Kummissjoni, dwar li ġej:

(a) il-konklużjoni, u r-raġunijiet għal dik il-konklużjoni, li l-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett naqas milli jikkonforma mal-obbligu li jippreżenta rapport għal trimestru partikolari jew li jieħu l-passi meħtieġa biex jikkoreġi r-rapport;

(b) l-ammont tal-penali imposta fuq l-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett;

(c) id-data minn meta l-penali hija dovuta;

(d) l-azzjoni li l-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett għandu jieħu biex iħallas il-penali; u

(e) id-dritt tal-importatur jew, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 32, ir-rappreżentant doganali indirett li jappella.

6. Meta l-awtorità kompetenti, wara li tirċievi l-informazzjoni mill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu, tiddeċiedi li ma tieħu l-ebda azzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar:

(a) l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata, il-mezzi u l-format għal dak ir-rapportar, inkluża informazzjoni dettaljata għal kull pajjiż ta' oriġini u tip ta' oġġetti bħala appoġġ għat-totali msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b) u (c), u eżempji ta' kwalunkwe ribass rilevanti jew forma oħra ta' kumpens disponibbli kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d);

(b) il-firxa indikattiva ta' penali li għandhom jiġu imposti skont il-paragrafu 5 u l-kriterji li għandhom jitqiesu għad-determinazzjoni tal-ammont reali, inklużi l-gravità u t-tul ta' żmien tan-nuqqas ta' rapportar;

(c) regoli dettaljati dwar il-konverżjoni f'euro tal-prezz medju annwali tal-karbonju dovut imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d), espress f'munita barranija bir-rata tal-kambju medja annwali;

(d) regoli dettaljati rigward l-elementi tal-metodi ta' kalkolu stabbiliti fl-Anness IV, inkluża d-determinazzjoni tal-konfini tas-sistema tal-proċessi tal-produzzjoni, il-fatturi tal-emissjoni, il-valuri speċifiċi għall-installazzjoni tal-emissjonijiet reali u l-applikazzjoni rispettiva tagħhom għall-oġġetti individwali kif ukoll l-istipular ta' metodi biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-data, inkluż il-livell ta' dettall; u

(e) il-mezzi u l-format għar-rekwiżiti ta' rapportar għall-emissjonijiet indiretti fl-oġġetti importati; dak il-format għandu jinkludi l-kwantità ta' elettriku użat għall-produzzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness I, kif ukoll il-pajjiż tal-oriġini, is-sors tal-ġenerazzjoni u l-fatturi ta' emissjoni relatati ma' dak l-elettriku.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(2) ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom japplikaw għall-oġġetti importati matul il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament u għandhom jibnu fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti għall-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

## KAPITOLU XI

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 36*

### Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2023. Madankollu:

(a) l-Artikoli 5, 10, 14, 16 u 17 għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2024;

(b) l-Artikolu 2(2) u l-Artikoli 4, 6 sa 9, 15 u 19, l-Artikolu 20(1), (3), (4) u (5), l-Artikoli 21 sa 27 u 31 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-10 ta' Mejju 2023.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| R. METSOLA | J. ROSWALL |

*ANNESS I*

## Lista ta’ oġġetti u gassijiet serra

1. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-oġġetti, dan ir-Regolament għandu japplika għall-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (“NM”) stabbiliti fit-tabella li ġejja. Il-kodiċijiet NM għandhom ikunu dawk skont ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

2. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, il-gassijiet serra relatati mal-oġġetti msemmija fil-punt 1, għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-tabella li ġejja għall-oġġetti kkonċernati.

### Siment

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 2507 00 80 – Tafal ieħor tal-kawlina | Diossidu tal-karbonju |
| 2523 10 00 – Klinkers tas-siment | Diossidu tal-karbonju |
| 2523 21 00 – Siment abjad ta’ Portland, ikkulurit b’mod artifiċjali jew le | Diossidu tal-karbonju |
| 2523 29 00 – Siment ta’ Portland ieħor | Diossidu tal-karbonju |
| 2523 30 00 – Siment bl-alumina | Diossidu tal-karbonju |
| 2523 90 00 – Siment idrawliku ieħor | Diossidu tal-karbonju |

### Elettriku

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 2716 00 00 – Enerġija elettrika | Diossidu tal-karbonju |

### Fertilizzanti

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 2808 00 00 – Aċidu nitriku; Aċidi sulfonitriċi | Diossidu tal-karbonju u ossidu nitruż |
| 2814 – Ammonijaka, anidra jew f’soluzzjoni milwiema | Diossidu tal-karbonju |
| 2834 21 00 – Nitrati tal-potassju | Diossidu tal-karbonju u ossidu nitruż |
| 3102 – Fertilizzanti minerali jew kimiċi, nitroġenużi | Diossidu tal-karbonju u ossidu nitruż |
| 3105 – Fertilizzanti minerali jew kimiċi li jkun fihom tnejn jew tlieta mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru u potassju; fertilizzanti oħrajn; oġġetti ta’ dan il-kapitolu f’forma ta’ pilloli jew forom simili jew f’pakketti ta’ piż gross li ma jaqbiżx l-10 kg<br>Minbarra: 3105 60 00 – Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti fosfru u potassju | Diossidu tal-karbonju u ossidu nitruż |

**Ħadid u azzar**

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 72 – Ħadid u azzar<br>Minbarra:<br>7202 2 – Ferrosiliċju<br>7202 30 00 – Ferrosilikomanganiż<br>7202 50 00 – Ferrosilikokromju<br>7202 70 00 – Ferromolibdenu<br>7202 80 00 – Ferrotungstenu u ferrosilikotungstenu<br>7202 91 00 – Ferrotitanju u ferrosilikotitanju<br>7202 92 00 – Ferrovanadju<br>7202 93 00 – Ferronijobju<br>7202 99 – Oħrajn:<br>7202 99 10 – Ferrofosforu<br>7202 99 30 – Ferrosilikomanjeżju<br>7202 99 80 – Oħrajn<br>7204 – Skart u skrapp tal-ħadid; ingotti ta' skart għat-tidwib mill-ġdid tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 2601 12 00 – Minerali mhux maħduma u konċentrati tal-ħadid agglomerati, għajr piriti tal-ħadid inkaljati | Diossidu tal-karbonju |
| 7301 – Sheet piling tal-ħadid jew tal-azzar, imtaqqbin, imħaffrin jew magħmulin minn elementi assemblati jew le; angoli, forom u sezzjonijiet iwweldjati, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7302 – Materjal tal-ħadid jew tal-azzar għall-kostruzzjoni tal-binarji tal-ferroviji jew tal-linji tat-tramm, dawn li ġejjin: binarji, check rails u rack rails, switch blades, crossing frogs, point rods u parts oħrajn tal-qsim, traversi tal-binarji (cross-ties), fish-plates, chairs, chair wedges, sole plates (base plates), klipep ferrovjarji, bedplates, irfid u materjal ieħor speċjalizzat għat-tgħaqqid flimkien jew l-iffissar tal-binarji | Diossidu tal-karbonju |
| 7303 00 – Tubi, pajpijiet u profili vojta, tal-ħadid fondut | Diossidu tal-karbonju |
| 7304 – Tubi, pajpijiet u profili vojta, mingħajr weldjatura, tal-ħadid (ħlief ħadid fondut) jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7305 – Tubi u pajpijiet oħrajn (eż. iwweldjati, irrivitjati jew magħluqin b'mod simili), b'sezzjonijiet trasversali tondi, bid-dijametru ta' barra ikbar minn 406,4 mm, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7306 – Tubi, pajpijiet u profili vojta oħrajn (eż. bil-ġonta miftuħa jew iwweldjati, irrivitjati jew magħluqin b'mod simili), tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7307 – Fittings ta' tubi u pajpijiet (eż. couplings, elbows, sleeves) tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7308 – Strutturi (ħlief bini prefabbrikat tal-intestatura 9406) u parts ta' strutturi (eż. pontijiet u qatgħat ta' pontijiet, xtiebi tal-mgħalaq (lock-gates), torrijiet, arbli kannizzata, soqfa, oqfsa għal tisqif, bibien u twieqi u l-gwarniċi tagħhom u s-sollijiet għal bibien, shutters, balavostri, pilastri u kolonni), tal-ħadid jew tal-azzar; pjanċi, vireg, angoli, forom, sezzjonijiet, tubi u bħalhom, ippreparati għal użu fi strutturi, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 7309 00 – Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili għal kwalunkwe materjal (għajr għal gass ikkompressat jew illikwifikat), tal-ħadid jew tal-azzar, ta' kapaċità li taqbeż it-300 l, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju |
| 7310 – Tankijiet, btieti, ċilindri, laned, kaxxi u kontenituri simili, għal kwalunkwe materjal (għajr gass ikkompressat jew illikwifikat), tal-ħadid jew tal-azzar, b'kapaċità li ma taqbiżx 300 l, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju |
| 7311 00 – Kontenituri għal gass ikkompressat jew illikwifikat, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7318 – Viti, boltijiet, skorfini, viti bir-ras skorfina (coach screws), ganċijiet bil-kamin, rivets, kavilji, ċavi, washers (inkluż l-ispring washers) u oġġetti simili, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7326 – Oġġetti oħrajn tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |

**Aluminju**

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 7601 – Aluminju mhux maħdum | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7603 – Trabijiet u fjokki tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7604 – Żbarri, vireg u profili tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarbur |
| 7605 — Wajer tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7606 – Pjanċi, folji u strixxi tal-aluminju, eħxen minn 0,2 mm | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7607 – Fojl tal-aluminju (stampat jew miksi b'karta, kartonċin, plastik jew materjali simili ta' rfid jew le) ta' ħxuna (eskluż kwalunkwe rfid) mhux iktar minn 0,2 mm | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7608 – Tubi u pajpijiet tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7609 00 00 – Fittings għal tubi u pajpijiet tal-aluminju (eż. couplings, elbows, sleeves) | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7610 – Strutturi tal-aluminju (ħlief bini prefabbrikat tal-intestatura 9406) u parts ta' strutturi (eż. pontijiet u sezzjonijiet ta' pontijiet, torrijiet, arbli kanniz-zata, soqfa, oqfsa ta' soqfa, bibien u twieqi u l-gwarniċi tagħhom u s-sollijiet għal-bibien, balavostri, pilastri u kolonni); pjanċi tal-aluminju, vireg, profili, tubi u bħalhom, ippreparati għal użu fi strutturi | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarbur |
| 7611 00 00 – Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili tal-aluminju, għal kwalunkwe materjal (għajr gass kompressat jew likwifikat), ta' kapaċità ta' iktar minn 300 litru, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarbur |

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 7612 – Btieti, ċilindri, laned, kaxxi u kontenituri simili tal-aluminju (inklużi kontenituri tubulari riġidi jew kollassabbli), għal kwalunkwe materjal (għajr gass kompressat jew likwifikat), ta' kapaċità li ma taqbiżx it-300 litru, infurrati jew insulati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7613 00 00 – Kontenituri tal-aluminju għal gass ikkompressat jew likwifikat | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7614 – Wajer bis-swiegli, gumna, ċineg immaljati u bħalhom, tal-aluminju, mhux insulati għall-elettriku | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7616 – Oġġetti oħrajn tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |

**Sustanzi kimiċi**

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 2804 10 00 – Idroġenu | Diossidu tal-karbonju |

*ANNESS II*

**Lista ta' oġġetti li għalihom għandhom jitqiesu biss l-emissjonijiet diretti, skont l-Artikolu 7(1)**

**Ħadid u azzar**

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 72 – Ħadid u azzar<br>Minbarra:<br>7202 2 – Ferrosiliċju<br>7202 30 00 – Ferrosilikomanganiż<br>7202 50 00 – Ferrosilikokromju<br>7202 70 00 – Ferromolibdenu<br>7202 80 00 – Ferrotungstenu u ferrosilikotungstenu<br>7202 91 00 – Ferrotitanju u ferrosilikotitanju<br>7202 92 00 – Ferrovanadju<br>7202 93 00 – Ferronijobju<br>7202 99 – Oħrajn:<br>7202 99 10 – Ferrofosforu<br>7202 99 30 – Ferrosilikomanjeżju<br>7202 99 80 – Oħrajn<br>7204 – Skart u skrapp tal-ħadid; ingotti ta' skart għat-tidwib mill-ġdid tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7301 – Sheet piling tal-ħadid jew tal-azzar, imtaqqbin, imħaffrin jew magħmulin minn elementi assemblati jew le; angoli, forom u sezzjonijiet iwweldjati, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7302 – Materjal tal-ħadid jew tal-azzar għall-kostruzzjoni tal-binarji tal-ferroviji jew tal-linji tat-tramm, dawn li ġejjin: binarji, check rails u rack rails, switch blades, crossing frogs, point rods u parts oħrajn tal-qsim, traversi tal-binarji (cross-ties), fish-plates, chairs, chair wedges, sole plates (base plates), klipep ferrovjarji, bed-plates, irfid u materjal ieħor speċjalizzat għat-tgħaqqid flimkien jew l-iffissar tal-binarji | Diossidu tal-karbonju |
| 7303 00 – Tubi, pajpijiet u profili vojta, tal-ħadid fondut | Diossidu tal-karbonju |
| 7304 – Tubi, pajpijiet u profili vojta, mingħajr weldjatura, tal-ħadid (ħlief ħadid fondut) jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7305 – Tubi u pajpijiet oħrajn (eż. iwweldjati, irrivitjati jew magħluqin b'mod simili), b'sezzjonijiet trasversali tondi, bid-dijametru ta' barra ikbar minn 406,4 mm, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7306 – Tubi, pajpijiet u profili vojta oħrajn (eż. bil-ġonta miftuħa jew iwweldjati, irrivitjati jew magħluqin b'mod simili), tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7307 – Fittings ta' tubi u pajpijiet (eż. couplings, elbows, sleeves) tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7308 – Strutturi (ħlief bini prefabbrikat tal-intestatura 9406) u parts ta' strutturi (eż. pontijiet u qatgħat ta' pontijiet, xtiebi tal-mgħalaq (lock-gates), torrijiet, arbli kan-nizzata, soqfa, oqfsa għal tisqif, bibien u twieqi u l-gwarniċi tagħhom u s-sollijiet għal bibien, shutters, balavostri, pilastri u kolonni), tal-ħadid jew tal-azzar; pjanċi, vireg, angoli, forom, sezzjonijiet, tubi u bħalhom, ippreparati għal użu fi strutturi, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 7309 00 – Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili għal kwalunkwe materjal (għajr għal gass ikkompressat jew illikwifikat), tal-ħadid jew tal-azzar, ta' kapaċità li taqbeż it-300 l, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju |
| 7310 – Tankijiet, btieti, ċilindri, laned, kaxxi u kontenituri simili, għal kwalunkwe materjal (għajr gass ikkompressat jew illikwifikat), tal-ħadid jew tal-azzar, b'kapaċità li ma taqbiżx 300 l, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju |
| 7311 00 – Kontenituri għal gass ikkompressat jew illikwifikat, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7318 – Viti, boltijiet, skorfini, viti bir-ras skorfina (coach screws), ganċijiet bil-kamin, rivets, kavilji, ċavi, washers (inkluż l-ispring washers) u oġġetti simili, tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |
| 7326 – Oġġetti oħrajn tal-ħadid jew tal-azzar | Diossidu tal-karbonju |

**Aluminju**

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 7601 – Aluminju mhux maħdum | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7603 – Trabijiet u fjokki tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7604 – Żbarri, vireg u profili tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7605 – Wajer tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7606 – Pjanċi, folji u strixxi tal-aluminju, ehxen minn 0,2 mm | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7607 – Fojl tal-aluminju (stampat jew miksi b'karta, kartonċin, plastik jew materjali simili ta' rfid jew le) ta' ħxuna (eskluż kwalunkwe rfid) mhux iktar minn 0,2 mm | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7608 – Tubi u pajpijiet tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7609 00 00 – Fittings għal tubi u pajpijiet tal-aluminju (eż. couplings, elbows, sleeves) | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7610 – Strutturi tal-aluminju (ħlief bini prefabbrikat tal-intestatura 9406) u parts ta' strutturi (eż. pontijiet u sezzjonijiet ta' pontijiet, torrijiet, arbli kannizzata, soqfa, oqfsa ta' soqfa, bibien u twieqi u l-gwarniċi tagħhom u s-sollijiet għal-bibien, balavostri, pilastri u kolonni); pjanċi tal-aluminju, vireg, profili, tubi u bħalhom, ippreparati għal użu fi strutturi | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7611 00 00 – Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili tal-aluminju, għal kwalunkwe materjal (għajr gass kompressat jew likwifikat), ta' kapaċità ta' iktar minn 300 litru, infurrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 7612 – Btieti, ċilindri, laned, kaxxi u kontenituri simili tal-aluminju (inklużi kontenituri tubulari riġidi jew kollassabbli), għal kwalunkwe materjal (għajr gass kompressat jew likwifikat), ta' kapaċità li ma taqbiżx it-300 litru, infurrati jew insulati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termiku | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7613 00 00 – Kontenituri tal-aluminju għal gass ikkompressat jew likwifikat | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7614 – Wajer bis-swiegli, gumna, ċineg immaljati u bħalhom, tal-aluminju, mhux insulati għall-elettriku | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |
| 7616 – Oġġetti oħrajn tal-aluminju | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi |

**Sustanzi kimiċi**

| Kodiċi NM | Gass serra |
|---|---|
| 2804 10 00 – Idroġenu | Diossidu tal-karbonju |

*ANNESS III*

## Pajjiżi u territorji terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-fini tal-Artikolu 2

1. PAJJIŻI U TERRITORJI TERZI LI MA JAQGĦUX FIL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TA' DAN IR-REGOLAMENT

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal oġġetti li joriġinaw fil-pajjiżi li ġejjin:

— L-Iżlanda

— Il-Liechtenstein

— In-Norveġja

— L-Iżvizzera

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal oġġetti li joriġinaw fit-territorji li ġejjin:

— Büsingen

— Heligoland

— Livigno

— Ceuta

— Melilla

2. PAJJIŻI U TERRITORJI TERZI LI MA JAQGĦUX FIL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TA' DAN IR-REGOLAMENT FIR-RIGWARD TAL-IMPORTAZZJONI TAL-ELETTRIKU FIT-TERRITORJU DOGANALI TAL-UNJONI

[Pajjiżi u territorji terzi li għandhom jinżdiedu jew jitneħħew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(11).]

*ANNESS IV*

**Metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati għall-fini tal-Artikolu 7**

1. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan l-Anness u tal-Annessi V u VI, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "oġġetti sempliċi" tfisser oġġetti li jkunu saru fi proċess ta' produzzjoni li jeħtieġu esklussivament materjali ta' input (prekursuri) u karburanti b'emissjonijiet integrati żero;

(b) "oġġetti kumplessi" tfisser oġġetti għajr oġġetti sempliċi;

(c) "emissjonijiet integrati speċifiċi" tfisser l-emissjonijiet integrati ta' tunnellata ta' oġġetti, espressi f'tunnellati ta' emissjonijiet ta' $CO_2$e għal kull tunnellata ta' oġġetti;

(d) "Fattur ta' emissjoni tas-$CO_2$", tfisser il-medja ponderata tal-intensità ta' $CO_2$ tal-elettriku prodott mill-karburanti fossili fi ħdan żona ġeografika. il-fattur ta' emissjoni tas-$CO_2$ huwa r-riżultat tad-diviżjoni tad-data dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tas-settur tal-elettriku bil-ġenerazzjoni grossa tal-elettriku bbażata fuq il-karburanti fossili fiż-żona ġeografika rilevanti; huwa espress f'tunnellati ta' $CO_2$ għal kull megawatt-siegħa;

(e) "fattur ta' emissjoni għall-elettriku" tfisser il-valur prestabbilit, espress f'$CO_2$e, li jirrappreżenta l-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku kkunsmat fil-produzzjoni tal-oġġetti;

(f) "ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija" tfisser kuntratt li bih persuna taqbel li tixtri l-elettriku direttament mingħand produttur tal-elettriku;

(g) "operatur ta' sistema ta' trażmissjoni" tfisser operatur kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (35), tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. IL-KALKOLU TAL-EMISSJONIJIET INTEGRATI SPEĊIFIĊI REALI GĦAL OĠĠETTI SEMPLIĊI

L-emissjonijiet integrati reali speċifiċi tal-oġġetti sempliċi li jkunu saru f'installazzjoni partikolari għandhom jiġu kkalkolati permezz tal-emissjonijiet diretti kif ukoll indiretti u, meta applikabbli, indiretti. Għal dak il-fini, għandha tiġi applikata l-ekwazzjoni li ġejja:

$$SEE_g = \frac{AttrEm_g}{AL_g}$$

Fejn:

| | |
|---|---|
| $SEE_g$ | huma l-emissjonijiet integrati speċifiċi ta' oġġetti g, f'termini ta' $CO_2$e għal kull tunnellata; |
| $AttrEm_g$ | huma l-emissjonijiet attribwiti tal-oġġetti g, u |
| $AL_g$ | huwa l-livell ta' attività tal-oġġetti, jiġifieri l-kwantità ta' oġġetti li jkunu ġew prodotti fil-perjodu ta' rapportar f'dik l-installazzjoni. |

"Emissjonijiet attribwiti" tfisser il-parti tal-emissjonijiet tal-installazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar li jiġu kkawżati mill-proċess ta' produzzjoni li jirriżulta f'oġġetti g meta jiġu applikati l-konfini tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni definit mill-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(7). L-emissjonijiet attribwiti għandhom jiġu kkalkolati bl-użu tal-ekwazzjoni li ġejja:

$$AttrEm_g = DirEm + Indir\ Em$$

Fejn:

| | |
|---|---|
| id-DirEm | huma l-emissjonijiet diretti, li jirriżultaw mill-proċess ta' produzzjoni, espressi f'tunnellati ta' $CO_2$e, fil-limiti tas-sistema msemmija fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 7(7), u |

([1]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

| | |
|---|---|
| IndirEm | huma l-emissjonijiet indiretti li jirriżultaw mill-produzzjoni tal-elettriku kkunsmat fil-proċessi ta' produzzjoni tal-oġġetti, espressi f'tunnellati ta' $CO_2e$, fil-limiti tas-sistema msemmija fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 7(7). |

3. IL-KALKOLU TAL-EMISSJONIJIET INTEGRATI REALI GĦALL-OĠĠETTI KUMPLESSI

L-emissjonijiet integrati reali speċifiċi ta' oġġetti kumplessi li jkunu saru f'installazzjoni partikolari għandhom jiġu kkalkolati permezz tal-ekwazzjoni li ġejja:

$$SEE_g = \frac{AttrEm_g + EE_{InpMat}}{AL_g}$$

Fejn:

| | |
|---|---|
| $AttrEm_g$ | huma l-emissjonijiet attribwiti tal-oġġetti g; |
| $AL_g$ | huwa l-livell ta' attività tal-oġġetti, jiġifieri l-kwantità ta' oġġetti li jkunu saru fil-perjodu ta' rapportar f'dik l-installazzjoni, u |
| $EE_{InpMat}$ | huma l-emissjonijiet integrati tal-materjali ta' input (prekursuri) ikkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni. Għandhom jiġu kkunsidrati biss il-materjali tal-input (prekursuri) elenkati bħala rilevanti għall-konfini tas-sistema tal-proċess tal-produzzjoni kif speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 7(7). L-$EE_{InpMat}$ rilevanti jiġu kkalkolati kif ġej: |

$$EE_{ImpMat} = \sum_{i=1}^{n} M_i \cdot SEE_i$$

Fejn:

| | |
|---|---|
| $M_i$ | hija l-massa tal-materjal ta' input (prekursuri) i użat fil-proċess ta' produzzjoni, u |
| $SEE_i$ | huma l-emissjonijiet integrati speċifiċi għall-materjal ta' input (prekursuri) i. Għal $SEE_i$ l-operatur tal-installazzjoni għandu juża l-valur tal-emissjonijiet li jirriżultaw mill-installazzjoni fejn ġie prodott il-materjal ta' input (prekursuri), dment li d-data ta' dik l-installazzjoni tkun tista' titkejjel b'mod adegwat. |

4. DETERMINAZZJONI TAL-VALURI PRESTABBILITI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7(2) U (3)

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-valuri prestabbiliti, għandhom jintużaw biss il-valuri reali għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet integrati. Fin-nuqqas ta' data reali, jistgħu jintużaw valuri indikati fil-letteratura. Il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida għall-approċċ li jittieħed biex jiġu kkoreġuti gassijiet ta' skart jew gassijiet serra użati bħala input ta' proċess, qabel ma tinġabar id-data meħtieġa biex jiġu ddeterminati l-valuri awtomatiċi rilevanti għal kull tip ta' oġġetti elenkati fl-Anness I. Il-valuri prestabbiliti għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi tal-aħjar data disponibbli. L-aħjar data disponibbli għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni affidabbli u disponibbli għall-pubbliku. Il-valuri prestabbiliti għandhom jiġu riveduti perjodikament permezz tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(7), abbażi tal-aktar informazzjoni aġġornata u affidabbli, inkluż fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta minn pajjiż terz jew grupp ta' pajjiżi terzi.

4.1. Il-valuri prestabbiliti msemmija fl-Artikolu 7(2)

Meta l-emissjonijiet reali ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati b'mod adegwat mid-dikjarant awtorizzat CBAM, għandhom jintużaw valuri prestabbiliti. Dawk il-valuri għandhom jiġu stabbiliti skont l-intensità medja tal-emissjonijiet ta' kull pajjiż esportatur u għal kull wieħed mill-oġġetti elenkati fl-Anness I għajr l-elettriku, miżjuda b'marġni kummerċjali mfassal b'mod proporzjonali. Dan il-marġni kummerċjali għandu jiġi determinat fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(7) u għandu jiġi stabbilit f'livell xieraq biex tiġi żgurata l-integrità ambjentali tas-CBAM, abbażi tal-aktar informazzjoni aġġornata u affidabbli, inkluż abbażi tal-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Meta ma tkunx tista' tiġi applikata data affidabbli għall-pajjiż esportatur għal tip ta' oġġetti, il-valuri prestabbiliti għandhom ikunu bbażati fuq l-intensità medja tal-emissjonijiet tal-installazzjonijiet tal-EU ETS bl-agħar X % ta' prestazzjoni għal dak it-tip ta' oġġetti. Il-valur ta' X għandu jiġi determinat fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(7) u għandu jiġi stabbilit f'livell xieraq biex tiġi żgurata l-integrità ambjentali tas-CBAM, abbażi tal-aktar informazzjoni aġġornata u affidabbli, inkluż abbażi tal-informazzjoni miġbura matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

4.2. Il-valuri prestabbiliti tal-elettriku importat imsemmija fl-Artikolu 7(3)

Il-valuri prestabbiliti għall-elettriku importat għandhom jiġu determinati għal pajjiż terz, grupp ta' pajjiżi terzi jew reġjun f'pajjiż terz abbażi jew ta' valuri prestabbiliti speċifiċi, f'konformità mal-punt 4.2.1, jew, jekk dawk il-valuri ma jkunux disponibbli, fuq valuri prestabbiliti alternattivi, f'konformità mal-punt 4.2.2.

Meta l-elettriku jiġi prodott f'pajjiż terz, fi grupp ta' pajjiżi terzi jew f'reġjun f'pajjiż terz, u jgħaddi minn pajjiżi terzi, gruppi ta' pajjiżi terzi, reġjuni f'pajjiż terz, jew Stati Membri bil-għan li jiġi importat fl-Unjoni, il-valuri prestabbiliti li għandhom jintużaw huma dawk mill-pajjiż terz, mill-grupp ta' pajjiżi terzi jew mir-reġjun f'pajjiż terz fejn l-elettriku kien prodott.

4.2.1. Valuri prestabbiliti speċifiċi għal pajjiż terz, grupp ta' pajjiżi terzi jew reġjun f'pajjiż terz

Il-valuri prestabbiliti speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti għall-fattur ta' emissjoni tas-$CO_2$ fil-pajjiż terz, fil-grupp ta' pajjiżi terzi jew fir-reġjun f'pajjiż terz, abbażi tal-aħjar data disponibbli għall-Kummissjoni.

4.2.2. Valuri prestabbiliti alternattivi

Meta valur prestabbilit speċifiku ma jkunx disponibbli għal pajjiż terz, grupp ta' pajjiżi terzi, jew reġjun f'pajjiż terz, il-valur prestabbilit alternattiv għall-elettriku għandu jiġi stabbilit għall-fattur ta' emissjoni tas-$CO_2$ fl-Unjoni.

Meta jista' jintwera, fuq il-bażi ta' data affidabbli, li l-fattur ta' emissjoni ta' $CO_2$ f'pajjiż terz, fi grupp ta' pajjiżi terzi, jew reġjun f'pajjiż terz, ikun anqas mill-valur prestabbilit speċifiku determinat mill-Kummissjoni jew inqas mill-fattur ta' emissjoni ta' $CO_2$ fl-Unjoni, jista' jintuża valur prestabbilit alternattiv ibbażat fuq dak il-fattur ta' emissjoni tas-$CO_2$ għal dak il-pajjiż terz, grupp ta' pajjiżi terzi jew reġjun f'pajjiż terz.

4.3 Valuri prestabbiliti għall-emissjonijiet indiretti integrati

Il-valuri prestabbiliti għall-emissjonijiet indiretti integrati f'oġġett prodott f'pajjiż terz għandhom jiġu ddeterminati fuq valur prestabbilit ikkalkulat fuq il-medja, jew tal-fattur ta' emissjoni tal-grilja tal-elettriku tal-Unjoni, tal-fattur ta' emissjoni tal-grilja tal-elettriku tal-pajjiż tal-oriġini jew tal-fattur ta' emissjoni tas-$CO_2$ tas-sorsi li jiffissaw il-prezzijiet fil-pajjiż tal-oriġini, tal-elettriku użat għall-produzzjoni ta' dak l-oġġett.

Meta pajjiż terz, jew grupp ta' pajjiżi terzi, juru lill-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' data affidabbli, li l-fattur medju ta' emissjoni tat-taħlita tal-enerġija elettrika jew il-fattur ta' emissjoni ta' $CO_2$ ta' sorsi li jiffissaw il-prezzijiet fil-pajjiż terz jew fil-grupp ta' pajjiżi terzi jkun anqas mill-valur prestabbilit għall-emissjonijiet indiretti, għandu jiġi stabbilit valur prestabbilit alternattiv ibbażat fuq dak il-fattur medju ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ għal dan il-pajjiż jew grupp ta' pajjiżi.

Il-Kummissjoni għandha tadotta, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2025, att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 7(7) biex tispeċifika aktar liema mill-metodi ta' kalkolu determinati f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-kalkolu tal-valuri prestabbiliti. Għal dak il-fini, il-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha fuq l-aktar data aġġornata u affidabbli, inkluż fuq data miġbura waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, fir-rigward tal-kwantità ta' elettriku użat għall-produzzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness I, kif ukoll il-pajjiż tal-oriġini, is-sors tal-ġenerazzjoni u l-fatturi ta' emissjoni relatati ma' dak l-elettriku. Il-metodu ta' kalkolu speċifiku għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-aktar mod xieraq biex jintlaħqu ż-żewġ kriterji li ġejjin:

— il-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;

— l-iżgurar tal-integrità ambjentali tas-CBAM.

5. IL-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET INTEGRATI REALI FL-ELETTRIKU IMPORTAT

Dikjarant awtorizzat CBAM jista' japplika emissjonijiet integrati reali minflok valuri prestabbiliti għall-kalkolu msemmi fl-Artikolu 7(3) jekk jiġu ssodisfati l-kriterji kumulattivi li ġejjin:

(a) il-kwantità ta' elettriku li għaliha jintalab l-użu ta' emissjonijiet integrati reali tkun koperta minn ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija bejn id-dikjarant awtorizzat CBAM u produttur tal-elettriku li jinsab f'pajjiż terz;

(b) l-installazzjoni li tipproduċi l-elettriku tkun jew direttament konnessa mas-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni jew jista' jintwera li fil-ħin tal-esportazzjoni, ma kien hemm l-ebda konġestjoni fiżika tan-network fi kwalunkwe punt fin-network bejn l-installazzjoni u s-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni;

(c) l-installazzjoni li tipproduċi l-elettriku ma tirrilaxxax aktar minn 550 gramma ta' $CO_2$ ta' oriġini fossili għal kull kilowatt-siegħa ta' elettriku;

(d) il-kwantità ta' elettriku li għaliha jintalab l-użu tal-emissjonijiet integrati reali jkun ġie nnominat b'mod deċiż għall-kapaċità ta' interkonnessjoni allokata mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni responsabbli kollha fil-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni u, jekk rilevanti, kull pajjiż ta' tranżitu, u l-kapaċità nominata u l-produzzjoni tal-elettriku mill-installazzjoni jirreferu għall-istess perjodu ta' żmien li ma għandux ikun itwal minn siegħa;

(e) l-issodisfar tal-kriterji ta' hawn fuq jiġi ċċertifikat minn verifikatur akkreditat, li għandu jirċievi mill-inqas rapporti interim ta' kull xahar li juru kif dawk il-kriterji huma ssodisfati.

Il-kwantità akkumulata ta' elettriku skont il-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija u l-emissjonijiet integrati reali korrispondenti tagħha għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-fattur ta' emissjoni tal-pajjiż jew tal-fattur ta' emissjoni ta' $CO_2$ użat għall-fini tal-kalkolu tal-emissjonijiet indiretti integrati tal-enerġija elettrika fl-oġġetti f'konformità mal-punt 4.3, rispettivament.

6. IL-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET INTEGRATI REALI GĦALL-EMISSJONIJIET INDIRETTI

Dikjarant awtorizzat CBAM jista' japplika emissjonijiet integrati reali minflok valuri prestabbiliti għall-kalkolu msemmi fl-Artikolu 7(4) jekk ikun jista' juri rabta teknika diretta bejn l-installazzjoni li fiha jiġi prodott l-oġġett importat u s-sors tal-ġenerazzjoni tal-elettriku jew jekk l-operatur ta' dik l-installazzjoni jkun ikkonkluda ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija ma' produttur tal-elettriku li jinsab f'pajjiż terz għal kwantità ta' elettriku li tkun ekwivalenti għall-kwantità li għaliha jintalab l-użu ta' valur speċifiku.

7. L-ADATTAMENT TAL-VALURI PRESTABBILITI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7(2) IBBAŻATI FUQ KARATTERISTIĊI SPEĊIFIĊI GĦAR-REĠJUN

Il-valuri prestabbiliti jistgħu jiġu adattati għal żoni u reġjuni partikolari f'pajjiżi terzi fejn jipprevalu karatteristiċi speċifiċi f'termini ta' fatturi oġġettivi ta' emissjoni. Meta data adattata għal dawk il-karatteristiċi lokali speċifiċi tkun disponibbli u jkunu jistgħu jiġu determinati valuri prestabbiliti aktar immirati, jistgħu jintużaw dawn tal-aħħar.

Meta d-dikjaranti ta' oġġetti li joriġinaw f'pajjiż terz, grupp ta' pajjiżi terzi, jew reġjun f'pajjiż terz jistgħu juru, fuq il-bażi ta' data affidabbli, li adattamenti alternattivi speċifiċi għar-reġjun tal-valuri prestabbiliti huma inqas mill-valuri prestabbiliti determinati mill-Kummissjoni, jistgħu jintużaw tali adattamenti speċifiċi għar-reġjun.

*ANNESS V*

**Rekwiżiti ta’ żamma tal-kotba għall-informazzjoni użata għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati għall-fini tal-Artikolu 7(5)**

1. ID-DATA MINIMA LI GĦANDHA TINŻAMM MINN DIKJARANT AWTORIZZAT CBAM GĦALL-OĠĠETTI IMPORTATI:

   1. Id-data li tidentifika d-dikjarant awtorizzat CBAM:

      (a) l-isem;

      (b) in-numru tal-kont tas-CBAM.

   2. id-data dwar l-oġġetti importati:

      (a) it-tip u l-kwantità ta’ kull tip ta’ oġġett;

      (b) il-pajjiż tal-oriġini;

      (c) l-emissjonijiet reali jew il-valuri prestabbiliti.

2. ID-DATA MINIMA LI GĦANDHA TINŻAMM MINN DIKJARANT AWTORIZZAT CBAM GĦALL-EMISSJONIJIET INTEGRATI FL-OĠĠETTI IMPORTATI LI HUMA DETERMINATI FUQ IL-BAŻI TAL-EMISSJONIJIET REALI

   Għal kull tip ta’ oġġetti importati meta l-emissjonijiet integrati huma determinati abbażi ta’ emissjonijiet reali, għandha tinżamm id-data addizzjonali li ġejja:

   (a) l-identifikazzjoni tal-installazzjoni fejn ikunu ġew prodotti l-oġġetti;

   (b) l-informazzjoni ta’ kuntatt tal-operatur tal-installazzjoni fejn ikunu ġew prodotti l-oġġetti;

   (c) ir-rapporti ta’ verifika kif stabbilit fl-Anness VI;

   (d) l-emissjonijiet speċifiċi integrati tal-oġġetti.

*ANNESS VI*

**Il-prinċipji tal-verifika u l-kontenut tar-rapporti ta' verifika għall-finijiet tal-Artikolu 8**

1. IL-PRINĊIPJI TAL-VERIFIKA

Għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-verifikaturi għandhom iwettqu l-verifiki b'attitudni ta' xettiċiżmu professjonali;

(b) l-emissjonijiet integrati totali li għandhom jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni CBAM għandhom jitqiesu bħala vverifikati biss jekk il-verifikatur isib b'aċċertament raġonevoli li r-rapport ta' verifika ma jkunx fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali u nonkonformitajiet materjali fir-rigward tal-kalkolu tal-emissjonijiet integrati f'konformità mar-regoli tal-Anness IV;

(c) iż-żjarat mill-verifikatur fl-installazzjoni għandhom ikunu obbligatorji ħlief meta jiġu ssodisfati kriterji speċifiċi biex ma ssirx iż-żjara fl-installazzjoni;

(d) biex jiddeċiedi jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nonkonformitajiet humiex materjali, il-verifikatur għandu juża s-sollijiet mogħtija mill-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 8(3).

Għall-parametri li għalihom ma huma determinati ebda sollijiet bħal dawn, il-verifikatur għandu juża l-ġudizzju espert dwar jekk dikjarazzjonijiet skorretti jew nonkonformitajiet, individwalment jew meta jiġu aggregati ma' dikjarazzjonijiet skorretti jew nonkonformitajiet oħra, iġġustifikati mid-daqs u n-natura tagħhom, għandhomx jitqiesu materjali.

2. IL-KONTENUT TAR-RAPPORT TA' VERIFIKA

Il-verifikatur għandu jħejji rapport ta' verifika li jistabbilixxi l-emissjonijiet integrati tal-oġġetti u jispeċifika l-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-ħidma mwettqa u li jinkludi, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-installazzjonijiet fejn ikunu ġew prodotti l-oġġetti;

(b) l-informazzjoni ta' kuntatt tal-operatur tal-installazzjonijiet fejn ikunu ġew prodotti l-oġġetti;

(c) il-perjodu ta' rapportar applikabbli;

(d) l-isem u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-verifikatur;

(e) in-numru tal-akkreditament tal-verifikatur, u l-isem tal-korp ta' akkreditament;

(f) id-data taż-żjarat fl-installazzjonijiet, jekk applikabbli, jew ir-raġunijiet għaliex ma tkunx saret żjara f'installazzjoni;

(g) il-kwantitajiet ta' kull tip ta' oġġetti ddikjarati prodotti fil-perjodu ta' rappurtar;

(h) il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet diretti tal-installazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar;

(i) deskrizzjoni dwar kif l-emissjonijiet tal-installazzjoni huma attribwiti għal tipi differenti ta' oġġetti;

(j) informazzjoni kwantitattiva dwar l-oġġetti, l-emissjonijiet u l-flussi tal-enerġija mhux assoċjati ma' dawk l-oġġetti;

(k) fil-każ ta' oġġetti kumplessi:

(i) il-kwantitajiet ta' kull materjal ta' input (prekursur) użat;

(ii) l-emissjonijiet integrati speċifiċi assoċjati ma' kull wieħed mill-materjali ta' input (prekursuri) użati;

(iii) jekk jintużaw emissjonijiet reali: l-identifikazzjoni tal-installazzjonijiet fejn il-materjal ta' input (prekursur) ġie prodott u l-emissjonijiet reali mill-produzzjoni ta' dak il-materjal;

(l) id-dikjarazzjoni tal-verifikatur li tikkonferma li jkun sab b'aċċertament raġonevoli li r-rapport ma jkunx jinkludi dikjarazzjonijiet skorretti materjali u nonkonformitajiet materjali fir-rigward tar-regoli tal-kalkolu tal-Anness IV;

(m) informazzjoni dwar dikjarazzjonijiet skorretti materjali misjuba u kkoreġuti;

(n) informazzjoni dwar nonkonformitajiet materjali mar-regoli tal-kalkolu stipulati fl-Anness IV, misjuba u kkoreġuti.

# REGOLAMENT (UE) 2023/957 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-10 ta' Mejju 2023**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi ([4]), adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (il-"Ftehim ta' Pariġi"), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Dak l-impenn issaħħaħ bl-adozzjoni, fl-ambitu tal-UNFCCC, tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, li sservi bħala laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li l-impatti tat-tibdil fil-klima se jkunu ħafna aktar baxxi b'żieda fit-temperatura ta' 1,5 °C, meta mqabbla ma' 2 °C, u tiddeċiedi li twettaq sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C.

(2) L-urġenza tal-ħtieġa li l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi ta' 1,5 °C jibqa' ħaj saret aktar sinifikanti wara s-sejbiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima fis-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tiegħu li t-tisħin globali jista' jiġi limitat għal 1,5 °C biss jekk isir minnufih tnaqqis qawwi u sostnut tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra f'dan id-deċennju.

(3) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew").

(4) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jgħaqqad sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi ta' tisħiħ reċiproku bl-għan li, sal-2050, tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni, u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Huwa għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-

([1]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 175.
([2]) ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.
([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2023.
([4]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

ambjent. Din it-tranżizzjoni taffettwa b'mod differenti lill-ħaddiema minn diversi setturi. Fl-istess waqt, dik it-tranżizzjoni għandha aspetti ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, bħall-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju u l-individwi u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju-baxx. Timponi wkoll sfidi akbar fuq ċerti reġjuni, b'mod partikolari r-reġjuni strutturalment żvantaġġati u dawk periferiċi, kif ukoll fuq il-gżejjer. Għalhekk, irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

(5) In-neċessità u l-valur li jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew komplew jikbru fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawk l-effetti wrew li s-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna jeħtieġ li jtejbu r-reżiljenza tagħhom fir-rigward tax-xokkijiet esterni u jaġixxu kmieni biex jevitaw jew itaffu l-effetti tax-xokkijiet esterni b'mod li jkun ġust u li jwassal biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inklużi dawk fir-riskju tal-faqar enerġetiku. Iċ-ċittadini Ewropej qed ikomplu jesprimu fehmiet qawwija li dan japplika b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima.

(6) Fil-kontribut aġġornat stabbilit fil-livell nazzjonali ppreżentat lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni impenjat ruħha li, sal-2030, tnaqqas l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % meta nmqabbla mal-livelli tal-1990.

(7) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), l-Unjoni stabbiliet fil-leġiżlazzjoni l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dik id-data. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll objettiv vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis intern tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, sal-2030, u jipprevedi li l-Kummissjoni obbligata li tagħmel l-almu tagħha biex tallinja l-abbozzi futuri kollha ta' miżuri jew il-proposti leġiżlattivi futuri kollha, inklużi l-proposti baġitarji, mal-objettivi ta' dak ir-Regolament u, fi kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' allinjament, tagħti r-raġunijiet għal tali nuqqas ta' allinjament bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dawk il-proposti.

(8) Is-setturi kollha tal-ekonomija jeħtieġ li jikkontribwixxu biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119. Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) għalhekk qed tiġi emendata biex tinkludi attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) sabiex jiġi żgurat li dawk l-attivitajiet jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-objettivi miżjuda tal-Unjoni dwar il-klima kif ukoll għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, jeħtieġ ukoll li r-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jiġi emendat biex titqies l-inklużjoni ta' attivitajiet tat-trasport marittimu fl-EU ETS.

(9) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu l-objettivi miżjuda tal-Unjoni dwar il-klima kif ukoll l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 jenħtieġ li jiġi emendat. Sistema robusta ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika hija prerekwiżit għal kwalunkwe miżura bbażata fuq is-suq, standard ta' effiċjenza jew kwalunkwe miżura relevanti oħra, kemm jekk applikati fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell globali. Filwaqt li l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, l-emissjonijiet tal-metan ($CH_4$) u tal-ossidu nitruż ($N_2O$) jirrappreżentaw sehem rilevanti ta' tali emissjonijiet. L-inklużjoni tal-emissjonijiet tas-$CH_4$ u tal-$N_2O$ fir-Regolament (UE) 2015/757 tkun ta' benefiċċju għall-integrità ambjentali u biex tinċentiva l-prattiki tajba, u jenħtieġ li tapplika mill-2024. Il-bastimenti tal-merkanzija ġenerali ta' tunnellaġġ gross inqas minn 5 000 iżda mhux inqas minn 400 jirrappreżentaw sehem

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

([6]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

sinifikanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bastimenti tal-merkanzija ġenerali kollha. Sabiex tiżdied l-effettività ambjentali tas-sistema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jitnaqqas ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni, il-bastimenti tal-merkanzija ġenerali ta' tunnellaġġ gross inqas minn 5 000 iżda mhux inqas minn 400 jenħtieġ li jiġu inklużi fir-Regolament (UE) 2015/757 mill-2025. Il-bastimenti offshore jemettu sehem rilevanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, jenħtieġ li dak ir-Regolament japplika wkoll għall-bastimenti offshore ta' tunnellaġġ gross ta' 400 jew aktar mill-2025. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta qabel il-31 ta' Diċembru 2024 jekk tipi addizzjonali ta' bastimenti ta' tunnellaġġ gross inqas minn 5 000 iżda mhux inqas minn 400 għandhomx jiġu inklużi fir-Regolament (UE) 2015/757.

(10) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex jobbliga lill-kumpaniji jirrapportaw id-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u jippreżentaw tali *data* lill-awtorità amministrattiva responsabbli u jippreżentaw għall-approvazzjoni ta' dik l-awtorità l-pjanijiet ta' monitoraġġ ivverifikati tagħhom. Meta jwettaq verifika fil-livell tal-kumpaniji, jenħtieġ li l-verifikatur ma jivverifikax ir-rapporti dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-bastimenti jew ir-rapporti fil-livell tal-bastimenti li għandhom jiġu ppreżentati fejn ikun hemm bidla tal-kumpanija, billi dawk ir-rapporti fil-livell tal-bastimenti jkunu diġà ġew ivverifikati. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fl-amministrazzjoni u l-infurzar, jenħtieġ li l-entità responsabbli għall-konformità mar-Regolament (UE) 2015/757 tkun l-istess bħall-entità responsabbli għall-konformità mad-Direttiva 2003/87/KE.

(11) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-EU ETS fil-livell amministrattiv u biex titqies l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' $CH_4$ u N2O, kif ukoll l-inklużjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bastimenti offshore, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-metodi u r-regoli ta' monitoraġġ u r-regoli ta' rappurtar għall-emissjonijiet koperti mir-Regolament (UE) 2015/757, kif ukoll għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra stabbilita f'dak ir-Regolament, ir-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ, u l-bidliet tagħhom mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli, ir-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-preżentazzjoni ta' *data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u r-regoli għall-verifika tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u dwar il-ħruġ ta' rapporti ta' verifika fir-rigward tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([8]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(12) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprevedi regoli ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika li huma meħtieġa għal estensjoni tal-EU ETS għall-attivitajiet tat-trasport marittimu u li jipprevedi l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2015/757**

Ir-Regolament (UE) 2015/757 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE";

([8]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(2) tul ir-Regolament kollu, ħlief fl-Artikolu 2, l-Artikolu 5(2), u l-Artikolu 21(5) u l-Annessi I u II, it-terminu "$CO_2$" huwa sostitwit b'"gass serra" u ssir kwalunkwe bidla grammatikali meħtieġa;

(3) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra rilevanti minn bastimenti li jaslu jew ikunu f'portijiet, jew jitilqu minn portijiet, taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, sabiex jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti.";

(4) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti ta' tunnellaġġ gross ta' 5 000 jew aktar fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom għat-trasport għal finijiet kummerċjali ta' merkanzija jew passiġġieri mill-aħħar port ta' waqfa ta' tali bastimenti sa port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u minn port ta' waqfa li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll f'portijiet ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

1a. Mill-1 ta' Jannar 2025, dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-bastimenti tal-merkanzija ġenerali ta' tunnellaġġ gross inqas minn 5 000 iżda mhux inqas minn 400 fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom għat-trasport ta' merkanzija għal finijiet kummerċjali mill-aħħar port ta' waqfa tagħhom sa port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u minn port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll f'portijiet ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u għal bastimenti offshore ta' tunnellaġġ gross inqas minn 5 000 iżda mhux inqas minn 400 fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom mill-aħħar port ta' waqfa tagħhom sa port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u minn port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll f'portijiet ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

1b. Mill-1 ta' Jannar 2025, dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti offshore ta' tunnellaġġ gross ta' 5 000 jew aktar fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom mill-aħħar port ta' waqfa tagħhom sal- port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u minn port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll f'portijiet ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

1c. Il-gassijiet serra koperti minn dan ir-Regolament huma:

(a) id-diossidu tal-karbonju ($CO_2$);

(b) fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati mill-2024 'il quddiem, il-metan ($CH_4$); u

(c) fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati mill-2024 'il quddiem, l-ossidu nitruż ($N_2O$).

Meta dan ir-Regolament jirreferi għall-emissjonijiet aggregati totali ta' gassijiet serra jew gassijiet serra aggregati totali emessi, għandu jinftiehem li jirreferi għall-ammonti aggregati totali ta' kull gass separatament.";

(5) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) "emissjonijiet ta' gassijiet serra" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra koperti b'dan ir-Regolament skont l-Artikolu 2(1c), l-ewwel subparagrafu, minn bastimenti;

(b) "port ta' waqfa" tfisser port ta' waqfa kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (z), tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(c) "vjaġġ" tfisser kwalunkwe moviment ta' bastiment li joriġina minn port ta' waqfa jew li jintemm fih;

(d) "kumpanija" tfisser il-kumpanija tat-tbaħħir kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (w), tad-Direttiva 2003/87/KE;

(*) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).";

(b) il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) "perjodu ta' rappurtar" tfisser il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kwalunkwe sena partikolari; għall-vjaġġi li jibdew u jispiċċaw f'żewġ snin differenti, id-*data* rispettiva għandha titqies skont is-sena kkonċernata;";

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(p) "awtorità amministrattiva responsabbli" tfisser l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir imsemmija fl-Artikolu 3gf tad-Direttiva 2003/87/KE;

(q) "*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji" tfisser is-somma tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE b'rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu f'konformità mal-Anness I għal dik id-Direttiva u li għandhom jiġu rrappurtati minn kumpanija skont dik id-Direttiva, fir-rigward tal-bastimenti kollha taħt ir-responsabbiltà tagħha matul il-perjodu ta' rappurtar.";

(6) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Il-kumpaniji għandhom jirrapportaw id-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tagħhom matul perjodu ta' rappurtar skont l-Artikolu 11a.";

(7) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament biex temenda l-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament, sabiex tqis l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' $CH_4$ u $N_2O$, kif ukoll l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bastimenti offshore, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u l-emendi għad-Direttiva 2003/87/KE, kif ukoll biex tallinja dawk l-Annessi mal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 14(1) ta' dik id-Direttiva, bir-regoli internazzjonali rilevanti, u bl-istandards internazzjonali u Ewropej. Il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament biex temenda l-Annessi I u II għal dan ir-Regolament sabiex tirfina l-elementi tal-metodi ta' monitoraġġ stabbiliti fihom, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi, u sabiex tiżgura t-tħaddim effettiv tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) stabbilita skont id-Direttiva 2003/87/KE.

Sal-1 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati sabiex tqis l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' $CH_4$ u $N_2O$, kif ukoll l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bastimenti offshore, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Il-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $CH_4$ u $N_2O$ għandhom ikunu bbażati fuq l-istess prinċipji bħall-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ kif stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ biex jirrifletti n-natura tal-gassijiet serra rilevanti. Il-metodi stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u r-regoli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom, fejn xieraq, jiġu allinjati mal-metodi u r-regoli stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.";

(8) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-isem tal-kumpanija u l-indirizz, id-dettalji tat-telefon u tal-posta elettronika ta' persuna ta' kuntatt u n-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-IMO tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat;";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kumpaniji għandhom jużaw pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati bbażati fuq mudelli, u għandhom jippreżentaw dawk il-pjanijiet bl-użu ta' sistemi awtomatizzati u formats ta' skambju tad-*data*. Dawk il-mudelli, inkluż ir-regoli tekniċi għall-applikazzjoni uniformi tagħhom, u r-regoli tekniċi għat-trasferiment awtomatiku tagħhom, għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).";

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6. Sal-1 ta' April 2024, il-kumpaniji għandhom, għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jippreżentaw lill-awtorità amministrattiva responsabbli pjan ta' monitoraġġ li ġie vvalutat bħala konformi ma' dan ir-Regolament mill-verifikatur u li jirrifletti l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' $CH_4$ u N2O fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

7. Minkejja l-paragrafu 6, għall-bastimenti li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ewwel darba wara l-1 ta' Jannar 2024, il-kumpaniji għandhom jippreżentaw pjan ta' monitoraġġ f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament lill-awtorità amministrattiva responsabbli mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-ewwel waqfa ta' kull bastiment f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

8. Sas-6 ta' Ġunju 2025, l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli għandhom japprovaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ ippreżentati mill-kumpaniji f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-atti delegati adottati mill-Kummissjoni skont it-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Għall-bastimenti li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE għall-ewwel darba wara l-1 ta' Jannar 2024, l-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tapprova l-pjan ta' monitoraġġ ippreżentat fi żmien erba' xhur mill-ewwel waqfa tal-bastiment f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-atti delegati adottati mill-Kummissjoni skont it-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Sal-1 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex temenda l-Artikoli 6 sa 10 fir-rigward tar-regoli li jinsabu f'dawk l-Artikoli għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, biex tqis l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' $CH_4$ u $N_2O$, kif ukoll l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bastimenti offshore, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tar-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli.";

(9) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-modifiki għall-pjan ta' monitoraġġ taħt il-paragrafu 2, il-punti (b), (c) u (d), ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni mill-verifikatur skont l-Artikolu 13(1). Wara l-valutazzjoni, il-verifikatur għandu jinnotifika lill-kumpanija dwar jekk dawk il-modifiki humiex konformi. Il-kumpanija għandha tippreżenta l-pjan ta' monitoraġġ modifikat tagħha lill-awtorità amministrattiva responsabbli ladarba tkun irċeviet notifika mingħand il-verifikatur li l-pjan ta' monitoraġġ huwa konformi.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tapprova l-modifiki tal-pjan ta' monitoraġġ skont il-paragrafu 2, il-punti (a) sa (d), f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-atti delegati adottati mill-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tar-regoli għall-approvazzjoni ta' bidliet fil-pjanijiet ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli.";

(10) fl-Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, jiżdied il-punt li ġej:

“(k) l-emissjonijiet aggregati totali ta’ gassijiet serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu f’konformità mal-Anness I għal dik id-Direttiva u li għandhom jiġu rrapportati skont dik id-Direttiva, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni ta’ kwalunkwe deroga rilevanti mill-Artikolu 12(3) ta’ dik id-Direttiva prevista fl-Artikolu 12(3-e) sa (3-b) tagħha.”;

(11) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

“Mill-2025, sal-31 ta’ Marzu ta’ kull sena, il-kumpaniji għandhom, għal kull bastiment taħt ir-responsabbiltà tagħhom, jippreżentaw lill-awtorità amministrattiva responsabbli, lill-awtoritajiet tal-Istati tal-bandiera kkonċernati għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ Stat Membru u lill-Kummissjoni rapport dwar l-emissjonijiet għall-perjodu kollu ta’ rappurtar tas-sena ta’ qabel, li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti minn verifikatur skont l-Artikolu 13. L-awtorità amministrattiva responsabbli tista’ titlob lill-kumpaniji jippreżentaw ir-rapporti dwar l-emissjonijiet tagħhom sa data aktar kmieni mill-31 ta’ Marzu, iżda mhux aktar kmieni mit-28 ta’ Frar.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Fejn isseħħ bidla ta’ kumpanija, il-kumpanija preċedenti għandha tippreżenta lill-awtorità amministrattiva responsabbli tagħha, lill-awtoritajiet tal-Istati tal-bandiera kkonċernati għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ Stat Membru, lill-kumpanija l-ġdida u lill-Kummissjoni, kemm jista’ jkun qrib il-jum tat-tlestija tal-bidla u mhux aktar tard minn tliet xhur wara, rapport verifikat li jkopri l-istess elementi bħar-rapport dwar l-emissjonijiet imsemmi fil-paragrafu 1, iżda limitat għall-perjodu li jikkorrispondi għall-attivitajiet imwettqa taħt ir-responsabbiltà tagħha.”;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Sal-1 ta’ Ottubru 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex temenda l-Artikoli 11, 11a u 12 li jikkonċernaw ir-regoli għar-rappurtar biex tqis l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta’ $CH_4$ u $N_2O$, kif ukoll l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra minn bastimenti offshore, fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.”;

(12) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“*Artikolu 11a*

**Ir-rappurtar u l-preżentazzjoni tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji**

1. Il-kumpaniji għandhom jiddeterminaw id-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji matul perjodu ta’ rappurtar, abbażi tad-*data* tar-rapport dwar l-emissjonijiet u tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 11(2) għal kull bastiment li kien taħt ir-responsabbiltà tagħhom matul il-perjodu ta’ rappurtar, f’konformità mar-regoli stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu.

2. Mill-2025, il-kumpaniji għandhom jippreżentaw lill-awtorità amministrattiva responsabbli, sal-31 ta’ Marzu ta’ kull sena, id-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji li tkopri l-emissjonijiet fil-perjodu ta’ rappurtar tas-sena ta’ qabel li għandu jiġi rrapportat skont id-Direttiva 2003/87/KE b’rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu, f’konformità mar-regoli stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu, u li ġew vverifikati f’konformità mal-Kapitolu III ta’ dan ir-Regolament.

3. L-awtorità amministrattiva responsabbli tista’ titlob lill-kumpaniji jippreżentaw id-*data* aggregata u vverifikata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 sa data aktar kmieni mill-31 ta’ Marzu, iżda mhux aktar kmieni mit-28 ta’ Frar.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament bir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-preżentazzjoni tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli.”;

(13) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-format tar-rapport dwar l-emissjonijiet u r-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-rapport dwar l-emissjonijiet u r-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji għandhom jiġu ppreżentati bl-użu ta' sistemi awtomatizzati u formats għall-iskambju tad-*data*, inklużi mudelli elettroniċi.";

(14) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-konformità tar-rapport dwar l-emissjonijiet u tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 11(2) mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 12 u fl-Annessi I u II.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-konformità tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6.

Meta l-verifikatur jikkonkludi, b'assigurazzjoni raġonevoli, li d-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji tkun ħielsa minn dikjarazzjonijiet ħżiena materjali, il-verifikatur għandu joħroġ rapport ta' verifika li jiddikjara li d-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji tkun ġiet ivverifikata bħala sodisfaċenti f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta dan ir-Regolament bir-regoli għall-verifika tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, inklużi l-metodi ta' verifika u l-proċedura ta' verifika, u l-ħruġ ta' rapport ta' verifika.";

(15) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-kalkoli li jwasslu għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra u tal-emissjonijiet aggregati totali tal-gassijiet serra koperti bid-Direttiva 2003/87/KE b'rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu skont l-Anness I għal dik id-Direttiva u li għandhom jiġu rrapportati skont dik id-Direttiva;";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Meta jikkunsidra l-verifika tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, il-verifikatur għandu jivvaluta l-kompletezza tad-*data* rrapportata u l-konsistenza ta' dik id-*data* rrapportata mal-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija, inklużi r-rapporti vverifikati dwar l-emissjonijiet tagħha u r-rapporti msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(16) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Fir-rigward tal-verifika tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, il-verifikatur u l-kumpanija għandhom jikkonformaw mar-regoli ta' verifika stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 13(6). Il-verifikatur ma għandux jivverifika r-rapport dwar l-emissjonijiet u r-rapport imsemmi fl-Artikolu 11(2) ta' kull bastiment taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija.";

(17) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-verifikaturi li jivvalutaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ, ir-rapporti dwar l-emissjonijiet, ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament u d-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, u li joħorġu r-rapporti ta' verifika msemmija fl-Artikolu 13(3) u (5) ta' dan ir-Regolament u d-dokumenti ta' konformità msemmija fl-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu akkreditati għal attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.";

(18) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fil-każ ta' bastiment li jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar għal żewġ perjodi ta' rappurtar konsekuttivi jew aktar, u meta miżuri ta' infurzar oħra jkunu naqqsu milli jiżguraw il-konformità, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port ta' dħul tista', wara li tagħti l-opportunità lill-kumpanija kkonċernata biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, toħroġ ordni ta' tkeċċija, li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), lill-Istati Membri l-oħra u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat. B'riżultat tal-ħruġ ta' tali ordni ta' tkeċċija, kull Stat Membru, bl-eċċezzjoni tal-Istat Membru li tiegħu l-bastiment itajjar il-bandiera, għandu jirrifjuta d-dħul tal-bastiment ikkonċernat fi kwalunkwe wieħed mill-portijiet tiegħu sakemm il-kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha ta' monitoraġġ u ta' rappurtar skont l-Artikoli 11 u 18. Meta tali bastiment itajjar il-bandiera ta' Stat Membru u jidħol jew jinstab f'wieħed mill-portijiet tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, wara li jagħti l-opportunità lill-kumpanija kkonċernata biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, iżomm lill-bastiment sakemm il-kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha ta' monitoraġġ u ta' rappurtar.

Meta bastiment kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu jinstab li kien f'wieħed mill-portijiet tal-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat, wara li jagħti l-opportunità lill-kumpanija kkonċernata biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, jista' joħroġ ordni ta' detenzjoni tal-Istat tal-bandiera sakemm il-kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha ta' monitoraġġ u ta' rappurtar. Dan għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-EMSA u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

It-twettiq ta' dawk l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar għandu jiġi kkonfermat bin-notifika ta' dokument ta' konformità validu lill-awtorità nazzjonali kompetenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tkeċċija. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli marittimi internazzjonali applikabbli fil-każ ta' bastimenti f'diffikultà.";

(b) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-possibbiltà ta' deroga skont l-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika għal Stat Membru li l-awtorità tiegħu hija l-awtorità amministrattiva responsabbli.";

(19) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-identità tal-bastiment (l-isem, il-kumpanija, in-numru ta' identifikazzjoni tal-IMO u l-port tar-reġistrazzjoni jew il-port ta' domiċilju);";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull sentejn l-impatt ġenerali tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fuq il-klima globali, inkluż permezz ta' emissjonijiet jew effetti ta' gassijiet serra minbarra s-$CO_2$ u ta' partikoli b'potenzjal ta' tisħin globali mhux kopert minn dan ir-Regolament.";

(20) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 22a*

**Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, tirrevedi dan ir-Regolament, filwaqt li tqis b'mod partikolari l-esperjenza ulterjuri miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu, fost oħrajn, bil-għan li tinkludi l-bastimenti ta' tunnellaġġ gross inqas minn 5 000 iżda mhux inqas minn 400 fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb ta' inklużjoni sussegwenti possibbli ta' tali bastimenti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE jew li tipproponi miżuri oħra biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn tali bastimenti. Dak ir-rieżami għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.";

(21) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2), l-Artikolu 15(5) u l-Artikolu 16(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Lulju 2015.

Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(8), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 11a(4) u l-Artikolu 13(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-5 ta' Ġunju 2023.

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin rispettiv. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(8), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 11a(4), l-Artikolu 13(6), l-Artikolu 15(5) u l-Artikolu 16(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(8), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 11a(4), l-Artikolu 13(6), l-Artikolu 15(5) jew l-Artikolu 16(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Madankollu, l-ewwel subparagrafu, l-aħħar sentenza, ta' dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika għall-atti delegati adottati sal-1 ta' Ottubru 2023 skont l-Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 6(8), it-tieni subparagrafu, jew l-Artikolu 11(4).".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-5 ta' Ġunju 2023. Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (5)(a) u l-punt (5)(b), ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-Artikolu 3, il-punti (b), (d) u (m), tar-Regolament (UE) 2015/757, għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-10 ta' Mejju 2023.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| R. METSOLA | J. ROSWALL |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2023/958 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-10 ta' Mejju 2023**

**li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) stabbiliet sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni, sabiex tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti. L-attivitajiet tal-avjazzjoni ġew inklużi fis-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS) bid-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). L-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza li testendi l-EU ETS għat-titjiriet kollha li jitilqu minn jew jaslu f'ajrudrom li jinsab fi Stat Membru.

(2) Il-protezzjoni tal-ambjent hija waħda mill-isfidi l-aktar importanti li l-Unjoni u l-bqija tad-dinja qed jiffaċċjaw. Il-Ftehim ta' Pariġi ([6]), adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (il-"Ftehim ta' Pariġi"), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Dak l-impenn ġie msaħħaħ bl-adozzjoni taħt il-UNFCCC tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li jservu bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li ż-żamma taż-żieda fit-temperatura medja globali sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u dawk il-Partijiet impenjaw ruħhom li jsaħħu l-miri tagħhom għall-2030 sal-aħħar tal-2022 sabiex jaċċeleraw l-azzjoni klimatika f'dan id-deċennju kritiku u jeliminaw id-distakk fl-ambizzjoni bil-mira ta' 1,5 °C. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, jeħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija, inkluża l-avjazzjoni internazzjonali, jikkontribwixxu biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjoni ta' gassijiet serra.

([1]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 152.
([2]) ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.
([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2023.
([4]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).
([5]) Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3).
([6]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

(3) L-avjazzjoni hija responsabbli għal 2 sa 3 % tal-emissjonijiet globali tas-$CO_2$ u l-impatt klimatiku totali tal-avjazzjoni huwa mill-inqas id-doppju tal-impatt tagħha mis-$CO_2$ waħdu. L-avjazzjoni hija t-tieni l-akbar sors ta' impatti klimatiċi tat-trasport wara t-trasport bit-triq. Fl-2022, il-Eurocontrol bassret żieda fl-attività tal-avjazzjoni Ewropea ta' 44 % sal-2050 meta mqabbla mal-2019. Il-ħtieġa ta' azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ qed issir dejjem aktar urġenti, kif iddikjara l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima fl-aktar rapporti reċenti tiegħu tas-7 ta' Awwissu 2021 bit-titolu "Climate Change 2021: The Physical Science Basis" (Tibdil fil-Klima 2021: Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika), tat-28 ta' Frar 2022 bit-titolu "Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability" (Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà), u tal-4 ta' April 2022 bit-titolu "Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change" (Tibdil fil-Klima 2022: Il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima). Dak ir-rapport tal-4 ta' April 2022 jidentifika l-avjazzjoni internazzjonali bħala settur fejn "il-ftehimiet settorjali adottaw għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għadhom ferm 'il bogħod minn dak li jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-għan fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi rigward it-temperatura". Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tindirizza dik il-ħtieġa urġenti għal azzjoni billi żżid l-isforzi tagħha u tassumi rwol ta' tmexxija f'livell internazzjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

(4) Fis-27 ta' Ġunju 2018, fl-għaxar laqgħa tal-214-il sessjoni tagħha, il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) adotta l-Ewwel Edizzjoni tal-Anness 16, il-Volum IV, għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali iffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944 (il-"Konvenzjoni ta' Chicago") - Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA), li tistabbilixxi l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali għalCORSIA (CORSIA SARPs). L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qed jimplimentaw il-CORSIA mill-bidu tal-fażi pilota 2021-2023 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/954 ([7]).

(5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 ([8]), l-Istati Membri nnotifikaw lis-Segretarjat tal-ICAO dwar id-differenzi bejn il-CORSIA u l-EU ETS. L-objettiv kien li jiġu ppreservati l-acquis tal-Unjoni u l-prerogattivi politiki futuri, kif ukoll il-livell ta' ambizzjoni klimatika tal-Unjoni u r-rwoli esklużivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fid-deċiżjoni dwar il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni. Wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, in-notifika tad-differenzi bejn il-CORSIA u l-EU ETS lis-Segretarjat tal-ICAO jenħtieġ li tiġi aġġornata bit-tieni notifika tad-differenzi konsistenti mal-liġi tal-Unjoni biex tirrifletti r-reviżjonijiet li saru lid-Direttiva 2003/87/KE.

(6) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew").

(7) L-Unjoni impenjat ruħha li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra għall-ekonomija kollha tagħha b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 fl-ambitu tal-kontribut aġġornat determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha sottomess lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020. Jenħtieġ li l-avjazzjoni tikkontribwixxi għal dawk l-isforzi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet.

(8) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), l-Unjoni naqqxet fil-leġiżlazzjoni l-objettiv li l-emissjonijiet netti jitnaqqsu għal żero sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn dik id-data 'l quddiem. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira klimatika ta' tnaqqis domestiku intermedju vinkolanti tal-Unjoni għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030.

(9) L-emendi introdotti minn din id-Direttiva huma essenzjali biex tiżgura l-integrità tal-EU ETS u tidderiġiha b'mod effettiv sabiex din tikkontribwixxi, bħala għodda ta' politika, għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050, u kif ukoll l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn dik id-data 'l quddiem kif stabbilit

---

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/954 tal-25 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tal-parteċipazzjoni volontarja fl-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) mill-1 ta' Jannar 2021 u tal-għażla magħmula għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens tal-operaturi tal-ajruplani matul il-perijodu 2021-2023 (ĠU L 212, 3.7.2020, p. 14).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali – Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 25).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119. Dawk l-emendi huma għalhekk ukoll immirati għall-implimentazzjoni tal-kontributi tal-Unjoni fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi fir-rigward tal-avjazzjoni. Għalhekk, il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni jenħtieġ li tiġi kkonsolidata u soġġetta għall-fattur lineari ta' tnaqqis kif imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE.

(10) Minbarra s-$CO_2$, l-avjazzjoni taffettwa l-klima permezz ta' emissjonijiet ta' gassijiet li mhumiex $CO_2$ bħall-ossidi tan-nitroġenu (NOx), il-partikoli tan-nugrufun, speċi ta' kubrit ossidizzat, u effetti mill-fwar tal-ilma, kif ukoll permezz ta' proċessi atmosferiċi kkawżati minn tali emissjonijiet, pereżempju l-formazzjoni ta' ożonu u ta' ċirru magħmul minn strixex ta' kondensazzjoni. L-impatt klimatiku ta' tali emissjonijiet ta' gassijiet li mhumiex $CO_2$ jiddependi mit-tip ta' fjuwil u mill-magni użati, minn fejn ikunu jinsabu l-emissjonijiet, b'mod partikolari l-altitudni fil-fażi ta' kruċiera ta' inġenju tal-ajru, u l-pożizzjoni tiegħu f'termini ta' latitudni u lonġitudni, kif ukoll il-ħin tal-emissjonijiet u l-kundizzjonijiet tat-temp f'dak il-ħin. Abbażi tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tal-2006 dwar l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS, id-Direttiva 2008/101/KE rrikonoxxiet li l-avjazzjoni għandha impatt fuq il-klima globali permezz tar-rilaxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet li mhumiex $CO_2$. L-Artikolu 30(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), kien jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta analiżi aġġornata tal-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-$CO_2$, akkumpanjata, meta xieraq, minn proposta dwar kif l-aħjar jiġu indirizzati dawk l-effetti, qabel l-1 ta' Jannar 2020. Biex tissodisfa dak ir-rekwiżit, l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) wettqet analiżi aġġornata tal-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-$CO_2$ fuq it-tibdil fil-klima u ppubblikat l-istudju tagħha fit-23 ta' Novembru 2020. Is-sejbiet ta' dak l-istudju kkonfermaw dak li kien ġie stmat qabel, jiġifieri li l-impatti klimatiċi mhux derivati mis-$CO_2$ tal-attivitajiet tal-avjazzjoni huma, fit-total tagħhom, sinifikanti mill-inqas daqs dawk li ġejjin mis-$CO_2$ waħdu.

(11) Mis-sejbiet tal-istudju tal-EASA tat-23 ta' Novembru 2020 joħroġ li l-effetti ta' gassijiet li mhumiex $CO_2$ mill-avjazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, ma jistgħux jibqgħu jiġu injorati. Huma meħtieġa miżuri regolatorji fil-livell tal-Unjoni biex jinkiseb tnaqqis tal-emissjonijiet f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għall-effetti ta' gassijiet li mhumiex $CO_2$ mill-avjazzjoni. Filwaqt li tibni fuq ir-riżultati ta' dak il-qafas, sal-1 ta' Jannar 2028, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti rapport, u, meta xieraq u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, tissottometti proposta leġiżlattiva li jkun fiha miżuri ta' mitigazzjoni għall-effetti ta' gassijiet li mhumiex $CO_2$ mill-avjazzjoni, billi tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS biex ikopri tali effetti.

(12) Il-kisba taż-żieda fl-ambizzjoni klimatika se tkun tirrikjedi li jiġu diretti kemm jista' jkun riżorsi għat-tranżizzjoni klimatika, li jenħtieġ li tkun ukoll tranżizzjoni ġusta. B'riżultat ta' dan, id-dħul kollu mill-irkant li ma jkunx attribwit għall-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jintuża għal finijiet relatati mal-klima.

(13) Il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni jenħtieġ li tiġi konsolidata fil-livell tal-allokazzjoni għat-titjiriet li għalihom kwoti jridu jiġu ċeduti f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE. L-allokazzjoni għas-sena 2024 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-allokazzjoni totali lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru attivi fis-sena 2023, imnaqqsa bil-fattur lineari ta' tnaqqis kif imsemmi f'dik id-Direttiva. Il-livell ta' allokazzjoni jenħtieġ li jiżdied biex jitqiesu r-rotot li ma kinux koperti mill-EU ETS fis-sena 2023 iżda li se jiġu koperti mill-EU ETS mis-sena 2024 'il quddiem.

(14) Żieda fis-sehem tal-irkantar mis-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tkun ir-regola għall-allokazzjoni tal-kwoti tas-settur tal-avjazzjoni, filwaqt li titqies il-kapaċità tas-settur li jgħaddi ż-żieda fil-kost tas-$CO_2$. Jenħtieġ li jiġu implimentati tneħħija gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas fl-2024 u fl-2025 u rkantar sħiħ mill-2026.

(15) Jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tikkontribwixxi biex tiġi inċentivata d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport kummerċjali bl-ajru. It-tranżizzjoni mill-użu tal-fjuwils fossili jkollha rwol fil-kisba ta' tali dekarbonizzazzjoni. Madankollu, meta jitqies il-livell għoli ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi ta' inġenju tal-ajru, is-suq tal-Unjoni li qed jiżviluppa f'dak li għandu x'jaqsam ma' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, u d-differenzja sinifikanti fil-prezz bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, jenħtieġ li dik it-tranżizzjoni tingħata appoġġ billi jiġu inċentivati l-pijunieri. Għalhekk, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030, jenħtieġ li jiġu riżervati 20 miljun kwota sabiex jiġu allokati biex ikopru parti mid-differenza fil-prezz li jifdal bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli għall-operaturi individwali ta' inġenju tal-ajru. Dawk il-kwoti jenħtieġ li jiġu mir-raggruppament ta' kwoti totali disponibbli għall-avjazzjoni u jenħtieġ li jiġu allokati, b'mod mhux diskriminatorju, biss għal titjiriet koperti mill-obbligu ta' ċediment tad-Direttiva 2003/87/KE. Wara evalwazzjoni tal-funzjonament ta' dik ir-riżerva, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex talloka ammont massimu ta' kwoti li jkun limitat biż-żmien. Jenħtieġ li tali allokazzjoni tibqa' biss sal-31 ta' Diċembru 2034.

([10]) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

(16) It-titjiriet kummerċjali supersoniċi ma baqgħux jiġu disponibbli, fost l-oħrajn, minħabba l-ħsara ambjentali sproporzjonalment elevata li kkawżaw. Madankollu, ix-xejriet attwali juru riċerka intensiva fl-introduzzjoni mill-ġdid tal-avjazzjoni supersonika. Il-korrelazzjoni pożittiva bejn il-veloċità tal-ivvjaġġar u l-livell ta' emissjonijiet minħabba l-ħruq tal-fjuwil tiġġustifika li titjiriet subsoniċi jiġu trattati b'mod differenti minn titjiriet supersoniċi. Għalhekk, huwa xieraq li t-titjiriet supersoniċi futuri possibbli jiġu esklużi mill-appoġġ previst taħt din id-Direttiva għall-fjuwils mhux fossili.

(17) Id-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li tiġi emendata wkoll fir-rigward ta' unitajiet aċċettabbli għall-konformità, biex jitqiesu l-Kriterji tal-Eliġibbiltà tal-Unitajiet ta' Emissjonijiet CORSIA adottati mill-Kunsill tal-ICAO fil-216-il sessjoni tiegħu f'Marzu 2019 bħala element essenzjali tal-CORSIA. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw unitajiet għall-konformità mal-CORSIA għal titjiriet lejn jew minn, jew bejn, pajjiżi terzi li jitqiesu li qed jipparteċipaw fil-CORSIA. Sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-CORSIA tal-Unjoni tappoġġa l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u tagħti inċentivi għal parteċipazzjoni wiesgħa fil-CORSIA, l-unitajiet għall-konformità jenħtieġ li joriġinaw minn Stati li huma Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi u li jipparteċipaw fil-CORSIA, u jenħtieġ li jiġi evitat l-għadd doppju.

(18) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-użu tal-unitajiet f'konformità mad–Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta lista ta' unitajiet li jibnu fuq dawk li jkunu ġew ikkunsidrati aċċettabbli mill-Kunsill tal-ICAO biex jintużaw għall-konformità mal-CORSIA, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà previsti minn din id-Direttiva. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

(19) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-arranġamenti meħtieġa għall-awtorizzazzjoni mill-partijiet parteċipanti, għall-aġġustamenti f'waqthom għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u assorbimenti minn bjar koperti mill-kontributi determinati fil-livell nazzjonali tal-partijiet parteċipanti, u għall-evitar tal-għadd doppju u ta' żieda netta fl-emissjonijiet globali, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati għal tali arranġamenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(20) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens għall-CORSIA għal operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati fl-Unjoni, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni korrispondenti jiġu konferiti lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(21) Peress li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-CORSIA għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni huma maħsuba biex ikunu biss ir-responsabbiltà tal-pajjiż ta' oriġini ta' dawk l-operaturi ta' inġenju tal-ajru, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jikkanċellaw unitajiet għall-konformità mal-CORSIA skont din id-Direttiva.

(22) Peress li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-CORSIA għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni huma maħsuba biex ikunu biss ir-responsabbiltà tal-pajjiż ta' oriġini ta' dawk l-operaturi ta' inġenju tal-ajru, meta operatur ta' inġenju tal-ajru bbażat barra mill-Unjoni jkollu emissjonijiet sinifikanti minn titjiriet fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jew li jitilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE lejn ajrudrom li jinsab fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit, l-Istat li fih ikun ibbażat dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jinnotifika wkoll differenzi rigward l-applikazzjoni tal-CORSIA fir-rigward ta' titjiriet intra-Ewropej. Jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tinżamm taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi f'dak ir-rigward.

(23) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali fuq ir-rotot, it-titjiriet lejn u minn Stati li mhumiex qed jimplimentaw il-CORSIA għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni għajr it-titjiriet li jitilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE u li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligi ta' ċediment ta' kwoti jew ta' kanċellament ta' unitajiet. Sabiex tiġi inċentivata l-implimentazzjoni sħiħa tal-CORSIA mill-2027, l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika biss għall-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 fir-rigward taċ-ċediment ta' kwoti.

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(24) L-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha l-obbligu li tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali li jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jitlob li l-Unjoni u l-Istati Membri, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jikkooperaw ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. Dawk l-objettivi huma rilevanti wkoll għall-ICAO u għall-iżvilupp ulterjuri tal-CORSIA.

(25) It-trasparenza tad-*data* u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni huma essenzjali biex jittejbu r-responsabbiltà u l-infurzabbiltà. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika *data* dwar l-emissjonijiet u l-kumpens tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru b'mod li jiffaċilita l-użu tagħhom. Tali pubblikazzjoni tkun tiffaċilita l-valutazzjoni tal-impatt tal-CORSIA fuq it-tnaqqis globali tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u r-rwol tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

(26) Titjiriet lejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u minn tali pajjiżi u Stati, kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti, li ma jimplimentawx il-CORSIA, għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni, għajr dawk l-Istati li l-PDG *per capita* tagħhom huwa daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligi ta' ċediment ta' kwoti jew ta' kanċellament ta' unitajiet. Jenħtieġ li ma jkunx hemm data tat-tmiem għal dik l-eżenzjoni.

(27) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-eżenzjoni tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru mir-rekwiżiti ta' kumpens kif stabbilit taħt din id-Direttiva fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn u minn Stati li japplikaw il-CORSIA b'mod inqas strett fil-liġi domestika tagħha, jew li jonqsu milli jinfurzaw id-dispożizzjonijiet tal-CORSIA b'mod ugwali għall-operaturi kollha ta' inġenju tal-ajru skont din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex teżenta lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni mir-rekwiżiti ta' kumpens fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet fejn isseħħ distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni minħabba implimentazzjoni jew infurzar inqas stretti tal-CORSIA fil-pajjiżi terzi. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni tista' tiġi kkawżata minn approċċ inqas strett għall-unitajiet eliġibbli jew għad-dispożizzjonijiet ta' għadd doppju. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fir-rotot bejn żewġ Stati differenti li japplikaw il-CORSIA meta dawk l-Istati jippermettu lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru jużaw unitajiet oħrajn minbarra dawk fil-lista ta' unitajiet għall-konformità adottata skont att ta' implimentazzjoni taħt din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tippermetti lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati fi Stat Membru jużaw tipi ta' unitajiet addizzjonali għal dik il-lista ta' unitajiet għall-konformità jew biex ma jkunux marbuta bil-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ta' unitajiet introdotti minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(29) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-CORSIA u tal-basket ta' miżuri tal-ICAO biex jintlaħaq l-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul għall-avjazzjoni internazzjonali ta' żero nett emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 ("l-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul"), adottat mill-41 Assemblea tal-ICAO fis-7 ta' Ottubru 2022.

(30) Sabiex jiġi ffaċilitat il-progress fl-ICAO, l-Unjoni, fi tliet okkażżjonijiet, adottat derogi marbutin biż-żmien għall-EU ETS biex jiġu limitati l-obbligi ta' konformità għal emissjonijiet minn titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu fiż-ŻEE, bi trattament ugwali fuq ir-rotot tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru, irrispettivament minn fejn ikunu bbażati. L-aktar deroga reċenti mill-EU ETS, stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), illimitat l-obbligi ta' konformità għal emissjonijiet ta' titjiriet fiż-ŻEE rilaxxati sal-2023, u pprevediet bidliet potenzjali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema fir-rigward ta' attività lejn u minn ajrudromi li jinsabu barra miż-ŻEE mill-1 ta' Jannar 2024 'il quddiem wara r-rieżami stabbilit f'dak ir-Regolament. Sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-CORSIA, li l-fażi pilota bdiet, u kif tiġi applikata fil-prattika, id-deroga attwali mill-obbligi tal-EU ETS jenħtieġ li tiġi estiża għall-obbligi ta' ċediment sal-31 ta' Diċembru 2026 dwar titjiriet operati minn operaturi ta' inġenji tal-ajru fuq rotot li mhumiex koperti mill-CORSIA lejn u minn pajjiżi terzi rilevanti, li fir-rigward tagħhom l-obbligi ta' rapportar u ta' ċediment tal-EU ETS kieku jkunu japplikaw sal-31 ta' Marzu 2027 u sat-30 ta' Settembru 2027.Jenħtieġ li dik tkun l-aħħar deroga marbuta biż-żmien għall-EU ETS. Jenħtieġ li jsir rieżami tal-CORSIA sal-1 ta' Lulju 2026. Jekk l-Assemblea tal-ICAO sal-31 ta' Diċembru 2025 ma tkunx saħħet lill-CORSIA f'konformità mal-kisba tal-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul tagħha lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-Ftehim ta'

([12]) Ir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 (ĠU L 350, 29.12.2017, p. 7).

Pariġi jew jekk l-Istati elenkati f'att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni jirrappreżentaw inqas minn 70 % tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali bl-użu tal-aktar *data* reċenti disponibbli, il-Kummissjoni mbagħad jenħtieġ li tipproponi, kif xieraq, li l-EU ETS, mill-2027, tapplika għal emissjonijiet minn titjiriet li jitilqu, u li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jenħtieġ li jkunu jistgħu jnaqqsu kwalunkwe kost imġarrab minn kumpens fl-ambitu tal-CORSIA fuq dawk ir-rotot, biex jiġi evitat li jkun hemm imposti doppji. B'mod parallel, jekk pajjiż terz ma japplikax lill-CORSIA mill-2027, l-EU ETS jenħtieġ li tapplika għal emissjonijiet minn titjiriet li jitilqu lejn dak il-pajjiż terz.

(31) L-informazzjoni dwar l-użu tal-unitajiet għall-konformità mar-rekwiżiti ta' kumpens skont il-CORSIA jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod li ma jkunx inqas trasparenti minn dak għall-informazzjoni dwar l-użu ta' krediti internazzjonali skont id-Direttiva 2003/87/KE sal-2020 skont l-Anness XIV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 ([13]).

(32) Fis-7 ta' Ottubru 2022 u fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-41 Assemblea tal-ICAO ddeċidiet li tibdel il-linja bażi preċedenti tal-CORSIA għall-perjodu mill-2024 sal-2035 mill-medja tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-2019 u tal-2020 għal 85 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-2019. Il-medja tal-emissjonijiet $CO_2$ kollha rrapportati għall-2019 u 2020 kienet ta' 435 859 594 tunnellata. L-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-2019 kienu ta' 608 076 604 tunnellata, u 85 % ta' dik iċ-ċifra jirrappreżentaw 516 865 113 tunnellata. Madankollu, il-linja bażi proprja li l-ICAO tuża biex tikkalkula l-fattur ta' tkabbir tas-settur tiġi determinata bl-użu ta' subsett ta' emissjonijiet $CO_2$ li jqis biss l-emissjonijiet fuq rotot li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens. Għas-subsett tal-pari ta' Stati kollha soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens fis-sena 2021, il-medja tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-2019 u tal-2020 mhijiex ippubblikata mill-ICAO iżda huwa stmat li hija ta' 245 miljun tunnellata, u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-2019 kienu jammontaw għal 341 380 188 tunnellata, li 85 % minnhom jirrappreżentaw 290 173 160 tunnellata. Għall-pari ta' Stati kollha mistennija li jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens fis-sena 2027, il-medja tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-2019 u 2020 huwa stmat li hija madwar 373 miljun tunnellata, filwaqt li 85 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ korrispondenti tal-2019 huwa stmat li huma madwar 439 miljun tunnellata.

(33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-istabbiliment ta' lista ta' Stati li huma kkunsidrati li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta u żżomm il-lista ta' Stati għajr il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit li huma kkunsidrati li qed jipparteċipaw fil-CORSIA għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(34) It-tranżizzjoni tas-settur tal-avjazzjoni lejn avjazzjoni sostenibbli jenħtieġ li tqis id-dimensjoni soċjali tas-settur u l-kompetittività tiegħu, sabiex jiġi żgurat li dik it-tranżizzjoni tkun soċjalment ġusta u tipprovdi taħriġ, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u l-impatti soċjali tagħha fuq is-settur tal-avjazzjoni.

(35) It-titjiriet li jkopru 1 000 kilometru u inqas jammontaw għal 6 sa 9 % tal-emissjonijiet totali ta' $CO_2$ mill-avjazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tissottometti rapport dwar miżuri li jippromwovu bidla modali lejn modi tat-trasport alternattivi u aktar sostenibbli, sa ma jseħħu l-innovazzjonijiet teknoloġiċi u d-disponibbiltà ta' fjuwils u inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni b'emissjonijiet żero.

(36) Filwaqt li l-EU ETS ilha tapplika għat-titjiriet mill-2012, il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jinkludi miżuri addizzjonali li flimkien mal-EU ETS, jista' jkollhom impatt kumulattiv fuq is-settur. Sabiex tiġi salvagwardjata l-konnettività bl-ajru għal titjiriet li jaqdu reġjuni insulari jew ajruporti żgħar, il-mekkaniżmu ta' din id-Direttiva, li huwa maħsub biex titnaqqas id-differenza fil-prezz li tifdal bejn il-fjuwils fossili u l-alternattivi għalih, jenħtieġ li jillimita l-impatti avversi fuq il-konnettività bl-ajru u jimmitiga r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sal-2026, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-effetti possibbli fuq il-konnettività bl-ajru.

(37) Il-fattur ta' emissjoni tal-jet kerosene (pitrolju tal-ġettijiet) (Jet A1 jew Jet A) skont l-EU ETS jenħtieġ li jiġi allinjat mal-fattur ta' emissjoni għal dak il-fjuwil stabbilit fil-CORSIA SARPs. Jenħtieġ li ma jsir l-ebda tibdil fil-livelli tal-allokazzjonijiet bla ħlas b'riżultat taż-żieda fil-fattur ta' emissjoni tal-jet kerosene peress li l-allokazzjoni bla ħlas għall-avjazzjoni qed gradwalment titneħħa b'riżultat ta' din id-Direttiva u qed tingħata preferenza lill-irkantar biex ikun jista' jinkiseb tnaqqis akbar fl-emissjonijiet.

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nru 280/2004/KE u Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 u Nru 1193/2011 (ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1).

(38) Il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li jużaw l-idroġenu minn sorsi rinnovabbli, f'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), jenħtieġ li jiġu klassifikati bħala li jipproduċu żero emissjonijiet għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jużawhom sa ma jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati għall-kontabbiltà xierqa taħt din id-Direttiva.

(39) Sabiex jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-kalkolu annwali tad-differenza fl-ispejjeż bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils eliġibbli f'konformità ma' regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli, għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-użu ta' tali karburanti eliġibbli, u għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ffrankati bħala riżultat tal-użu ta' tali karburanti eliġibbli kif ukoll biex jiġu stabbiliti arranġamenti biex jitqiesu l-inċentivi li jirriżultaw mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex jiġu stabbiliti l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar mill-Istati Membri ta' kwoti tal-avjazzjoni, inklużi l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar meħtieġ għat-trasferiment ta' sehem mid-dħul minn tali rkantar għall-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala riżorsi proprji. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([15]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(40) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga temporanja mill-EU ETS sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-emissjonijiet minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u ajrudrom li jinsab fl-istess Stat Membru barra minn dak ir-reġjun ultraperiferiku bħala rispons għall-ħtiġijiet l-aktar importanti tar-residenti f'termini ta' impjieg, edukazzjoni u opportunitajiet oħrajn. Jenħtieġ li dik id-deroga, għall-istess raġunijiet, tkopri titjiriet bejn ajrudromi li jkunu jinsabu t-tnejn li huma fl-istess reġjun ultraperiferiku jew f'reġjuni ultraperiferiċi differenti fl-istess Stat Membru.

(41) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) għandha tapplika fir-rigward tan-notifika lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jeħtieġ li titwettaq mill-Istati Membri sat-30 ta' Novembru 2023 taħt id-Direttiva 2003/87/KE dment li l-fattur ta' tkabbir settorjali għall-emissjonijiet tal-2022, li jrid jiġi ppubblikat mill-ICAO, ikun ekwivalenti għal żero.

(42) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa importanti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-kompetittività tal-industrija Ewropea. Dan huwa ta' importanza partikolari għal setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati, bħall-avjazzjoni u t-tbaħħir, fejn hemm bżonn li titjib operazzjonali, fjuwils alternattivi newtrali għall-klima u soluzzjonijiet teknoloġiċi jintużaw flimkien. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjonijiet u jkunu teknoloġikament newtrali. Fil-livell tal-Unjoni, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni huma appoġġati, fost l-oħrajn, permezz ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-EU ETS.

(43) Il-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit mid-Direttiva 2003/87/KE għandu jappoġġa r-riċerka dwar, u l-iżvilupp u l-użu ta', soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni, inklużi teknoloġiji b'emissjonijiet żero, u jnaqqas l-impatti klimatiċi u ambjentali tas-settur tal-avjazzjoni. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-elettrifikazzjoni u azzjonijiet biex jitnaqqsu l-impatti ġenerali tal-avjazzjoni.

([14]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

([15]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([16]) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 1).

(44) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jkun żgurat il-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u li tiġi implimentata l-CORSIA fil-liġi tal-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(45) Jenħtieġ li l-Istati Membri jittrasponu din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2023 fid-dawl tal-ħtieġa għal azzjoni klimatika urġenti u biex is-setturi kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod kosteffettiv.

(46) Is-simplifikazzjonijiet tal-proċeduri amministrattivi u l-adattament ta' dawk il-proċeduri għall-aħjar prattika jnaqqsu kemm jista' jkun il-piż amministrattiv.

(47) Id-Direttiva 2003/87/KE għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE**

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(v) "effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-$CO_2$" tfisser l-effetti fuq il-klima tar-rilaxx, matul il-kombustjoni tal-fjuwil, ta' ossidi tan-nitroġenu (NOx), partikoli tan-nugrufun, speċijiet ta' kubrit ossidizzat, u effetti mill-fwar tal-ilma, inklużi strixex ta' kondensazzjoni, minn inġenju tal-ajru li jwettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I;";

(2) l-Artikolu 3c huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati fir-rigward tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru għas-sena 2024 abbażi tal-allokazzjoni totali tal-kwoti fir-rigward tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru li kienu qed iwettqu attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I fis-sena 2023, imnaqqsa bil-fattur lineari ta' tnaqqis kif imsemmi fl-Artikolu 9, u għandha tippubblika dik il-kwantità, kif ukoll l-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas li kienet isseħħ fl-2024 skont ir-regoli għall-allokazzjoni bla ħlas fis-seħħ qabel l-emendi introdotti bid-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

6. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030, massimu ta' 20 miljun mill-kwantità totali ta' kwoti msemmija fil-paragrafu 5 għandu jkun riżervat fir-rigward tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru kummerċjali, fuq il-bażi ta' trattament trasparenti, ugwali u mhux diskriminatorju, għall-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, u fjuwils tal-avjazzjoni oħrajn li mhumiex derivati minn fjuwils fossili, identifikati f'regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli bħala li jgħoddu biex jintlaħaq is-sehem minimu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli li l-fjuwil tal-avjazzjoni li qiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni mill-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni huwa meħtieġ li jkun fih skont dak ir-Regolament, għal titjiriet subsoniċi li għalihom iridu jiġu ċeduti l-kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) ta' din id-Direttiva. Fejn il-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli ma jkunx jista' jiġi attribwit fiżikament f'ajruport għal titjira speċifika, il-kwoti riżervati taħt dan is-subparagrafu għandhom ikunu disponibbli għall-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli ppumpjati f'dak l-ajruport b'mod proporzjonat għall-emissjonijiet minn titjiriet, tal-operatur ta' inġenju tal-ajru minn dak l-ajruport, li għalihom iridu jiġu ċeduti l-kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) ta' din id-Direttiva.

Il-kwoti riżervati taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu allokati mill-Istati Membri biex ikopru parti mid-differenza fil-prezz jew id-differenzja fil-prezz kollu kemm hu bejn l-użu tal-pitrolju fossili u l-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-inċentivi mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili. Meta tikkalkula dik id-differenzja fil-prezzijiet, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapport tekniku ppubblikat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea skont ir-regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament skont dan il-paragrafu b'mod li jikkorrispondi għar-rekwiżiti fl-Artikolu 30 m(1), il-punti (a) u (b), ta' din id-Direttiva.

Il-kwoti allokati taħt dan il-paragrafu għandhom ikopru:

(a) 70 % tad-differenzja fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u l-idroġenu minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u l-bijofjuwils avvanzati kif definiti fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (34), tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont l-Anness IV jew skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva;

(b) 95 % tad-differenzja fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika konformi mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, użati fl-avjazzjoni, li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont l-Anness IV jew skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva;

(c) 100 % tad-differenza fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u kwalunkwe fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli li mhuwiex derivat minn fjuwils fossili koperti mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, f'ajruporti li jinsabu fi gżejjer iżgħar minn 10 000 $km^2$ u bl-ebda konnessjoni bit-triq jew bil-ferrovija mal-kontinent, f'ajruporti li mhumiex kbar biżżejjed biex jiġu definiti bħala ajruporti tal-Unjoni skont ir-regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli u f'ajruporti li jinsabu f'reġjun ultraperiferiku;

(d) f'każijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-punti (a), (b) u (c), 50 % tad-differenzja fil-prezz li jifdal bejn l-użu tal-pitrolju fossili u kwalunkwe fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli li mhux derivat minn fjuwils fossili koperti mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-allokazzjoni ta' kwoti taħt dan il-paragrafu tista' tqis l-appoġġ possibbli minn skemi oħra fil-livell nazzjonali.

Fuq bażi annwali, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru kummerċjali jistgħu japplikaw għal allokazzjoni ta' kwoti abbażi tal-kwantita' ta' kull fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli msemmi f'dan il-paragrafu wżat fuq titjiriet li għalihom jridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2030, esklużi t-titjiriet li għalihom dak ir-rekwiżit jitqies li ġie ssodisfat skont l-Artikolu 28a(1). Jekk, għal sena partikolari, id-domanda għal kwoti għall-użu ta' tali fjuwils tkun ogħla mid-disponibbiltà tal-kwoti, il-kwantità ta' kwoti għandu jitnaqqas b'mod uniformi, għall-operaturi kollha kkonċernati ta' inġenju tal-ajru, mill-allokazzjoni għal dik is-sena.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dettalji tad-differenza fil-kost medju bejn il-pitrolju fossili, filwaqt li tqis l-inċentivi mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili, u l-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli rilevanti, fuq bażi annwali għas-sena preċedenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-kalkolu annwali tad-differenza fil-kost imsemmija fis-sitt subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-użu tal-fjuwils identifikati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ffrankati b'riżultat tal-użu tal-fjuwils kif irrapportat skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14(1),u billi tistabbilixxi l-arranġamenti biex jitqiesu l-inċentivi mill-prezz tal-karbonju u minn livelli minimi armonizzati ta' tassazzjoni fuq il-fjuwils fossili.

Sal-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni rigward l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u tissottometti r-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien opportun. Ir-rapport jista', fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex jiġi allokat ammont massimu ta' kwoti li jkun limitat fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2034 biex jiġi inċentivat aktar l-użu tal-fjuwils identifikati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, b'mod partikolari l-ippumpjar ta' fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika konformi mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, użati fl-avjazzjoni, li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont l-Anness IV jew skont l-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva.

Mill-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fir-rapport annwali li hija meħtieġa tissottometti skont l-Artikolu 10(5).

7. Fir-rigward ta’ titjiriet li jitilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE li jaslu f’ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit, u li ma kinux koperti mill-EU ETS fl-2023, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi ta’ inġenju tal-ajru għandha tiżdied bil-livelli tal-allokazzjonijiet, inklużi l-allokazzjoni bla ħlas u l-irkantar, li kien isir kieku kienu koperti mill-EU ETS f’dik is-sena, imnaqqsa mill-fattur lineari ta’ tnaqqis kif imsemmi fl-Artikolu 9.

8. B’deroga mill-Artikolu 12(3), l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rekwiżiti stabbiliti f’dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati u ma għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-operaturi ta’ inġenju tal-ajru fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta’ Diċembru 2030 minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f’reġjun ultraperiferiku ta’ Stat Membru u ajrudrom li jinsab fl-istess Stat Membru, inkluż ajrudrom ieħor li jinsab fl-istess reġjun ultraperiferiku jew f’reġjun ultraperiferiku ieħor tal-istess Stat Membru.

(*) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta’ miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115).

(**) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).”;

(3) l-Artikolu 3d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Fis-snin 2024 u 2025, 15 % tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 3c(5) u (7), kif ukoll 25 % fl-2024 u 50 % fl-2025, rispettivament, mill-85 % li jifdal ta’ dawk il-kwoti, li fir-rigward tagħhom tkun seħħet allokazzjoni bla ħlas, għandhom jiġu rkantati, ħlief għall-kwantitajiet ta’ kwoti msemmija fl-Artikolu 3c(6) u l-Artikolu 10a(8), ir-raba’ subparagrafu. Il-bqija tal-kwoti għal dawk is-snin għandhom jiġu allokati bla ħlas.

Mill-1 ta’ Jannar 2026, il-kwantità kollha ta’ kwoti li fir-rigward tagħhom tkun seħħet allokazzjoni bla ħlas f’dik is-sena għandha tiġi rkantata, ħlief għall-kwantità ta’ kwoti msemmija fl-Artikolu 3c(6) u fl-Artikolu 10a(8), ir-raba’ subparagrafu.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. Il-kwoti li jiġu allokati bla ħlas għandhom jiġu allokati lill-operaturi ta’ inġenju tal-ajru b’mod proporzjonat għas-sehem tagħhom ta’ emissjonijiet ivverifikati mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportati għall-2023. Dak il-kalkolu għandu jqis ukoll l-emissjonijiet ivverifikati mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportati fir-rigward ta’ titjiriet li huma koperti biss mill-EU ETS mill-1 ta’ Jannar 2024. Sat-30 ta’ Ġunju tas-sena rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu l-kwoti li huma allokati bla ħlas għal dik is-sena.”;

(c) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(d) fil-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva dwar l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar mill-Istati Membri ta’ kwoti tal-avjazzjoni f’konformità mal-paragrafi 1 u 1a ta’ dan l-Artikolu, inklużi l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar li huma neċessarji għat-trasferiment ta’ sehem tad-dħul minn tali rkantar għall-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala riżorsi proprji f’konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-kwantità ta’ kwoti li għandhom jiġu rkantati f’kull perjodu minn kull Stat Membru għandu jkun proporzjonat għas-sehem tiegħu tat-total tal-emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni tal-Istati Membri kollha għas-sena ta’ referenza rrappurtata skont l-Artikolu 14(3) u verifikati skont l-Artikolu 15. Għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 13, is-sena ta’ referenza għandha tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xahar qabel ma jibda l-perjodu li għalih jirreferi l-irkant. L-atti delegati għandhom jiżguraw li jkunu rispettati l-prinċipji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4).

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu, ħlief għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(3) ta' din id-Direttiva.";

(4) l-Artikoli 3e u 3f huma mħassra;

(5) l-Artikolu 11a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li jkunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, għandhom ikunu jistgħu jużaw l-unitajiet li ġejjin biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom ta' kanċellament ta' unitajiet fir-rigward tal-kwantità nnotifikata skont l-Artikolu 12(6) kif stabbilit fl-Artikolu 12(9):

(a) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu stabbilit skont l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim ta' Pariġi;

(b) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fi programmi ta' kreditu li jkunu ġew ikkunsidrati eliġibbli mill-Kunsill tal-ICAO kif identifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 8;

(c) krediti awtorizzati minn partijiet għal ftehimiet skont il-paragrafu 5;

(d) krediti maħruġa fir-rigward ta' proġetti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 24a.

2. L-unitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), jistgħu jintużaw jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) joriġinaw minn Stat li huwa Parti għall-Ftehim ta' Pariġi fil-ħin tal-użu;

(b) joriġinaw minn Stat li huwa elenkat fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) bħala li qed jipparteċipa fl-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali tal-ICAO (CORSIA). Din il-kundizzjoni ma għandhiex tapplika fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati qabel l-2027, u lanqas ma għandha tapplika fir-rigward tal-pajjiżi l-inqas żviluppati u tal-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti, ħlief għal dawk l-Istati li l-PDG *per capita* tagħhom huwa daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni.

3. L-unitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), jistgħu jintużaw jekk ikun hemm arranġamenti stabbiliti għall-awtorizzazzjoni mill-partijiet parteċipanti, isiru aġġustamenti f'waqthom għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar koperti mill-kontributi determinati fil-livell nazzjonali tal-partijiet parteċipanti, u l-għadd doppju u ż-żieda netta fl-emissjonijiet globali jiġu evitati.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti dettaljati għall-arranġamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li jistgħu jinkludu rekwiżiti ta' rapportar u ta' reġistru, u għall-elenkar tal-Istati jew tal-programmi li japplikaw dawk l-arranġamenti. Dawk l-arranġamenti għandhom iqisu l-flessibbiltajiet mogħtija lill-pajjiżi l-inqas żviluppati u lill-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

(b) il-paragrafu 4 huwa mħassar;

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jelenkaw l-unitajiet li ġew ikkunsidrati eliġibbli mill-Kunsill tal-ICAO u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll l-atti ta' implimentazzjoni biex taġġorna dik il-lista, kif xieraq. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

(6) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. F'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kumpens kull sena għas-sena kalendarja preċedenti fir-rigward ta' titjiriet lejn, minn u bejn Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3), u fir-rigward ta' titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3), u sat-30 ta' Novembru ta' kull sena jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru.

F'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ukoll ir-rekwiżiti ta' kumpens finali totali għal perjodu partikolari ta' konformità mal-CORSIA u, sat-30 ta' Novembru tas-sena ta' wara l-aħħar sena tal-perjodu rilevanti ta' konformità mal-CORSIA, jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu ta' dawk ir-rekwiżiti.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin dwar il-livell ta' kumpens:

(a) l-operaturi ta' inġenju tal-ajru jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru; u

(b) jipproduċu emissjonijiet annwali tas-$CO_2$ ta' aktar minn 10 000 tunnellata mill-użu ta' ajruplani b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar minn 5 700 kg li jwettqu titjiriet koperti mill-Anness I, għajr dawk li jitilqu u li jaslu fl-istess Stat Membru, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess Stat Membru, mill-1 ta' Jannar 2021.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-tipi ta' titjiriet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu:

(i) titjiriet Statali;

(ii) titjiriet umanitarji;

(iii) titjiriet mediċi;

(iv) titjiriet militari;

(v) titjiriet tat-tifi tan-nar;

(vi) titjiriet li jsiru qabel jew wara titjira umanitarja, medika jew tat-tifi tan-nar, dment li tali titjiriet ikunu twettqu bl-istess inġenju tal-ajru u kienu meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet umanitarji, mediċi jew tat-tifi tan-nar relatati jew biex l-inġenju tal-ajru jiġi ppożizzjonat mill-ġdid wara dawk l-attivitajiet għall-attività li jmiss tiegħu.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"8. Il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għall-finijiet tal-CORSIA għandu jsir f'konformità ma' metodoloġija li għandha tiġi speċifikata mill-Kummissjoni fir-rigward tat-titjiriet lejn Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3), kif ukoll minn u bejn tali pajjiżi, u tat-titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3).

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom b'mod partikolari jagħtu dettalji ulterjuri dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti li ġejjin mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 3c, 11a, 12 u 25a, u, sa fejn ikun possibbli fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, mill-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali dwar il-Ħarsien Ambjentali għall-CORSIA (CORSIA SARPs).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sat-30 ta' Ġunju 2024.

9. L-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li jkunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, għandhom jikkanċellaw l-unitajiet imsemmija fl-Artikolu 11a biss fir-rigward tal-kwantità nnotifikata minn dak l-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 6, fir-rigward tal-perjodu rilevanti ta' konformità mal-CORSIA. Il-kanċellazzjoni għandha ssir sal-31 ta' Jannar 2025 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2021 sal-2023 u sal-31 ta' Jannar 2028 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2024 sal-2026.";

(7) fl-Artikolu 14, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. L-operaturi ta' inġenju tal-ajru għandhom jirrapportaw darba fis-sena dwar l-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-$CO_2$ li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2025. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tadotta sal-31 ta' Awwissu 2024 att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 1 sabiex tinkludi l-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-$CO_2$ f'qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika. Dak il-qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għandu jkun fih, bħala minimu, id-*data* disponibbli dwar it-trajettorja tridimensjonali tal-inġenju tal-ajru, u l-umdità u t-temperatura ambjentali biex ikun hemm ekwivalenti ta' $CO_2$ li jiġi prodott għal kull titjira. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, soġġett għar-riżorsi disponibbli, li jkun hemm għodod disponibbli biex jiffaċilitaw u, sa fejn possibbli jawtomatizzaw l-monitoraġġ, rapportar u verifika sabiex jimminimizzaw kwalunkwe piż amministrattiv.

Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, matul kull sena kalendarja, kull operatur ta' inġenju tal-ajru jimmonitorja u jirrapporta l-effetti mhux derivati mis-$CO_2$ minn kull inġenju tal-ajru li jopera lill-awtorità kompetenti wara t-tmiem ta' kull sena f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti fuq bażi annwali mill-2026, bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10(5), rapport dwar ir-riżultati mill-applikazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Sal-31 ta' Diċembru 2027, abbażi tar-riżultati mill-applikazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għall-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-$CO_2$, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport u, fejn xieraq, u wara li l-ewwel tkun wettqet valutazzjoni tal-impatt, proposta leġiżlattiva biex timmitiga effetti tal-avjazzjoni li mhumiex $CO_2$ billi tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS biex jinkludi l-effetti tal-avjazzjoni mhux derivati mis-$CO_2$.

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, mill-inqas, id-*data* aggregata annwali segwenti relatata mal-emissjonijiet mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportata lill-Istati Membri jew trażmessa lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 (*) u l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 (**), sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-iskadenza rispettiva tar-rapportar u b'mod li tkun tista' tintuża faċilment:

(a) għal kull par ajrudromi fiż-ŻEE:

(i) l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-titjiriet kollha;

(ii) l-għadd totali ta' titjiriet;

(iii) l-għadd totali ta' passiġġieri;

(iv) it-tipi ta' inġenju tal-ajru;

(b) għal kull operatur ta' inġenju tal-ajru:

(i) *data* dwar l-emissjonijiet minn titjiriet fiż-ŻEE, minn titjiriet li jitilqu miż-ŻEE, titjiriet li jaslu fiż-ŻEE u titjiriet bejn żewġ pajjiżi terzi, imqassma skont il-pari ta' Stati, u *data* dwar l-emissjonijiet soġġetti għall-obbligu li jiġu kkanċellati l-unitajiet tal-emissjonijiet eliġibbli skont il-CORSIA;

(ii) l-ammont ta' rekwiżiti ta' kumpens, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 12(8);

(iii) l-ammont u t-tip ta' krediti skont l-Artikolu 11a użati għall-konformità mar-rekwiżiti ta' kumpens tal-operatur ta' inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (ii) ta' dan il-punt;

(iv) l-ammont u t-tip ta' fjuwils użati li għandhom fattur ta' emissjonijiet żero skont din id-Direttiva jew li jintitolaw lill-operatur ta' inġenju tal-ajru jirċievi kwoti skont l-Artikolu 3c(6).

Għall-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, f'ċirkostanzi speċifiċi fejn -operatur ta' inġenju tal-ajru jopera fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' ajrudromi jew fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' Stati li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens jew fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' Stati li mhumiex soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens, dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jitlob lill-Istat Membru amministrattiv li ma jippubblikax tali *data* fil-livell tal-operatur ta' inġenju tal-ajru, u jispjega għaliex id-divulgazzjoni tkun titqies li tagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tiegħu. Abbażi ta' dik it-talba, l-Istat Membru amministrattiv jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tippubblika dik id-*data* f'livell ogħla ta' aggregazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

(**) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 tat-18 ta' Lulju 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni għall-iskop li tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 10).";

(8) L-Artikolu 18a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta fl-ewwel sentejn ta' kwalunkwe perjodu msemmi fl-Artikolu 13, l-ebda mill-emissjonijiet attribwiti lill-avjazzjoni minn titjiriet imwettqin minn operatur tal-inġenji tal-ajru li jaqa' fl-ambitu tal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma huma attribwiti lill-Istat Membru amministrattiv tiegħu, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jiġi trasferit lejn Stat Membru amministrattiv ieħor fir-rigward tal-perjodu li jmiss. L-Istat Membru amministrattiv il-ġdid għandu jkun l-Istat Membru bl-akbar emissjonijiet attribwiti lill-avjazzjoni stmati minn titjiriet imwettqin minn dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru matul l-ewwel sentejn tal-perjodu ta' qabel.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) mill-2024, mill-inqas kull sentejn, taġġorna l-lista biex tinkludi l-operaturi ta' inġenju tal-ajru li sussegwentement wettqu attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I; meta operatur ta' inġenju tal-ajru ma jkunx wettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I matul l-erba' snin kalendarji konsekuttivi ta' qabel l-aġġornament tal-lista, dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma għandux jiġi inkluż fil-lista.";

(9) l-Artikolu 25a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu ftehimiet dwar miżuri globali biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni, allinjati mal-objettivi tar-Regolament (UE) 2021/1119 u tal-Ftehim ta' Pariġi. Fid-dawl ta' tali ftehimiet, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk emendi għal din id-Direttiva kif tapplika għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru humiex meħtieġa.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jelenka l-Istati għajr il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, li huma kkunsidrati li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet ta' din id-Direttiva, b'linja bażi tal-2019 għall-2021 sal-2023 u linja bażi ta' 85 % tal-emissjonijiet tal-2019 għal kull sena mill-2024. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

4. Fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 minn titjiriet lejn u minn Stati li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.

5. Fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 minn titjiriet bejn iż-ŻEE u Stati li mhumiex elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għajr titjiriet lejn l-Iżvizzera u lejn ir-Renju Unit, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.

6. Fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u minn tali pajjiżi u Stati kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti, minbarra dawk elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u dawk l-Istati li l-PDG *per capita* tagħhom ikun daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.

7. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li hemm distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni, bħal distorsjoni kkawżata minn pajjiż terz li japplika l-CORSIA b'mod inqas strett fil-liġi domestika tiegħu jew li jonqos milli jinforza d-dispożizzjonijiet tal-CORSIA b'mod ugwali għall-operaturi kollha tal-inġenju tal-ajru, li hija ta' detriment għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li jkunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex teżenta lil dawk l-operaturi ta' inġenju tal-ajru mir-rekwiżiti ta' kumpens kif stabbilit fl-Artikolu 12(9) fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn u minn tali Stati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

8. Meta operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, joperaw titjiriet bejn żewġ Stati differenti elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, inklużi titjiriet li jseħħu bejn l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u dawk l-Istati jippermettu lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru jużaw unitajiet oħrajn għajr dawk fil-lista adottata skont l-Artikolu 11a(8), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jippermettu lil dawk l-operaturi ta' inġenju tal-ajru jużaw tipi ta' unitajiet addizzjonali għal dawk fuq il-lista jew li ma jkunux marbuta bil-kundizzjonijiet tal-Artikolu 11a(2) u (3) fir-rigward tal-emissjonijiet minn tali titjiriet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

(10) L-Artikoli 28a u 28b huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 28a*

**Derogi applikabbli qabel l-implimentazzjoni obbligatorja tal-miżura globali tal-ICAO bbażata fuq is-suq**

1. B'deroga mill-Artikolu 12(3), l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom iqisu li r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet ġew issodisfati u ma għandhom jieħdu ebda azzjoni kontra operaturi ta' inġenju tal-ajru fir-rigward ta':

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn ajrudromi li jinsabu fi Stati barra miż-ŻEE, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet lejn ajrudromi li jinsabu fir-Renju Unit jew l-Iżvizzera, f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2026, soġġett għar-rieżami msemmi fl-Artikolu 28b;

(b) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku fis-sens tal-Artikolu 349 tat-TFUE u ajrudrom li jinsab f'reġjun ieħor taż-ŻEE f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023, soġġett għar-rieżami msemmi fl-Artikolu 28b.

Għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14, l-emissjonijiet ivverifikati minn titjiriet għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur ta' inġenju tal-ajru.

2. B'deroga mill-Artikolu 3d(3), il-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2026 għandu jitnaqqas sabiex jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni minn titjiriet li mhumiex soġġetti għad-derogi previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. B'deroga mill-Artikolu 3 g, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jissottomettu pjanijiet ta' monitoraġġ li jistabbilixxu miżuri għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' emissjonijiet fir-rigward ta' titjiriet soġġetti għad-derogi previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. B'deroga mill-Artikoli 3 g, 12, 15 u 18a, meta operatur ta' inġenju tal-ajru jkollu total annwali ta' emissjonijiet inqas minn 25 000 tunnellata ta' $CO_2$, jew meta operatur ta' inġenju tal-ajru jkollu total annwali ta' emissjonijiet inqas minn 3 000 tunnellata ta' $CO_2$ minn titjiriet għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu li huma emissjonijiet ivverifikati jekk jiġu ddeterminati bl-użu tal-għodda għall-emittenti żgħar approvata mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010 (*) u ppopolata mill-Eurocontrol b'*data* mill-faċilità ta' appoġġ tagħha b'rabta mal- ETS. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri simplifikati għal operaturi ta' inġenju tal-ajru mhux kummerċjali dment li tali proċeduri ma jipprovdux akkuratezza li tkun inqas minn dik ipprovduta mill-għodda għall-emittenti żgħar.

5. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għall-pajjiżi li magħhom intlaħaq ftehim skont l-Artikolu 25 jew 25a, konformi biss mat-termini ta' tali ftehim.

*Artikolu 28b*

**Ir-rapportar u r-rieżami mill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżura globali tal-ICAO bbażata fuq is-suq**

1. Qabel l-1 ta' Jannar 2027 u kull tliet snin minn dik id-data 'l quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fin-negozjati tal-ICAO biex tiġi implimentata l-miżura globali bbażata fuq is-suq li trid tiġi applikata għall-emissjonijiet mill-2021, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) l-istrumenti rilevanti tal-ICAO, inklużi l-istandards u l-prattiki rakkomandati, kif ukoll il-progress fl-implimentazzjoni tal-elementi kollha tal-basket ta' miżuri tal-ICAO lejn il-kisba tal-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul adottat fil-41 Assemblea tal-ICAO;

(b) ir-rakkomandazzjonijiet approvati mill-Kunsill tal-ICAO rilevanti għall-miżura globali bbażata fuq is-suq, inkluża kwalunkwe bidla li jista' jkun hemm fil-linji bażi;

(c) l-istabbiliment ta' reġistru globali;

(d) il-miżuri domestiċi meħuda minn pajjiżi terzi biex jimplimentaw il-miżura globali bbażata fuq is-suq li trid tiġi applikata għall-emissjonijiet mill-2021;

(e) il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kumpens taħt il-CORSIA minn pajjiżi terzi, inklużi l-implikazzjonijiet tar-riżervi tagħhom fir-rigward ta' tali parteċipazzjoni; u

(f) żviluppi internazzjonali rilevanti u strumenti applikabbli oħra, kif ukoll il-progress biex jitnaqqsu l-impatti totali tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima.

F'konformità mar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrapporta wkoll dwar l-isforzi biex jintlaħaq l-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul tas-settur tal-avjazzjoni li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-avjazzjoni jitnaqqsu għal żero netti sal-2050, ivvalutati f'konformità mal-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu, punti (a) sa (f).

2. Sal-1 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li fih għandha tivvaluta l-integrità ambjentali tal-miżura globali tal-ICAO bbażata fuq is-suq, inklużi l-ambizzjoni ġenerali tagħha fir-rigward tal-miri skont il-Ftehim ta' Pariġi, il-livell ta' parteċipazzjoni fil-kumpens taħt il-CORSIA, l-infurzabbiltà tagħha, it-trasparenza, il-penali għan-nuqqas ta' konformità, il-proċessi għall-input pubbliku, il-kwalità tal-krediti ta' kumpens, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet, ir-reġistri, ir-responsabbiltà kif ukoll ir-regoli dwar l-użu tal-bijofjuwils. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dak ir-rapport ukoll sal-1 ta' Lulju 2026.

3. Ir-rapport tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva, fejn xieraq, biex tiġi emendata din id-Direttiva, b'tali mod li jkunu konsistenti mal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi rigward it-temperatura, l-impenn ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-ekonomija kollha tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv li tinkiseb newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, u bl-għan li jiġu ppreservati l-effettività u l-integrità ambjentali tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni. Proposta ta' akkumpanjament għandha, kif xieraq, tinkludi l-applikazzjoni tal-EU ETS għal titjiriet li jitilqu minn ajrudromi li jinsabu fi Stati fiż-ŻEE lejn ajrudromi li jinsabu barra miż-ŻEE minn Jannar 2027 u teskludi titjiriet li jaslu minn ajrudromi li jinsabu barra miż-ŻEE fejn ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 juri li:

(a) l-Assemblea tal-ICAO sal-31 ta' Diċembru 2025 ma saħħitx il-CORSIA f'konformità mal-kisba tal-għan ta' aspirazzjoni globali fit-tul tagħha, lejn l-ilħuq tal-miri tal-Ftehim ta' Pariġi; jew

(b) l-Istati elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) jirrappreżentaw inqas minn 70 % tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali bl-użu tal-aktar *data* reċenti disponibbli.

Il-proposta ta' akkumpanjanment għandha wkoll, kif xieraq, tippermetti l-possibbiltà li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jnaqqsu kwalunkwe kost imġarrab minn kumpens fl-ambitu tal-CORSIA fuq dawk ir-rotot, biex jiġi evitat li jkun hemm imposti doppji. Jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu ma jiġux issodisfati, il-proposta għandha temenda din id-Direttiva, kif xieraq, biex tkompli tapplika l-EU ETS biss għal titjiriet fiż-ŻEE, għal titjiriet lejn l-Iżvizzera u lejn ir-Renju Unit u għal titjiriet lejn Stati mhux elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3).

---

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010 tad-9 ta' Lulju 2010 dwar l-approvazzjoni ta' għodda simplifikata żviluppata mill-organizzazzjoni Ewropea għas-sigurtà tan-navigazzjoni bl-ajru (Eurocontrol) sabiex tistima l-konsum tal-fjuwil ta' ċerti operaturi tal-inġenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 25).";

(11) fl-Artikolu 30, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Fl-2026, il-Kummissjoni għandha tinkludi l-elementi li ġejjin fir-rapport previst fl-Artikolu 10(5):

(a) evalwazzjoni tal-impatti ambjentali u klimatiċi tat-titjiriet ta' inqas minn 1 000 km u l-kunsiderazzjoni tal-għażliet biex jitnaqqsu dawk l-impatti, inklużi eżami ta' modi alternattivi ta' trasport pubbliku disponibbli u ż-żieda fl-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli;

(b) evalwazzjoni tal-impatti ambjentali u klimatiċi tat-titjiriet imwettqa minn operaturi eżentati skont il-punti (h) jew (k) tal-entrata "L-avjazzjoni" tal-kolonna "Attività" fit-tabella tal-Anness I, u l-kunsiderazzjonijiet tal-għażliet biex jitnaqqsu dawk l-impatti;

(c) evalwazzjoni tal-impatti soċjali ta' din id-Direttiva fis-settur tal-avjazzjoni, inkluż fuq il-forza tax-xogħol tiegħu u l-kostijiet tal-ivvjaġġar bl-ajru; u

(d) evalwazzjoni tal-konnettività bl-ajru tal-gżejjer u tat-territorji remoti, inkluża kunsiderazzjoni tal-kompetittività u tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll l-impatti ambjentali u klimatiċi.

Ir-rapport previst fl-Artikolu 10(5), fejn xieraq, għandu jitqies ukoll għar-reviżjoni futura ta' din id-Direttiva.";

(12) L-Annessi I u IV huma emendati skont l-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2023. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-10 ta' Mejju 2023.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
R. METSOLA

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ROSWALL

*ANNESS*

(1) Fil-kolonna “Attività” fit-tabella fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, l-entrata “L-avjazzjoni” hija emendata kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel paragrafu:

“Titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu f’żewġ Stati differenti li huma elenkati fl-att ta’ implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) u titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u Stati li huma elenkati fl-att ta’ implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) u, għall-finijiet tal-Artikolu 12(6) u (8) u l-Artikolu 28c, kwalunkwe titjira oħra bejn ajrudromi li jinsabu f’żewġ pajjiżi terzi differenti mill-operaturi ta’ inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-operaturi ta’ inġenju tal-ajru jkollhom ċertifikat ta’ operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta’ dak l-Istat Membru; u

(b) jipproduċu emissjonijiet annwali tas-$CO_2$ ta’ aktar minn 10 000 tunnellata mill-użu ta’ ajruplani b’massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta’ aktar minn 5 700 kg li jwettqu titjiriet koperti minn dan l-Anness, għajr dawk li jitilqu u li jaslu fl-istess Stat Membru, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess Stat Membru, mill-1 ta’ Jannar 2021; għall-finijiet ta’ dan il-punt, l-emissjonijiet mit-tipi ta’ titjiriet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu:

(i) titjiriet Statali;

(ii) titjiriet umanitarji;

(iii) titjiriet mediċi;

(iv) titjiriet militari;

(v) titjiriet tat-tifi tan-nar;

(vi) titjiriet li jsiru qabel jew wara titjira umanitarja, medika jew tat-tifi tan-nar, dment li tali titjiriet ikunu twettqu bl-istess inġenju tal-ajru u kienu meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet umanitarji, mediċi jew tat-tifi tan-nar relatati jew biex l-inġenju tal-ajru jiġi ppożizzjonat mill-ġdid wara dawk l-attivitajiet għall-attività li jmiss tiegħu.”;

(b) fil-punt (i), in-numru “30 000” huwa sostitwit bin-numru “50 000”.

(2) Fil-Parti B tal-Anness IV għad-Direttiva 2003/87/KE, it-taqsima “Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tad-dijossisdu tal-karbonju” hija emendata b’dan li ġej:

(a) is-sentenza li ġejja tiżdied fl-aħħar tar-raba’ paragrafu:

“Il-fattur ta’ emissjoni tal-jet kerosene (Jet A1 jew Jet A) għandu jkun ta’ 3,16 (t $CO_2$/t fjuwil).”;

(b) il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara r-raba’ paragrafu:

“L-emissjonijiet minn fjuwils rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika li jużaw l-idroġenu minn sorsi rinnovabbli konformi mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandhom jiġu kklassifikati b’emissjonijiet żero għall-operaturi ta’ inġenju tal-ajru li jużawhom sa ma jiġi adottat l-att ta’ implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 14(1) ta’ din id-Direttiva.”.

**DIRETTIVA (UE) 2023/959 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-10 ta' Mejju 2023**

**li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Pariġi ([4]), adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (il-"Ftehim ta' Pariġi"), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Dak l-impenn issaħħaħ bl-adozzjoni fl-ambitu tal-UNFCCC tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, li sservi bħala laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li l-impatti tat-tibdil fil-klima se jkunu ħafna aktar baxxi b'żieda fit-temperatura ta' 1,5 °C, meta mqabbla ma' 2 °C, u tiddeċiedi li twettaq sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C.

(2) L-urġenza tal-ħtieġa li l-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi ta' 1,5 °C jibqa' ħaj saret aktar sinifikanti wara s-sejbiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima fis-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tiegħu li t-tisħin globali jista' jiġi limitat għal 1,5 °C biss jekk isir minnufih tnaqqis qawwi u sostnut tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra f'dan id-deċennju.

(3) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew").

(4) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jgħaqqad sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi ta' tisħiħ reċiproku bl-għan li, sal-2050, tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni, u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Huwa għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Din it-tranżizzjoni taffettwa lil ħaddiema minn diversi setturi b'mod differenti. Fl-istess ħin, dik it-tranżizzjoni għandha aspetti ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati u

([1]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 175.
([2]) ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.
([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2023.
([4]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

vulnerabbli, bħall-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju u l-individwi u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju-baxx. Timponi wkoll sfidi akbar fuq ċerti reġjuni, b'mod partikolari r-reġjuni strutturalment żvantaġġati u periferiċi, kif ukoll fuq il-gżejjer. Għalhekk, irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

(5) Fis-17 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni ppreżentat il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) tagħha lill-UNFCCC, wara l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill. Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), kif emendata, fost-l-oħrajn, bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), hija wieħed mill-istrumenti kkwotati, soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa tal-2030, fid-deskrizzjoni ġenerali tal-mira fl-Anness ta' dik is-sottomissjoni. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill iddikjara li jinsab lest, malajr kemm jista' jkun wara l-konklużjonijiet tan-negozjati dwar l-elementi essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li jaġġorna, kif xieraq, l-NDC tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-paragrafu 29 tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow biex jirrifletti kif l-eżitu finali tal-elementi essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" jimplimenta l-mira ewlenija tal-Unjoni kif maqbula mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2020. Peress li s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS), stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE, hija pedament tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u tikkostitwixxi l-għodda ewlenija tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv, l-emendi għad-Direttiva 2003/87/KE, inkluż fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha, adottati permezz ta' din id-Direttiva, huma parti mill-elementi essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".

(6) In-neċessità u l-valur li jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawk l-effetti wrew li s-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna jeħtieġ li jtejbu r-reżiljenza tagħhom fir-rigward tax-xokkijiet esterni u jaġixxu kmieni biex jevitawhom jew itaffu l-effetti tax-xokkijiet esterni b'mod li jkun ġust u li jirriżulta f'li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inklużi dawk f'riskju ta' faqar enerġetiku. Iċ-ċittadini Ewropej qed ikomplu jesprimu fehmiet qawwija li dan japplika b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima.

(7) L-Unjoni impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, sal-2030, fl-NDC aġġornat ippreżentat lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020.

(8) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), l-Unjoni naqqxet fil-leġiżlazzjoni l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dik id-data. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, sal-2030, u jipprevedi li l-Kummissjoni obbligata tagħmel l-almu tagħha biex tallinja l-abbozzi futuri kollha ta' miżuri jew proposti leġiżlattivi, inklużi l-proposti baġitarji, mal-objettivi ta' dak ir-Regolament u, fi kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' allinjament, tagħti r-raġunijiet għal tali nuqqas ta' allinjament bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dawk il-proposti.

(9) Is-setturi kollha tal-ekonomija jeħtieġ li jikkontribwixxu biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119. Għalhekk, l-ambizzjoni tal-EU ETS jenħtieġ li tiġi aġġustata sabiex tkun konformi mal-mira għall-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha, mal-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara din id-data, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119.

([5]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([6]) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

(10) Jenħtieġ li l-EU ETS tinċentiva l-produzzjoni minn installazzjonijiet li jnaqqsu parzjalment jew jeliminaw kompletament l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' xi kategoriji ta' attivitajiet fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex jiġi żgurat li l-installazzjonijiet li jwettqu attività elenkata f'dak l-Anness u li jissodisfaw il-livell limitu tal-kapaċità relatat mal-istess attività, iżda li ma jarmu l-ebda gassijiet serra, jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, u b'hekk jiżguraw li hemm trattament ugwali tal-installazzjonijiet fis-setturi kkonċernati. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' prodott tqis, bħala prinċipji gwida, il-potenzjal tal-użu ċirkolari tal-materjali u l-fatt li l-parametru referenzjarju jenħtieġ li jkun indipendenti mill-materja prima jew mit-tip ta' proċess ta' produzzjoni, meta l-proċessi tal-produzzjoni jkollhom l-istess fini. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi mmodifikata d-definizzjoni tal-prodotti u tal-proċessi u l-emissjonijiet koperti għal xi parametri referenzjarji, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal installazzjonijiet li jużaw teknoloġiji ġodda li jnaqqsu parzjalment jew jeliminaw kompletament l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u installazzjonijiet li jużaw teknoloġiji eżistenti. Minkejja dawk il-prinċipji gwida, il-parametri referenzjarji riveduti għall-2026 sal-2030 jenħtieġ li jkomplu jiddistingwu bejn il-produzzjoni primarja u sekondarja tal-azzar u l-aluminju. Huwa meħtieġ ukoll li l-aġġornament tal-valuri ta' referenza għar-raffineriji u għall-idroġenu jiġi diżakkoppjat biex ikun jirrifletti l-importanza dejjem tikber tal-produzzjoni tal-idroġenu, inkluż l-idroġenu ekoloġiku, barra mis-settur tar-raffineriji.

(11) Wara l-modifika tad-definizzjonijiet tal-prodotti u tal-proċessi u l-emissjonijiet koperti għal xi parametri referenzjarji, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-produtturi ma jirċevux kumpens doppju għall-istess emissjonijiet kemm b'allokazzjoni bla ħlas kif ukoll b'kumpens għall-kostijiet indiretti, u b'hekk jiġu aġġustati kif xieraq il-miżuri finanzjarji biex jikkumpensaw il-kostijiet indiretti ttrasferiti fil-prezzijiet tal-elettriku.

(12) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([8]) tħassret bid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). Jenħtieġ li r-referenzi għad-Direttiva 96/61/KE fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/87/KE u fl-Anness IV tagħha jiġu aġġornati kif xieraq. Minħabba l-ħtieġa għal tnaqqis urġenti tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagixxu biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS permezz ukoll ta' politiki għajr l-limiti tal-emissjonijiet adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE.

(13) Fil-komunikazzjoni tagħha tat-12 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd - Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", il-Kummissjoni titlob li l-Unjoni titmexxa lejn tniġġis żero sal-2050, billi t-tniġġis fl-arja, fl-ilma ħelu, fil-baħar u fil-ħamrija jitnaqqas għal livelli li ma għadhomx mistennija li jkunu ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali. Il-miżuri skont id-Direttiva 2010/75/UE, bħala l-istrument ewlieni li jirregola l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, l-ilma u l-ħamrija, ħafna drabi jippermettu wkoll li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu. F'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-permessi tad-Direttiva 2003/87/KE u dawk tad-Direttiva 2010/75/UE.

(14) Filwaqt li jiġi rikonoxxut li teknoloġiji innovattivi ġodda spiss jippermettu li l-emissjonijiet kemm tal-gassijiet serra kif ukoll tas-sustanzi niġġiesa jiġu mnaqqsa, huwa importanti li jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri li jwasslu għal tnaqqis tal-emissjonijiet kemm tal-gassijiet serra kif ukoll tas-sustanzi niġġiesa, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/75/UE, u li tiġi rieżaminata l-effettività tagħhom f'dan ir-rigward.

(15) Id-definizzjoni ta' ġeneraturi tal-elettriku ntużat biex jiġi ddeterminat l-ammont massimu ta' allokazzjoni bla ħlas lill-industrija fil-perjodu mill-2013 sal-2020, iżda wasslet għal trattament differenti tal-impjanti tal-enerġija ta' koġenerazzjoni meta mqabbla mal-installazzjonijiet industrijali. Sabiex jiġi inċentivat l-użu ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u biex il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni jiġu ekwivalenti għall-installazzjonijiet kollha li jirċievu allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni tas-sħana u għat-tisħin distrettwali, jenħtieġ li jitħassru r-referenzi kollha għall-ġeneraturi tal-elettriku fid-Direttiva 2003/87/KE. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([10]) jispeċifika d-dettalji b'rabta mal-eliġibbiltà tal-proċessi industrijali kollha għall-allokazzjoni bla ħlas. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar il-qbid u l-ħżin tal-karbonju fl-Artikolu 10a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE saru obsoleti u jenħtieġ li jitħassru.

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26).

([9]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

([10]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8).

(16) Il-gassijiet serra li ma jiġux rilaxxati direttament fl-atmosfera jenħtieġ li jitqiesu bħala emissjonijiet taħt l-EU ETS u jenħtieġ li l-kwoti jiġu ċeduti għal dawk l-emissjonijiet, sakemm ma jkunux maħżuna f'sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), jew sakemm ma jkunux kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu normali u kwalunkwe attività normali li sseħħ wara tmiem il-ħajja tal-prodott ma jidħlux fl-atmosfera. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet skont liema l-gassijiet serra jridu jitqiesu bħala kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu normali u kwalunkwe attività normali wara tmiem il-ħajja tal-prodott ma jidħlux fl-atmosfera, inkluża l-kisba ta' ċertifikat għat-tneħħija tal-karbonju, meta jkun xieraq, fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' tneħħija tal-karbonju. Attività normali wara tmiem il-ħajja tal-prodott jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa', li tkopri l-attivitajiet kollha li jseħħu wara tmiem il-ħajja tal-prodott, inklużi l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-rimi, bħal bl-inċinerazzjoni u f'landfill.

(17) L-attività tat-trasport marittimu internazzjonali, li tikkonsisti fi vjaġġi bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' żewġ Stati Membri differenti jew bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru, kienet l-uniku mezz ta' trasport mhux inkluż fl-impenji tal-Unjoni fil-passat biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li jitilqu minn Stat Membru wieħed u li jaslu fi Stat Membru differenti jew f'pajjiż terz żdiedu b'madwar 36 % mill-1990 'l hawn. Dawk l-emissjonijiet jirrappreżentaw kważi 90 % tal-emissjonijiet kollha tan-navigazzjoni tal-Unjoni, billi l-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li jitilqu minn u li jaslu fl-istess Stat Membru tnaqqsu b'26 % mill-1990 'l hawn. F'xenarju ta' żamma tal-istatus quo, l-emissjonijiet minn attivitajiet tat-trasport marittimu internazzjonali huma pproġettati li jiżdiedu b'madwar 14 % bejn l-2015 u l-2030 u b'34 % bejn l-2015 u l-2050. Jekk l-impatt tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fuq it-tibdil fil-klima jkompli jikber kif ipproġettat, dan jimmina b'mod sinifikanti t-tnaqqis li sar minn setturi oħrajn biex jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima u għalhekk biex jintlaħqu l-mira għall-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha, l-objettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, u l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

(18) Fl-2013, il-Kummissjoni adottat strateġija għall-integrazzjoni progressiva tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fil-politika tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bħala l-ewwel pass f'dan l-approċċ, l-Unjoni stabbiliet sistema għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), li trid tiġi segwita mill-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għat-trasport marittimu u l-applikazzjoni ta' miżura bbażata fuq is-suq. F'konformità mal-impenn tal-koleġiżlaturi espress fid-Direttiva (UE) 2018/410, jenħtieġ li l-azzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) jew mill-Unjoni tibda mill-2023, inkluża l-ħidma preparatorja fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżura li tiżgura li s-settur jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi, u tingħata kunsiderazzjoni xierqa mill-partijiet ikkonċernati kollha.

(19) Skont id-Direttiva (UE) 2018/410, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub fl-OMI lejn objettiv ambizzjuż ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u dwar il-miżuri ta' akkumpanjament maħsuba biex jiżguraw li t-trasport marittimu jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi. Jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti l-isforzi li qed isiru bħalissa permezz tal-OMI biex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi globali, inkluż l-implimentazzjoni rapida tal-Istrateġija Inizjali tal-OMI dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Bastimenti, adottata fl-2018, li tirreferi wkoll għal miżuri possibbli bbażati fuq is-suq biex jiġi inċentivat it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-tbaħħir internazzjonali. Madankollu, filwaqt li reċentement sar progress fl-OMI, s'issa dan ma kienx biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi Fid-dawl tan-natura internazzjonali tat-tbaħħir, huwa importanti li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom ma' pajjiżi terzi biex iżidu l-isforzi diplomatiċi biex isaħħu l-miżuri globali u jagħmlu progress fl-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq fil-livell tal-OMI.

---

([11]) Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

(20) L-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-trasport marittimu jammontaw għal madwar 3 sa 4 % tal-emissjonijiet tal-Unjoni. Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tieħu miżuri addizzjonali biex tindirizza l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu permezz ta' ġabra ta' miżuri li jippermettu lill-Unjoni tilħaq il-miri tagħha fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex tinkludi t-trasport marittimu fl-EU ETS sabiex jiġi żgurat li dak is-settur jikkontribwixxi s-sehem ġust tiegħu għall-objettivi klimatiċi akbar tal-Unjoni, kif ukoll għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, li fl-Artikolu 4(4) jgħid li jenħtieġ li l-pajjiżi żviluppati jkomplu jieħdu t-tmexxija billi jwettqu miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, filwaqt li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jitħeġġu jimxu maż-żmien lejn miri ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha. Fil-waqt li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali barra mill-Ewropa kellhom jiġu limitati minn Jannar 2021 permezz ta' azzjoni globali bbażata fuq is-suq, azzjoni li tillimita jew tpoġġi prezz fuq l-emissjonijiet tat-trasport marittimu għada mhijiex fis-seħħ. Għalhekk, huwa xieraq li l-EU ETS tkopri sehem mill-emissjonijiet mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, bil-pajjiż terz li jkun jista' jiddeċiedi dwar azzjoni xierqa fir-rigward tas-sehem l-ieħor tal-emissjonijiet.

B'hekk, jenħtieġ li l-estensjoni tal-EU ETS għat-trasport marittimu tinkludi nofs l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra l-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, nofs l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, l-emissjonijiet kollha minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u l-emissjonijiet kollha ġewwa port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. Dan l-approċċ ġie nnotat bħala mod prattiku biex tissolva l-kwistjoni ta' responsabbiltajiet u kapaċitajiet komuni iżda differenzjati, li ilha sfida għal żmien twil fil-kuntest tal-UNFCCC. Il-kopertura ta' sehem mill-emissjonijiet kemm minn vjaġġi li jidħlu kif ukoll minn dawk li joħorġu bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi tiżgura l-effettività tal-EU ETS, b'mod partikolari billi żżid l-impatt ambjentali tal-miżura meta mqabbel ma' kamp ta' applikazzjoni ġeografiku limitat għall-vjaġġi fl-Unjoni, filwaqt li tillimita r-riskju ta' sejħiet evażivi fil-portijiet u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trażbord barra mill-Unjoni. Biex tiġi żgurata l-inklużjoni bla xkiel tas-settur fl-EU ETS, jenħtieġ li ċ-ċediment tal-kwoti mill-kumpaniji tat-tbaħħir jiżdied gradwalment fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għas-snin 2024 u 2025.

Biex tiġi mħarsa l-integrità ambjentali tas-sistema, fejn jiġu ċeduti inqas kwoti meta mqabbel ma' emissjonijiet ivverifikati għat-trasport marittimu matul dawk is-snin, ladarba d-differenza bejn l-emissjonijiet ivverifikati u l-kwoti ċeduti tkun ġiet stabbilita kull sena, jenħtieġ li jiġi kkanċellat ammont ta' kwoti li jikkorrispondi għal dik id-differenza. Mill-2026, jenħtieġ li l-kumpaniji tat-tbaħħir iċedu l-għadd ta' kwoti li jikkorrispondu għall-emissjonijiet ivverifikati kollha tagħhom. Filwaqt li l-impatt fuq il-klima tat-trasport marittimu huwa prinċipalment dovut għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ tiegħu, l-emissjonijiet ta' gassijiet li mhumiex $CO_2$ jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-emissjonijiet mil-bastimenti. Skont ir-Raba' Studju tal-OMI dwar il-Gassijiet Serra tal-2020, l-emissjonijiet tal-metan żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu mill-2012 sal-2018. L-emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż x'aktarx li se jikbru maż-żmien, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' bastimenti mħaddma b'gassijiet naturali likwifikati jew b'sorsi oħra ta' enerġija. L-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż tkun ta' benefiċċju għall-integrità ambjentali u tinċentiva prattiki tajbin. Dawk l-emissjonijiet jenħtieġ li l-ewwel jiġu inklużi fir-Regolament (UE) 2015/757 mill-2024, u jenħtieġ li jiġu inklużi fl-EU ETS mill-2026.

(21) L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE għat-trasport marittimu se twassal għal bidliet fil-kostijiet ta' tali trasport. Il-partijiet kollha tal-Unjoni se jiġu affettwati minn dik l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni peress li l-oġġetti ttrasportati lejn portijiet fl-Unjoni u minnhom permezz tat-trasport marittimu għandhom l-oriġini jew id-destinazzjoni tagħhom fl-Istati Membri differenti, inkluż fi Stati Membri mingħajr kosta. L-allokazzjoni tal-kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri jenħtieġ li għalhekk, fil-prinċipju, ma tinbidilx bħala konsegwenza tal-inklużjoni tal-attivitajiet ta' transport marittimu u jenħtieġ li tinkludi l-Istati Membri kollha. Madankollu, l-Istati Membri se jiġu affettwati b'modi differenti. B'mod partikolari, l-Istati Membri b'dipendenza kbira fuq it-tbaħħir se jkunu l-aktar esposti għall-effett tal-estensjoni. L-Istati Membri b'settur marittimu kbir meta mqabbel mad-daqs relattiv tagħhom se jiġu affettwati aktar mill-estensjoni tal-EU ETS għat-trasport marittimu. Għalhekk huwa xieraq li tingħata assistenza addizzjonali b'limitu ta' żmien lil dawk l-Istati Membri fil-forma ta' kwoti addizzjonali biex tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni tal-attivitajiet marittimi u għall-kostijiet amministrattivi mġarrba. L-assistenza jenħtieġ li tiġi introdotta gradwalment b'mod parallel mal-introduzzjoni tal-obbligi ta' ċediment u b'hekk mal-effett miżjud fuq dawk l-Istati Membri. Fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra r-rilevanza ta' dik l-assistenza addizzjonali fid-dawl, b'mod partikolari, tal-iżvilupp fin-numru ta' kumpaniji tat-tbaħħir taħt ir-responsabbiltà ta' Stati Membri differenti.

(22) L-EU ETS jenħtieġ li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-attivitajiet marittimi u għaż-żieda fl-effiċjenza fir-rigward ta' tali attivitajiet. L-użu tad-dħul mill-EU ETS skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li jinkludi, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tat-trasport u tat-trasport pubbliku li ma jagħmlux ħsara lill-klima fis-setturi kollha.

(23) It-tiġdid ta' flotot ta' bastimenti tal-klassi tas-silġ u l-iżvilupp ta' teknoloġija innovattiva li tnaqqas l-emissjonijiet ta' tali bastimenti se jieħdu ż-żmien u jirrikjedu appoġġ finanzjarju. Bħalissa, id-disinn tal-bastimenti tal-klassi tas-silġ, li jippermetilhom ibaħħru f'kundizzjonijiet ta' silġ, iwassal biex tali bastimenti jikkunsmaw aktar fjuwil u jemettu aktar minn bastimenti ta' daqs simili ddisinjati biex ibaħħru biss fl-ilma miftuħ. Għalhekk, fl-ambitu ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi implimentat metodu newtrali għall-bandiera li jippermetti tnaqqis tal-kwoti li jridu jiġu ċeduti mill-kumpaniji tat-tbaħħir abbażi tal-klassi tas-silġ tal-bastimenti tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2030.

(24) Il-gżejjer mingħajr ebda konnessjoni bit-triq jew bil-ferrovija mal-kontinent jiddependu aktar fuq it-trasport marittimu mir-reġjuni l-oħra u jiddependu fuq il-konnessjonijiet marittimi għall-konnettività tagħhom. Biex il-gżejjer b'popolazzjoni żgħira jiġu megħjuna jibqgħu konnessi wara l-inklużjoni tal-attivitajiet ta' transport marittimu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà għal Stat Membru li jitlob deroga temporanja mill-obbligi ta' ċediment skont dik id-Direttiva għal ċerti attivitajiet ta' trasport marittimu ma' gżejjer b'popolazzjoni ta' inqas minn 200 000 resident permanenti.

(25) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jitolbu li kuntratt ta' servizz pubbliku tranżnazzjonali jew obbligu ta' servizz pubbliku tranżnazzjonali bejn żewġ Stati Membri jiġi eżentat temporanjament minn ċerti obbligi skont id-Direttiva 2003/87/KE. Jenħtieġ li dik il-possibbiltà tkun limitata għal konnessjonijiet bejn Stat Membru mingħajr fruntiera tal-art ma' Stat Membru ieħor u l-eqreb Stat Membru ġeografikament, bħall-konnessjoni marittima bejn Ċipru u l-Greċja, li ilha assenti għal aktar minn għoxrin sena. Dik id-deroga temporanja tkun tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-ħtieġa kbira li jiġi pprovdut servizz ta' interess ġenerali u li jiġu żgurati l-konnettività kif ukoll il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

(26) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet permanenti tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni kif rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u minħabba d-dipendenza qawwija tagħhom fuq it-trasport marittimu, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-preservazzjoni tal-aċċessibbiltà ta' tali reġjuni u l-konnettività effiċjenti tagħhom permezz tat-trasport marittimu. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga temporanja minn ċerti obbligi skont id-Direttiva 2003/87/KE għal emissjonijiet mill-attivitajiet tat-trasport marittimu bejn port li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u port li jinsab fl-istess Stat Membru, inklużi portijiet li jinsabu fl-istess reġjun ultraperiferiku u f'reġjun ultraperiferiku ieħor tal-istess Stat Membru.

(27) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu jinżammu taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali futuri u l-isforzi li jsiru biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż it-tieni rendikont globali fl-2028, u r-rendikonti globali sussegwenti li minn hemm 'il quddiem isiru kull ħames snin, maħsuba biex jinformaw l-NDC suċċessivi. Jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu riveduti wkoll fil-każ tal-adozzjoni ta' miżura globali bbażata fuq is-suq mill-OMI biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għat-trasport marittimu. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni ta' tali miżura u qabel ma ssir operattiva. F'dak ir-rapport jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina dik il-miżura globali bbażata fuq is-suq fir-rigward tal-ambizzjoni tagħha fid-dawl tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, l-integrità ambjentali ġenerali tagħha, inkluż meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE li jkopru t-trasport marittimu, u kwalunkwe kwistjoni relatata mal-koerenza tal-EU ETS u dik il-miżura. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni fir-rapport tagħha tqis il-livell ta' parteċipazzjoni f'dik il-miżura globali bbażata fuq is-suq, l-infurzabbiltà, it-trasparenza, il-penali għan-nuqqas ta' konformità tagħha, il-proċessi għall-input pubbliku, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet, ir-reġistri u r-responsabbiltà. Meta jkun xieraq, ir-rapport jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva li temenda d-Direttiva 2003/87/KE b'mod li jkun konsistenti mal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, u bl-għan li jiġu ppreservati l-integrità ambjentali u l-effettività tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq u l-EU ETS, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe piż doppju sinifikanti, u b'hekk ifakkar fil-kompetenza tal-Unjoni li tirregola s-sehem tagħha ta' emissjonijiet minn vjaġġi marittimi internazzjonali, f'konformità mal-obbligi tal-Ftehim ta' Pariġi.

(28) Biż-żieda fil-kostijiet tat-tbaħħir li l-estensjoni tad-Direttiva 2003/87/KE għall-attivitajiet ta' transport marittimu tinvolvi, hemm riskju ta' evażjoni minħabba n-nuqqas ta' miżura globali bbażata fuq is-suq. Il-waqfiet evażivi fil-portijiet barra mill-Unjoni u r-rilokazzjoni tal-attivitajiet ta' trażbord lejn portijiet barra mill-Unjoni mhux biss se jnaqqsu l-benefiċċji ambjentali tal-internalizzazzjoni tal-kost tal-emissjonijiet mill-attivitajiet ta' transport marittimu iżda jistgħu jwasslu wkoll għal emissjonijiet addizzjonali minħabba d-distanza żejda li jivvjaġġa bastiment biex jevadi r-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE. Għalhekk huwa xieraq li ċerti waqfiet f'portijiet mhux tal-Unjoni jiġu esklużi mid-definizzjoni ta' "port ta' waqfa". Dik l-esklużjoni jenħtieġ li tkun immirata lejn portijiet fil-viċinanza tal-Unjoni fejn ir-riskju ta' evażjoni huwa l-ikbar. Limitu ta' 300 mil nawtiku minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jikkostitwixxi rispons proporzjonat għal imġiba evażiva, u jsib bilanċ bejn il-piż addizzjonali u r-riskju ta' evażjoni. Barra minn hekk, l-esklużjoni mid-definizzjoni ta' "port ta' waqfa" jenħtieġ li tapplika biss għal waqfiet minn bastimenti tal-kontejners f'ċerti portijiet mhux tal-Unjoni fejn it-trażbord tal-kontejners jirrappreżenta l-biċċa l-kbira tat-traffiku tal-kontejners. Għal tali vjaġġi, ir-riskju ta' evażjoni, fin-nuqqas ta' miżuri ta' mitigazzjoni, jikkonsisti wkoll fiċ-ċentri portwarji li jiġu mċċaqalqa lejn portijiet barra mill-Unjoni, u dan jaggrava l-effetti tal-evażjoni. Biex jiġu żgurati l-proporzjonalità tal-miżura u li tirriżulta fi trattament ugwali, jenħtieġ li jitqiesu l-miżuri f'pajjiżi terzi li jkollhom effett ekwivalenti għad-Direttiva 2003/87/KE.

(29) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-funzjonament tad-Direttiva 2003/87/KE b'rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu fid-dawl tal-esperjenza fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, inkluż l-identifikazzjoni ta' mġiba evażiva sabiex tiġi evitata tali mġiba fi stadju bikri, u jenħtieġ li tipproponi miżuri biex tiżgura l-effettività ta' dik id-Direttiva. Tali miżuri jistgħu jinkludu żieda fir-rekwiżiti ta' ċediment għal vjaġġi meta r-riskju ta' evażjoni jkun ogħla, bħal lejn u minn port li jinsab fil-viċinanza tal-Unjoni, f'pajjiż terz li ma jkunx adotta miżuri simili għad-Direttiva 2003/87/KE.

(30) Meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-emissjonijiet minn bastimenti ta' inqas minn tunellaġġ gross ta' 5 000 jirrappreżentaw inqas minn 15 % tal-emissjonijiet minn bastimenti, iżda dawn jiġu emessi minn għadd kbir ta' bastimenti. Għal raġunijiet ta' prattikabilità amministrattiva, għadu kmieni wisq biex il-bastimenti ta' inqas minn tunnellaġġ gross ta' 5 000 jiġu inklużi fl-EU ETS mill-bidu tal-inklużjoni tat-trasport marittimu, iżda l-inklużjoni tagħhom fil-futur ittejjeb l-effettività tal-EU ETS u potenzjalment tnaqqas l-imġiba evażiva bl-użu ta' bastimenti taħt il-livell limitu ta' tunnellaġġ gross ta' 5 000. Għalhekk, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih jenħtieġ li teżamina l-fattibbiltà u l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-inklużjoni fid-Direttiva 2003/87/KE tal-emissjonijiet minn bastimenti taħt it-tunnellaġġ gross ta' 5 000, inklużi bastimenti offshore.

(31) Jenħtieġ li l-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-konformità mal-EU ETS tkun il-kumpanija tat-tbaħħir, definita bħala s-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu ħadu r-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu f'idejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpannija" fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2015/757, u f'konformità mas-sistema globali ta' ġbir tad-data stabbilita fl-2016 mill-OMI.

(32) L-emissjonijiet minn bastiment jiddependu, fost l-oħrajn, fuq il-miżuri tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bastiment meħuda minn sid il-bastiment, u fuq il-fjuwil, il-merkanzija li tinġarr u r-rotta u l-veloċità tal-bastiment, li jistgħu jkunu taħt il-kontroll ta' entità differenti minn sid il-bastiment. Ir-responsabbiltajiet għax-xiri tal-fjuwil jew għat-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali li jaffettwaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bastiment jistgħu jittieħdu minn entità oħra għajr il-kumpanija tat-tbaħħir skont arranġament kuntrattwali. Meta jsiru n-negozjati dwar il-kuntratt, l-aspetti tal-aħħar, b'mod partikolari, ma jkunux magħrufa u għalhekk l-emissjonijiet finali mill-bastiment kopert mid-Direttiva 2003/87/KE ma jkunux fiċ-ċert. Madankollu, sakemm il-kostijiet tal-karbonju ġew mgħoddija lill-entità li topera l-bastiment, l-inċentivi biex jiġu implimentati miżuri operazzjonali għall-effiċjenza tal-fjuwil ikunu limitati. F'konformità mal-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas' u biex tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza u l-użu ta' fjuwils aktar nodfa, il-kumpanija tat-tbaħħir jenħtieġ li għalhekk tkun intitolata, skont il-liġi nazzjonali, li titlob rimborż għall-kostijiet li jirriżultaw miċ-ċediment tal-kwoti mill-entità li hija direttament responsabbli għad-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bastiment.

Filwaqt li tali mekkaniżmu ta’ rimborż jista’ jkun soġġett għal arranġament kuntrattwali, jenħtieġ li, biex inaqqsu l-kostijiet amministrattivi, l-Istati Membri ma jkunux obbligati jiżguraw jew jivverifikaw l-eżistenza ta’ tali kuntratti, iżda minflok jenħtieġ li jipprevedu, fil-liġi nazzjonali, dritt statutorju biex il-kumpanija tat-tbaħħir tiġi rimborżata kif ukoll l-aċċess korrispondenti għall-ġustizzja biex dak id-dritt jiġi infurzat. Għall-istess raġunijiet, dak l-intitolament, inkluż kwalunkwe kunflitt possibbli relatat mar-rimborż bejn il-kumpanija tat-tbaħħir u l-entità li topera l-bastiment, jenħtieġ li ma jaffettwax l-obbligi tal-kumpanija tat-tbaħħir vis-à-vis l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir, u lanqas il-miżuri ta’ infurzar li jistgħu jkunu meħtieġa kontra kumpanija bħal din biex tiġi żgurata li jkun hemm il-konformità sħiħa minn dik il-kumpanija mad-Direttiva 2003/87/KE. Fl-istess ħin, peress li l-għan tad-dispożizzjoni li tikkonċerna d-dritt għal rimborż huwa marbut mill-qrib mal-Unjoni, b’mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-obbligi skont din id-Direttiva minn kumpanija tat-tbaħħir fil-konfront ta’ Stat Membru partikolari, huwa importanti li dak l-intitolament jkun osservat fl-Unjoni kollha, fir-relazzjonijiet kuntrattwali kollha li jippermettu li entità għajr is-sid tal-bastiment tiddetermina l-merkanzija li tinġarr jew ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment, b’mod li jissalvagwardja l-kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fis-suq intern, li jistgħu jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jipprevjenu lill-partijiet għal tali ftehimiet kuntrattwali milli jevitaw id-dritt għal rimborż billi jinkludu klawżola dwar l-għażla tal-liġi.

(33) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li Stat Membru wieħed ikun responsabbli għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista inizjali ta’ kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività ta’ trasport marittimu li taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-EU ETS, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata regolarment u mill-inqas kull sentejn biex il-kumpaniji tat-tbaħħir jiġu attribwiti mill-ġdid lil tali awtorità amministrattiva oħra, kif rilevanti. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati fi Stat Membru, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir tkun dak l-Istat Membru. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f’pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir, tkun l-Istat Membru li fih il-kumpanija tat-tbaħħir kellha l-akbar numru stmat ta’ waqfiet f’portijiet minn vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-erba’ snin ta’ qabel ta’ monitoraġġ. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir li huma rreġistrati f’pajjiż terz u li ma wettqu l-ebda vjaġġ li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-erba’ snin ta’ qabel ta’ monitoraġġ, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir tkun l-Istat Membru fejn bastiment tal-kumpanija tat-tbaħħir ikun beda jew temm l-ewwel vjaġġ tiegħu li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika u taġġorna, kif rilevanti, fuq bażi biennali lista ta’ kumpaniji tat-tbaħħir li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir. Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu regoli armonizzati għall-amministrazzjoni tal-kumpaniji tat-tbaħħir li għalihom għandhom responsabbiltà, f’konformità mar-regoli dettaljati li jridu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kumpaniji tat-tbaħħir li jamministraw ikunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE. Fil-każ li kumpanija tat-tbaħħir tonqos milli tikkonforma ma’ dawk ir-rekwiżiti u kwalunkwe miżura ta’ infurzar meħuda mill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir tkun naqset milli tiżgura l-konformità, jenħtieġ li l-Istati Membri jaġixxu f’solidarjetà. Bħala l-aħħar miżura, jenħtieġ li l-Istati Membri, ħlief għall-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu, jkunu jistgħu jirrifjutaw id-dħul lill-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija tat-tbaħħir ikkonċernata, u l-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu jenħtieġ li jkun jista’ jżomm dak il-bastiment.

(35) Jenħtieġ li l-kumpaniji tat-tbaħħir jimmonitorjaw u jirrapportaw id-data aggregata tagħhom dwar l-emissjonijiet mill-attivitajiet tat-trasport marittimu fil-livell tal-kumpaniji f’konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/757. Ir-rapporti dwar id-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji jenħtieġ li jiġu vverifikati f’konformità mar-regoli stabbiliti f’dak ir-Regolament. Meta jwettaq verifika fil-livell tal-kumpaniji, jenħtieġ li l-verifikatur ma jivverifikax ir-rapporti dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-bastimenti jew ir-rapporti fil-livell tal-bastimenti li għandhom jiġu sottomessi meta hemm bidla fil-kumpanija, billi dawk ir-rapporti fil-livell tal-bastimenti se jkunu ġew ivverifikati diġà.

(36) Abbażi tal-esperjenza minn kompiti simili relatati mal-ħarsien tal-ambjent, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jew organizzazzjoni rilevanti oħra, kif xieraq u f’konformità mal-mandat tagħha, tassisti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir b’rabta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Minħabba l-esperjenza tagħha bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 u l-għodod tal-IT tagħha, l-EMSA jenħtieġ li tgħin lill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir, b’mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet iġġenerati mill-attivitajiet ta’ transport marittimu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, billi jiġi

ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni jew jiġu żviluppati linji gwida u kriterji. Il-Kummissjoni, assistita mill-EMSA, jenħtieġ li tagħmel ħilitha biex tiżviluppa għodod ta' monitoraġġ xierqa, kif ukoll gwida, ħalli tiffaċilita u tikkoordina l-attivitajiet ta' verifika u infurzar relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE għat-trasport marittimu. Safejn ikun prattikabbli, jenħtieġ li tali għodod ikunu disponibbli għall-Istati Membri u l-verifikaturi sabiex jiġi żgurat infurzar sod tal-miżuri nazzjonali li jittrasportaw id-Direttiva 2003/87/KE.

(37) B'mod parallel mal-adozzjoni ta' din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) 2015/757 qed jiġi emendat biex jipprevedi regoli ta' monitoraġġ, rapportar u verifika li huma meħtieġa għal estensjoni tal-EU ETS għall-attivitajiet tat-trasport marittimu u biex jipprevedi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali.

(38) Ir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) emenda l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE biex jippermetti lill-operaturi kollha jużaw il-kwoti kollha li jinħarġu. Ir-rekwiżit li l-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra jkun fihom obbligu li jiġu ċeduti l-kwoti, skont l-Artikolu 6(2), il-punt (e), ta' dik id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi allinjat kif xieraq.

(39) Il-kisba tal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni għall-2030 se tkun teħtieġ tnaqqis fl-emissjonijiet tas-setturi koperti mill-EU ETS ta' 62 % meta mqabbla mal-2005. Il-kwantità ta' kwoti tal-EU ETS fl-Unjoni kollha jeħtieġ li titnaqqas biex jinħolqu s-sinjal meħtieġ tal-prezz tal-karbonju fit-tul u l-impetu għal dak il-grad ta' dekarbonizzazzjoni. Il-kwantità totali ta' kwoti jenħtieġ li titnaqqas fl-2024 u fl-2026 biex issir aktar konformi mal-emissjonijiet attwali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiżdied il-fattur ta' tnaqqis lineari fl-2024 u fl-2028, filwaqt li titqies ukoll l-inklużjoni tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu. It-trajettorja tal-limitu aktar qawwija li tirriżulta minn dawk il-bidliet se twassal għal livelli ferm ogħla ta' tnaqqis kumulattiv tal-emissjonijiet sal-2030 milli kieku kien iseħħ skont id-Direttiva (UE) 2018/410. Jenħtieġ li ċ-ċifri relatati mal-inklużjoni tat-trasport marittimu jiġu derivati mill-emissjonijiet mill-attivitajiet tat-trasport marittimu li huma indirizzati fl-Artikolu 3ga tad-Direttiva 2003/87/KE u rrapportati f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/757 għall-2018 u l-2019 fl-Unjoni u fl-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, aġġustati, mill-2021 sal-2024, bil-fattur ta' tnaqqis lineari għas-sena 2024. Jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi applikat fl-2024 għaż-żieda fil-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha f'dik is-sena.

(40) Il-kisba tal-ambizzjoni klimatika miżjuda se tirrikjedi riżorsi pubbliċi u privati sostanzjali fl-Unjoni kif ukoll fi Stati Membri li jridu jiġu ddedikati għat-tranżizzjoni klimatika. Biex jikkomplementa u jsaħħaħ l-infiq sostanzjali relatat mal-klima fil-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li d-dħul kollu mill-irkant mhux attribwit għall-baġit tal-Unjoni fil-forma ta' riżorsi proprji, jew il-valur finanzjarju ekwivalenti ta' tali dħul mill-irkant, jintużaw għal finijiet relatati mal-klima, bl-eċċezzjoni tad-dħul użat għall-kumpens ta' kostijiet tal-karbonju indirett. Il-lista ta' finijiet relatati mal-klima fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li tiġi estiża biex tkopri finijiet addizzjonali b'impatt ambjentali pożittiv. Jenħtieġ li dan jinkludi l-użu għal appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi u tnaqqis fil-mira ta' dazji u spejjeż għall-elettriku rinnovabbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw kull sena dwar l-użu ta' dħul mill-irkantar f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), filwaqt li jispeċifikaw, meta rilevanti u kif xieraq, liema dħul jintuża u l-azzjonijiet li jittieħdu biex jimplimentaw l-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u l-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta tagħhom.

([13]) Ir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 (ĠU L 350, 29.12.2017, p. 7).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

(41) Id-dħul mill-irkantar tal-Istati Membri se jiżdied bħala riżultat tal-inklużjoni tat-trasport marittimu fl-EU ETS. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jżidu l-użu tad-dħul tal-EU ETS skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE biex jikkontribwixxu għall-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni aħjar tal-ekosistemi bbażati fuq il-baħar, b'mod partikolari ż-żoni protetti tal-baħar.

(42) Huma meħtieġa riżorsi finanzjarji sinifikanti biex jiġu implimentati l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-Patt Klimatiku ta' Glasgow iħeġġeġ lill-Partijiet tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod urġenti u sinifikanti joffru aktar finanzjament għall-klima. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-Tħejjijiet għas-27 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP 27), il-Kunsill ifakkar li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributur għall-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, u mill-2013 'l hawn, żiedu b'aktar mid-doppju l-kontribuzzjoni tagħhom għall-finanzjament għall-klima biex jappoġġaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. F'dawk il-konklużjonijiet, il-Kunsill iġedded ukoll l-impenn qawwi li ħadu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jżidu l-finanzjament internazzjonali tagħhom għall-klima u jilħaq l-għan tal-pajjiżi żviluppati li jimmobilizzaw mill-inqas USD 100 biljun fis-sena malajr kemm jista' jkun u sal-2025 minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, u jistenna li l-għan jintlaħaq fl-2023.

(43) Biex jiġu indirizzati l-effetti distributtivi u soċjali tat-tranżizzjoni fl-Istati Membri bi dħul baxx, jenħtieġ li jintuża ammont addizzjonali ta' 2,5 % tal-kwantità ta' kwoti madwar l-Unjoni kollha mill-2024 sal-2030 biex tiġi ffinanzjata t-tranżizzjoni enerġetika tal-Istati Membri bi prodott domestiku gross (PDG) per capita taħt il-75 % tal-medja tal-Unjoni fis-snin 2016 sa 2018, permezz tal-Fond għall-Modernizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE.

(44) L-Istati Membri benefiċjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi allokati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni biex jiffinanzjaw investimenti li jinvolvu r-reġjuni tal-fruntiera tal-Unjoni kontigwi meta dan ikun rilevanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Istati Membri benefiċjarji.

(45) Jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-użu ta' tekniki kosteffiċjenti. Għal dak l-għan, l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji mill-2026 'il quddiem jenħtieġ li tkun kundizzjonali fuq investimenti f'tekniki biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqsu l-emissjonijiet, b'mod partikolari għal utenti kbar tal-enerġija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-applikazzjoni ta' dik il-kundizzjonalità ma tipperikolax l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, l-integrità ambjentali jew it-trattament ugwali tal-installazzjonijiet madwar l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli skont id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]), tadotta atti delegati li jissupplimentaw din id-Direttiva biex tindirizza kwalunkwe kwistjoni identifikata b'mod partikolari dwar il-prinċipji msemmija hawn fuq u tipprevedi regoli sempliċi f'termini ta' amministrazzjoni għall-applikazzjoni tal-kundizzjonalità. Dawk ir-regoli jenħtieġ li jkunu parti mir-regoli ġenerali dwar l-allokazzjoni bla ħlas, bl-użu tal-proċedura stabbilita għall-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali, u jipprevedu skedi ta' żmien, kriterji għar-rikonoxximent tal-miżuri implimentati tal-effiċjenza enerġetika, kif ukoll għal miżuri alternattivi li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, l-inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, jenħtieġ li inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jissaħħu aktar għal installazzjonijiet b'intensitajiet għoljin ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għal dak l-għan, mill-2026 'il quddiem, l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-20 % tal-installazzjonijiet stazzjonarji bl-ogħla intensitajiet ta' emissjonijiet taħt parametru referenzjarju ta' prodott partikolari jenħtieġ li tkun kundizzjonali wkoll fuq l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tan-newtralità klimatika.

(46) Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), huwa stabbilit biex jissostitwixxi l-mekkaniżmi stabbiliti skont id-Direttiva 2003/87/KE ħalli jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sal-punt li s-setturi u s-subsetturi jkunu koperti minn dik il-miżura, jenħtieġ li huma ma jirċevux allokazzjoni bla ħlas. Madankollu, hija meħtieġa eliminazzjoni gradwali tranżitorja tal-kwoti bla ħlas biex il-produtturi, l-importaturi u n-negozjanti jkunu jistgħu jaġġustaw għar-reġim il-ġdid. Jenħtieġ li t-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas jiġi implimentat billi jiġi applikat fattur għall-allokazzjoni bla ħlas għas-setturi tas-CBAM, filwaqt li s-CBAM jiġi introdott gradwalment. Jenħtieġ li l-fattur CBAM ikun ugwali għal 100 % għall-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament u tmiem l-2025 u, soġġett għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 36(2), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jkun ugwali għal 97,5 % fl-2026, 95 % fl-2027, 90 % fl-2028, 77,5 % fl-2029, 51,5 % fl-2030, 39 % fl-2031, 26,5 % fl-2032 u 14 % fl-2033. Mill-2034, jenħtieġ li ma japplika l-ebda fattur CBAM.

---

([15]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

([16]) Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (Ara paġna 52 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Jenħtieġ li l-atti delegati rilevanti dwar l-allokazzjoni bla ħlas jiġu aġġustati kif xieraq għas-setturi u s-subsetturi koperti mis-CBAM. L-allokazzjoni bla ħlas li ma għadhiex tiġi pprovduta lis-setturi tas-CBAM abbażi ta' dan il-kalkolu (id-domanda tas-CBAM) tiżdied mal-Fond għall-Innovazzjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fil-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU), fil-qbid, it-trasport u l-ħżin ġeoloġiku tal-karbonju (CCS), fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti fis-setturi tas-CBAM. Biex jiġi rrispettat il-proporzjon tal-allokazzjoni bla ħlas disponibbli għas-setturi mhux tas-CBAM, l-ammont finali li jrid jitnaqqas mill-allokazzjoni bla ħlas u jsir disponibbli fil-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li jiġi kkalkulat abbażi tal-proporzjon li d-domanda tas-CBAM tirrappreżenta fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' allokazzjoni bla ħlas tas-setturi kollha li jirċievu allokazzjoni bla ħlas.

(47) Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju relatati mal-merkanzija soġġetta għas-CBAM u prodotta fl-Unjoni għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi li ma japplikawx l-EU ETS jew mekkaniżmu simili tal-ipprezzar tal-karbonju, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni qabel tmiem il-perjodu tranżitorju skont ir-Regolament (UE) 2023/956. Meta dik il-valutazzjoni tikkonkludi li jeżisti tali riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, jenħtieġ li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tindirizza dak ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod li jkun konformi mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw id-dħul mill-irkant biex jindirizzaw kwalunkwe riskju residwu ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi tas-CBAM u f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Meta l-kwoti ġejjin minn tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas fl-applikazzjoni tar-regoli ta' kundizzjonalità ma jintużawx bis-sħiħ biex jiġu eżentati l-installazzjonijiet bl-inqas intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-korrezzjoni transsettorjali, jenħtieġ li 50 % ta' dawk il-kwoti residwi jiżdiedu mal-Fond għall-Innovazzjoni.L-50 % l-oħra jenħtieġ li jiġu rkantati f'isem l-Istati Membri u jenħtieġ li jużaw id-dħul minnu biex jindirizzaw kwalunkwe riskju residwu ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi tas-CBAM.

(48) Sabiex il-progress teknoloġiku jiġi rifless aħjar filwaqt li jiġu żgurati inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-innovazzjoni tiġi ppremjata kif xieraq, l-aġġustament minimu tal-valuri ta' referenza jenħtieġ li jiżdied minn 0,2 % għal 0,3 % fis-sena, u l-aġġustament massimu jenħtieġ li jiżdied minn 1,6 % għal 2,5 % fis-sena. Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, b'hekk, jenħtieġ li l-valuri ta' referenza jiġu aġġustati f'medda ta' bejn 6 % u 50 % meta mqabbla mal-valur applikabbli fil-perjodu mill-2013 sal-2020. Sabiex tiġi pprovduta l-prevedibbiltà lill-installazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-valuri ta' referenza riveduti għall-allokazzjoni bla ħlas mill-aktar fis possibbli qabel il-bidu tal-perjodu mill-2026 sal-2030.

(49) Biex jiġu inċentivati teknoloġiji rivoluzzjonarji ġodda fl-industrija tal-azzar u biex jiġi evitat tnaqqis sproporzjonat b'mod sinifikanti tal-valur ta' referenza, u fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tal-industrija tal-azzar bħall-intensità għolja tal-emissjonijiet u l-istruttura tas-suq internazzjonali u tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu esklużi mill-kalkolu tal-valur ta' referenza tal-metall sħun għall-perjodu mill-2026 sal-2030 installazzjonijiet li kienu operattivi matul il-perjodu ta' referenza mill-2021 sal-2022 u li altrimenti kienu jiġu inklużi f'dak il-kalkolu minħabba r-rieżami tad-definizzjoni tal-valur ta' referenza tal-prodott tal-metall sħun.

(50) Biex jiġu ppremjati dawk bl-aqwa prestazzjoni u l-innovazzjoni, jenħtieġ li l-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom huma taħt il-medja tal-10 % tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti taħt parametru referenzjarju partikolari jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali. Il-kwoti li mhumiex allokati minħabba tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas fl-applikazzjoni tar-regoli ta' kundizzjonalità jenħtieġ li jintużaw biex ikopru d-defiċit fit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas li jirriżulta mill-esklużjoni ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni mill-applikazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali.

(51) Sabiex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività industrijali tal-Unjoni, 20 miljun kwota addizzjonali mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi allokata bla ħlas u 5 miljun kwota addizzjonali mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi rkantata jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-Fond għall-Innovazzjoni. Meta tirrieżamina l-għażla taż-żmien u s-sekwenzjar tal-irkantar għall-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 [17] fid-dawl tal-bidliet introdotti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tagħmel disponibbli ammonti akbar ta' riżorsi fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE riveduta biex tagħti spinta lid-dekarbonizzazzjoni tas-setturi rilevanti.

[17] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).

(52) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (EU) 2021/1119. Fil-livell tal-Unjoni, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni huma appoġġati, fost affarijiet oħra, permezz ta' Orizzont Ewropa, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-EU ETS. Konsegwentement, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfittex sinerġiji ma' Orizzont Ewropa u, meta jkun rilevanti, ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni.

(53) Il-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li jappoġġa tekniki, proċessi u teknoloġiji innovattivi, inkluż iż-żieda fit-tali tekniki, proċessi u teknoloġiji, bil-ħsieb li jiġu mnedija b'mod wiesa' madwar l-Unjoni. L-innovazzjoni rivoluzzjonarja jenħtieġ li tingħata prijorità fl-għażla ta' proġetti appoġġati permezz ta' għotjiet.

(54) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi estiż biex jappoġġa l-innovazzjoni f'teknoloġiji u proċessi b'livell baxx u żero ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonċernaw il-konsum tal-fjuwils fil-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali, inklużi l-forom kollettivi tat-trasport bħat-trasport pubbliku u s-servizzi tal-kowċis. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Fond għall-Innovazzjoni jservi biex jappoġġa l-investimenti għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, inklużi l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti, tal-portijiet, u tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, fl-elettrifikazzjoni tas-settur, fi fjuwils alternattivi sostenibbli, bħall-idroġenu u l-ammonijaka li jiġu prodotti minn sorsi rinnovabbli, f'teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero bħat-teknoloġiji tar-riħ, u f'innovazzjonijiet fir-rigward tal-bastimenti tal-klassi tas-silġ. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti innovattivi li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu u għat-tnaqqis tal-impatti klimatiċi kollha tiegħu, inklużi l-emissjonijiet tal-karbonju iswed. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprevedi suġġetti ddedikati fis-sejħiet għal proposti tal-Fond għall-Innovazzjoni. Dawk is-sejħiet jenħtieġ li jqisu l-kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-bijodiversità, l-istorbju u t-tniġġis tal-ilma. F'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport marittimu, jenħtieġ li jkunu eliġibbli l-proġetti b'valur miżjud ċar għall-Unjoni.

(55) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 ([18]), meta l-operaturi tal-inġenji tal-ajru ma jibqgħux joperaw titjiriet koperti mill-EU ETS, il-kontijiet tagħhom jiġu stabbiliti għal status "eskluż", u l-proċessi ma jistgħux jibqgħu jinbdew minn dawk il-kontijiet. Biex tiġi ppreservata l-integrità ambjentali tal-EU ETS, jenħtieġ li jintużaw il-kwoti li ma jinħarġux lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, minħabba li jwaqqfu l-operat tagħhom, biex ikopru kwalunkwe nuqqas ta' ċediment minn dawk l-operaturi, u kwalunkwe kwota li jifdal jenħtieġ li tintuża biex titħaffef l-azzjoni biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima billi titqiegħed fil-Fond għall-Innovazzjoni.

(56) Assistenza teknika mill-Kummissjoni ffukata fuq l-Istati Membri, li sa issa ppreżentaw ftit jew xejn proġetti, tikkontribwixxi biex tikseb għadd kbir ta' applikazzjonijiet għal proġetti għall-finanzjament mill-Fond għall-Innovazzjoni fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li dik l-assistenza, fost affarijiet oħra, tappoġġa attivitajiet immirati lejn it-titjib tal-kwalità tal-proposti għal proġetti li jinsabu fl-Istati Membri li sa issa ppreżentaw ftit jew xejn proġetti, pereżempju permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, it-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prassi, u t-tisħiħ tal-attivitajiet tal-punti ta' kuntatt nazzjonali. Miżuri oħra li għandhom l-istess għan jinkludu miżuri li jqajjmu s-sensibilizzazzjoni dwar l-għażliet ta' finanzjament u jżidu fil-kapaċità ta' dawk l-Istati Membri biex jidentifikaw u jappoġġaw applikanti potenzjali għal proġetti. Jenħtieġ li jiġu promossi wkoll sħubijiet ta' proġetti madwar l-Istati Membri u t-tlaqqigħ bejn applikanti potenzjali, b'mod partikolari għal proġetti fuq skala kbira.

(57) Sabiex jitjieb ir-rwol tal-Istati Membri fil-governanza tal-Fond għall-Innovazzjoni u tiżdied it-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni, filwaqt li tipprovdi analiżi tal-impatt mistenni tal-proġetti mogħtija skont is-settur u skont l-Istat Membru. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi wkoll ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tippubblikah. Soġġett għall-qbil tal-applikanti, wara li tingħalaq sejħa għal proposti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma lill-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet għall-finanzjament ta' proġetti fit-territorji rispettivi tagħhom u jenħtieġ li tipprovdilhom informazzjoni dettaljata dwar dawk l-applikazzjonijiet sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-Istati Membri tal-appoġġ għall-proġetti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li, qabel l-għoti tal-appoġġ, tinforma lill-Istati Membri dwar il-lista ta' proġetti magħżula. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjoni u jkunu teknoloġikament newtrali, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ li

([18]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

tipprovdi assistenza teknika, b'mod partikolari lill-Istati Membri b'parteċipazzjoni effettiva baxxa, sabiex tittejjeb il-parteċipazzjoni ġeografika effettiva fil-Fond għall-Innovazzjoni u tiżdied il-kwalità ġenerali tal-proġetti ppreżentati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura wkoll monitoraġġ u rapportar komprensivi, inkluż informazzjoni dwar il-progress favur kopertura ġeografika effettiva u bbażata fuq il-kwalità madwar l-Unjoni u segwitu xieraq.

(58) Sabiex ikun allinjat man-natura komprensiva tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-proċess tal-għażla għal-proġetti appoġġati permezz ta' għotjiet jenħtieġ li jagħti prijorità lil proġetti li jindirizzaw impatti ambjentali multipli. Sabiex jappoġġaw ir-replikazzjoni u l-penetrazzjoni aktar rapida fis-suq tat-teknoloġiji jew tas-soluzzjonijiet appoġġati, jenħtieġ li l-proġetti ffinanzjati mill-Fond għall-Innovazzjoni jikkondividu l-għarfien ma' proġetti rilevanti oħra kif ukoll ma' riċerkaturi bbażati fl-Unjoni li jkollhom interess leġittimu.

(59) Il-Kuntratti għad-differenza (CDs), il-kuntratti għad-differenza għall-karbonju (CCDs) u l-kuntratti bi primjum fiss huma elementi importanti għall-iskattar fit-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-industrija, permezz ta' tkabbier ta' teknoloġiji ġodda, joffru l-opportunità li l-investituri f'teknoloġiji innovattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima jiġu ggarantiti prezz li jippremja t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ 'il fuq minn dak ikkawżat mil-livell tal-prezzijiet tal-karbonju prevalenti fl-EU ETS. Il-firxa ta' miżuri li jista' jappoġġa l-Fond għall-Innovazzjoni jenħtieġ li tiġi estiża biex tipprovdi appoġġ għall-proġetti permezz ta' offerti kompetittivi, li jwasslu għall-għoti ta' CDs, CCDs jew kuntratti bi primjum fiss. L-offerti kompetittivi jkunu mekkaniżmu importanti biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni u biex jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi disponibbli. Huma joffru wkoll ċertezza lill-investituri f'dawk it-teknoloġiji. Bil-ħsieb li tiġi minimizzata kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti għall-baġit tal-Unjoni, il-mitigazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tiġi żgurata fit-tfassil tas-CDs u s-CCDs u kopertura xierqa minn impenn baġitarju jenħtieġ li tiġi pprovduta b'kopertura sħiħa mill-inqas għall-ewwel żewġ ċikli ta' CDs u CDDs b'approprjazzjonijiet li jirriżultaw mir-rikavat tal-irkantar tal-kwoti allokati skont l-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Ma jeżisti l-ebda riskju bħal dan għal kuntratti bi primjum fiss minħabba li l-impenn legali se jkun kopert minn impenn baġitarju korrispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq, wara li tikkonkludi l-ewwel żewġ ċikli ta' CDs u CCDs, u kull darba li jkun meħtieġ wara dan, valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tar-riskji finanzjarji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex tipprovdi, abbażi tar-riżultati ta' dik il-valutazzjoni, għal rata ta' proviżjonament xierqa minflok kopertura sħiħa għal ċikli sussegwenti ta' CDs jew CCDs. Tali approċċ jenħtieġ li jqis kwalunkwe element li jista' jkun jnaqqas ir-riskji finanzjarji għall-baġit tal-Unjoni, minbarra l-kwoti disponibbli fil-Fond għall-Innovazzjoni, bħal kondiviżjoni possibbli tar-responsabbiltà mal-Istati Membri, fuq bażi volontarja, jew mekkaniżmu possibbli ta' riassigurazzjoni mis-settur privat. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu previsti derogi minn partijiet mit-Titolu X tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]). Ir-rata ta' proviżjonament għall-ewwel żewġ ċikli ta' CDs u CCDs jenħtieġ li tkun ta' 100 %.

Madankollu, b'deroga mill-Artikolu 210(1), l-Artikolu 211(1) u (2) u l-Artikolu 218(1) ta' dak ir-Regolament, rata minima ta' proviżjonament ta' 50 % kif ukoll sehem massimu ta' dħul mill-Fond għall-Innovazzjoni li jrid jintuża għall-proviżjonament ta' 30 % jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'din id-Direttiva għal ċikli sussegwenti ta' CDs u CCDs u l-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tispeċifika r-rata ta' proviżjonament meħtieġa abbażi tal-esperjenza mill-ewwel żewġ sejħiet għall-proposti u l-ammont ta' dħul li jrid jintuża għall-proviżjonament. Għalhekk, jenħtieġ li l-obbligazzjoni finanzjarja totali mġarrba mill-baġit tal-Unjoni ma taqbiżx is-60 % tar-rikavat mill-irkantar għall-Fond għall-Innovazzjoni. Barra minn hekk, peress li l-proviżjonament se jiġi, b'mod ġenerali, mill-Fond għall-Innovazzjoni, jenħtieġ li jsiru derogi mir-regoli fl-Artikoli 212, 213 u 214 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 relatati mal-fond ta' proviżjonament komuni stabbilit mill-Artikolu 212 ta' dak ir-Regolament. In-natura ġdida tas-CDs u tas-CCDs tista' teħtieġ ukoll derogi mill-Artikolu 209(2), il-punti (d) u (h), ta' dak ir-Regolament, peress li ma jiddependux fuq ingranaġġ/multiplikaturi jewjiddependu kompletament fuq valutazzjoni ex ante, mill-Artikolu 219(3), minħabba r-rabta mal-Artikolu 209(2), il-punt (d), u mill-Artikolu 219(6) tiegħu peress li s-sħab ta' implimentazzjoni mhux se jkollhom skoperturi ta' kreditu jew ekwità taħt garanzija. L-użu ta' kwalunkwe deroga mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jenħtieġ li jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda s-sehem massimu ta' dħul mill-Fond għall-Innovazzjoni li jrid jintuża għall-proviżjonament b'mhux aktar minn 20 punt perċentwali 'l fuq minn dak li huwa previst f'din id-Direttiva.

([19]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(60) Il-Fond għall-Innovazzjoni huwa soġġett għar-reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]).

(61) Meta l-attività ta' installazzjoni tiġi sospiża temporanjament, l-allokazzjoni bla ħlas tiġi aġġustata għal-livelli ta' attività li jiġu rrapportati b'mod obbligatorju kull sena. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissospendu l-ħruġ ta' kwoti tal-emissjonijiet lil installazzjonijiet li jkunu ssospendew l-operazzjonijiet, sakemm ma jkun hemm l-ebda evidenza li se jerġgħu jibdew l-operazzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ma jibqgħux jintalbu juru lill-awtorità kompetenti li l-installazzjoni tagħhom se terġa' tibda l-produzzjoni fi żmien speċifikat u raġonevoli f'każ ta' sospensjoni temporanja tal-attivitajiet.

(62) Il-korrezzjonijiet tal-allokazzjoni bla ħlas mogħtija lil installazzjonijiet stazzjonarji skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/87/KE jistgħu jirrikjedu l-għoti ta' kwoti bla ħlas addizzjonali jew it-trasferiment ta' kwoti żejda lura. Jenħtieġ li l-kwoti mwarrba għal parteċipanti ġodda skont l-Artikolu 10a(7) tad-Direttiva 2003/87/KE jintużaw għal dawk il-finijiet.

(63) Mill-2013 'l hawn, il-produtturi tal-elettriku kienu obbligati jixtru l-kwoti kollha li kellhom bżonn biex jiġġeneraw l-elettriku. Madankollu, skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE, xi Stati Membri għandhom l-għażla li jipprovdu allokazzjoni tranżitorja bla ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija għall-perjodu mill-2021 sal-2030. Tliet Stati Membri għażlu li jużaw dik l-għażla. Minħabba l-ħtieġa ta' dekarbonizzazzjoni rapida, speċjalment fis-settur tal-enerġija, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu din l-allokazzjoni tranżitorja bla ħlas biss għal investimenti mwettqa sal-31 ta' Diċembru 2024. Jenħtieġ li jkunu jistgħu jżidu kwalunkwe kwota li jifdal għall-perjodu mill-2021 sal-2030 li mhijiex użata għal investimenti bħal dawn, fil-proporzjon li jiddeterminaw, mal-kwantità totali ta' kwoti li l-Istat Membru kkonċernat jirċievi għall-irkantar, jew jużawhom biex jappoġġaw investimenti fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. Bl-eċċezzjoni tal-iskadenza għan-notifika tagħha, jenħtieġ li l-kwoti ttrasferiti lill-Fond għall-Modernizzazzjoni jkunu soġġetti għall-istess regoli li jikkonċernaw l-investimenti li huma applikabbli għall-kwoti diġà trasferiti skont l-Artikolu 10d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE. Biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u t-trasparenza fir-rigward tal-ammont ta' kwoti disponibbli jew għall-irkantar jew inkella għall-allokazzjoni tranżitorja bla ħlas, u fir-rigward tal-assi ġestiti mill-Fond għall-Modernizzazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ammonti ta' kwoti li jkun fadal li jridu jintużaw għal kull fini, rispettivament, sal-15 ta' Mejju 2024.

(64) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni jenħtieġ li jiġi allinjat mal-objettivi klimatiċi l-aktar reċenti tal-Unjoni billi jirrikjedi li l-investimenti jkunu konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-Regolament (UE) 2021/1119, u li jiġi eliminat l-appoġġ għal kwalunkwe investiment relatat mal-ġenerazzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili, minbarra fir-rigward tal-appoġġ għal tali investimenti bi dħul minn kwoti ttrasferiti volontarjament fil-Fond għall-Modernizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-appoġġ limitat għal tali investimenti jibqa' possibbli bi dħul mill-allokazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu, ta' dik id-Direttiva taħt ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari meta l-attività tikkwalifika bħala ambjentalment sostenibbli skont ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]) u fir-rigward tal-kwoti rkantati sal-2027. Għal din l-aħħar kategorija ta' kwoti, l-użi downstream tal-fjuwils fossili mhux solidi jenħtieġ li, barra minn hekk, ma jiġux appoġġati bi dħul minn kwoti rkantati wara l-2028. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-persentaġġ tal-Fond għall-Modernizzazzjoni li jeħtieġ li jiġi ddedikat għall-investimenti ta' prijorità jiżdied għal 80 % għall-kwoti tal-Fond għall-Modernizzazzjoni ttrasferiti f'konformità mal-Artikolu 10d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE u msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, u għal 90 % għall-ammont addizzjonali ta' 2,5 % mill-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha.

L-effiċjenza enerġetika inkluż fl-industrija, it-trasport, il-bini, l-agrikoltura u l-iskart; it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli; kif ukoll l-appoġġ għall-unitajiet domestiċi biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku, inkluż f'żoni rurali u remoti, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti ta' prijorità. Sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġi vvalutat aħjar l-impatt tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, jenħtieġ li l-Kumitat tal-Investiment jirrapporta kull sena lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima dwar l-esperjenza fl-evalwazzjoni tal-investimenti, b'mod partikolari f'termini ta' tnaqqis tal-emissjonijiet u kostijiet tat-tnaqqis.

([20]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

([21]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(65) Id-Direttiva (UE) 2018/410 introduċiet dispożizzjonijiet relatati mal-kanċellazzjoni mill-Istati Membri ta' kwoti mill-volum tal-irkant tagħhom fir-rigward tal-għeluq tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom. Fid-dawl taż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni u d-dekarbonizzazzjoni aċċelerata li tirriżulta tas-settur tal-elettriku, tali kanċellazzjoni saret dejjem aktar rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-użu ta' kanċellazzjoni mill-Istati Membri jistax jiġi ffaċilitat billi jiġu emendati l-atti delegati rilevanti adottati skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(66) L-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas introdotti fid-Direttiva (UE) 2018/410 u li saru effettivi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 ([22]) tejbu l-effiċjenza u l-inċentivi pprovduti mill-allokazzjoni bla ħlas, iżda żiedu l-piż amministrattiv u għamlu d-data storika tal-ħruġ tal-allokazzjoni bla ħlas tat-28 ta' Frar inoperattiva. Sabiex jitqiesu aħjar l-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas, huwa xieraq li jsiru aġġustamenti fiċ-ċiklu ta' konformità. Għalhekk, l-iskadenza għall-awtoritajiet kompetenti biex jagħtu allokazzjoni bla ħlas jenħtieġ li tiġi posposta mit-28 ta' Frar għat-30 ta' Ġunju u l-iskadenza għall-operaturi biex iċedu l-kwoti jenħtieġ li tiġi posposta mit-30 ta' April għat-30 ta' Settembru.

(67) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([23]) jistabbilixxi regoli dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet mill-bijomassa, li huma konsistenti mar-regoli dwar l-użu tal-bijomassa stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli. Hekk kif il-leġiżlazzjoni ssir aktar elaborata dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa bl-aħħar regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]), l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni tal-aġġustamenti meħtieġa għall-applikazzjoni fl-EU ETS tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa, inklużi l-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlitiet ta' bijomassa b'rata żero u bijomassa li mhijiex minn sorsi b'rata żero.

(68) Il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jistgħu jkunu importanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati. Meta l-fjuwils tal-karbonju riċiklati u l-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġu prodotti minn $CO_2$ maqbud taħt attività koperta minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-emissjonijiet jitqiesu taħt dik l-attività. Biex jiġi żgurat li l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u biex jiġi evitat għadd doppju għall-fjuwils li jagħmlu dan, huwa xieraq li l-għoti tas-setgħa msemmi fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-aġġustamenti meħtieġa għal kif għandu jitqies ir-rilaxx eventwali ta' $CO_2$, b'mod li jiżgura li jitqiesu l-emissjonijiet kollha, inkluż meta tali fjuwils jiġu prodotti minn $CO_2$maqbud barra l-Unjoni, filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju u jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ inċentivi xierqa għall-qbid tal-emissjonijiet, filwaqt li jitqies ukoll it-trattament ta' dawk il-fjuwils skont id-Direttiva (UE) 2018/2001.

(69) Billi s-$CO_2$ huwa mistenni li jiġi ttrasportat ukoll b'mezzi oħrajn għajr pipelines, bħal bil-bastimenti u bit-trakkijiet, jenħtieġ li l-kopertura attwali fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE għat-trasport ta' gassijiet serra għall-fini tal-ħżin tiġi estiża għall-mezzi kollha tat-trasport għal raġunijiet ta' trattament ugwali u irrispettivament minn jekk il-mezzi tat-trasport humiex koperti mill-EU ETS. Meta l-emissjonijiet mit-trasport ikunu koperti wkoll minn attività oħra skont id-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li l-emissjonijiet jitqiesu taħt dik l-attività l-oħra biex jiġi evitat għadd doppju.

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 tal-31 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività (ĠU L 282, 4.11.2019, p. 20).

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

([24]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82)

(70) L-esklużjoni mill-EU ETS ta' installazzjonijiet li jużaw esklussivament il-bijomassa wasslet għal sitwazzjonijiet fejn l-installazzjonijiet li jaħarqu sehem għoli ta' bijomassa jkunu kisbu profitti mhux previsti billi jkunu rċevew kwoti bla ħlas li jaqbżu bil-kbir l-emissjonijiet attwali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi introdott valur ta' livell limitu għall-kombustjoni tal-bijomassa b'rata żero, li 'l fuq minnu l-installazzjonijiet jiġu esklużi mill-EU ETS. L-introduzzjoni ta' livell limitu jipprovdi aktar ċertezza dwar liema installazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS u jippermetti li l-kwoti bla ħlas jitqassmu b'mod aktar ugwali lil setturi li jinsabu f'riskju akbar ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod partikolari. Jenħtieġ li l-livell limitu jiġi stabbilit f'livell ta' 95 % biex jiġu bbilanċjati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi għall-installazzjonijiet li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS. Għalhekk, l-installazzjonijiet li żammew il-kapaċità fiżika li jaħarqu l-fjuwils fossili jenħtieġ li ma jiġux inċentivati biex jerġgħu lura għall-użu ta' tali fjuwils. Livell limitu ta' 95 % jiżgura li jekk installazzjoni tuża fjuwils fossili bil-għan li tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS biex tibbenefika minn kwoti ta' allokazzjoni bla ħlas, il-kostijiet tal-karbonju relatati mal-użu ta' dawk il-fjuwils fossili jkunu importanti biżżejjed biex jaġixxu ta' diżinċentiv.

Dak il-livell limitu jiżgura wkoll li l-installazzjonijiet li jużaw kwantità mdaqqsa ta' fjuwils fossili jibqgħu taħt l-obbligi ta' monitoraġġ tal-EU ETS, u b'hekk tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni potenzjali tal-obbligi eżistenti ta' monitoraġġ, rapportar u verifika. Fl-istess ħin, installazzjonijiet li jaħarqu sehem aktar baxx ta' bijomassa b'rata żero jenħtieġ li jkomplu jiġu mħeġġa, permezz ta' mekkaniżmu flessibbli, biex ikomplu jnaqqsu l-kombustjoni tal-fjuwils fossili filwaqt li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS sakemm l-użu tagħhom tal-bijomassa sostenibbli jkun tant sostanzjali li l-inklużjoni tagħhom taħt l-EU ETS ma tibqax ġustifikata. Barra minn hekk, l-esperjenza uriet li l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa, li effettivament hija livell limitu ta' 100 % ħlief għall-kombustjoni tal-fjuwils fossili matul il-fażijiet tal-bidu u tat-tmiem tat-tħaddim, teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid u definizzjoni aktar preċiża. Il-livell limitu ta' 95 % jippermetti l-kombustjoni tal-fjuwils fossili matul il-fażijiet tal-bidu u tat-tmiem tat-tħaddim.

(71) Sabiex jinċentivaw l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'livell baxx u żero ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-operaturi bl-għażliet li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS sa tmiem il-perjodu attwali u dak tal-ħames snin li jmiss imsemmi fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE jekk l-installazzjoni tbiddel il-proċess ta' produzzjoni tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha u ma tibqax tissodisfa l-livell limitu ta' 20 MW tal-input termiku nominali totali.

(72) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ippubblikat ir-rapport finali tagħha dwar il-kwoti ta' emissjonijiet u derivattivi assoċjati fit-28 ta' Marzu 2022. Ir-rapport huwa analiżi komprensiva tal-integrità tas-suq Ewropew tal-karbonju u pprovda għarfien espert u rakkomandazzjonijiet fir-rigward taż-żamma tal-funzjonament xieraq tas-suq tal-karbonju. Sabiex jiġu mmonitorjati kontinwament l-integrità u t-trasparenza tas-suq, ir-rapportar mill-ESMA jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi regolari. L-ESMA diġà qiegħda tivvaluta l-iżviluppi tas-suq u, meta jkun meħtieġ, tipprovdi rakkomandazzjonijiet, fil-qasam tal-kompetenza tagħha, fir-rapporti tagħha dwar xejriet, riskji u vulnerabbiltajiet skont l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]). L-analiżi tas-suq Ewropew tal-karbonju, li tinkludi l-irkanti tal-kwoti tal-emissjonijiet, in-negozjar fuq il-post u barra l-borża fil-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom, jenħtieġ li tkun parti minn dak ir-rapportar annwali. Dan l-obbligu jwassal għas-simplifikar tar-rapportar magħmul mill-ESMA u jippermetti tqabbil bejn is-swieq, b'mod partikolari minħabba rabtiet b'saħħithom bejn l-EU ETS u s-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet.

Tali analiżi regolari mill-ESMA jenħtieġ li b'mod partikolari timmonitorja kwalunkwe volatilità tas-suq u l-evoluzzjoni tal-prezzijiet, l-operat tal-irkantijiet u l-operazzjonijiet tan-negozjar fis-suq, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u l-kategoriji u l-imġiba kummerċjali tal-parteċipanti fis-suq, inkluża attività spekulattiva li jkollha impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet. Jenħtieġ li l-valutazzjonijiet tagħha, meta jkun rilevanti, jinkludu rakkomandazzjonijiet biex jittejbu l-integrità u t-trasparenza tas-suq kif ukoll l-obbligi ta' rapportar, u biex jissaħħu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-abbuż tas-suq u biex tingħata għajnuna għaż-żamma ta' swieq ordnati għall-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis kif xieraq il-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fil-kuntest tar-rapport annwali dwar is-suq tal-karbonju u, fejn meħtieġ, fir-rapporti biex tiżgura l-funzjonament aħjar tas-suq tal-karbonju.

([25]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(73) Sabiex jiġu inċentivati aktar l-investimenti meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali u jiġu indirizzati l-aspetti soċjali relatati mal-prezzijiet għolja tal-enerġija u l-intensità għolja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-installazzjonijiet tat-tisħin distrettwali, fl-Istati Membri b'sehem għoli ħafna ta' emissjonijiet minn tisħin distrettwali meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu japplikaw għal allokazzjoni tranżitorja bla ħlas addizzjonali għall-installazzjonijiet tat-tisħin distrettwali, u jenħtieġ li l-valur addizzjonali tal-allokazzjoni bla ħlas jiġi investit biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet qabel l-2030. Biex jiġi żgurat li dak it-tnaqqis iseħħ, jenħtieġ li l-allokazzjoni tranżitorja bla ħlas addizzjonali tkun kondizzjonali fuq l-investimenti magħmula u fuq it-tnaqqis fl-emissjonijiet miksuba kif stabbilit fi pjanijiet tan-newtralità klimatika li jridu jitfasslu mill-operaturi għall-installazzjonijiet rilevanti tagħhom.

(74) Żidiet eċċessivi mhux mistennija jew f'daqqa fil-prezzijiet fis-suq tal-karbonju jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-prevedibbiltà tas-suq, li hija essenzjali għall-ippjanar tal-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, il-miżura li tapplika f'każ ta' fluttwazzjonijiet eċċessivi tal-prezzijiet fis-suq għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet koperti mill-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li tissaħħaħ b'attenzjoni biex tittejjeb ir-reattività tagħha għal flutwazzjonijiet mhux ġustifikati fil-prezzijiet. Jekk il-kundizzjoni ta' skattar bbażata fuq iż-żieda fil-prezz medju tal-kwoti tiġi ssodisfata, din il-miżura ta' salvagwardja bbażata fuq ir-regoli jenħtieġ li tiġi applikata awtomatikament, b'hekk jirriżulta f'rilaxx ta' għadd predeterminat ta' kwoti mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]). Il-kundizzjoni ta' skattar jenħtieġ li tiġi mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni u ppubblikata kull xahar biex tittejjeb it-trasparenza. Biex jiġi żgurat l-irkantar ordnat tal-kwoti rilaxxati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq skont din il-miżura ta' salvagwardja u biex tittejjeb il-prevedibbiltà tas-suq, jenħtieġ li din il-miżura ma terġax tapplika sa mill-inqas tnax-il xahar wara t-tmiem tar-rilaxx preċedenti tal-kwoti fis-suq skont il-miżura.

(75) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2020 bit-titolu "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 - Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" issottolinjat l-isfida partikolari li jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq. Għalhekk, il-Kummissjoni ħabbret li espansjoni ulterjuri tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tista' tinkludi emissjonijiet mill-bini u mit-trasport bit-triq, filwaqt li indikat li l-kopertura tal-emissjonijiet kollha mil-kombustjoni tal-fjuwil tippreżenta benefiċċji importanti. L-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jenħtieġ li jiġi applikat għall-fjuwils użati għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u t-trasport bit-triq kif ukoll f'setturi addizzjonali li jikkorrispondu għal attivitajiet industrijali mhux koperti mill-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE bħat-tisħin ta' faċilitajiet industrijali ("setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali"). Għal dawk is-setturi, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet separata iżda b'mod parallel biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li tiffunzjona tajjeb għall-installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni. Is-sistema l-ġdida hija akkumpanjata minn politiki komplementari li jsawru l-aspettattivi tal-parteċipanti fis-suq u li jimmiraw għal sinjal tal-prezz tal-karbonju għall-ekonomija kollha filwaqt li jipprovdu miżuri biex jiġu evitati impatti bla bżonn fuq il-prezzijiet. L-esperjenza preċedenti wriet li l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida jeħtieġ l-istabbiliment ta' sistema effiċjenti ta' monitoraġġ, rapportar u verifika. Bil-ħsieb li jiġu żgurati sinerġiji u konsistenza mal-infrastruttura eżistenti tal-Unjoni għall-EU ETS, huwa xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali permezz ta' emenda għad-Direttiva 2003/87/KE.

(76) Sabiex jiġi stabbilit il-qafas ta' implimentazzjoni meħtieġ u jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli biex tintlaħaq il-mira tal-2030, jenħtieġ li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jibda fl-2025. Matul l-ewwel snin, jenħtieġ li l-entitajiet regolati jkunu meħtieġa jżommu permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jirrapportaw l-emissjonijiet tagħhom għas-snin mill-2024 sal-2026. Jenħtieġ li l-ħruġ ta' kwoti u l-obbligi ta' konformità għal dawk l-entitajiet ikunu applikabbli mill-2027. Dan is-sekwenzjar jippermetti l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet f'dawk is-setturi jibda b'mod ordnat u effiċjenti. Dan jippermetti wkoll li l-miżuri jkunu fis-seħħ biex tiġi żgurata introduzzjoni soċjalment ġusta tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, sabiex jittaffa l-impatt tal-prezz tal-karbonju fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli u fuq l-utenti tat-trasport.

(77) Minħabba l-għadd kbir ħafna ta' emittenti żgħar fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit il-punt ta' regolamentazzjoni fil-livell ta' entitajiet li jarmu direttament gassijiet serra, kif inhu l-każ għall-installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni. Għalhekk, għal raġunijiet ta' fattibbiltà teknika u effiċjenza amministrattiva, huwa aktar xieraq li jiġi stabbilit il-punt ta' regolamentazzjoni aktar 'il fuq fil-katina tal-provvista. L-att li jiskatta l-obbligu ta' konformità taħt is-sistema l-ġdida ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jenħtieġ li jkun ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-

([26]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).

trasport bit-triq, inkluż għalt-trasport bit-triq ta' gassijiet serra għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku tagħhom, kif ukoll fis-setturi addizzjonali li jikkorrispondu għal attivitajiet industrijali mhux koperti mill-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE. Biex tiġi evitata kopertura doppja, ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw f'attivitajiet skont l-Anness I ta' dik id-Direttiva ma jenħtieġx li jiġi kopert.

(78) L-entitajiet regolati fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali u l-punt ta' regolamentazzjoni jenħtieġ li jiġu definiti f'konformità mas-sistema tad-dazju tas-sisa stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 ([27]), bl-adattamenti meħtieġa, billi dik id-Direttiva diġà tistabbilixxi sistema robusta ta' kontroll għall-kwantitajiet kollha ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum għall-finijiet tal-ħlas tad-dazji tas-sisa. Il-konsumaturi finali tal-fjuwils f'dawk is-setturi jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-obbligi skont id-Direttiva 2003/87/KE.

(79) L-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rekwiżiti simili ta' permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra bħall-operaturi ta' installazzjonijiet stazzjonarji. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-applikazzjonijiet għal permessi, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi, il-kontenut, u r-rieżami, u kwalunkwe bidla relatata mal-entità regolata. Sabiex is-sistema l-ġdida tibda b'mod ordnat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ikollhom permess validu mill-bidu tas-sistema fl-2025.

(80) Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti għas-sistema l-ġdida ta' kwoti tal-emissjonijiet issegwi trajettorja lineari biex tilħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030, filwaqt li jitqies il-kontribut kosteffiċjenti tas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 43 % sal-2030, meta mqabbel mal-2005 u tas-setturi addizzjonali, kontribut kosteffiċjenti kkombinat ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 42 % sal-2030, meta mqabbel mal-2005. Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita għall-ewwel darba fl-2027 biex issegwi trajettorja li tibda fl-2024 mill-valur tal-limiti tal-emissjonijiet tal-2024, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]) abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza għal dawn is-setturi koperti għall-2005 u għall-perjodu mill-2016 sal-2018 kif determinat skont l-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi stabbilit għal 5,10 %. Mill-2028, jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita abbażi tal-emissjonijiet medji rrapportati għas-snin 2024, 2025 u 2026, u jenħtieġ li tonqos bl-istess rata ta' tnaqqis annwali assolut kif stabbilit mill-2024, li jikkorrispondi għal fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,38 % meta mqabbel mal-valur komparabbli tal-2025 tat-trajettorja definita hawn fuq. Jekk dawk l-emissjonijiet ikunu ogħla b'mod sinifikanti minn dak il-valur tat-trajettorja u jekk tali diverġenza ma tkunx dovuta għal differenzi fuq skala żgħira fil-metodoloġiji tal-kejl tal-emissjonijiet, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi aġġustat biex jintlaħaq il-livell ta' tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet fl-2030.

(81) L-irkantar tal-kwoti huwa l-aktar metodu sempliċi u ekonomikament effiċjenti għall-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet, u jevita wkoll profitti mhux previsti. Kemm is-settur tal-bini kif ukoll dak tat-trasport bit-triq huma taħt pressjoni kompetittiva relattivament żgħira jew mhux eżistenti minn barra l-Unjoni u mhumiex esposti għal riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk, jenħtieġ li l-kwoti għall-bini u għat-trasport bit-triq jiġu allokati biss permezz ta' rkantar, mingħajr ma jkun hemm allokazzjoni bla ħlas.

(82) Sabiex jiġi żgurat bidu bla xkiel tas-sistema ta' kwoti tal-emissjonijiet il-ġdida u b'kont meħud tal-ħtieġa tal-entitajiet regolati li jiħħeġġjaw jew jixtru kwoti bil-quddiem biex itaffu r-riskju tagħhom tal-prezz u tal-likwidità, jenħtieġ li jiġu rkantati ammont ogħla ta' kwoti minn kmieni. Għalhekk, jenħtieġ li l-volumi tal-irkant fl-2027 ikunu 30 % ogħla mill-kwantità totali tal-kwoti għall-2027. Dan l-ammont ikun biżżejjed biex jipprovdi likwidità, kemm jekk l-emissjonijiet jonqsu f'konformità mat-tnaqqis meħtieġ, kif ukoll f'każ li t-tnaqqis fl-emissjonijiet iseħħ biss b'mod progressiv. Jenħtieġ li r-regoli dettaljati għal dak it-tqassim minn qabel tal-volum tal-irkant jiġu stabbiliti f'att delegat relatat mal-irkantar, adottat skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

([27]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

([28]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

(83) Ir-regoli ta’ distribuzzjoni dwar l-ishma tal-irkant huma rilevanti ħafna għal kwalunkwe dħul mill-irkant li jakkumula għall-Istati Membri, speċjalment fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jindirizzaw l-impatti soċjali ta’ sinjal tal-prezz tal-karbonju fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq. Minkejja l-fatt li dawk is-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali għandhom karatteristiċi differenti ħafna, huwa xieraq li tiġi stabbilita regola ta’ distribuzzjoni komuni simili għal dik applikabbli għall-installazzjonijiet stazzjonarji. Il-maġġoranza tal-kwoti jenħtieġ li titqassam fost l-Istati Membri kollha abbażi tad-distribuzzjoni medja tal-emissjonijiet fit-trasport bit-triq, il-bini kummerċjali u istituzzjonali u l-bini residenzjali, matul il-perjodu mill-2016 sal-2018.

(84) L-introduzzjoni tal-prezz tal-karbonju fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn kumpens soċjali effettiv, speċjalment fid-dawl tal-livelli eżistenti ta’ faqar enerġetiku. Madwar 34 miljun ċittadin Ewropew, kważi 6,9 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni, qalu li ma jistgħux jaffordjaw li jsaħħnu djarhom b’mod suffiċjenti fi stħarriġ li sar fl-2021 madwar l-Unjoni kollha. Biex jinkiseb kumpens soċjali u distributtiv effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jonfqu d-dħul mill-irkant mill-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali għall-finijiet relatati mal-klima u l-enerġija diġà speċifikati għas-sistema eżistenti ta’ skambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet, billi jagħtu prijorità lil attivitajiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-aspetti soċjali tal-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, jew għal miżuri miżjuda speċifikament biex jindirizzaw it-tħassib relatat għal dawk is-setturi, inklużi miżuri ta’ politika relatati skont id-Direttiva 2012/27/UE.

Fond Soċjali għall-Klima ġdid stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]) se jipprovdi finanzjament iddedikat lill-Istati Membri biex jappoġġaw lill-gruppi vulnerabbli l-aktar affettwati, speċjalment l-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew tat-trasport. Il-Fond Soċjali għall-Klima ser jippromwovi l-ġustizzja u s-solidarjetà bejn u fi ħdan l-Istati Membri, filwaqt li jtaffi r-riskju tal-faqar enerġetiku u tat-trasport matul it-tranżizzjoni. Huwa se jibni fuq il-mekkaniżmi ta’ solidarjetà eżistenti u jikkomplementahom, f’sinerġija ma’ programmi u fondi oħra ta’ nfiq tal-Unjoni. 50 miljun kwota mill-EU ETS skont l-Artikolu 10a(8b) tad-Direttiva 2003/87/KE u 150 miljun kwota mill-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, u d-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti li jikkonċernaw is-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, sa massimu ta’ EUR 65 000 000 000, jenħtieġ li jintużaw għall-finanzjament tal-Fond Soċjali għall-Klima fil-forma ta’ dħul assenjat estern fuq bażi temporanja u eċċezzjonali, sakemm isiru d-diskussjonijiet u d-deliberazzjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Diċembru 2021 għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea rigward l-istabbiliment ta’ riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-EU ETS f’konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu,) tat-TFUE.

Huwa meħtieġ li jiġi previst li, meta tiġi adottata deċiżjoni f’konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE li tistabbilixxi dik ir-riżorsa proprja ġdida, jenħtieġ li, meta tali deċiżjoni tidħol fis-seħħ, l-istess dħul ma jibqax assenjat esternament. Fir-rigward tal-Fond Soċjali għall-Klima, f’każ tal-adozzjoni ta’ tali deċiżjoni, il-Kummissjoni trid tippreżenta, kif xieraq, il-proposti meħtieġa f’konformità mal-Artikolu 27(4) tar-Regolament (UE) 2023/955. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta’ wara l-2027.

(85) Ir-rapportar dwar l-użu tad-dħul mill-irkantar jenħtieġ li jiġi allinjat mar-rapportar attwali stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1999.

(86) L-entitajiet regolati koperti mis-sistema l-ġdida ta’ skambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet jenħtieġ li jċedu l-kwoti għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta’ fjuwils li jkunu rrilaxxaw għall-konsum. Jenħtieġ li huma jċedu l-kwoti għall-ewwel darba għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom fl-2027. Sabiex jitnaqqas kemm jista’ jkun il-piż amministrattiv, għadd ta’ regoli applikabbli għas-sistema eżistenti tal-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni jenħtieġ li jsiru applikabbli għas-sistema l-ġdida ta’ skambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq oħrajn addizzjonali, bl-adattamenti meħtieġa. Dan jinkludi, b’mod partikolari, regoli dwar it-trasferiment, iċ-ċediment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, kif ukoll ir-regoli dwar il-validità tal-kwoti, il-penali, l-awtoritajiet kompetenti u l-obbligi ta’ rapportar tal-Istati Membri.

([29]) Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (Ara paġna 1 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(87) Ċerti Stati Membri diġà għandhom taxxi nazzjonali fuq il-karbonju li japplikaw għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali koperti mill-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi introdotta deroga temporanja sa tmiem l-2030. Biex jiġi żgurat li l-objettivi tad-Direttiva 2003/87/KE jinkisbu u li s-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet hija koerenti, jenħtieġ li l-għażla tal-applikazzjoni ta' dik id-deroga tkun disponibbli biss meta r-rata tat-taxxa nazzjonali tkun ogħla mill-prezz medju tal-irkantar għas-sena rilevanti, u jenħtieġ li tapplika biss għall-obbligu ta' ċediment tal-entitajiet regolati li jħallsu tali taxxa. Biex jiġu żgurati l-istabbiltà u t-trasparenza tas-sistema, it-taxxa nazzjonali, inkluż ir-rati tat-taxxa rilevanti, jenħtieġ li tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni sat-tmiem il-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Id-deroga jenħtieġ li ma taffettwax id-dħul assenjat estern għall-Fond Soċjali għall-Klima jew, jekk stabbilita skont l-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE, riżorsa proprja bbażata fuq id-dħul mill-iskambju tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali.

(88) Sabiex l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jkun effettiv, jenħtieġ li jkun possibbli li l-emissjonijiet jiġu mmonitorjati b'ċertezza għolja u b'kost raġonevoli. Jenħtieġ li l-emissjonijiet jiġu attribwiti lill-entitajiet regolati abbażi tal-kwantitajiet ta' fjuwil rilaxxati għall-konsum u kkombinati ma' fattur ta' emissjoni. Jenħtieġ li l-entitajiet regolati jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddifferenzjaw b'mod affidabbli u preċiż is-setturi li fihom jiġu rilaxxati l-fjuwils għall-konsum, kif ukoll l-utenti finali tal-fjuwils, sabiex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa, bħal piż doppju. Fl-għadd żgħir ta' każijiet meta ma jistax jiġi evitat l-għadd doppju bejn l-emissjonijiet fl-EU ETS eżistenti u s-sistema l-ġdida ta' skambju ta' emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, jew meta l-kostijiet jirriżultaw minħabba ċ-ċediment tal-kwoti għall-emissjonijiet minn attivitajiet mhux koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw tali dħul biex jikkumpensaw għall-għadd doppju inevitabbli jew kostijiet oħra bħal dawn barra s-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi biex jiġi evitat l-għadd doppju u ċ-ċediment ta' kwoti għal emissjonijiet mhux koperti mis-sistema ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, u biex jiġi pprovdut kumpens finanzjarju. Biex tkompli tittaffa kwalunkwe kwistjoni ta' għadd doppju, l-iskadenzi għall-monitoraġġ u ċ-ċediment fis-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jenħtieġ li tkun xahar wara l-iskadenzi fis-sistema eżistenti għall-installazzjonijiet stazzjonarji u l-avjazzjoni. Biex ikun hemm biżżejjed data biex tiġi stabbilita l-kwantità totali ta' kwoti għall-perjodu mill-2028 sal-2030, l-entitajiet regolati li jkollhom permess fil-bidu tas-sistema fl-2025 jenħtieġ li jirrapportaw l-emissjonijiet storiċi assoċjati tagħhom għall-2024.

(89) It-trasparenza fir-rigward tal-kostijiet tal-karbonju u sa liema punt jiġu mogħdija fuq il-konsumaturi huma ta' importanza ewlenija biex ikun jista' jsir tnaqqis rapidu u kosteffiċjenti tal-emissjonijiet fis-setturi kollha tal-ekonomija. Dan huwa ta' importanza partikolari f'sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li hija bbażata fuq obbligi upstream. Is-sistema l-ġdida ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet huwa maħsub biex jinċentiva lill-entitajiet regolati biex inaqqsu l-kontenut tal-karbonju tal-fjuwils u jenħtieġ li tali entitatjiet ma jagħmlux profitti mhux dovuti billi jiġu mogħdija aktar kostijiet tal-karbonju fuq il-konsumaturi milli jġarrbu huma. Filwaqt li l-irkantar sħiħ tal-kwoti tal-emissjonijiet skont is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali diġà jillimita l-okkorrenza ta' tali profitti mhux dovuti, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja sa liema punt l-entitajiet regolati jgħaddu l-kostijiet tal-karbonju, sabiex jiġu evitati profitti mhux mistennija. Fir-rigward tal-Kapitolu IVa, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sena, meta jkun possibbli skont it-tip ta' fjuwil, dwar il-livell medju tal-ispejjeż tal-karbonju li jkunu ġew mogħdija fuq il-konsumaturi fl-Unjoni.

(90) Huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri biex jiġi indirizzat ir-riskju potenzjali ta' żidiet eċċessivi fil-prezzijiet, li, jekk ikunu partikolarment għoljin fil-bidu tas-sistema tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet il-ġdida, jistgħu jimminaw ir-rieda tal-unitajiet domestiċi u tal-individwi li jinvestu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jikkomplementaw is-salvagwardji pprovduti mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq u li saru operattivi fl-2019. Filwaqt li s-suq se jkompli jiddetermina l-prezz tal-karbonju, il-miżuri ta' salvagwardja se jiġu skattati permezz ta' mekkaniżmu awtomatiku bbażat fuq ir-regoli, fejn il-kwoti jiġu rilaxxati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq biss jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet konkreti ta' skattar, wieħed jew aktar, ibbażati fuq iż-żieda fil-prezz medju tal-kwoti. Dan il-mekkaniżmu addizzjonali jenħtieġ li jkun ukoll reattiv ferm, sabiex tiġi indirizzata l-volatilità eċċessiva dovuta għal fatturi għajr dak ta' tibdil fil-prinċipji fundamentali tas-suq. Jenħtieġ li l-miżuri jiġu adattati għal livelli differenti ta' żieda eċċessiva fil-prezzijiet, li tirriżulta fi gradi differenti ta' intervent. Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet tal-iskattar jiġu mmonitorjati mill-qrib mill-Kummissjoni u jenħtieġ li l-miżuri jiġu adottati mill-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' urġenza meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament li jistgħu jadottaw l-Istati Membri biex jindirizzaw l-impatti soċjali negattivi.

(91) Sabiex tiżdied iċ-ċertezza għaċ-ċittadini li l-prezz tal-karbonju fis-snin inizjali tas-sistema l-ġdida tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ma jaqbiżx il-EUR 45, huwa xieraq li jiġi inkluż mekkaniżmu addizzjonali ta' stabbiltà tal-prezzijiet biex jiġu rilaxxati kwoti mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq f'każ li l-prezz tal-karbonju jaqbeż dak il-livell. Fil-prinċipju, il-miżura jenħtieġ li tapplika darba matul perjodu ta' 12-il xahar. Madankollu, jenħtieġ li tkun tista' terġa' tapplika wkoll matul l-istess perjodu ta' 12-il xahar meta l-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima, tqis li l-evoluzzjoni tal-prezz tiġġustifika rilaxx ieħor tal-kwoti. Fid-dawl tal-għan ta' dan il-mekkaniżmu li jiżgura l-istabbiltà fis-snin inizjali tas-sistema l-ġdida tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-funzjonament tiegħu u jekk jenħtieġx li jitkompla wara l-2029.

(92) Bħala mekkaniżmu ta' salvagwardja addizzjonali qabel il-bidu tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi ttardjata l-applikazzjoni tal-limitu massimu u l-obbligi ta' ċediment meta l-prezzijiet bl-ingrossa tal-gass jew taż-żejt ikunu eċċezzjonalment għoljin meta mqabbla max-xejriet storiċi. Il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkun awtomatiku, jiġifieri li l-applikazzjoni tal-limitu massimu u l-obbligi ta' ċediment jiddewmu b'sena jekk jiġu ssodisfati l-iskattaturi konkreti tal-prezz tal-enerġija. Il-prezzijiet ta' referenza jenħtieġ li jiġu ddeterminati abbażi ta' kuntratti ta' referenza fis-swieq bl-ingrossa tal-gass u taż-żejt li huma disponibbli immedjatament u l-aktar rilevanti għall-konsumaturi finali. Jenħtieġ li jiġu previsti kundizzjonijiet ta' skattar separati għall-prezzijiet tal-gass u taż-żejt, peress li l-iżviluppi fil-prezzijiet tagħhom isegwu xejriet storiċi differenti. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tas-suq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi ċarezza dwar l-applikazzjoni tad-dewmien biżżejjed minn qabel, permezz ta' avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(93) L-applikazzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jenħtieġ li tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni, inkluż il-grad ta' konverġenza fil-prezzijiet mal-EU ETS eżistenti u, jekk ikun meħtieġ, jenħtieġ li jiġi propost rieżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jittejbu l-effettività, l-amministrazzjoni u l-applikazzjoni prattika tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal dawk is-setturi abbażi tal-għarfien miksub, kif ukoll konverġenza miżjuda fil-prezzijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tintalab tippreżenta l-ewwel rapport dwar dawk il-kwistjonijiet sal-1 ta' Jannar 2028.

(94) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3ga(2), l-Artikolu 3gf(2) u (4), l-Artikolu 10b(4), l-Artikolu 12(3-d) u (3-c), l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 30f(3) u (5) u l-Artikolu 30h(7) tad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Biex jiġu żgurati sinerġiji mal-qafas regolatorju eżistenti, l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikoli 14 u 15 ta' dik id-Direttiva jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri s-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u setturi addizzjonali. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni, ħlief is-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 3gf(2) u l-Artikolu 12(3-d) u (3-c) tad-Direttiva 2003/87/KE, ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]).

(95) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva u f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk fir-Regolament (UE) 2021/1119, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jagħmlu użu mill-evidenza xjentifika l-aktar reċenti waqt l-implimentazzjoni tal-politiki. Għalhekk, meta l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jipprovdi pariri xjentifiċi u joħroġ rapporti dwar l-EU ETS, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis tali pariri u rapporti, b'mod partikolari, fir-rigward tal-ħtieġa għal politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-konformità mal-objettivi u l-miri tar-Regolament (UE) 2021/1119, u politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tal-ambizzjoni u l-integrità ambjentali ta' miżuri globali bbażati fuq is-suq għall-avjazzjoni u t-trasport marittimu.

(96) Biex tiġi rikonoxxuta l-kontribuzzjoni tad-dħul tal-EU ETS għat-tranżizzjoni klimatika, jenħtieġ li tiġi introdotta tikketta tal-EU ETS. Fost miżuri oħra biex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-finanzjament mill-EU ETS, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw li l-proġetti u l-attivitajiet appoġġati permezz tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Fond għall-Innovazzjoni jiġu indikati b'mod ċar bħala li ġejjin mid-dħul tal-EU ETS billi juru tikketta xierqa.

([30]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(97) Bl-għan li jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119, jenħtieġ li tiġi stabbilita mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040, abbażi ta' proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dak ir-Regolament. L-EU ETS jenħtieġ li tiġi rieżaminata biex tiġi allinjata mal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040. Bħala riżultat, sa Lulju 2026, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar diversi aspetti tal-EU ETS, u takkumpanja r-rapport, meta jkun xieraq, bi proposta leġiżlattiva u valutazzjoni tal-impatt. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119, jenħtieġ li tingħata prijorità lit-tnaqqis tal-emissjonijiet diretti, li se jkollu jiġi kkomplementat minn żieda fl-assorbimenti tal-karbonju sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika. Għalhekk, fost aspetti oħra, sa Lulju 2026 il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif l-emissjonijiet imneħħija mill-atmosfera u maħżuna b'mod sikur u permanenti, pereżempju permezz tal-qbid dirett mill-arja, jistgħu potenzjalment jiġu koperti mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, mingħajr ma jiġi kkumpensat it-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet. Sakemm l-istadji kollha tal-ħajja ta' prodott, li fih jintuża l-karbonju maqbud, ikunu soġġetti għall-ipprezzar tal-karbonju, b'mod partikolari fl-istadju tal-inċinerazzjoni tal-iskart, id-dipendenza fuq il-kontabbiltà għall-emissjonijiet fil-punt tar-rilaxx tagħhom mill-prodotti fl-atmosfera tirriżulta f'sottovalutazzjoni tal-emissjonijiet.

Sabiex tirregola l-qbid tal-karbonju b'mod li jnaqqas l-emissjonijiet netti u tiżgura li l-emissjonijiet kollha kkunsidrati u li jiġi evitat l-għadd doppju, filwaqt li tiġġenera inċentivi ekonomiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta, sa Lulju 2026, jekk l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE humiex effettivament ikkunsidrati, u jekk l-għadd doppju huwiex effettivament evitat. B'mod partikolari, jenħtieġ li tivvaluta l-kontabbiltà għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jitqiesu li jkunu nqabdu u ntużaw fi prodott b'mod differenti minn dak imsemmi fl-Artikolu 12(3b), u tqis l-istadji downstream, inkluż ir-rimi u l-inċinerazzjoni tal-iskart. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fattibbiltà li jitnaqqsu l-livelli limitu massimi ta' input termiku nominali totali ta' 20 MW għall-attivitajiet fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji ambjentali u l-piż amministrattiv.

(98) Sa Lulju 2026, il-Kummissjoni jenħtieġ ukoll li tivvaluta u tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fattibbiltà tal-inklużjoni tal-installazzjonijiet tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-EU ETS, inkluż bil-ħsieb tal-inklużjoni tagħhom mill-2028, u jipprovdi valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali li Stat Membru jkollu l-għażla li ma jipparteċipax sa tmiem l-2030, filwaqt li titqies l-importanza tas-setturi kollha li jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-emissjonijiet. L-inklużjoni ta' installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-EU ETS tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari billi tinkoraġġixxi r-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u t-tiswija tal-prodotti, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għad-dekarbonizzazzjoni fl-ekonomija kollha. L-inklużjoni tal-installazzjonijiet tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali ssaħħaħ l-inċentivi għall-ġestjoni sostenibbli tal-iskart f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn ir-reġjuni li jkunu inkludew l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS.

Biex tiġi evitata d-devjazzjoni tal-iskart mill-installazzjonijiet tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali lejn il-landfills fl-Unjoni, li joħolqu emissjonijiet tal-metan, u biex jiġu evitati l-esportazzjonijiet tal-iskart lejn pajjiżi terzi, b'impatt potenzjalment negattiv fuq l-ambjent, fir-rapport tagħha l-Kummissjoni jenħtieġ li tqis id-devjazzjoni potenzjali tal-iskart lejn ir-rimi permezz tar-rimi f'landfills fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet tal-iskart lejn pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis ukoll l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali, l-allinjament mal-objettivi tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]) u r-robustezza u l-eżattezza fir-rigward tal-monitoraġġ u l-kalkolu tal-emissjonijiet. Meta jitqiesu l-emissjonijiet tal-metan mir-rimi fil-landfills u biex jiġi evitat il-ħolqien ta' kundizzjonijiet mhux ekwivalenti ta' kompetizzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll il-possibbiltà li tinkludi, fl-EU ETS, proċessi oħra tal-ġestjoni tal-iskart, bħar-rimi fil-landfills, il-fermentazzjoni, l-ikkompostjar u t-trattament mekkaniku u bijoloġiku, meta tivvaluta l-fattibbiltà li jiġu inklużi installazzjonijiet tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali.

(99) Sabiex jiġu adottati atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar, ir-regoli dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità, ir-regoli dwar l-operat tal-Fond tal-Innovazzjoni, ir-regoli dwar l-operat tal-mekkaniżmu tal-offerti kompetittivi fir-rigward ta' CDs u CCDs, ir-rekwiżiti biex jitqies li l-gassijiet serra jkunu saru permanentement marbuta kimikament fi prodott u l-estensjoni tal-attività msemmija fl-Anness III għad-Direttiva 2003/87/KE għal setturi oħra. Barra minn hekk, biex jiġu żgurati sinerġiji mal-qafas regolatorju eżistenti, jenħtieġ li d-delega fl-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE li tikkonċerna l-għażla taż-żmien,

([31]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar tiġi estiża biex tkopri s-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([32]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(100) Id-dispożizzjonijiet relatati mal-EU ETS eżistenti u l-estensjoni tagħha għat-trasport marittimu jenħtieġ li japplikaw mill-2024 f'konformità mal-ħtieġa ta' azzjoni klimatika urġenti u għas-setturi kollha biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod kosteffettiv. Konsegwentement, l-Istati Membri jenħtieġ li jittrasponu d-dispożizzjonijiet relatati ma' dawk is-setturi sal-31 ta' Diċembru 2023. Madankollu, l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali jenħtieġ li tkun it-30 ta' Ġunju 2024, peress li r-regoli dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar, il-verifika u l-permessi għal dawk is-setturi japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025, u jirrikjedu biżżejjed żmien għal implimentazzjoni ordnata. Bħala eċċezzjoni, biex jiġu ggarantiti t-trasparenza u r-rapportar robust, jenħtieġ li l-Istati Membri jittrasponu l-obbligu li jirrapportaw dwar l-emissjonijiet storiċi għal dawk is-setturi sal-31 ta' Diċembru 2023, peress li dak l-obbligu huwa relatat mal-emissjonijiet fis-sena 2024. F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([33]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(101) EU ETS riformata u li tiffunzjona sewwa, li tinkludi strument li jistabbilizza s-suq, hija mezz ewlieni għall-Unjoni biex tilħaq il-mira għall-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha, l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, kif ukoll l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq tfittex li tindirizza l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 jipprovdi li r-riżerva trid tiġi rieżaminata tliet snin wara li ssir operattiva, billi tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċifra perċentwali għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li jridu jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq, il-livell limitu għall-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC) li jiddetermina l-inkorporazzjoni tal-kwoti, u l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva. Il-livell limitu attwali li jiddetermina t-tqegħid ta' kwoti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq ġie stabbilit fl-2018, bl-aħħar rieżami tal-EU ETS, filwaqt li l-fattur ta' tnaqqis lineari qed jiżdied b'din id-Direttiva. Għalhekk, bħala parti mir-rieżami regolari tal-funzjonament tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll il-ħtieġa ta' aġġustament potenzjali ta' dak il-livell limitu, f'konformità mal-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE.

(102) Waqt li titqies il-ħtieġa li jingħata sinjal ta' investiment aktar b'saħħtu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mod kosteffiċjenti u bil-ħsieb li tissaħħaħ l-EU ETS, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tiġi emendata sabiex tiżdied ir-rata perċentwali għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li jridu jitqiegħdu kull sena fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq. Barra minn hekk, għal livelli aktar baxxi tat-TNAC, jenħtieġ li l-inkorporazzjoni tkun ugwali għad-differenza bejn it-TNAC u l-livell limitu li jiddetermina l-inkorporazzjoni tal-kwoti. Dan jipprevjeni l-inċertezza konsiderevoli fil-volumi tal-irkant li tirriżulta meta t-TNAC ikun qrib il-livell limitu, u fl-istess ħin jiżgura li l-eċċess jilħaq il-wisa' tal-banda tal-volum li fiha s-suq tal-karbonju jitqies li jopera b'mod bilanċjat.

(103) Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' kwoti li jifdal fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq wara l-invalidazzjoni jkun prevedibbli, jenħtieġ li l-invalidazzjoni tal-kwoti fir-riżerva ma tibqax tiddependi fuq il-volumi tal-irkant tas-sena preċedenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-għadd ta' kwoti fir-riżerva jiġi stabbilit f'livell ta' 400 miljun kwota, li jikkorrispondi għal-livell limitu inferjuri għall-valur tat-TNAC.

([32]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([33]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(104) L-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal din id-Direttiva wriet ukoll li jenħtieġ li d-domanda netta mill-avjazzjoni tiġi inkluża fit-TNAC. Barra minn hekk, billi l-kwoti tal-avjazzjoni jistgħu jintużaw bl-istess mod bħall-kwoti ġenerali, l-inklużjoni tal-avjazzjoni fir-riżerva tagħmilha għodda aktar preċiża u, b'hekk, għodda aħjar, biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-suq. Jenħtieġ li l-kalkolu tat-TNAC jinkludi l-emissjonijiet tal-avjazzjoni u l-kwoti maħruġa fir-rigward tal-avjazzjoni mis-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(105) Biex jiġi ċċarat il-kalkolu tat-TNAC, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tispeċifika li huma biss il-kwoti maħruġa u mhux imqiegħda fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq li huma inklużi fil-provvista tal-kwoti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-formula ma tibqax tnaqqas l-għadd ta' kwoti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq mill-provvista tal-kwoti. Din il-bidla ma jkollha l-ebda impatt materjali fuq ir-riżultat tal-kalkolu tat-TNAC, inkluż fuq il-kalkoli tal-passat tat-TNAC jew fuq ir-riżerva.

(106) Sabiex jittaffa r-riskju ta' żbilanċi fil-provvista u fid-domanda assoċjati mal-bidu tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali, kif ukoll biex dan isir aktar reżistenti għax-xokkijiet fis-suq, jenħtieġ li l-mekkaniżmu bbażat fuq ir-regoli tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq jiġi applikat għal dawk is-setturi. Sabiex dik ir-riżerva tkun operattiva mill-bidu tas-sistema, jenħtieġ li tiġi stabbilita b'dotazzjoni inizjali ta' 600 miljun kwota għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u f'setturi addizzjonali. Il-livelli limitu inferjuri u superjuri inizjali, li jiskattaw ir-rilaxx jew l-inkorporazzjoni tal-kwoti mir-riżerva, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal klawżola ta' rieżami ġenerali. Elementi oħrajn, bħall-pubblikazzjoni tat-TNAC jew il-kwantità ta' kwoti rilaxxati jew imqiegħda fir-riżerva, jenħtieġ li jsegwu r-regoli tar-riżerva għal setturi oħrajn.

(107) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti b'mod li huwa proporzjonat għall-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti fl-ekonomija kollha għall-2030 permezz ta' mekkaniżmu estiż u emendat ibbażat fuq is-suq għall-Unjoni kollha, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(108) Jenħtieġ, għalhekk, li d-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE**

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Direttiva tipprevedi wkoll li t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jiżdied sabiex jikkontribwixxi għal-livelli tat-tnaqqis li huma kkunsidrati xjentifikament meħtieġa biex jimpedixxu bidla perikoluża fil-klima. Dan jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u l-miri klimatiċi tagħha kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u b'hekk biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi (**).

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

(**) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dawn li ġejjin:

”1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet elenkati fl-Annessi I u III, u għall-gassijiet serra elenkati fl-Anness II. Meta installazzjoni li tkun inkluża fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-EU ETS minħabba t-tħaddim tal-unitajiet ta’ kombustjoni b’input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW tbiddel il-proċessi ta’ produzzjoni tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra tagħha u ma tibqax tissodisfa dak il-livell limitu, l-Istat Membru li fih tinsab l-installazzjoni għandu jipprovdi lill-operatur bl-għażliet biex jibqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-EU ETS sa tmiem il-perjodu attwali u dak tal-ħames snin li jmiss imsemmi fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, wara l-bidla fil-proċessi tal-produzzjoni tagħha. L-operatur ta’ dik l-installazzjoni jista’ jiddeċiedi li l-installazzjoni għandha tibqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-EU ETS sa tmiem il-perjodu attwali ta’ ħames snin biss jew anki tal-perjodu ta’ ħames snin li jmiss, wara l-bidla fil-proċessi tal-produzzjoni tagħha. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-bidliet meta mqabbla mal-lista ppreżentata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1).

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

---

(*) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).”;

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) “emissjonijiet” tfisser ir-rilaxx ta’ gassijiet serra minn sorsi f’installazzjoni jew ir-rilaxx minn inġenju tal-ajru waqt li jkun qed iwettaq attività marbuta mal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I jew minn bastimenti waqt li jkunu qed iwettqu attività marbuta mat-trasport marittimu elenkata fl-Anness I tal-gassijiet speċifikati fir-rigward ta’ dik l-attività, jew ir-rilaxx ta’ gassijiet serra li jikkorrispondu għall-attività msemmija fl-Anness III;”;

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(d) “permess għall-emissjonijiet ta’ gassijiet serra” tfisser il-permess maħruġ f’konformità mal-Artikoli 5, 6 u 30b;”;

(c) il-punt (u) huwa mħassar;

(d) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(w) “kumpanija tat-tbaħħir” tfisser is-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu ħadu r-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu f’idejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta’ Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, kif stabbilit fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(x) “vjaġġ” tfisser vjaġġ kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(y) “awtorità amministrattiva fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir” tfisser l-awtorità responsabbli għall-amministrazzjoni tal-EU ETS fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir f’konformità mal-Artikolu 3gf;

(z) “port ta’ waqfa” tfisser il-port fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott merkanzija jew biex jimbarka jew jiżbarka passiġġieri, jew il-port fejn bastiment offshore jieqaf biex jissostitwixxi l-ekwipaġġ; waqfiet għall-finijiet uniċi ta’ riforniment tal-fjuwil, akkwist ta’ provvisti, bdili tal-ekwipaġġ ta’ bastiment għajr bastiment offshore, dħul f’baċiri jew tiswijiet lill-bastiment u/jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet fil-port minħabba li l-bastiment ikun jeħtieġ assistenza jew ikun f’diffikultà, trasferimenti minn bastiment għal ieħor imwettqa barra mill-portijiet, waqfiet għall-fini unika li bastiment jistkenn minn temp ħażin jew li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta’ tiftix u salvataġġ, u waqfiet ta’ bastimenti tal-kontejners f’port ġar tat-trażbord tal-kontejners elenkat fl-att ta’ implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 3ga(2) huma esklużi;

(aa) “bastiment tal-kruċieri” tfisser bastiment tal-passiġġieri li ma għandux gverta tal-merkanzija u li huwa ddisinjat esklużivament għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri f'akkomodazzjoni matul il-lejl fuq vjaġġ bil-baħar;

(ab) “kuntratt għad-differenza” jew “CD” tfisser kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-produttur, magħżul permezz ta' mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi bħal irkant, ta' prodott b'livell baxx jew żero ta' karbonju, ” u taħt liema l-produttur jingħata appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni li jkopri d-differenza bejn il-prezz rebbieħ, magħruf ukoll bħala l-prezz tal-eżerċitar, minn naħa waħda, u prezz ta' referenza derivat mill-prezz tal-prodott b'livell baxx jew żero ta' karbonju prodott, il-prezz tas-suq ta' sostitut mill-qrib, jew taħlita ta' dawk iż-żewġ prezzjiet min-naħa l-oħra;

(ac) ”kuntratt għad-differenza għall-karbonju” jew ”CCD” tfisser kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-produttur, magħżul permezz ta' mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi bħal irkant, ta' prodott b'livell baxx jew żero ta' karbonju, u taħt liema l-produttur jingħata appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni li jkopri d-differenza bejn il-prezz rebbieħ, magħruf ukoll bħala l-prezz tal-eżerċitar, minn naħa waħda, u prezz ta' referenza, derivat mill-prezz medju tal-kwoti, min-naħa l-oħra;

(ad) ”kuntratt bi primjum fiss” tfisser kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-produttur, magħżul permezz ta' mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi bħal irkant, ta' prodott b'livell baxx jew żero ta' karbonju, u taħt liema l-produttur jingħata appoġġ fil-forma ta' ammont fiss għal kull unità tal-prodott manifatturat;

(ae) ”entità regolata” għall-finijiet tal-Kapitolu IVa tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief għal kwalunkwe konsumatur finali tal-fjuwils, li tinvolvi ruħha fl-attività msemmija fl-Anness III u li taqa' f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) meta l-fjuwil jgħaddi minn maħżen tat-taxxa kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (11), tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 (***), il-magazzinier awtorizzat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (1), ta' dik id-Direttiva, responsabbli biex iħallas id-dazju tas-sisa li jkun sar dovut skont l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva;

(ii) jekk il-punt (i) ta' dan il-punt ma jkunx applikabbli, kwalunkwe persuna oħra responsabbli biex tħallas id-dazju tas-sisa li jkun sar dovut skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2020/262 jew l-Artikolu 21(5), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE (****) fir-rigward tal-fjuwils koperti mill-Kapitolu IVa ta' din id-Direttiva;

(iii) jekk il-punti (i) u (ii) ta' dan il-punt ma jkunux applikabbli, kwalunkwe persuna oħra li trid tiġi rreġistrata mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru bil-għan li tkun responsabbli li tħallas id-dazju tas-sisa, inkluża kwalunkwe persuna eżentata mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, kif imsemmi fl-Artikolu 21(5), ir-raba' subparagrafu, tad-Direttiva 2003/96/KE;

(iv) jekk il-punti (i), (ii) u (iii) ma jkunux applikabbli, jew jekk diversi persuni jkunu responsabbli in solidum għall-ħlas tal-istess dazju tas-sisa, kwalunkwe persuna oħra maħtura minn Stat Membru;

(af) ”fjuwil” għall-finijiet tal-Kapitolu IVa ta' din id-Direttiva tfisser kwalunkwe prodott tal-enerġija msemmi fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/96/KE, inklużi l-fjuwils elenkati fit-Tabella A u fit-Tabella C tal-Anness I ta' dik id-Direttiva, kif ukoll kwalunkwe prodott ieħor maħsub għall-użu, offrut għall-bejgħ jew użat bħala fjuwil tal-magni jew fjuwil tat-tisħin kif speċifikat fl-Artikolu 2(3) ta' dik id-Direttiva, inkluż għall-produzzjoni tal-elettriku;

(ag) ”rilaxx għall-konsum” għall-finijiet tal-Kapitolu IVa ta' din id-Direttiva tfisser rilaxx għall-konsum kif definit fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva (UE) 2020/262;

(ah) ”prezz tal-gass TTF” għall-finijiet tal-Kapitolu IVa tfisser il-prezz tal-kuntratt tal-futuri tal-gass b'xahar bil-quddiem innegozjat fil-Punt ta' Negozjar Virtwali tal-Faċilità ta' Trasferiment ta' Titoli (TTF), operat minn Gasunie Transport Services B.V.;

(ai) ”prezz taż-żejt mhux raffinat Brent” għall-finijiet tal-Kapitolu IVa tfisser il-prezz tal-futuri b’xahar bil-quddiem għaż-żejt mhux raffinat, użat bħala prezz ta’ referenza għax-xiri taż-żejt.

---

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta’ emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

(***) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta’ Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

(****) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta’ Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta’ enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).”;

(4) it-titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b’dan li ġej:

”L-avjazzjoni u t-Trasport Marittimu”;

(5) l-Artikolu 3a huwa sostitwit b’dan li ġej:

”*Artikolu 3a*

**Kamp ta’ applikazzjoni**

L-Artikoli 3b sa 3g għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta’ kwoti fir-rigward tal-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I. L-Artikoli 3ga sa 3gg għandhom japplikaw fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu elenkati fl-Anness I.”;

(6) l-Artikolu 3g huwa sostitwit b’dan li ġej:

”*Artikolu 3g*

**Pjanijiet ta’ monitoraġġ u rapportar**

L-Istat Membru li jkun qed jamministra għandu jiżgura li kull operatur tal-inġenji tal-ajru jippreżenta lill-awtorità kompetenti f’dak l-Istat Membru pjan ta’ monitoraġġ li jistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u li tali pjanijiet ikunu approvati mill-awtorità kompetenti skont l-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.”;

(7) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

”*Artikolu 3ga*

**Il-kamp ta’ applikazzjoni għall-attivitajiet tat-trasport marittimu**

1. L-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta’ ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port ta’ waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru u li jaslu f’port ta’ waqfa barra mill-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru, ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port ta’ waqfa barra mill-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru u li jasal f’port ta’waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru, mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port ta’ waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru u li jaslu f’port ta’ waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru, u mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti ġewwa port ta’ waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta’ Diċembru 2023, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tistabbilixxi lista tal-portijiet tat-trażbord tal-kontejners ġirien u taġġorna dik il-lista sal-31 ta’ Diċembru kull sentejn minn hemm ’il quddiem.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jelenkaw port bħala il-port tat-trażbord tal-kontejners ġirien fejn is-sehem tat-trażbord tal-kontejners, imkejjel f’unitajiet ekwivalenti għal għoxrin pied, jaqbeż il-65 % tat-traffiku totali tal-kontejners ta’ dak il-port matul il-perjodu ta’ tnax-il xahar l-aktar reċenti li għalih tkun disponibbli data rilevanti u fejn tak il-port jkun jinsab barra mill-Unjoni iżda inqas minn 300 mil nawtiku minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, il-kontejners għandhom jitqiesu li huma

ttrażbordati meta jinħattu minn bastiment għall-port għall-fini unika biex jitgħabbew fuq bastiment ieħor. Il-lista stabbilita mill-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu ma għandhiex tinkludi portijiet li jinsabu f'pajjiż terz għal liema dak il-pajjiż terz effettivament japplika miżuri ekwivalenti għal din id-Direttiva.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

3. L-Artikoli 9, 9a u 10 għandhom japplikaw għall-attivitajiet tat-trasport marittimu bl-istess mod kif japplikaw għal attivitajiet oħrajn koperti mill-EU ETS bl-eċċezzjoni li ġejja fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 10.

Sal-31 ta' Diċembru 2030, sehem mill-kwoti għandu jiġi attribwit lill-Istati Membri bi proporzjon ta' kumpaniji tat-tbaħħir li kienu jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħhom skont l-Artikolu 3gf meta mqabbla mal-popolazzjoni rispettiva tagħhom fl-2020 u abbażi tad-data disponibbli għall-perjodu mill-2018 sal-2020, b'aktar minn 15-il kumpanija tat-tbaħħir għal kull miljun abitant. Il-kwantità tal-kwoti għandha tikkorrispondi għal 3,5 % tal-kwantità addizzjonali tal-kwoti minħabba ż-żieda fil-limitu massimu għat-trasport marittimu msemmi fl-Artikolu 9, it-tielet paragrafu, fis-sena rilevanti. Għas-snin 2024 u 2025, il-kwantità tal-kwoti għandha, barra minn hekk, tiġi mmultiplikata bil-perċentwali applikabbli għas-sena rilevanti skont l-Artikolu 3gb, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (b). Id-dħul ġenerat mill-irkantar ta' dak is-sehem ta' kwoti għandu jintuża għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (g), fir-rigward tas-settur marittimu, u l-punti (f) u (i). 50 % tal-kwantità tal-kwoti għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri rilevanti abbażi tas-sehem tal-kumpaniji tat-tbaħħir taħt ir-responsabbiltà tagħhom u l-bqija mqassma f'ishma indaqs bejniethom.

*Artikolu 3gb*

**L-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti għat-trasport marittimu**

Il-kumpaniji tat-tbaħħir għandhom ikunu responsabbli biex iċedu l-kwoti skont l-iskeda li ġejja:

(a) 40 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-2024 li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' ċediment f'konformità mal-Artikolu 12;

(b) 70 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-2025 li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' ċediment f'konformità mal-Artikolu 12;

(c) 100 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-2026 u kull sena wara din f'konformità mal-Artikolu 12.

Fejn jiġu ċeduti inqas kwoti meta mqabbla mal-emissjonijiet ivverifikati mit-trasport marittimu għas-snin 2024 u 2025, ladarba tkun ġiet stabbilita d-differenza bejn l-emissjonijiet ivverifikati u l-kwoti ċeduti fir-rigward ta' kull sena, ammont ta' kwoti li jikkorrispondi għal dik id-differenza għandha tiġi kkanċellata minflok irkantata skont l-Artikolu 10.

*Artikolu 3gc*

**Dispożizzjonijiet għat-trasferiment tal-kostijiet tal-EU ETS mill-kumpanija tat-tbaħħir għal entità oħra**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta r-responsabbiltà aħħarija għax-xiri tal-fjuwil jew l-operat tal-bastiment, jew it-tnejn, tittieħed minn entità għajr il-kumpanija tat-tbaħħir skont l-arranġament kuntrattwali, il-kumpanija tat-tbaħħir tkun intitolata għal rimborż minn dik l-entità għall-kostijiet li jirriżultaw miċ-ċediment tal-kwoti.

L-"operat tal-bastiment" għall-finijiet ta' dan l-Artikolu tfisser id-determinazzjoni tal-merkanzija li tinġarr jew ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment. Il-kumpanija tat-tbaħħir għandha tibqa' l-entità responsabbli għaċ-ċediment tal-kwoti kif meħtieġ skont l-Artikoli 3gb u 12 u għall-konformità ġenerali mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji tat-tbaħħir taħt ir-responsabbiltà tagħhom jikkonformaw mal-obbligi li jċedu l-kwoti skont l-Artikoli 3gb u 12, minkejja l-intitolament ta' tali kumpaniji ta' tbaħħir li jiġu rimborżati mill-operaturi kummerċjali għall-kostijiet li jirriżultaw miċ-ċediment.

*Artikolu 3gd*

**Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu**

Fir-rigward tal-emissjonijiet mill-attivitajiet tat-trasport marittimu elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva, l-awtorità amministrattiva, fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir, għandha tiżgura li kumpanija tat-tbaħħir taħt ir-responsabbiltà tagħha timmonitorja u tirrapporta l-parametri rilevanti matul perjodu ta' rapportar, u tippreżentalha data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji f'konformità mal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2015/757.

*Artikolu 3ge*

**Ir-regoli tal-verifika u l-akkreditazzjoni għall-emissjonijiet mit-trasport marittimu**

L-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir għandha tiżgura li r-rapportar tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji tat-tbaħħir preżentata minn kumpanija tat-tbaħħir skont l-Artikolu 3gd ta' din id-Direttiva jiġi vverifikat f'konformità mar-regoli ta' verifika u akkreditazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2015/757.

*Artikolu 3gf*

**Awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir**

1. L-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir għandha tkun:

(a) fil-każ ta' kumpanija tat-tbaħħir irreġistrata fi Stat Membru, l-Istat Membru li fih hija rreġistrata l-kumpanija tat-tbaħħir;

(b) fil-każ ta' kumpanija tat-tbaħħir li mhijiex irreġistrata fi Stat Membru, l-Istat Membru bl-akbar għadd stmat ta' waqfiet f'port minn vjaġġi mwettqa minn dik il-kumpanija tat-tbaħħir fl-erba' snin ta' qabel ta' monitoraġġ u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3ga;

(c) fil-każ ta' kumpanija tat-tbaħħir li mhijiex irreġistrata fi Stat Membru u li ma wettqet l-ebda vjaġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3ga fl-erba' snin ta' monitoraġġ preċedenti, l-Istat Membru fejn bastiment tal-kumpanija tat-tbaħħir ikun beda jew temm l-ewwel vjaġġ tiegħu li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit f'dak l-Artikolu.

2. Abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

(a) qabel l-1 ta' Frar 2024, lista ta' kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività ta' trasport marittimu elenkata fl-Anness I li kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3ga fl-1 ta' Jannar 2024, jew b'effett minn dik id-data, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kull kumpanija tat-tbaħħir f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) qabel l-1 ta' Frar 2026 u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, lista aġġornata biex tagħti lura l-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati fi Stat Membru lil awtorità amministrattiva oħra fir-rigward ta' kumpanija ta' tbaħħir jekk ikunu bidlu l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni fl-Unjoni skont il-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, jew biex tinkludi kumpaniji tat-tbaħħir li sussegwentement ikunu wettqu attività ta' trasport marittimu elenkata fl-Anness I li tkun waqgħet fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3ga, f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu; u

(c) qabel l-1 ta' Frar 2028 u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, lista aġġornata biex tagħti lura l-kumpaniji tat-tbaħħir li mhumiex irreġistrati fi Stat Membru lil awtorità amministrattiva oħra fir-rigward ta' kumpanija ta' tbaħħir f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu.

3. Awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija ta' tbaħħir li, skont il-lista stabbilita skont il-paragrafu 2, hija responsabbli għal kumpanija tat-tbaħħir għandha żżomm dik ir-responsabbiltà irrispettivament mill-bidliet sussegwenti fl-attivitajiet jew ir-reġistrazzjoni tal-kumpanija tat-tbaħħir sakemm dawk il-bidliet jiġu riflessi f'lista aġġornata.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi regoli dettaljati relatati mal-amministrazzjoni tal-kumpaniji tat-tbaħħir mill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija ta' tbaħħir skont din id-Direttiva. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

*Artikolu 3gg*

**Rapportar u rieżami**

1. Fil-każ tal-adozzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) ta' miżura globali bbażata fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid din id-Direttiva fid-dawl ta' dik il-miżura adottata.

Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni ta' tali miżura globali bbażata fuq is-suq u qabel ma ssir operattiva. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha teżamina l-miżura globali bbażata fuq is-suq fir-rigward ta':

(a) l-ambizzjoni tagħha fid-dawl tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;

(b) l-integrità ambjentali ġenerali tagħha, inkluż meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jkopru t-trasport marittimu; u

(c) kwalunkwe kwistjoni relatata mal-koerenza bejn l-EU ETS u dik il-miżura.

Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni tista' takkumpanja r-rapport msemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu bi proposta leġiżlattiva li temenda din id-Direttiva b'mod li jkun konsistenti mal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, u bl-għan li jiġu ppreservati l-integrità ambjentali u l-effettività tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq u l-EU ETS, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe piż doppju sinifikanti.

2. Fil-każ li sal-2028 l-OMI ma tadottax miżura globali bbażata fuq is-suq biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mill-inqas għal livell komparabbli ma' dak li jirriżulta mill-miżuri tal-Unjoni meħuda skont din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina l-ħtieġa li tiġi applikata l-allokazzjoni tal-kwoti u r-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi bejn port ta' waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port ta' waqfa barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, fid-dawl tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tikkunsidra l-progress fil-livell tal-OMI u teżamina jekk kwalunkwe pajjiż terz għandux miżura bbażata fuq is-suq ekwivalenti għal din id-Direttiva u tivvaluta r-riskju ta' żieda fil-prattiki evażivi, inkluż permezz ta' bidla għal modi oħra ta' trasport jew ċaqliq ta' ċentri portwarji lejn portijiet barra mill-Unjoni.

Meta jkun xieraq, ir-rapport msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata din id-Direttiva.

3. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-rigward tat-trasport marittimu, b'mod partikolari biex tidentifika mġiba evażiva sabiex tipprevjeni tali mġiba fi stadju bikri, inkluż b'kunsiderazzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi, u tirrapporta kull sentejn mill-2024, dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-rigward ta' trasport marittimu u x-xejriet possibbli fir-rigward tal-kumpaniji ta' tbaħħir li jfittxu li jevadu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja wkoll l-impatti fir-rigward, fost oħrajn, ta' żidiet possibbli fil-kostijiet tat-trasport, distorsjonijiet tas-suq u bidliet fit-traffiku tal-portijiet, bħall-evażjoni tal-portijiet u ċ-ċaqliq taċ-ċentri tat-trażbord, il-kompetittività ġenerali tas-settur marittimu fl-Istati Membri, u b'mod partikolari l-impatti fuq dawk is-servizzi tat-tbaħħir li jikkostitwixxu servizzi essenzjali ta' kontinwità territorjali. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Kapitolu fir-rigward ta' trasport marittimu, b'mod partikolari miżuri biex jiġu indirizzati ix-xejriet fir-rigward ta' kumpaniji ta' tbaħħir li jfittxu li jevadu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

4. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-adegwatezza tal-estensjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3ga(3), it-tieni subparagrafu, lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2030 u, jekk xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva għal dak il-għan.

5. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina l-fattibbiltà u l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-inklużjoni f'din id-Direttiva tal-emissjonijiet minn bastimenti, inklużi bastimenti offshore, b'tunnellaġġ gross ta' inqas minn 5 000 iżda mhux inqas minn 400, li jibni, b'mod partikolari, fuq l-analiżi li takkumpanja r-rieżami tar-Regolament (UE) 2015/757 mistennija sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dak ir-rapport għandu jikkunsidra wkoll l-interkonnessjonijiet bejn din id-Direttiva u r-Regolament (UE) 2015/757 u jibni fuq l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tiegħu. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll kif din id-Direttiva tista' tagħti kont bl-aħjar mod tal-użu ta' fjuwils marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq bażi ta' ċiklu tal-ħajja. Meta jkun xieraq, ir-rapport jista' jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.";

(8) l-Artikolu 3h huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3h*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I minbarra l-attivitajiet tal-avjazzjoni u l-attivitajiet tat-trasport marittimu.";

(9) fl-Artikolu 6(2), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) obbligu li ċċedi kwoti ekwivalenti għat-total ta' emissjonijiet tal-installazzjoni f'kull sena kalendarja, kif ivverifikati f'konformità mal-Artikolu 15, sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 12(3).";

(10) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

**Koordinazzjoni mad-Direttiva 2010/75/UE**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-installazzjonijiet iwettqu attivitajiet li huma inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 2010/75/UE, il-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-ħruġ ta' permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra jiġu kkoordinati ma' dawk għall-ħruġ ta' permess previst f'dik id-Direttiva. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu integrati fil-proċeduri previsti fid-Direttiva 2010/75/UE.

Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-effettività tas-sinerġiji mad-Direttiva 2010/75/UE. Il-permessi ambjentali u rilevanti għall-klima għandhom jiġu kkoordinati biex tiġi żgurata eżekuzzjoni effiċjenti u rapida tal-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest ta' kwalunkwe rieżami futur ta' din id-Direttiva.";

(11) fl-Artikolu 9 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Fl-2024, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha titnaqqas b'90 miljun kwota. Fl-2026, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha titnaqqas b'27 miljun kwota. Fl-2024, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha tiżdied bi 78,4 miljun kwota għat-trasport marittimu. Il-fattur lineari għandu jkun 4,3 % mill-2024 sal-2027 u 4,4 % mill-2028. Il-fattur lineari għandu japplika wkoll għall-kwoti li jikkorrispondu għall-emissjonijiet medji mit-trasport marittimu rrapportati f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/757 għall-2018 u l-2019 li huma indirizzati fl-Artikolu 3ga ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha sas-6 ta' Settembru 2023.

Mill-1 ta' Jannar 2026 u l-1 ta' Jannar 2027 rispettivament, il-kwantità ta' kwoti għandha tiżdied biex titqies il-kopertura ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għajr l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-attivitajiet tat–trasport marittimu u l-kopertura tal-emissjonijiet ta' bastimenti offshore, abbażi tal-emissjonijiet tagħhom għall-aktar sena reċenti li għaliha tkun disponibbli d-data. Minkejja l-Artikolu 10(1), il-kwoti li jirriżultaw minn dik iż-żieda għandhom ikunu disponibbli biex jappoġġaw l-innovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10a(8).";

(12) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2 % tal-kwantità totali tal-kwoti bejn l-2021 u l-2030 għandhom jiġu rkantati biex jiġi stabbilit fond għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija ta' ċerti Stati Membri (l-"Istati Membri benefiċjarji") kif stabbilit fl-Artikolu 10d (il-"Fond għall-Modernizzazzjoni"). L-Istati Membri benefiċjarji għal dak l-ammont ta' kwoti għandhom ikunu l-Istati Membri b'PDG per capita bi prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013. Il-fondi li jikkorrispondu għal dak l-ammont ta' kwoti għandhom jitqassmu f'konformità mal-Parti A tal-Anness IIb.

Barra minn hekk, 2,5 % tal-kwantità totali ta' kwoti bejn l-2024 u l-2030 għandhom jiġu rkantati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-Istati Membri benefiċjarji għal dak l-ammont ta' kwoti għandhom ikunu l-Istati Membri b'PDG per capita bi prezzijiet tas-suq taħt il-75 % tal-medja tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2016 sal-2018. Il-fondi li jikkorrispondu għal dak l-ammont ta' kwoti għandhom jitqassmu f'konformità mal-Parti B tal-Anness IIb.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ħlief għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw dak id-dħul, bl-eċċezzjoni tad-dħul użat għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 10a(6) ta' din id-Direttiva, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:";

(c) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) sa (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u grilji għat-trażmissjoni tal-elettriku biex jitwettqu l-impenn tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli u l-għanijiet tal-Unjoni dwar l-interkonnettività, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u bħala għajnuna fit-twettiq tal-impenn tal-Unjoni li tiżdied l-effiċjenza enerġetika għal-livelli maqbula f'atti leġiżlattivi rilevanti, inkluż il-produzzjoni tal-elettriku minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;

(c) għal miżuri mmirati biex jevitaw id-deforestazzjoni u jappoġġaw il-protezzjoni u r-restawr tat-torbiera, tal-foresti u ta' ekosistemi oħra tal-art jew ekosistemi tal-baħar, inklużi miżuri li jikkontribwixxu għall-protezzjoni, ir-restawr u ġestjoni aħjar tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward taż-żoni protetti tal-baħar, u jżidu l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni favur il-bijodiversità, inkluż f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li rratifikaw il-Ftehim ta' Pariġi, u miżuri biex jiġu ttrasferiti t-teknoloġiji u jiġi ffaċilitat l-adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima f'dawk il-pajjiżi;

(d) għas-sekwestrazzjoni tal-forestrija u fil-ħamrija fl-Unjoni;

(e) għall-ġbir u l-ħżin ġeoloġiku tas-$CO_2$ b'mod ambjentalment sikur, b'mod partikolari minn impjanti tal-enerġija tal-fjuwils fossili solidi u numru ta' setturi u subsetturi industrijali, inkluż f'pajjiżi terzi, u metodi innovattivi u teknoloġiċi tal-assorbiment tal-karbonju, bħall-qbid dirett mill-arja u l-ħżin;

(f) għall-investiment u l-aċċelerazzjoni fil-bidla lejn forom ta' trasport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, inkluż l-iżvilupp ta' trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija u servizzi u teknoloġiji tal-karozzi tal-linja li ma jagħmlux ħsara lill-klima, miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, inkluż it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti, il-portijiet, it-teknoloġiji u l-infrastruttura innovattivi, u fjuwils alternattivi sostenibbli, bħall-idroġenu u l-ammonijaka li huma prodotti minn sorsi rinnovabbli, u teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero, u għall-finanzjament ta' miżuri li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ajruporti f'konformità ma' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal trasport bl-ajru sostenibbli;";

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, is-sistemi tat-tisħin distrettwali u l-iżolazzjoni, biex jappoġġjaw is-sistemi ta' tisħin u tkessiħ effiċjenti u rinnovabbli, jew biex jappoġġaw ir-rinnovazzjoni profonda u profonda fi stadji tal-bini f'konformità mad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), li tibda mir-rinnovazzjoni tal-bini bl-agħar prestazzjoni;

(*) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).";

(e) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

”(ha) għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, inkluż billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi, u tnaqqis mmirat ta' dazji u spejjeż għall-elettriku rinnovabbli;

(hb) għall-finanzjament ta' skemi ta' dividendi klimatiċi nazzjonali b'impatt ambjentali pożittiv ipprovat kif iddokumentat fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

---

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).”;

(f) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

”(k) għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema sabiex isir kontribut għal transizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari f'reġjuni milquta l-agħar mit-transizzjoni tal-impjiegi, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, u biex isir investiment fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li potenzjalment huma affettwati mit-transizzjoni, inklużi l-ħaddiema fit-trasport marittimu;

(l) għall-indirizzar ta' kwalunkwe riskju residwu ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi koperti mill-Anness I għar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), li jappoġġa t-transizzjoni u jippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tagħhom f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

---

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52).”;

(g) fil-paragrafu 3, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

”Meta jiġi ddeterminat l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jibqa' jiżdied il-finanzjament internazzjonali għall-klima fil-pajjiżi terzi vulnerabbli msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (j).”;

(h) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

”L-Istati Membri għandhom jitqiesu li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jekk ikollhom fis-seħħ u jimplimentaw politiki ta' appoġġ fiskali jew finanzjarju, inkluż b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew politiki regolatorji nazzjonali, li jimmassimizzaw l-appoġġ finanzjarju, stipulati għall-finijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu u li jkollhom valur ekwivalenti għad-dħul imsemmi fl-ewwel subparagrafu.”;

(i) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

”L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-użu tad-dħul u l-azzjonijiet meħuda skont dan il-paragrafu fir-rapporti tagħhom imressqa skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, filwaqt li jispeċifikaw, meta jkun rilevanti u kif xieraq, liema dħul jintuża u l-azzjonijiet li jittieħdu biex jimplimentaw il-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima mressaq f'konformità ma' dak ir-Regolament, u l-pjanijiet territorjali tagħhom għal transizzjoni ġusta mħejjija f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

Ir-rapportar għandu jkun dettaljat biżżejjed biex jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mal-ewwel subparagrafu.

---

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).”;

(j) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 ta' din id-Direttiva biex tissupplementa din id-Direttiva fir-rigward tal-għażla taż-żmiene, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar, inklużi modalitajiet għall-irkantar li huma meħtieġa għat-trasferiment ta' sehem mid-dħul għall-baġit tal-Unjoni bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 30d(4) ta' din id-Direttiva jew bħala riżorsi proprji skont l-Artikolu 311, it-tielet paragrafu tat-TFUE, sabiex jiġi żgurat li dan jitwettaq b'mod miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju. Għal dak il-għan, il-proċess għandu jkun prevedibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla taż-żmien u s-sekwenzjar tal-irkanti u l-ammont stmat ta' kwoti li għandhom isiru disponibbli.";

(k) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tas-suq Ewropew tal-karbonju. Kull sena, għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju u dwar politiki rilevanti oħra dwar il-klima u l-enerġija, inklużi t-tħaddim tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u li jiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu u l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar il-miżuri finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10a(6). Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti titressaq lill-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel ma l-Kummissjoni tadotta r-rapport.";

(l) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-ESMA għandha timmonitorja regolarment l-integrità u t-trasparenza tas-suq Ewropew tal-karbonju, b'mod partikolari fir-rigward tal-volatilità tas-swieq u l-evoluzzjoni tal-prezzijiet, it-tħaddim tal-irkanti, l-operazzjonijiet ta' skambju fis-suq għall-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom, inklużi n-negozjar barra l-borża, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u l-kategoriji u l-imġiba tan-negozjar tal-parteċipanti fis-suq, inklużi l-pożizzjonijiet tal-intermedjarji finanzjarji. L-ESMA għandha tinkludi s-sejbiet rilevanti u, meta jkun meħtieġ, għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet fil-valutazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku f'konformità mal-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Għall-finijiet tal-kompiti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dettaljata tat-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).";

(13) l-Artikolu 10a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) wara t-tieni subparagrafu jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin:

"Jekk installazzjoni tkun koperta mill-obbligu li twettaq awditjar tal-enerġija jew li timplimenta sistema ċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u jekk ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar jew tas-sistema ċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija ma jkunux implimentati, dment li ż-żmien tal-ħlas lura għall-investimenti rilevanti ma jaqbiżx it-tliet snin jew dment li l-kostijiet ta' dawk l-investimenti ma jkunux sproporzjonati, alllura l-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas għandu jitnaqqas b'20 %. L-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas ma għandux jitnaqqas jekk operatur juri li jkun implimenta miżuri oħrajn li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal dawk irrakkomandati mir-rapport tal-awditjar jew mis-sistema ċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija għall-installazzjoni kkonċernata.

Il-Kummissjoni għandha tissupplementa din id-Direttiva billi, fl-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu u mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli fl-ambitu tad-Direttiva 2012/27/UE, tipprevedi regoli armonizzati amministrattivament sempliċi għall-applikazzjoni tat-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu li jiżguraw li l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità ma tipperikolax kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, l-integrità ambjentali jew it-trattament ugwali bejn installazzjonijiet madwar l-Unjoni. Dawk ir-regoli armonizzati għandhom, b'mod partikolari, jipprevedu skedi ta' żmien, kriterji għar-rikonoxximent tal-miżuri implimentati ta' effiċjenza enerġetika kif ukoll għal miżuri alternattivi li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, bl-użu tal-proċedura għall-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 11(1) ta' din id-Direttiva.

Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-tnaqqis b'20 % msemmi f'dak is-subparagrafu għandu jiġi applikat meta, sal-1 ta' Mejju 2024, l-operaturi tal-installazzjonijiet li l-livelli tagħhom ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra jkunu ogħla mit-80 perċentil tal-livell ta' emissjonijiet għall-parametri referenzjarji tal-prodotti rilevanti ma jkunux stabbilew pjan ta' newtralità klimatika għal kull waħda minn dawk l-installazzjonijiet għall-attivitajiet tagħhom koperti minn din id-Direttiva. Dak il-pjan għandu jinkludi l-elementi speċifikati fl-Artikolu 10b(4) u għandu jkun stabbilit f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dak l-Artikolu). L-Artikolu 10(4) għandu jitqies li jirreferi biss għal-livell ta' installazzjoni. Il-kisba tal-miri u l-istadji ewlenin imsemmija fl-Artikolu 10b(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (b), għandha tiġi vverifikata fir-rigward tal-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2025 u fir-rigward ta' kull perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull ħames sena sussegwenti, f'konformità mal-proċeduri ta' verifika u akkreditazzjoni previsti fl-Artikolu 15. Ebda kwota bla ħlas lil hinn minn 80 % ma għandha tiġi allokata jekk il-kisba tal-miri u l-istadji ewlenin intermedji ma tkunx ġiet ivverifikata fir-rigward tal-perjodu sa tmiem l-2025 jew fir-rigward tal-perjodu mill-2026 sal-2030.

Il-kwoti li ma jiġux allokati minħabba tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas f'konformità mat-tielet u l-ħames subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom jintużaw biex jeżentaw l-installazzjonijiet mill-aġġustament f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Meta jkun jifdal xi kwoti bħal dawn, 50 % ta' dawnk il-kwoti għandhom isiru disponibbli biex jappoġġaw l-innovazzjoni f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. Il-50 % l-oħra ta' dawk il-kwoti għandhom jiġu rkantati f'konformità mal-Artikolu 10(1) ta' din id-Direttiva u l-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul rispettiv biex jindirizzaw kwalunkwe riskju residwu ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi koperti mill-Anness I għar-Regolament (UE) 2023/956, filwaqt li jappoġġaw it-transizzjoni u jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tagħhom f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas lil installazzjonijiet f'setturi jew subsetturi, sal-punt li dawn ikunu koperti minn miżuri oħrajn li jindirizzaw ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2023/956. Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu aġġustati kif xieraq.

(*) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).";

(ii) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal kull settur u subsettur, fil-prinċipju, il-parametru referenzjarju għandu jiġi kkalkulat għall-prodotti pjuttost milli għall-inputs, sabiex jiġu mmassimizzati t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-effiċjenza enerġetika matul kull proċess ta' produzzjoni tas-settur jew subsettur ikkonċernat. Sabiex jiġu pprovduti aktar inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-installazzjonijiet li jużaw teknoloġiji ġodda li parzjalment inaqqsu jew kompletament jeliminaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u installazzjonijiet li jużaw teknoloġiji eżistenti, il-parametri referenzjarji ex ante ddeterminati għall-Unjoni kollha għandhom jiġu rieżaminati fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fil-perjodu mill-2026 sal-2030, bil-ħsieb li potenzjalment jiġu mmodifikati d-definizzjonijiet u l-konfini tas-sistema tal-parametri referenzjarji tal-prodotti eżistenti, filwaqt li bħala prinċipji gwida jitqiesu l-potenzjal ta' użu ċirkolari tal-materjali u li l-parametri referenzjarji għandhom ikunu indipendenti mill-feedstock u mit-tip ta' proċess ta' produzzjoni, meta l-proċessi ta' produzzjoni jkollhom l-istess fini. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tadotta l-atti ta' implimentazzjoni għall-fini li tiddetermina l-valuri ta' referenza riveduti għall-allokazzjoni bla ħlas f'konformità mal-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu, mill-aktar fis possibbli u qabel il-bidu tal-perjodu mill-2026 sal-2030.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

”1a. Soġġett għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas b'rabta mal-produzzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għall-ewwel snin tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956, il-produzzjoni ta' oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament għandha tibbenefika minn allokazzjoni bla ħlas f'ammonti mnaqqsa. Għandu jiġi applikat fattur li jnaqqas l-allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti (il-fattur CBAM). Il-fattur CBAM għandu jkun ugwali għal 100 % għall-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament u l-aħħar tal-2025 u, soġġett għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 36(2), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament, għandu jkun ugwali għal 97,5 % fl-2026, 95 % fl-2027, 90 % fl-2028, 77,5 % fl-2029, 51,5 % fl-2030, 39 % fl-2031, 26,5 % fl-2032 u 14 % fl-2033. Mill-2034, ma għandu japplika ebda fattur CBAM.

It-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas għandu jiġi kkalkolat kull sena bħala s-sehem medju tad-domanda għall-allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2023/956 meta mqabbla mad-domanda totali għall-allokazzjoni bla ħlas ikkalkolata għall-installazzjonijiet kollha, għall-perjodu rilevanti msemmi fl-Artikolu 11(1) ta' din id-Direttiva. F'dan il-kalkolu għandu jiġi applikat il-fattur CBAM.

Il-kwoti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas għandhom ikunu disponibbli biex jappoġġaw l-innovazzjoni f'konformità mal-paragrafu 8.

Sal-31 ta' Diċembru 2024 u bħala parti mir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 10(5) ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal oġġetti soġġetti għas-CBAM u prodotti fl-Unjoni għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi li ma japplikawx l-EU ETS jew mekkaniżmu simili ta' pprezzar tal-karbonju. Ir-rapport, b'mod partikolari, għandu jivvaluta r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'setturi li s-CBAM se japplika għalihom, b'mod partikolari r-rwol u l-adozzjoni mħaffa tal-idroġenu, u l-iżviluppi fir-rigward tal-flussi kummerċjali u l-emissjonijiet inkorporati ta' oġġetti prodotti minn dawk is-setturi fis-suq globali. Meta r-rapport jikkonkludi li hemm riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal oġġetti prodotti fl-Unjoni għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi li ma japplikawx l-EU ETS jew mekkaniżmu ekwivalenti ta' pprezzar tal-karbonju, il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tindirizza dak ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod li jkun konformi mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, inkluż l-Artikolu XX tal- Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994,, u li jqis id-dekarbonizzazzjoni tal-installazzjonijiet fl-Unjoni.”;

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tielet subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

”(c) Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-valuri ta' referenza għandhom jiġu ddeterminati bl-istess mod kif stabbilit fil-punti (a) u (d) ta' dan is-subparagrafu, filwaqt li jitqies il-punt (e) ta' dan is-subparagrafu, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2021 u 2022 u abbażi tal-applikazzjoni tar-rata ta' tnaqqis annwali fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028.”;

(ii) fit-tielet subparagrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

”(d) Fejn ir-rata ta' tnaqqis annwali taqbeż it-2,5 % jew tkun inqas minn 0,3 %, il-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-2026 sal-2030 għandhom ikunu l-valuri ta' referenza applikabbli fil-perjodu mill-2013 sal-2020 imnaqqsa bi kwalunkwe waħda minn dawk iż-żewġ rati perċentwali li tkun rilevanti, fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028.

(e) Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, ir-rata ta' tnaqqis annwali għall-valur referenzjarju tal-prodott għall-metall sħun ma għandhiex tiġi affettwata mill-bidla fid-definizzjonijiet tal-parametru referenzjarju u l-limiti tas-sistema applikabbli skont il-paragrafu 1, it-tmien subparagrafu.”;

(iii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

”B'deroga fir-rigward tal-valuri ta' referenza għall-aromatiċi u l-gass sintetiku, dawk il-valuri ta' referenza għandhom jiġu aġġustati bl-istess persentaġġ bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawk il-prodotti.”;

(d) il-paragrafi 3 u 4 huma mħassra;

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10, għal kull sena li fiha l-għadd tal-allokazzjonijiet mingħajr ħlas ma jilħaqx l-ammont massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar, il-kwoti li jifdal sa dak l-ammont għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet mingħajr ħlas sabiex jiġi rrispettat is-sehem tal-irkantar fis-snin ta' wara. Meta, madankollu, jintlaħaq l-ammont massimu, l-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq. Kwalunkwe tali aġġustament għandu jsir b'mod uniformi. Madankollu, l-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ikunu taħt il-medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni għall-parametri referenzjarji rilevanti f'sena meta japplika l-aġġustament, għandhom jiġu eżentati minn dak l-aġġustament.";

(f) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri finanzjarji f'konformità mat-tieni u mar-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu li jiffavorixxu setturi jew subsetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba kostijiet indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-kostijiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jingħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku, dment li tali miżuri finanzjarji jkunu f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u, b'mod partikolari, ma jikkawżawx distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Il-miżuri finanzjarji adottati ma għandhomx jikkumpensaw il-kostijiet indiretti koperti minn allokazzjoni bla ħlas f'konformità mal-parametri referenzjarji stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Meta Stat Membru jonfoq ammont ogħla mill-ekwivalenti ta' 25 % tad-dħul mill-irkant imsemmi fl-Artikolu 10(3) għas-sena li fiha jkunu ġġarrbu l-kostijiet indiretti, huwa għandu jistabbilixxi r-raġunijiet li għalihom ikun inqabeż dak l-ammont.";

(g) fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mill-2021 'il quddiem, il-kwoti li, skont il-paragrafi 19, 20 u 22, mhumiex allokati għal installazzjonijiet għandhom jiżdiedu mal-ammont ta' kwoti mwarrba f'konformità mal-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, ta' dan il-paragrafu.";

(h) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. 345 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi allokata bla ħlas skont dan l-Artikolu, u 80 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi rkantata skont l-Artikolu 10, kif ukoll il-kwoti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas imsemmija fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' fond (il-"Fond għall-Innovazzjoni") bl-għan li jappoġġa l-innovazzjoni f'tekniki, proċessi u teknoloġiji b'livell baxx jew żero ta' karbonju li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi koperti minn din id-Direttiva u jikkontribwixxu għall-objettivi ta' tniġġis żero u ta' ċirkolarità, inklużi proġetti bl-għan li tali tekniki, proċessi u teknoloġiji jiżdiedu fid-dawl tal-implimentazzjoni wiesgħa tagħhom fl-Unjoni kollha. Tali proġetti għandu jkollhom potenzjal sinifikanti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għandhom jikkontribwixxu għall-iffrankar tal-enerġija u r-riżorsi f'konformità mal-miri tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija għall-2030.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi minn qabel il-kwoti għall-Fond għall-Innovazzjoni biex tiżgura li ammont adegwat ta' riżorsi jkun disponibbli ħalli titħaddan l-innovazzjoni, inkluż għaż-żieda.

Il-kwoti li ma jinħarġux lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru minħabba li jwaqqfu l-operat tagħhom u li ma humiex meħtieġa biex ikopru kwalunkwe nuqqas ta' ċediment minn dawk l-operaturi għandhom jintużaw ukoll għall-appoġġ għall-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

Barra minn hekk, 5 miljun kwota mill-kwantità msemmija fl-Artikolu 3c(5) u (7) relatati mal-kwoti tal-avjazzjoni għall-2026 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-appoġġ għall-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Barra minn hekk, 50 miljun kwota mhux allokati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għandhom jissupplimentaw kull dħul li jifdal mit-300 miljun kwota disponibbli fil-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE (*), u għandhom jintużaw b'mod f'waqtu għall-appoġġ għall-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jkopri s-setturi elenkati fl-Annessi I u III, kif ukoll prodotti u proċessi li jissostitwixxu lil dawk intensivi fil-karbonju prodotti jew użati fis-setturi elenkati fl-Anness I, inklużi teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli u ta' ħżin tal-enerġija u qbid u użu tal-karbonju (CCU) li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari għall-emissjonijiet inevitabbli tal-proċessi, u għandu jgħin biex jistimula l-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti mmirati lejn il-qbid, it-trasport u l-ħżin ġeoloġiku (CCS) li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent tas-$CO_2$, b'mod

partikolari għall-emissjonijiet inevitabbli tal-proċessi industrijali, u l-qbid dirett tas-$CO_2$ mill-atmosfera bi ħżin sikur, sostenibbli u permanenti (DACS), f'postijiet ġeografikament bilanċjati. Il-Fond għall-Innovazzjoni jista' jappoġġa wkoll teknoloġiji u infrastruttura innovattivi rivoluzzjonarji, inkluża l-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx jew żero ta' karbonju, għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, tal-avjazzjoni, tat-trasport ferrovjarju u tat-trasport bit-triq, inklużi forom kollettivi ta' trasport bħat-trasport pubbliku u s-servizzi ta' kowċis.

Għall-avjazzjoni, jista' jappoġġa wkoll l-elettrifikazzjoni u azzjonijiet biex jitnaqqsu l-impatti ġenerali tal-avjazzjoni fuq il-klima.

Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lil proġetti f'setturi koperti mir-Regolament (UE) 2023/956 biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fis-CCU, fis-CCS, fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima bil-għan li jingħata, matul il-perjodu mill-2021 sal-2030, lill-proġetti f'dawk is-setturi sehem sinifikanti tal-ekwivalenza fil-valur finanzjarju tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 1a, ir-raba' subparagrafu, ta' dan l-Artikolu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, qabel l-2027, tista' tvara sejħiet għal proposti ddedikati għas-setturi koperti minn dak ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tagħti attenzjoni speċjali lil proġetti li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu u għandha tinkludi suġġetti ddedikati għal dak il-fini fis-sejħiet għal proposti tal-Fond għall-Innovazzjoni, meta xieraq, inkluż għall-elettrifikazzjoni tat-trasport marittimu, kif ukoll biex jiġi indirizzat l-impatt sħiħ tagħha fuq il-klima, inklużi l-emissjonijiet tal-karbonju iswed. Tali sejħiet għal proposti għandhom ukoll, fil-kriterji użati għall-għażla tal-proġetti, iqisu b'mod partikolari il-potenzjal biex tiżdied il-protezzjoni tal-bijodiversità u biex jitnaqqas it-tniġġis akustiku u tal-ilma minn proġetti u investimenti.

Il-Fond għall-Innovazzjoni, f'konformità mal-paragrafu 8a, jista' jappoġġa proġetti permezz ta' offerti kompetittivi, bħal CDs, CCDs jew kuntratti bi primjum fiss biex jappoġġa teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni li għalihom il-prezz tal-karbonju jista' ma jkunx inċentiv biżżejjed.

Il-Kummissjoni għandha tfittex sinerġiji bejn il-Fond għall-Innovazzjoni u Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tas-sħubijiet Ewropej, u, meta jkun rilevanti, għandha tfittex sinerġiji bejn il-Fond għall-Innovazzjoni u programmi oħrajn tal-Unjoni.

Il-proġetti fit-territorju tal-Istati Membri kollha, inklużi proġetti fuq skala żgħira u fuq skala medja, għandhom ikunu eliġibbli u, għall-attivitajiet marittimi, proġetti b'valur miżjud ċar għall-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli. It-teknoloġiji li jirċievu appoġġ għandhom ikunu innovattivi u jkunu għadhom mhux kummerċjalment vijabbli fuq skala simili mingħajr appoġġ, iżda għandhom jirrappreżentaw soluzzjonijiet rivoluzzjonarji jew ikunu maturi biżżejjed għall-applikazzjoni fuq skala prekummerċjali.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwoti destinati għall-Fond għall-Innovazzjoni jiġu rkantati f'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet imsemmija fl-Artikolu 10(4) ta' din id-Direttiva. Ir-rikavat mill-irkantar għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**). L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu diżaggregati f'pagamenti akkont annwali fuq diversi snin.

Fuq talba, il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri b'parteċipazzjoni effettiva baxxa fi proġetti taħt il-Fond għall-Innovazzjoni bil-għan li jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-Istat Membru rikjedenti biex jappoġġa l-isforzi tal-proponenti tal-proġetti fit-territorji rispettivi tagħhom ħalli jissottomettu applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-Fond għall-Innovazzjoni, sabiex tittejjeb il-parteċipazzjoni ġeografika effettiva fil-Fond għall-Innovazzjoni u tiżdied il-kwalità ġenerali tal-proġetti ppreżentati. Il-Kummissjoni għandha tipprova tikseb kopertura ġeografika effettiva u bbażata fuq il-kwalità b'rabta mal-finanzjament mill-Fond għall-Innovazzjoni madwar l-Unjoni u għandha tiżgura monitoraġġ komprensiv tal-progress u segwitu xieraq f'dak ir-rigward.

Soġġett għall-qbil tal-applikanti, wara li tingħalaq sejħa għal proposti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet għall-finanzjament ta' proġetti fit-territorji rispettivi tagħhom u għandha tipprovdilhom informazzjoni dettaljata dwar dawk l-applikazzjonijiet sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-Istati Membri tal-appoġġ għall-proġetti. Barra minn hekk, qabel l-għoti tal-appoġġ, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar il-lista ta' proġetti magħżula minn qabel.

Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' proċedura tal-għażla trasparenti, b'mod newtrali fir-rigward tat-teknoloġija f'konformità mal-objettivi tal-Fond għall-Innovazzjoni kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, filwaqt li jitqies il-punt sa fejn il-proġetti jipprovdu

kontribut sinifikanti għall-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni filwaqt li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' tniġġis żero u ta' ċirkolarità f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u, fejn ikun rilevanti, il-punt sa fejn il-proġetti jikkontribwixxu biex jinkiseb tnaqqis tal-emissjonijiet ferm taħt il-parametri referenzjarji msemmija fil-paragrafu 2. Il-proġetti għandu jkollhom il-potenzjal għal applikazzjoni mifruxa jew li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-kostijiet tat-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima fis-setturi kkonċernati. Għandha tingħata prijorità lit-teknoloġiji u lill-proċessi innovattivi li jindirizzaw bosta impatti ambjentali. Proġetti li jinvolvu s-CCU għandhom iwasslu għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet u jiżguraw l-evitar jew il-ħżin permanenti tas-$CO_2$. Fil-każ ta' għotjiet ipprovduti permezz ta' sejħiet għal proposti, jistgħu jiġu appoġġati sa 60 % tal-kostijiet rilevanti tal-proġetti, li 40 % minnhom ma hemmx bżonn li jkunu dipendenti fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, dment li jinkisbu l-istadji ewlenin iddeterminati minn qabel, filwaqt li titqies it-teknoloġija użata. Fil-każ ta' appoġġ ipprovdut permezz ta' offerti kompetittivi u fil-każ ta' appoġġ għal assistenza teknika, jistgħu jiġu appoġġati sa 100 % tal-kostijiet rilevanti tal-proġetti. Il-potenzjal ta' tnaqqis fl-emissjonijiet f'bosta setturi offrut minn proġetti kkombinati, inkluż f'żoni fil-qrib, għandu jitqies fil-kriterji użati għall-għażla tal-proġetti.

Il-proġetti ffinanzjati mill-Fond għall-Innovazzjoni għandhom ikunu meħtieġa jaqsmu l-għarfien ma' proġetti rilevanti oħra kif ukoll ma' riċerkaturi bbażati fl-Unjoni li jkollhom interess leġittimu. It-termini tal-kondiviżjoni tal-għarfien għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni f'sejħiet għal proposti.

Is-sejħiet għal proposti għandhom ikunu miftuħa u trasparenti. Fit-tħejjija tas-sejħiet għal proposti, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li s-setturi kollha jkunu koperti kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri biex tiżgura li s-sejħiet jiġu kkomunikati bl-aktar mod wiesa' possibbli, u speċjalment lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplementa din id-Direttiva f'dak li jikkonċerna r-regoli dwar it-tħaddim tal-Fond għall-Innovazzjoni, inklużi l-proċedura u l-kriterji tal-għażla, u s-setturi eliġibbli u r-rekwiżiti teknoloġiċi għat-tipi differenti ta' appoġġ.

L-ebda proġett ma għandu jirċievi appoġġ permezz tal-mekkaniżmu skont dan is-subparagrafu li jaqbeż 15 % tal-għadd totali ta' kwoti disponibbli għal dan l-għan. Dak l-appoġġ għandu jitqies skont il-paragrafu 7.

Sal-31 ta' Diċembru 2023 u kull sena wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fl-Artikolu 22a(1) ta' din id-Direttiva, dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni, filwaqt li tipprovdi analiżi tal-proġetti mogħtija finanzjament skont is-settur u skont l-Istat Membru, u l-kontribut mistenni ta' dawk il-proġetti favur l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tippubblika dak ir-rapport.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE tat-3 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi l-kriterji u l-miżuri għall-finanzjament ta' proġetti kummerċjali ta' dimostrazzjoni li l-għan tagħhom huwa l-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' $CO_2$, f'kundizzjonijiet ta' sigurtà għall-ambjent, kif ukoll ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fl-ambitu tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 290, 6.11.2010, p. 39).

(**) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).";

(i) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"8a. Għal CDs u CCDs mogħtija wara l-konklużjoni ta' mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi, għandha tiġi pprovduta kopertura xierqa permezz ta' impenji baġitarji li jirriżultaw mir-rikavati tal-irkantar ta' kwoti disponibbli fil-Fond għall-Innovazzjoni u dawk l-impenji baġitarji jistgħu jiġu diżaggregati f'pagamenti akkont annwali fuq diversi snin. Għall-ewwel żewġ ċikli tal-mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi, il-kopertura tar-responsabbiltà finanzjarja relatata mas-CDs u s-CCDs għandha tkun żgurata bis-sħiħ b'approprjazzjonijiet li jirriżultaw mir-rikavati tal-irkantar ta' kwoti allokati lill-Fond għall-Innovazzjoni skont il-paragrafu 8.

Abbażi ta' valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva mill-Kummissjoni tar-riskji finanzjarji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' CDs u CCDs, li għandha ssir wara l-konklużjoni tal-ewwel żewġ ċikli tal-mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi u kull darba li jkun meħtieġ wara dan f'konformità mal-prinċipju tal-prudenza, skont liema l-assi u l-profitti ma għandhomx jiġu sopravalutati u l-obbligazzjonijiet u t-telf ma għandhomx jiġu sottovalutati, il-Kummissjoni, f'konformità mal-għoti tas-setgħa msemmija fit-tmien subparagrafu, tista' tiddeċiedi li tkopri biss parti mill-obbligazzjoni finanzjarja relatata ma' CDs u CCDs permezz tal-mezzi msemmija fl-ewwel subparagrafu u tkopri l-parti li jifdal permezz ta' mezzi oħrajn. Il-Kummissjoni għandha timmira li tillimita l-użu ta' mezzi oħra ta' kopertura.

Meta l-valutazzjoni twassal għall-konklużjoni li mezzi oħra ta' kopertura huma meħtieġa biex jitwettaq il-potenzjal sħiħ tas-CDs u s-CCDs, il-Kummissjoni għandha timmira għal taħlita bbilanċjata ta' mezzi oħra ta' kopertura. B'deroga mill-Artikolu 210(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-portata tal-użu ta' mezzi oħra ta' kopertura skont l-att delegat previst fit-tmien subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-obbligazzjoni finanzjarja li jifdal għandha tkun koperta biżżejjed, fid-dawl tal-prinċipji tat-Titolu X tar-Regolament (EU, Euratom) 2018/1046, jekk ikun meħtieġ, adattati għall-ispeċifiċitajiet tas-CDs u s-CCDs, b'deroga mill-Artikolu 209(2), il-punti (d) u (h), l-Artikolu 210(1), l-Artikolu 211(1), (2), (4) u (6), l-Artikoli 212, 213 u 214, l-Artikolu 218(1) u l-Artikolu 219(3) u (6) ta' dak ir-Regolament. Meta jkun applikabbli, mezzi oħra ta' kopertura, ir-rata ta' proviżjonament u d-derogi meħtieġa għandhom jiġu stabbiliti f'att delegat previst fit-tmien subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni ma għandhiex tuża aktar minn 30 % tar-rikavati tal-irkantar tal-kwoti allokati lill-Fond għall-Innovazzjoni skont il-paragrafu 8 għall-proviżjonament għas-CDs u s-CCDs.

Ir-rata ta' proviżjonament ma għandhiex tkun inqas minn 50 % tal-obbligazzjoni finanzjarja totali mġarrba mill-baġit tal-Unjoni għas-CDs u s-CCDs. Meta tiġi stabbilita ir-rata ta' proviżjonament, il-Kummissjoni għandha tqis elementi li jistgħu jnaqqsu r-riskji finanzjarji għall-baġit tal-Unjoni, lil hinn mill-approprjazzjonijiet disponibbli fil-Fond għall-Innovazzjoni, bħall-kondiviżjoni possibbli ta' obbligazzjoni ma' Stati Membri fuq bażi volontarja, jew mekkaniżmu possibbli ta' assigurazzjoni mill-ġdid mis-settur privat. Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid ir-rata ta' proviżjonament mill-inqas kull tliet snin mid-data ta' applikazzjoni tal-att delegat li jkun stabbiliha għall-ewwel darba.

Sabiex jiġu evitati applikazzjonijiet spekulattivi, l-aċċess għall-offerti kompetittivi jista' jsir soġġett għall-pagament mill-applikanti ta' depożitu li għandu jintilef f'każ li l-kuntratt ma jiġix rispettat. Tali depożiti mitlufa għandhom jintużaw għall-Fond għall-Innovazzjoni bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Kwalunkwe kontribuzzjoni mħallsa lill-awtorità awtorizzanti minn benefiċjarju f'konformità mat-termini tas-CD jew tas-CCD fejn il-prezz ta' referenza jkun ogħla mill-prezz tal-eżerċitar ("reflows") għandha tintuża għall-Fond għall-Innovazzjoni bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(5) ta' dak ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 ta' din id-Direttiva biex tissupplementa din id-Direttiva sabiex tipprevedi u tagħti dettall dwar mezzi oħra ta' kopertura, jekk ikun hemm, u, meta applikabbli, ir-rata ta' proviżjonament u d-derogi addizzjonali meħtieġa mit-Titolu X tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 kif stabbilit fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u barra minn hekk ir-regoli dwar it-tħaddim tal-mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi, b'mod partikolari fir-rigward ta' depożiti u reflows.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex temenda l-ħames subparagrafu ta' dan il-paragrafu billi tgħolli l-limitu ta' 30 % msemmi f'dak is-subparagrafu b'mhux aktar minn total ta' 20 punt perċentwali meta jkun meħtieġ biex tirrispondi għal domanda għal CDs u CCDs, filwaqt li tqis l-esperjenza tal-ewwel ċikli tal-mekkaniżmu ta' offerti kompetittivi u filwaqt li tqis il-ħtieġa li jinstab bilanċ xieraq fl-appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni bejn l-għotjiet u tali kuntratti.

L-appoġġ finanzjarju mill-Fond għall-Innovazzjoni għandu jkun proporzjonali għall-objettivi ta' politika stabbiliti f'dan l-Artikolu u ma għandux iwassal għal distorsjonijiet indebiti tas-suq intern. Għal dan l-għan, l-appoġġ għandu jingħata biss biex ikopri kostijiet addizzjonali jew riskji ta' investiment li ma jkunux jistgħu jiġġarrbu mill-investituri taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.

8b. 40 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi allokata bla ħlas skont dan l-Artikolu, u 10 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi rkantata skont l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva għandhom isiru disponibbli għall-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwoti destinati għall-Fond Soċjali għall-Klima jiġu rkantati fl-2025 f'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet imsemmija fl-Artikolu 10(4) ta' din id-Direttiva u l-att delegat adottat f'konformità ma' dak l-Artikolu. Id-dħul minn dak l-irkantar għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, u għandu jintużaw f'konformità mar-regoli applikabbli għall-Fond Soċjali għall-Klima."

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).";

(j) il-paragrafu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. Ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas lil installazzjoni li tkun waqfet topera. L-installazzjonijiet li l-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra skadielhom jew ġie rtirat u l-installazzjonijiet li għalihom l-operazzjoni jew il-bidu mill-ġdid tal-operazzjoni huma teknikament impossibbli għandhom jitqiesu bħala li waqqfu l-operazzjonijiet.";

(k) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"22. Meta jkunu meħtieġa korrezzjonijiet għall-allokazzjonijiet bla ħlas mogħtija skont l-Artikolu 11(2), tali korrezzjonijiet għandhom jitwettqu bi kwoti minn, jew billi jiżdiedu kwoti ma', l-ammont ta' kwoti mwarrba f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.";

(14) fl-Artikolu 10b(4), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Fi Stat Membru fejn, fuq medja fis-snin mill-2014 sal-2018, is-sehem tal-emissjonijiet tiegħu mit-tisħin distrettwali tat-total tal-Unjoni ta' tali emissjonijiet, diviż bis-sehem ta' PDG ta' dak l-Istat Membru tal-PDG totali tal-Unjoni huwa akbar minn ħamsa, allokazzjoni addizzjonali bla ħlas ta' 30 % tal-kwantità determinata skont l-Artikolu 10a għandha tingħata lit-tisħin distrettwali għall-perjodu mill-2026 sal-2030, dment li volum ta' investiment ekwivalenti għall-valur ta' dik l-allokazzjoni bla ħlas addizzjonali jiġi investit biex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'mod sinifikanti qabel l-2030 f'konformità mal-pjanijiet ta' newtralità klimatika msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu u li l-kisba tal-miri u l-istadji importanti msemmija fil-punt (b) ta' dak is-subparagrafu jkun ikkonfermat mill-verifika mwettqa f'konformità mar-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Sal-1 ta' Mejju 2024, l-operaturi tat-tisħin distrettwali għandhom jistabbilixxu pjan ta' newtralità klimatika għall-installazzjonijiet li għalihom japplikaw għal allokazzjoni bla ħlas addizzjonali f'konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dak il-pjan għandu jkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u għandu jistabbilixxi:

(a) miżuri u investimenti biex in-newtralità klimatika tinkiseb sal-2050 fil-livell tal-installazzjonijiet jew tal-kumpaniji, bl-esklużjoni tal-użu ta' krediti ta' kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju;

(b) miri u stadji ewlenin intermedji biex, sal-31 ta' Diċembru 2025 u sal-31 ta' Diċembru ta' kull ħames sena sussegwenti, jitkejjel il-progress li jkun sar lejn il-kisba tan-newtralità klimatika kif stabbilit fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu;

(c) stima tal-impatt ta' kull waħda mill-miżuri u kull wieħed mill-investimenti msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Il-kisba tal-miri u l-istadji ewlenin imsemmija fit-tielet subparagrafu, il-punt (b), ta' dan il-paragrafu għandu jiġi vverifikat fir-rigward tal-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2025 u fir-rigward ta' kull perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull ħames sena sussegwenti, f'konformità mal-proċeduri ta' verifika u akkreditazzjoni previsti fl-Artikolu 15. Ebda kwota bla ħlas lil hinn mill-ammont msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandha tiġi allokata jekk il-kisba tal-miri u l-istadji ewlenin intermedji ma jkunx ġie vverifikat fir-rigward tal-perjodu sa tmiem l-2025 jew fir-rigward tal-perjodu mill-2026 sal-2030.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-kontenut minimu tal-informazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), ta' dan il-paragrafu u l-format tal-pjanijiet ta' newtralità klimatika msemmija f'dak is-subparagrafu u fl-Artikolu 10a(1), il-ħames subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha tfittex sinerġiji ma' pjanijiet simili kif previst fid-dritt tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

(15) fl-Artikolu 10c, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku u l-operaturi tan-network li jibbenefikaw jirrapportaw, sat-28 ta' Frar ta' kull sena, dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom, inkluż il-bilanċ tal-allokazzjoni bla ħlas u n-nefqa fuq l-investiment imġarrba u t-tipi ta' investimenti appoġġati. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel tali rapporti pubbliċi.";

(16) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 10ca*

**Skadenza iqsar għall-allokazzjoni tranżitorja bla ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija**

B'deroga mill-Artikolu 10c, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jagħtu allokazzjoni tranżitorja bla ħlas biss lil installazzjonijiet f'konformità ma' dak l-Artikolu għal investimenti li jsiru qabel il-31 ta' Diċembru 2024. Kwalunkwe kwota disponibbli għall-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 10c għall-perjodu mill-2021 sal-2030 li ma tintużax għal tali investimenti għandha, fil-proporzjon determinat mill-Istat Membru rispettiv:

(a) tiżdied mal-kwantità totali ta' kwoti li l-Istat Membru kkonċernat għandu jirkanta skont l-Artikolu 10(2); jew

(b) tintuża biex tappoġġa investimenti fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10d, f'konformità mar-regoli applikabbli għad-dħul mill-kwoti msemmija fl-Artikolu 10d(4).

Sal-15 ta' Mejju 2024, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-ammonti rispettivi ta' kwoti li jridu jintużaw skont l-Artikolu 10(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u, b'deroga mill-Artikolu 10d(4), it-tieni sentenza, taħt l-Artikolu 10d.";

(17) l-Artikolu 10d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jiġi stabbilit fond biex jappoġġa l-investimenti proposti mill-Istati Membri benefiċjarji, inkluż il-finanzjament ta' proġetti ta' investiment fuq skala żgħira, għall-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika għall-perjodu mill-2021 sal-2030 (il-"Fond għall-Modernizzazzjoni"). Il-Fond għall-Modernizzazzjoni għandu jiġi ffinanzjat permezz tal-irkantar tal-kwoti kif stabbilit fl-Artikolu 10, għall-Istati Membri benefiċjarji stabbiliti fih.

L-investimenti appoġġati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, kif ukoll mal-objettivi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u tar-Regolament (UE) 2021/1119 u mal-objettivi fit-tul kif espressi fil-Ftehim ta' Pariġi. L-Istati Membri benefiċjarji, meta jkun xieraq, jistgħu jużaw ir-riżorsi tal-Fond għall-Modernizzazzjoni biex jiffinanzjaw investimenti li jinvolvu r-reġjuni tal-fruntiera kontigwi tal-Unjoni. Ma għandu jiġi pprovdut l-ebda appoġġ mill-Fond għall-Modernizzazzjoni lill-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li jużaw fjuwils fossili. Madankollu, id-dħul minn kwoti koperti minn notifika skont il-paragrafu 4ta' dan l-Artikolu jista' jintuża għal investimenti li jinvolvu fjuwils fossili gassużi.

Barra minn hekk, id-dħul mill-kwoti msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu, ta' din id-Direttiva jista', meta l-attività tikkwalifika bħala ambjentalment sostenibbli fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u tkun debitament ġustifikata sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija, jintuża għal investimenti li jinvolvu fjuwils fossili gassużi dment li, għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, il-kwoti jiġu rkantati qabel il-31 ta' Diċembru 2027 u, għall-investimenti li jinvolvu użijiet downstream ta' gass, il-kwoti jiġu rkantati qabel il-31 ta' Diċembru 2028.

(*) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mill-inqas 80 % tad-dħul mill-kwoti msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu, u mill-kwoti koperti minn notifika skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u mill-inqas 90 % tad-dħul mill-kwoti msemmija fl-Artikolu 10(1), ir-raba' subparagrafu, għandhom jintużaw biex jappoġġaw l-investimenti f'dawn li ġejjin:

(a) il-ġenerazzjoni u l-użu tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, inkluż l-idroġenu rinnovabbli;

(b) it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli;

(c) it-tnaqqis tal-użu ġenerali tal-enerġija permezz tal-effiċjenza enerġetika, inkluż fl-industrija, fit-trasport, fil-bini, fl-agrikoltura u fl-iskart;

(d) il-ħżin tal-enerġija u l-modernizzazzjoni tan-networks tal-enerġija, inklużi l-ġestjoni min-naħa tad-domanda, pipelines tat-tisħin distrettwali, grilji għat-trażmissjoni tal-elettriku, iż-żieda fl-interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri u l-infrastruttura għal mobilità b'emissjonijiet żero;

(e) l-appoġġ għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx, inkluż f'żoni rurali u remoti, biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u biex jimmodernizzaw is-sistemi tat-tisħin tagħhom; u

(f) tranżizzjoni ġusta f'reġjuni dipendenti fuq il-karbonju fl-Istati Membri benefiċjarji, sabiex jiġu appoġġati r-riallokazzjoni, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inizjattivi ta' tfittxija tal-impjiegi u n-negozji ġodda, fi djalogu mas-soċjetà ċivili u mas-sħab soċjali, b'mod li huwa konsistenti mal-azzjonijiet rilevanti inklużi mill-Istati Membri fil-pjanijiet territorjali tagħhom għal tranżizzjoni ġusta, u li jikkontribwixxu għalihom, f'konformità mal-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2021/1056, fejn rilevanti.";

(c) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. Il-kumitat tal-investiment għandu jirrapporta kull sena lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni tal-investimenti, b'mod partikolari f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-kostijiet tat-tnaqqis. Sal-31 ta' Diċembru 2024, filwaqt li tqis is-sejbiet tal-kumitat tal-investiment, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-oqsma għall-proġetti msemmija fil-paragrafu 2 u l-bażi li fuqha l-kumitat tal-investiment jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Il-kumitat tal-investiment għandu jara li r-rappport annwali jiġi ppubblikat. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dan ir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(18) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 10f*

**Il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"**

Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri benefiċjarji u l-Kummissjoni għandhom jużaw id-dħul ġenerat mill-irkantar tal-kwoti destinati għall-Fond għall-Innovazzjoni skont l-Artikolu 10a(8) ta' din id-Direttiva, u tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tielet u r-raba' subparagrafi, ta' din id-Direttiva, f'konformità mal-kriterji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jintuża tali dħul għal attività ekonomika li għaliha jkunu ġew stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniku skont l-Artikolu 10(3), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali rilevanti.";

(19) fl-Artikolu 11(2), id-data ”28 ta’ Frar” hija sostitwita bit-”30 ta’ Ġunju”;

(20) it-titolu tal-Kapitolu IV huwa sostitwit b’dan li ġej:

”Dispożizzjonijiet li japplikaw għall-Installazzjonijiet tal-Avjazzjoni, tat-Trasport Marittimu u dawk Stazzjonarji”;

(21) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

”2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwoti maħruġa minn awtorità kompetenti ta’ Stat Membru ieħor jiġu rikonoxxuti għall-fini tal-issodisfar tal-obbligi ta’ operatur, ta’ operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta’ kumpanija tat-tbaħħir skont il-paragrafu 3.”;

(b) il-paragrafu 2a huwa mħassar;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

”3. L-Istati Membri, l-Istati Membri amministrattivi u l-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir għandhom jiżguraw li, sat-30 ta’ Settembru ta’ kull sena:

(a) l-operatur ta’ kull installazzjoni jċedi għadd ta’ kwoti li huwa ugwali għall-emissjonijiet totali minn dik l-installazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f’konformità mal-Artikolu 15;

(b) kull operatur tal-inġenji tal-ajru jċedi għadd ta’ kwoti li huwa ugwali għall-emissjonijiet totali tiegħu matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f’konformità mal-Artikolu 15;

(c) kull kumpanija tat-tbaħħir iċċedi għadd ta’ kwoti li huwa ugwali għall-emissjonijiet totali tagħha matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f’konformità mal-Artikolu 3ge.

L-Istati Membri, l-Istati Membri amministrattivi u l-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta’ kumpanija tat-tbaħħir għandhom jiżguraw li l-kwoti ċeduti f’konformità mal-ewwel subparagrafu jiġu sussegwentement ikkanċellati.”;

(d) il-paragrafi li ġejjin jiddaħħlu wara l-paragrafu 3:

”3-e. B’deroga mill-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), il-kumpaniji tat-tbaħħir jistgħu jċedu 5 % inqas kwoti mill-emissjonijiet ivverifikati tagħhom rilaxxati sal-31 ta’ Diċembru 2030 minn bastimenti tal-kategorija tas-silġ, dment li tali bastimenti jkollhom il-klassi tas-silġ IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti, stabbilita abbażi tar-Rakkomandazzjoni 25/7 tal-HELCOM.

Meta jiġu ċeduti inqas kwoti meta mqabbla mal-emissjonijiet ivverifikati, ladarba tkun ġiet stabbilita d-differenza bejn l-emissjonijiet ivverifikati u l-kwoti ċeduti fir-rigward ta’ kull sena, ammont ta’ kwoti li jikkorrispondi għal dik id-differenza għandu jiġi kkanċellat aktar milli rkantat skont l-Artikolu 10.

3-d. B’deroga mill-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 16, il-Kummissjoni, fuq talba ta’ Stat Membru, għandha tiddisponi, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li r-rekwiżiti stabbiliti f’dawk id-dispożizzjonijiet huma ssodisfati u li ma għandhom jieħdu ebda azzjoni kontra kumpaniji tat-tbaħħir fir-rigward tal-emissjonijiet li jiġu rilaxxati sal-31 ta’ Diċembru 2030 minn vjaġġi mwettqa minn bastimenti tal-passiġġieri, għajr bastimenti tal-kruċieri, u minn bastimenti ro-ro tal-passiġġieri, bejn port ta’ gżira taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ dak l-Istat Membru rikjedenti, mingħajr konnessjoni bit-triq jew bil-ferrovija mal-kontinent u b’ popolazzjoni ta’ inqas minn 200 000 resident permanenti skont l-aħjar data l-aktar riċenti disponibbli fl-2022, u port taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ dak l-istess Stat Membru, u mill-attivitajiet, f’port, ta’ tali bastimenti fir-rigward ta’ tali vjaġġi..

Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-gżejjer imsemmija fl-ewwel subparagrafu u l-portijiet ikkonċernati u żżomm dik il-lista aġġornata.

3-c. B’deroga mill-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 16, il-Kummissjoni, fuq talba konġunta ta’ żewġ Stati Membri, li wieħed minnhom ma għandux fruntiera fuq l-art ma’ Stat Membru ieħor u l-Istat Membru l-ieħor ikun l-Istat Membru ġeografikament l-iktar qrib tal-Istat Membru mingħajr tali fruntiera fuq l-art, għandha tiddisponi, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li r-rekwiżiti stabbiliti f’dawk id-dispożizzjonijiet huma ssodisfati u li ma

għandhom jieħdu ebda azzjoni kontra kumpaniji tat-tbaħħir fir-rigward tal-emissjonijiet li jiġu rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2030 minn vjaġġi mwettqa minn bastimenti tal-passiġġieri jew bastimenti ro-ro tal-passiġġieri fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku tranżnazzjonali jew obbligu ta' servizz pubbliku tranżnazzjonali, stabbilit fit-talba konġunta, li jgħaqqdu ż-żewġ Stati Membri, u mill-attivitajiet, f'port, minn talibastimenti fir-rigward ta' tali vjaġġi.

3-b. Ma għandux jinħoloq obbligu ta' ċediment tal-kwoti fir-rigward ta' emissjonijiet li jiġu rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2030 minn vjaġġi bejn port li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u port li jinsab fl-istess Stat Membru, inklużi vjaġġi bejn portijiet f'reġjun ultraperiferiku u vjaġġ bejn portijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess Stat Membru, u mill-attivitajiet, f'port, minn tali bastimenti fir-rigward ta' tali vjaġġi.";

(e) il-paragrafu 3-a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3-a. Fejn meħtieġ, u sakemm ikun meħtieġ, sabiex tiġi mħarsa l-integrità ambjentali tal-EU ETS, l-operaturi, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, u l-kumpaniji tat-tbaħħir fl-EU ETS għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw il-kwoti li jinħarġu minn Stat Membru li fir-rigward tagħhom hemm obbligi li jiskadu għall-operaturi, għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-kumpaniji tat-tbaħħir. L-atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(3) għandhom jinkludu l-miżuri meħtieġa fil-każijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.";

(f) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3b. Ma għandux jinħoloq obbligu ta' ċediment tal-kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jitqiesu li jkunu nqabdu u ntużaw b'tali mod li ikunu saru kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu normali ma jidħlux fl-atmosfera, inkluża kwalunkwe attività normali li sseħħ wara t-tmiem tal-ħajja tal-prodott.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplementa din id-Direttiva dwar ir-rekwiżiti biex tikkunsidra li l-gassijiet serra jkunu saru kimikament marbuta b'mod permanenti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.";

(g) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-kwoti huma kkanċellati fi kwalunkwe waqt fuq talba tal-persuna li jkunu fil-pussess tagħha. F'każ tal-għeluq tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom minħabba miżuri nazzjonali addizzjonali, l-Istati Membri jistgħu jikkanċellaw kwoti, u huma mħeġġa ferm jagħmlu dan, mill-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minnhom imsemmija fl-Artikolu 10(2) sa ammont li jikkorrispondi għall-medja tal-emissjonijiet verifikati tal-installazzjoni kkonċernata matul perjodu ta' ħames snin qabel l-għeluq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar tali kanċellazzjoni ppjanata, jew dwar ir-raġunijiet għal nuqqas ta' kanċellazzjoni, f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4).";

(22) fl-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni rigward l-arranġamenti dettaljati għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u, meta jkun rilevanti, id-data dwar l-attività, mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva, u l-effetti tal-emissjonijiet li mhumiex $CO_2$ tal-avjazzjoni fuq rotot li għalihom l-emissjonijiet jiġu rrapportati fl-ambitu ta' din id-Direttiva, li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u r-rapportar stabbiliti fl-Anness IV ta' din id-Direttiva u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 5 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw ukoll il-potenzjal ta' tisħin globali ta' kull gass serra u jqisu l-għarfien xjentifiku aġġornat dwar l-effetti tal-emissjonijiet li mhumiex $CO_2$ tal-avjazzjoni fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u l-effetti tagħhom, inklużi l-effetti tel-emissjonijiet li mhumiex $CO_2$ tal-avjazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jipprovdu għall-applikazzjoni tal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, sabiex tali bijomassa jkollha rata żero. Huma għandhom jispeċifikaw kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlita ta' sorsi b'rata żero u sorsi mhux b'rata żero. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll kif għandhom jitqiesu l-emissjonijiet minn fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklati, filwaqt li jiżguraw li jitqiesu tali emissjonijiet u li jiġi evitat għadd doppju.";

(23) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-operaturi, tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u tal-kumpaniji tat-tbaħħir li qegħdin jiksru r-rekwiżiti li jċedu biżżejjed kwoti skont din id-Direttiva.";

(b) fil-paragrafu 3, id-data "30 ta' April" hija sostitwita bit-"30 ta' Settembru";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-penali stabbiliti fil-paragrafu 3 għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-kumpaniji tat-tbaħħir.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"11a. Fil-każ ta' kumpanija tat-tbaħħir li tkun naqset milli tikkonforma mal-obbligi ta' ċediment għal żewġ perjodi ta' rapportar konsekuttivi jew aktar, u fejn miżuri ta' infurzar oħrajn ikunu naqsu milli jiżguraw il-konformità, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tad-dħul tista', wara li tagħti l-opportunità lill-kumpanija tat-tbaħħir ikkonċernata biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, toħroġ ordni ta' tkeċċija, li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat. Bħala riżultat tal-ħruġ ta' tali ordni ta' tkeċċija, kull Stat Membru, bl-eċċezzjoni tal-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu, għandu jirrifjuta d-dħul tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija tat-tbaħħir ikkonċernata fi kwalunkwe wieħed mill-portijiet tiegħu sakemm il-kumpanija tat-tbaħħir tissodisfa l-obbligi ta' ċediment tagħha f'konformità mal-Artikolu 12. Meta l-bastiment itajjar il-bandiera ta' Stat Membru u jidħol jew jinstab f'wieħed mill-portijiet tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat, wara li jagħti l-opportunità lill-kumpanija tat-tbaġġir ikkonċernata biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, għandu jżomm il-bastiment sakemm il-kumpanija tat-tbaħħir tissodisfa l-obbligi ta' ċediment tagħha.

Meta bastiment li jtajjar ta' kumpanija ta' tbaħħir kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tinstab f'wieħed mill-portijiet tal-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu, l-Istat Membru kkonċernat, wara li jagħti l-opportunità lill-kumpanija ta' tbaħħir kkonċernata biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, jista' joħroġ ordni ta' detenzjoni tal-Istat tal-bandiera sakemm il-kumpanija tat-tbaħħir tissodisfa l-obbligi ta' ċediment tagħha. Għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-EMSA u lill-Istati Membri l-oħra b'dan. Bħala riżultat tal-ħruġ ta' tali ordni ta' detenzjoni tal-Istat tal-bandiera, kull Stat Membru għandu jieħu l-istess miżuri bħal dawk li huma meħtieġa wara l-ħruġ ta' ordni ta' tkeċċija f'konformità mal-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza.

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli marittimi internazzjonali applikabbli fil-każ ta' bastimenti f'diffikultà.";

(24) l-Artikolu 18b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 18b*

**Assistenza mill-Kummissjoni, mill-ESMA u minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn**

1. Għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 3c(4) u l-Artikoli 3g, 3gd, 3ge, 3gf, 3gg u 18a, il-Kummissjoni, l-Istat Membru amministrattiv u l-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir jistgħu jitolbu l-assistenza tal-EMSA jew ta' organizzazzjoni rilevanti oħra u jistgħu jikkonkludu, għal dak l-għan, kwalunkwe ftehim xieraq ma' dawk l-organizzazzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni, assistita mill-EMSA, għandha tagħmel ħilitha biex tiżviluppa għodod u gwida xierqa biex tiffaċilita u tikkoordina l-attivitajiet ta' verifika u infurzar relatati mal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għat-trasport marittimu. Sa fejn ikun prattikabbli, tali gwida u għodod għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri u l-verifikaturi għal finijiet ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni u sabiex jiġi żgurat aħjar infurzar robust tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.";

(25) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3c(6), l-Artikolu 3d(3), fl-Artikolu 10(4), fl-Artikolu 10a(1), (8) u (8a), fl-Artikolu 10b(5), fl-Artikolu 12(3b), fl-Artikolu 19(3), fl-Artikolu 22, fl-Artikolu 24(3), fl-Artikolu 24a(1), fl-Artikolu 25a(1), fl-Artikolu 28c u fl-Artikolu 30j(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mit-8 ta' April 2018.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3c(6), l-Artikolu 3d(3), fl-Artikolu 10(4), fl-Artikolu 10a(1), (8) u (8a), fl-Artikolu 10b(5), fl-Artikolu 12(3b), fl-Artikolu 19(3), fl-Artikolu 22, fl-Artikolu 24(3), fl-Artikolu 24a(1), fl-Artikolu 25a(1), fl-Artikolu 28c u fl-Artikolu 30j(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3c(6), l-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1), (8) jew (8a) l-Artikolu 10b(5), l-Artikolu 12(3b), l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 24a(1), l-Artikolu 25a(1), l-Artikolu 28c jew l-Artikolu 30j(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(26) l-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*

**Rapport biex jiġi żgurat il-funzjonament aħjar tas-suq tal-karbonju**

Jekk ir-rapporti regolari dwar is-suq tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 10(5) u (6) ikun fihom evidenza li s-suq tal-karbonju mhuwiex jiffunzjona tajjeb, il-Kummissjoni, fi żmien perjodu ta' tliet xhur, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat, meta jkun xieraq, bi proposti leġiżlattivi bl-għan li jiżdiedu t-trasparenza u l-integrità tas-suq tal-karbonju, inklużi s-swieq tad-derivattivi relatati, u li jiġu indirizzati l-miżuri korrettivi biex jittejjeb il-funzjonament tiegħu kif ukoll biex jissaħħu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' attivitajiet ta' abbuż tas-suq.";

(27) l-Artikolu 29a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 29a*

**Miżuri f'każ ta' fluttwazzjonijiet eċċessivi tal-prezzijiet**

1. Jekk il-prezz medju tal-kwoti għas-sitt xhur kalendarji preċedenti jkun aktar minn 2,4 darbiet il-prezz medju tal-kwoti għall-perjodu ta' referenza tas-sentejn preċedenti, għandhom jiġu rilaxxati 75 miljun kwota mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq f'konformità mal-Artikolu 1(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.

Il-prezz tal-kwoti msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu, għall-kwoti koperti mill-Kapitoli II u III, ikun il-prezz tal-irkantijiet imwettqa f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4).

Il-perjodu ta' referenza tas-sentejn preċedenti msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun il-perjodu ta' sentejn li jintemm qabel l-ewwel xahar tal-perjodu ta' sitt xhur kalendarji msemmi f'dak is-subparagrafu.

Meta l-kundizzjoni fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tiġi ssodisfata u l-paragrafu 2 ma jkunx applikabbli, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'dak ir-rigward f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jindika d-data li fiha l-kundizzjoni ġiet issodisfata.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika fl-ewwel tlett ijiem tax-xogħol ta' kull xahar il-prezz medju tal-kwoti għas-sitt xhur kalendarji preċedenti u l-prezz medju tal-kwoti għall-perjodu ta' referenza tas-sentejn preċedenti. Jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tiġix issodisfata, il-Kummissjoni għandha tippubblika wkoll il-livell li l-prezz medju tal-kwoti jkollu jilħaq fix-xahar ta' wara sabiex tiġi ssodisfata l-kundizzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu.

2. Meta l-kundizzjoni għar-rilaxx ta' kwoti mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq skont il-paragrafu 1 tkun ġiet issodisfata, il-kundizzjoni msemmija f'dak il-paragrafu ma għandhiex titqies li reġgħet ġiet issodisfata sa mill-inqas tnax-il xahar wara tmiem ir-rilaxx preċedenti.

3. L-arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(4).";

(28) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tibqa' tiġi rieżaminata fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u l-isforzi mwettqa biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, u ta' kwalunkwe impenn rilevanti li jirriżulta mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-miżuri biex jiġu appoġġati ċerti industriji intensivi fl-enerġija li jistgħu ikunu soġġetti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju msemmija fl-Artikoli 10a u 10b ta' din id-Direttiva għandhom ukoll jinżammu taħt rieżami fid-dawl tal-miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima f'ekonomiji ewlenin oħra. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll jekk il-miżuri marbuta mal-kumpens ta' kostijiet indiretti għandhomx jiġu armonizzati aktar. Il-miżuri applikabbli għas-setturi tas-CBAM għandhom jinżammu taħt rieżami fid-dawl tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956. Qabel l-1 ta' Jannar 2028, u kull sentejn wara dik id-data, bħala parti mir-rapporti tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 30(6) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tal-CBAM fuq ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, inkluż fir-rigward tal-esportazzjonijiet.

Ir-rapport għandu jivvaluta l-ħtieġa li jittieħdu miżuri addizzjonali, inkluż miżuri leġiżlattivi, biex jiġu indirizzati r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Ir-rapport, meta jkun xieraq, għandu jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest ta' kull rendikont globali miftiehem fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ ta' gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inkluż fir-rigward tal-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, tista' tagħmel proposti leġiżlattivi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex din id-Direttiva tiġi emendata, b'mod partikolari sabiex tkun żgurata l-konformità mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u l-miri klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament. Meta tagħmel il-proposti leġiżlattivi tagħha, il-Kummissjoni għandha, għal dak il-għan, tikkunsidra, fost oħrajn, l-baġit indikattiv proġettat tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu mill-2030 sal-2050 kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. Sal-31 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, akkumpanjat, meta jkun xieraq, bi proposta leġiżlattiva u valutazzjoni tal-impatt:

(a) kif l-emissjonijiet negattivi li jirriżultaw mill-gassijiet serra li jitneħħew mill-atmosfera u jinħażnu b'mod sikur u permanenti jistgħu jitqiesu u kif dawk l-emissjonijiet negattivi jistgħu jiġu koperti bl-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, jekk ikun xieraq, inkluż kamp ta' applikazzjoni ċar u kriterji stretti għal tali kopertura, u salvagwardji biex jiġi żgurat li tali assorbimenti ma jikkumpensawx it-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet f'konformità mal-miri klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119;

(b) il-fattibbiltà li, mill-2031, jitbaxxew il-limiti tal-input termiku nominali totali ta' 20 MW għall-attivitajiet fl-Anness I;

(c) jekk l-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra koperti minn din id-Direttiva humiex effettivament meqjusa, u jekk l-għadd doppju huwiex effettivament evitat; b'mod partikolari, għandha tivvaluta l-kontabbiltà tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jitqiesu li jkunu nqabdu u ntużaw fi prodott b'mod differenti minn dak imsemmi fl-Artikolu 12(3b).

6. Meta tirrieżamina din id-Direttiva, f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tanalizza kif jistgħu jiġu stabbiliti rabtiet bejn l-EU ETS u swieq oħra tal-karbonju, mingħajr ma xxekkel il-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika u tal-miri klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119.

7. Sal-31 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-inklużjoni tal-installazzjonijiet tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-EU ETS, inkluż bil-ħsieb tal-inklużjoni tagħhom mill-2028 u b'valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali ta' għażla ta' nonparteċipazzjoni għal Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 2030. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tqis l-importanza li s-setturi kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u d-devjazzjoni potenzjali tal-iskart lejn ir-rimi b'rimi f'landfill fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet tal-iskart lejn pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni, barra minn hekk, għandha tqis kriterji rilevanti bħall-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali, l-allinjament mal-objettivi tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u r-robustezza u l-eżattezza fir-rigward tal-monitoraġġ u l-kalkolu tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni, meta jkun xieraq u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva, għandha takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva biex id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu jiġu applikati għall-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti addizzjonali fir-rigward tal-installazzjonijiet tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali, u biex jiġu evitati devjazzjoni potenzjali tal-iskart.

Fir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-possibbiltà li tinkludi proċessi oħra ta' mmaniġġjar tal-iskart fl-EU ETS, b'mod partikolari landfills li joħolqu emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż fl-Unjoni. Il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, tista' wkoll takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva biex tinkludi tali proċessi oħra ta' mmaniġġjar tal-iskart fl-EU ETS.

(*) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).";

(29) il-Kapitolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 30:

"Kapitolu IVa

Sistema ta' Skambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għas-Setturi tal-Bini, tat-Trasport bit-Triq u oħrajn addizzjonali

*Artikolu 30a*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-emissjonijiet, għall-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-ħruġ u għaċ-ċediment ta' kwoti, għall-monitoraġġ, għar-rapportar u għall-verifika fir-rigward tal-attività msemmija fl-Anness III. Dan il-Kapitolu ma għandu japplika għall-ebda emissjoni koperta mill-Kapitoli II u III.

*Artikolu 30b*

**Permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mill-1 ta' Jannar 2025, l-ebda entità regolata ma twettaq l-attività msemmija fl-Anness III, sakemm dik l-entità regolata ma jkollhiex permess maħruġ minn awtorità kompetenti f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Applikazzjoni lill-awtorità kompetenti mill-entità regolata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont dan il-Kapitolu għandha tinkludi, mill-inqas, deskrizzjoni ta':

(a) l-entità regolata;

(b) it-tip ta' fjuwils li tirrilaxxa għall-konsum u li jintużaw għall-kombustjoni fis-setturi msemmija fl-Anness III u l-mezzi li permezz tagħhom tirrilaxxa dawk il-fjuwils għall-konsum;

(c) l-użu/ jew l-użi finali tal-fjuwils rilaxxati għall-konsum għall-attività msemmija fl-Anness III;

(d) il-miżuri ppjanati għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 14 u 30f;

(e) sommarju mhux tekniku tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu.

3. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jagħti awtorizzazzjoni lill-entità regolata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-attività msemmija fl-Anness III, jekk tkun sodisfatta li l-entità hija kapaċi timmonitorja u tirrapporta l-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III.

4. Il-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandu jkun fihom, mill-inqas, dawn li ġejjin:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità regolata;

(b) deskrizzjoni tal-mezzi li bihom l-entità regolata tirrilaxxa l-fjuwils għall-konsum fis-setturi koperti minn dan il-Kapitolu;

(c) lista tal-fjuwils li l-entità regolata tirrilaxxa għall-konsum fis-setturi koperti minn dan il-Kapitolu;

(d) pjan ta' monitoraġġ li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14;

(e) ir-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14;

(f) obbligu li jiġu ċeduti l-kwoti, maħruġa taħt dan il-Kapitolu, ugwali għall-emissjonijiet totali f'kull sena kalendarja, kif ivverifikati f'konformità mal-Artikolu 15, u sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 30e(2).

5. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-entitajiet regolati jaġġornaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ mingħajr ma jbiddlu l-permess. L-entitajiet regolati għandhom jissottomettu kwalunkwe pjan ta' monitoraġġ aġġornat lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni.

6. L-entità regolata għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla ppjanata fin-natura tal-attività tagħha jew fil-fjuwils li tirrilaxxa għall-konsum, li tista' tirrikjedi aġġornament tal-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Meta jkun xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14. Meta jkun hemm bidla fl-identità tal-entità regolata koperta minn dan il-Kapitolu, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess biex ikun jinkludi l-isem u l-indirizz tal-entità regolata l-ġdida.

*Artikolu 30c*

**Il-kwantità tal-kwoti fl-Unjoni kollha**

1. Il-kwantità ta' kwoti maħruġa fl-Unjoni kollha skont dan il-Kapitolu kull sena mill-2027 għandha tibda tonqos b'mod lineari mill-2024. Il-valur tal-2024 għandu jiġi definit bħala l-limiti tal-emissjonijiet tal-2024, ikkalkolati abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għas-setturi koperti minn dan il-Kapitolu u bl-applikazzjoni tat-trajettorja lineari għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Il-kwantità għandha tonqos kull sena wara l-2024 b'fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,10 %. Sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għas-sena 2027.

2. Il-kwantità ta' kwoti maħruġa fl-Unjoni kollha skont dan il-Kapitolu kull sena mill-2028 għandha tonqos b'mod lineari mill-2025 abbażi tal-emissjonijiet medji rrapportati skont dan il-Kapitolu għas-snin mill-2024 sal-2026. Il-kwantità ta' kwoti għandha tonqos b'fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,38 %, ħlief jekk japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IIIa, f'liema każ il-kwantità għandha tonqos b'fattur ta' tnaqqis lineari aġġustat f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IIIa. Sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għall-2028 u, jekk ikun meħtieġ, il-fattur ta' tnaqqis lineari aġġustat.

3. Il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha maħruġa taħt dan il-Kapitolu għandha tiġi aġġustata għal kull sena mill-2028 biex tiġi kkumpensata l-kwantità ta' kwoti ċeduti f'każijiet li fihom ma kienx possibbli li jiġi evitat l-għadd doppju tal-emissjonijiet jew li fihom il-kwoti jkunu ġew ċeduti għal emissjonijiet mhux koperti minn dan il-Kapitolu kif imsemmi fl-Artikolu 30f(5). L-aġġustament għandu jikkorrispondi għall-ammont totali ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu li ġew ikkumpensati fis-sena ta' rapportar rilevanti skont l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 30f(5), it-tieni subparagrafu.

4. Stat Membru li, skont l-Artikolu 30j, unilateralment estenda l-attività msemmija fl-Anness III għal setturi li mhumiex elenkati f'dak l-Anness għandu jiżgura li l-entitajiet regolati kkonċernati jippreżentaw, sat-30 ta' April tas-sena rilevanti, lill-awtorità kompetenti rilevanti, rapport debitament sostanzjat f'konformità mal-Artikolu 30f. Jekk id-data ppreżentata tkun debitament sostanzjata, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan sat-30 ta' Ġunju tas-sena rilevanti. Il-kwantità ta' kwoti li jridu jinħarġu skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi aġġustata filwaqt li jitqies ir-rapport debitament sostanzjat ppreżentat mill-entitajiet regolati.

*Artikolu 30d*

**L-irkantar ta' kwoti għall-attività msemmija fl-Anness III**

1. Mill-2027, il-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rkantati, sakemm ma jitqegħdux fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814. Il-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rkantati separatament mill-kwoti koperti mill-Kapitoli II u III ta' din id-Direttiva.

2. L-irkantar tal-kwoti skont dan il-Kapitolu għandu jibda fl-2027 b'ammont li jikkorrispondi għal 130 % tal-volumi tal-irkant għall-2027 stabbiliti abbażi tal-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għal dik is-sena u l-ishma u l-volumi tal-irkant rispettivi skont il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu. It- 30 % addizzjonali li jridu jiġu rkantati għandhom jintużaw biss biex jiġu ċeduti l-kwoti skont l-Artikolu 30e(2) u jistgħu jiġu rkantati sal-31 ta' Mejju 2028. It-30 % addizzjonali għandhom jitnaqqsu mill-volumi tal-irkant għall-perjodu mill-2029 sal-2031. Il-kundizzjonijiet għall-irkantijiet previsti f'dan il-paragrafu għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 10(4).

Fl-2027, għandhom jinħolqu 600 miljun kwota koperti minn dan il-Kapitolu bħala parteċipazzjonijiet fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq skont l-Artikolu 1a(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.

3. Għandhom jiġu rkantati 150 miljun kwota maħruġa taħt dan il-Kapitolu u d-dħul kollu minn dawk l-irkanti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 sal-2032.

4. Mill-ammont ta' kwoti li jifdal u sabiex jiġi ġġenerat, flimkien mad-dħul mill-kwoti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 10a(8b) ta' din id-Direttiva, ammont massimu ta' EUR 65 000 000 000, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ammont addizzjonali ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu jiġi rkantat u d-dħul ġenerat minn dawk l-irkanti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit mir-Regolament (UE) 2023/955 sal-2032.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwoti destinati għall-Fond Soċjali għall-Klima msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u f'dan il-paragrafu jiġu rkantati f'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet msemmija fl-Artikolu 10(4) u fl-atti delegati adottati skont dak l-Artikolu.

Id-dħul mill-irkantar tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u f'dan il-paragrafu għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, u għandu jiġi użat f'konformità mar-regoli applikabbli għall-Fond Soċjali għall-Klima.

L-ammont annwali allokat għall-Fond Soċjali għall-Klima f'konformità mal-Artikolu 10a(8b), il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u dan il-paragrafu ma għandux jaqbeż:

(a) għall-2026, EUR 4 000 000 000;

(b) għall-2027, EUR 10 900 000 000;

(c) għall-2028, EUR 10 500 000 000;

(d) għall-2029, EUR 10 300 000 000;

(e) għall-2030, EUR 10 100 000 000;

(f) għall-2031, EUR 9 800 000 000;

(g) għall-2032, EUR 9 400 000 000.

Meta s-sistema ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita f'konformità ma' dan il-Kapitolu tiġi posposta sal-2028 skont l-Artikolu 30k, l-ammont massimu li jrid jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun ta' EUR 54 600 000 000. F'tali każ, l-ammonti annwali allokati għall-Fond Soċjali għall-Klima ma għandhomx jaqbżu kumulattivament għas-snin 2026 u 2027, EUR 4 000 000 000, u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2032, l-ammont annwali rilevanti ma għandux jaqbeż:

(a) għall-2028, EUR 11 400 000 000;

(b) għall-2029, EUR 10 300 000 000;

(c) għall-2030, EUR 10 100 000 000;

(d) għall-2031, EUR 9 800 000 000;

(e) għall-2032, EUR 9 000 000 000.

Meta d-dħul iġġenerat mill-irkantar imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jiġi stabbilit bħala riżorsa proprja f'konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu tat-TFUE, l-Artikolu 10(8b) ta' din id-Direttiva, il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw.

5. Il-kwantità totali tal-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu wara li jitnaqqsu l-kwantitajiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri u distribwiti bejniethom f'ishma li jkunu identiċi għas-sehem tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 għall-kategoriji ta' sorsi ta' emissjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu, il-punti (b), (c) u (d), tal-Anness III ta' din id-Direttiva għall-medja tal-perjodu mill-2016 sal-2018 tal-Istat Membru kkonċernat, kif rieżaminati b'mod komprensiv skont l-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament.

6. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, ħlief għad-dħul li jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew id-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul tagħhom jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dak id-dħul għal wieħed jew aktar mill-finijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) ta' din id-Direttiva, filwaqt li jagħtu prijorità lil attivitajiet li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet taħt dan il-Kapitolu, jew għal wieħed jew aktar mill-punti li ġejjin:

(a) miżuri maħsuba biex jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ tal-bini jew għat-tnaqqis tal-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini, inkluża l-integrazzjoni ta' enerġiji rinnovabbli u miżuri relatati f'konformità mal-Artikolu 7(11) u l-Artikoli 12 u 20 tad-Direttiva 2012/27/UE, kif ukoll miżuri li jipprovdu appoġġ finanzjarju għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx f'bini bl-agħar rendiment;

(b) miżuri maħsuba biex jaċċelleraw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-introduzzjoni ta' infrastruttura kompletament interoperabbli tar-riforniment tal-fjuwil u tal-irriċarġjar għal vetturi b'emissjonijiet żero, jew miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu transizzjoni lejn it-trasport pubbliku u jtejbu l-multimodalità, jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali li jikkonċernaw l-utenti tat-trasport bi dħul baxx u medju;

(c) biex jiffinanzjaw il-Pjan Soċjali għall-Klima tagħhom f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2023/955;

(d) biex jipprovdu kumpens finanzjarju lill-konsumaturi finali tal-fjuwils f'każijiet li fihom ma kienx possibbli li jiġi evitat l-għadd doppju tal-emissjonijiet jew li fihom il-kwoti ġew ċeduti għal emissjonijiet mhux koperti minn dan il-Kapitolu kif imsemmi fl-Artikolu 30f(5).

L-Istati Membri għandhom jitqiesu li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jekk ikollhom fis-seħħ u jimplimentaw politiki ta' appoġġ fiskali jew finanzjarju jew politiki regolatorji li jimmassimizzaw l-appoġġ finanzjarju, stabbiliti għall-finijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u li jkollhom valur ekwivalenti għad-dħul imsemmi f'dak is-subparagrafu ġġenerat mill-irkantar tal-kwoti kif imsemmi f'dan il-Kapitolu.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-użu tad-dħul u l-azzjonijiet meħuda skont dan il-paragrafu billi jinkludu din l-informazzjoni fir-rapporti tagħhom sottomessi skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

7. L-Artikolu 10(4) u (5) għandhom japplikaw għall-kwoti maħruġa skont dan il-Kapitolu.

*Artikolu 30e*

**It-trasferiment, iċ-ċediment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti**

1. L-Artikolu 12 għandu japplika għall-emissjonijiet, għall-entitajiet regolati u għall-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 3 u 3a, il-paragrafu 4, it-tieni u t-tielet sentenza, u l-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu. Għal dak il-fini:

(a) kwalunkwe referenza għal emissjonijiet għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-emissjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu;

(b) kwalunkwe referenza għal operaturi tal-installazzjonijiet għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-entitajiet regolati koperti minn dan il-Kapitolu;

(c) kwalunkwe referenza għal kwoti għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu.

2. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-entità regolata ċċedi ammont ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu li huwa ugwali għall-emissjonijiet totali tal-entità regolata, li jikkorrispondu għall-kwantità ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III, matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f'konformità mal-Artikoli 15 u 30f, u li dawk il-kwoti sussegwentement jiġu kkanċellati.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2030, b'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, meta entità regolata stabbilita fi Stat Membru partikolari tkun soġġetta għal taxxa nazzjonali fuq il-karbonju fis-seħħ għas-snin 2027 sa 2030, li tkopri l-attività msemmija fl-Anness III, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' teżenta lil dik l-entità regolata mill-obbligu li ċċedi l-kwoti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal sena ta' referenza partikolari, dment li:

(a) l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dik it-taxxa nazzjonali fuq il-karbonju, sal-31 ta' Diċembru 2023, u l-liġi nazzjonali li tistabbilixxi r-rati tat-taxxa applikabbli għas-snin 2027 sa 2030, sa dik id-data, tkun daħlet fis-seħħ; l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla sussegwenti fit-taxxa nazzjonali fuq il-karbonju;

(b) għas-sena ta' referenza, it-taxxa nazzjonali fuq il-karbonju tal-Istat Membru kkonċernat effettivament imħallsa minn dik l-entità regolata tkun ogħla mill-prezz medju mill-ikklerjar f'irkant tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita skont dan il-Kapitolu;

(c) l-entità regolata tikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi skont l-Artikolu 30b dwar il-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-Artikolu 30f dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet tagħha;

(d) l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' kwalunkwe eżenzjoni bħal din u l-ammont korrispondenti ta' kwoti li jridu jiġu kkanċellati f'konformità mal-punt (g) ta' dan is-subparagrafu u l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4), sal-31 ta' Mejju tas-sena wara s-sena ta' referenza;

(e) il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjoni għall-applikazzjoni tad-deroga għar-raġuni li l-miżura nnotifikata ma tkunx konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu, fi żmien tliet xhur minn notifika skont il-punt (a) ta' dan is-subparagrafu jew fi żmien xahar min-notifika għas-sena rilevanti skont il-punt (d) ta' dan is-subparagrafu;

(f) l-Istat Membru kkonċernat ma jirkantax l-ammont ta' kwoti msemmija fl-Artikolu 30d(5) għal sena ta' referenza partikolari sakemm l-ammont ta' kwoti li trid tiġi kkanċellata skont dan il-paragrafu tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (g) ta' dan is-subparagrafu; l-Istat Membru kkonċernat ma għandu jirkanta l-ebda ammont addizzjonali ta' kwoti skont l-Artikolu 30d(2), l-ewwel subparagrafu;

(g) l-Istat Membru kkonċernat jikkanċella ammont ta' kwoti mill-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minnu kif imsemmi fl-Artikolu 30d(5), għas-sena ta' referenza, li jkun ugwali għall-emissjonijiet ivverifikati ta' dik l-entità regolata skont dan il-Kapitolu għas-sena ta' referenza; meta l-ammont ta' kwoti li jkun għad irid jiġi rkantat fis-sena ta' referenza wara l-applikazzjoni tal-punt (f) ta' dan is-subparagrafu jkun inqas mill-ammont ta' kwoti li għandu jiġi kkanċellat skont dan il-paragrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li jikkanċella l-ammont ta' kwoti li jikkorrispondi għad-differenza sa tmiem is-sena ta' wara s-sena ta' referenza; u

(h) l-Istat Membru kkonċernat jimpenja ruħu, fil-mument tal-ewwel notifika skont il-punt (a) ta' dan is-subparagrafu, li juża għal waħda jew aktar mill-miżuri elenkati jew imsemmija fl-Artikolu 30d(6), l-ewwel subparagrafu, ammont ekwivalenti għad-dħul li għalih kien japplika l-Artikolu 30d(6) fin-nuqqas ta' din id-deroga; l-Artikolu 30d(6), it-tieni u t-tielet subparagrafi, għandhom japplikaw u l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni li tirċievi skont dan tkun konformi mal-impenn meħud skont dan il-punt.

L-ammont ta' kwoti li jridu jiġu kkanċellati skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (g), ta' dan il-paragrafu ma għandux jaffettwa d-dħul assenjat estern stabbilit skont l-Artikolu 30d(4) ta' din id-Direttiva jew, meta jkun stabbilit skont l-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tat-TFUE, ir-riżorsi proprji tal-baġit tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 (**) mid-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti f'konformità mal-Artikolu 30d ta' din id-Direttiva.

4. L-isptarijiet li mhumiex koperti mill-Kapitolu III jistgħu jingħataw kumpens finanzjarju għall-kost li jiġi ttrasferit lilhom minħabba ċ-ċediment ta' kwoti skont dan il-Kapitolu. Għal dak il-għan, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu applikabbli għal każijiet ta' għadd doppju għandhom japplikaw mutatis mutandis.

*Artikolu 30f*

**Il-monitoraġġ, ir-rapportar, il-verifika tal-emissjonijiet u l-akkreditazzjoni**

1. L-Artikoli 14 u 15 għandhom japplikaw għall-emissjonijiet, għall-entitajiet regolati u għall-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu. Għal dak il-fini:

(a) kwalunkwe referenza għal emissjonijiet għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-emissjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu;

(b) kwalunkwe referenza għal attività elenkata fl-Anness I għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-attività msemmija fl-Anness III;

(c) kwalunkwe referenza għal operaturi għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-entitajiet regolati koperti minn dan il-Kapitolu;

(d) kwalunkwe referenza għal kwoti għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu;

(e) ir-referenza għad-data fl-Artikolu 15 għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għat-30 ta' April.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull entità regolata timmonitorja, għal kull sena kalendarja mill-2025, l-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III. Huma għandhom jiżguraw ukoll li kull entità regolata tirrapporta dawk l-emissjonijiet lill-awtorità kompetenti fis-sena ta' wara, billi tibda mill-2026, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1).

3. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sat-30 ta' April kull sena sal-2030, kull entità regolata tirrapporta s-sehem medju ta' kostijiet relatati maċ-ċediment ta' kwoti skont dan il-Kapitolu li tkun ttrasferiet lill-konsumaturi għas-sena preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw ir-rekwiżiti u l-mudelli għal dawk ir-rapporti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2). Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rapporti sottomessi u tirrapporta s-sejbiet tagħha kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Meta' l-Kummissjoni ssib li jeżistu prattiki mhux korretti fir-rigward tat-trasferiment tal-kostijiet tal-karbonju, ir-rapport, meta ikun xieraq, jista' jkun akkumpanjat bi proposti leġiżlattivi bl-għan li jindirizzaw tali prattiki mhux korretti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull entità regolata li jkollha permess f'konformità mal-Artikolu 30b fl-1 ta' Jannar 2025 tirrapporta l-emissjonijiet storiċi tagħha għas-sena 2024 sat-30 ta' April 2025.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet regolati jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddokumentaw b'mod affidabbli u eżatt, għal kull tip ta' fjuwil, il-kwantitajiet preċiżi ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum, li jintużaw għall-kombustjoni fis-setturi msemmija fl-Anness III, u l-użu finali tal-fjuwils rilaxxati għall-konsum mill-entitajiet regolati. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jillimitaw ir-riskju ta' għadd doppju tal-emissjonijiet koperti taħt dan il-Kapitolu u tal-emissjonijiet koperti taħt il-Kapitoli II u III, kif ukoll ir-riskju li l-kwoti jiġu ċeduti għal emissjonijiet mhux koperti minn dan il-Kapitolu.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw ir-regoli dettaljati għall-evitar tal-għadd doppju u l-kwoti li qed jiġu ċeduti għal emissjonijiet mhux koperti minn dan il-Kapitolu, kif ukoll għall-għoti ta' kumpens finanzjarju lill-konsumaturi finali tal-fjuwils f'każijiet li fihom tali għadd doppju jew ċediment ma jistax jiġi evitat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2). Il-kalkolu tal-kumpens finanzjarju għall-konsumaturi finali tal-fjuwils għandu jkun ibbażat fuq prezz medju tal-kwoti fl-irkanti mwettqa f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4) fis-sena ta' rapportar rilevanti.

6. Il-prinċipji għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu huma stabbiliti fil-Parti Ċ tal-Anness IV.

7. Il-kriterji għall-verifika tal-emissjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu huma stabbiliti fil-Parti Ċ tal-Anness V.

8. L-Istati Membri jistgħu jippermettu miżuri simplifikati ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għall-entitajiet regolati li l-emissjonijiet annwali tagħhom li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum ikunu inqas minn 1 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1).

*Artikolu 30g*

**Amministrazzjoni**

L-Artikoli 13 u 15a, l-Artikolu 16(1), (2), (3), (4) u (12), u l-Artikoli 17, 18, 19, 20, 21, 22, 22a, 23 u 29 għandhom japplikaw għall-emissjonijiet, għall-entitajiet regolati u għall-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu. Għal dak il-fini:

(a) kwalunkwe referenza għal emissjonijiet għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-emissjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu;

(b) kwalunkwe referenza għal operaturi għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-entitajiet regolati koperti minn dan il-Kapitolu;

(c) kwalunkwe referenza għal kwoti għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għall-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu.

*Artikolu 30h*

**Miżuri f'każ ta' żieda eċċessiva tal-prezzijiet**

1. Meta, għal aktar minn tliet xhur konsekuttivi, il-prezz medju tal-kwoti fl-irkantijiet imwettqa f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4) ta' din id-Direttiva jkun aktar mid-doppju tal-prezz medju tal-kwoti matul is-sitt xhur konsekuttivi preċedenti fl-irkantijiet għall-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu, 50 miljun kwota koperta minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rilaxxati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq f'konformità mal-Artikolu 1a(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.

Għas-snin 2027 u 2028, il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu ssodisfati meta, għal aktar minn tliet xhur konsekuttivi, il-prezz medju tal-kwoti jkun aktar minn 1,5 darbiet il-prezz medju tal-kwoti matul il-perjodu ta' referenza tas-sitt xhur konsekuttivi preċedenti.

2. Meta l-prezz medju tal-kwoti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jaqbeż prezz ta' EUR 45 għal perjodu ta' xahrejn konsekuttivi, 20 miljun kwota koperta b'dan il-Kapitolu għandhom jiġu rilaxxati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq f'konformità mal-Artikolu 1a(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814. L-indiċjar abbażi tal-indiċi Ewropew tal-prezzijiet tal-konsumaturi għall-2020 għandu japplika. Il-kwoti għandhom jiġu rilaxxati permezz tal-mekkaniżmu previst f'dan il-paragrafu sal-31 ta' Diċembru 2029.

3. Meta l-prezz medju tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jkun aktar minn tliet darbiet il-prezz medju tal-kwota matul is-sitt xhur konsekuttivi preċedenti,150 miljun kwota koperta minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rilaxxati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq f’konformità mal-Artikolu 1a(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.

4. Meta l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tkun ġiet issodisfata fl-istess jum bħall-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew 3, kwoti addizzjonali għandhom jiġu rilaxxati biss skont il-paragrafu 1 jew 3.

5. Qabel il-31 ta’ Diċembru 2029, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih tivvaluta jekk il-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 2 kienx effettiv u jekk għandux jitkompla. Il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, għandha takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda din id-Direttiva ħalli taġġusta dak il-mekkaniżmu.

6. Meta waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, 2 jew 3 ikunu ġew issodisfati u rriżultaw f’rilaxx ta’ kwoti, il-kwoti addizzjonali ma għandhomx jiġu rilaxxati skont dan l-Artikolu aktar kmieni minn 12-il xahar wara dan.

7. Meta, fit-tieni nofs tal-perjodu ta’ 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu, il-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu tkun reġgħet ġiet issodisfata, il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat, imwaqqaf bl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2018/1999, għandha tivvaluta l-effettività tal-miżura u tista’, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, tiddeċiedi li l-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu ma għandux japplika. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2) ta’ din id-Direttiva.

8. Meta waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, 2 jew 3 ikunu ġew issodisfati u l-paragrafu 6 ma jkunx applikabbli, il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-pront avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar id-data li fiha dik il-kundizzjoni jew dawk il-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati.

9. L-Istati Membri li jkunu soġġetti għall-obbligu li jipprovdu pjan ta’ azzjoni korrettiv f’konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/842 għandhom iqisu debitament l-effetti ta’ rilaxx ta’ kwoti addizzjonali skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu matul is-sentejn preċedenti meta jqisu azzjonijiet addizzjonali li jridu jiġu implimentati kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta’ dak ir-Regolament sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fl-ambitu ta’ dak ir-Regolament.

*Artikolu 30i*

**Rieżami ta’ dan il-Kapitolu**

Sal-1 ta’ Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu fir-rigward tal-effettività, l-amministrazzjoni u l-applikazzjoni prattika tagħhom, inkluż dwar l-applikazzjoni tar-regoli fl-ambitu tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni għandha takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva biex dan il-Kapitolu jiġi emendat. Sal-31 ta’ Ottubru 2031, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-integrazzjoni tas-setturi koperti mill-Anness III ta’ din id-Direttiva fl-EU ETS li tkopri s-setturi elenkati fl-Anness I ta’ din id-Direttiva.

*Artikolu 30j*

**Proċeduri għall-estensjoni unilaterali tal-attività msemmija fl-Anness III għal setturi oħra mhux soġġetti għall-Kapitoli II u III**

1. Mill-2027, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-attività msemmija fl-Anness III għal setturi li mhumiex elenkati f’dak l-Anness u b’hekk japplikaw l-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet f’konformità ma’ dan il-Kapitolu f’tali setturi, b’kont meħud tal-kriterji rilevanti kollha, b’mod partikolari l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali tas-sistema għall-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet stabbilita skont dan il-Kapitolu u l-affidabbiltà tas-sistema ta’ monitoraġġ u rapportar ippjanata, dment li l-estensjoni tal-attività msemmija f’dak l-Anness tkun approvata mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplementa din id-Direttiva rigward l-approvazzjoni ta' estensjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' kwoti addizzjonali u l-awtorizzazzjoni ta' Stati Membri oħra biex jestendu l-attività msemmija fl-Anness III. Il-Kummissjoni, meta tadotta tali atti delegati, tista' wkoll tissupplementa l-estensjoni b'regoli ulterjuri li jirregolaw miżuri biex jiġu indirizzati każijiet possibbli ta' għadd doppju, inkluż għall-ħruġ ta' kwoti addizzjonali biex jikkumpensaw għal kwoti ċeduti għall-użu ta' fjuwils f'attivitajiet elenkati fl-Anness I. Kwalunkwe miżura finanzjarja mill-Istati Membri favur kumpaniji f'setturi u subsetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, minħabba kostijiet indiretti sinifikanti li jiġġarrbu mill-kostijiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mgħoddija fil-prezzijiet tal-fjuwil minħabba l-estensjoni unilaterali, għandhom ikunu f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u ma għandhomx jikkawżaw distorsjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

2. Kwoti addizzjonali maħruġa skont awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu għandhom jiġu rkantati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30d. Minkejja l-Artikolu 30d(1) sa (6), l-Istati Membri li jkunu estendew unilateralment l-attività msemmija fl-Anness III f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar ta' dawk il-kwoti addizzjonali.

*Artikolu 30k*

**Posponiment tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali sal-2028 f'każ ta' prezzijiet tal-enerġija eċċezzjonalment għoljin**

1. Sal-15 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin, jew it-tnejn li huma, ġewx issodisfati:

(a) il-prezz medju tal-gass TTF għas-sitt xhur kalendarji li jintemmu fit-30 ta' Ġunju 2026 kien ogħla mill-medja tal-prezz tal-gass TTF fi Frar u Marzu 2022;

(b) il-prezz medju taż-żejt mhux raffinat Brent għas-sitt xhur kalendarji li jintemmu fit-30 ta' Ġunju 2026 kienu iktar minn darbtejn il-prezz medju taż-żejt mhux raffinat Brent matul il-ħames snin preċedenti; il-perjodu ta' referenza ta' ħames snin għandu jkun il-perjodu ta' ħames snin li jintemm qabel l-ewwel xahar tal-perjodu ta' sitt xhur kalendarji.

2. Meta waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, jew it tnejn li huma, jiġu ssodisfati, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) b'deroga mill-Artikolu 30c(1), l-ewwel sena li għaliha l-kwantità ta' kwoti fl-Unjoni kollha hija stabbilita għandha tkun l-2028; u, b'deroga mill-Artikolu 30c(3), l-ewwel sena li għaliha l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha tiġi aġġustata għandha tkun l-2029;

(b) b'deroga mill-Artikolu 30d(1) u (2), il-bidu tal-irkantar tal-kwoti fl-ambitu ta' dan il-Kapitolu għandu jiġi pospost għall-2028;

(c) b'deroga mill-Artikolu 30d(2), l-ammont addizzjonali ta' kwoti għall-ewwel sena ta' rkanti għandhom jitnaqqsu mill-volumi tal-irkanti għall-perjodu mill-2030 sal-2032 u l-parteċipazzjonijiet inizjali fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għandhom jinħolqu fl-2028;

(d) b'deroga mill-Artikolu 30e(2), l-iskadenza għaċ-ċediment inizjali ta' kwoti għandha titressaq lura għall-31 ta' Mejju 2029 għall-emissjonijiet totali fis-sena 2028;

(e) b'deroga mill-Artikolu 30i, l-iskadenza għall-Kummissjoni biex tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha titressaq lura għall-1 ta' Jannar 2029.

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

(**) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).";

(30) jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"Kapitolu IVb

Parir Xjentifiku u Viżibilità tal-Finanzjament

*Artikolu 30l*

**Parir xjentifiku**

Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Bord Konsultattiv") stabbilit skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jipprovdi parir xjentifiku u joħroġ rapporti rigward din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tqis il-parir u r-rapporti rilevanti tal-Korp Konsultattiv, b'mod partikolari fir-rigward:

(a) tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni biex tiġi żgurata konformità mal-objettivi u l-miri msemmija fl-Artikolu 30(3) ta' din id-Direttiva;

(b) tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl ta' ftehimiet dwar miżuri globali fl-ICAO biex jitnaqqas l-impatt fuq il-klima tal-avjazzjoni, u tal-ambizzjoni u l-integrità ambjentali tal-miżura globali bbażata fuq is-suq tal-OMI msemmija fl-Artikolu 3gg ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 30m*

**Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament mid-dħul mill-irkantar tal-EU ETS imsemmi fl-Artikolu 10(8) billi:

(a) tiżgura li l-benefiċjarji ta' tali finanzjament jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-proġetti u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inklużi l-media u l-pubbliku; u

(b) tiżgura li dawk li jirċievu tali finanzjament jużaw tikketta xierqa li tgħid "(ko)finanzjat mis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE (il-Fond għall-Innovazzjoni)", kif ukoll l-emblema tal-Unjoni u l-ammont tal-finanzjament; meta l-użu ta' dik it-tikketta ma jkunx fattibbli, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jissemma fl-attivitajiet kollha ta' komunikazzjoni, inkluż fuq avviżieri f'postijiet strateġiċi viżibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni, fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 10a(8), għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-finanzjament mill-Fond għall-Innovazzjoni, inkluż rekwiżit li dak il-Fond jissemma.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament mid-dħul mill-irkantar tal-EU ETS imsemmi fl-Artikolu 10d li jikkorrispondi għal dak imsemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu, inkluż permezz ta' rekwiżit li l-Fond għall-Modernizzazzjoni jissemma.

3. Filwaqt li jqisu ċ-ċirkustanzi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-viżibbiltà tas-sors tal-finanzjament ta' azzjonijiet jew proġetti ffinanzjati mid-dħul mill-irkantar tal-EU ETS li tagħhom jiddeterminaw l-użu f'konformità mal-Artikolu 3d(4), l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 30d(6).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).";

(31) l-Annessi I, IIb, IV u V tad-Direttiva 2003/87/KE huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva, u l-Annessi III u IIIa huma mdaħħlin fid-Direttiva 2003/87/KE kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814**

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni kull sena sal-1 ta' Ġunju tas-sena sussegwenti. L-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni f'sena partikolari għandu jkun l-għadd kumulattiv ta' kwoti maħruġa fir-rigward tal-installazzjonijiet u l-kumpaniji tat-tbaħħir u mhux imqiegħda fir-riżerva fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008, inkluż l-għadd ta' kwoti maħruġa skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2003/87/KE, fil-verżjoni fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2018, f'dak il-perjodu u d-drittijiet biex jintużaw il-krediti internazzjonali eżerċitati mill-installazzjonijiet fl-ambitu tal-EU ETS, sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena partikolari, neqsin it-tunnellati kumulattivi tal-emissjonijiet ivverifikati mill-installazzjonijiet u mill-kumpaniji tat-tbaħħir fl-ambitu tal-EU ETS bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena partikolari, u kwalunkwe kwota kkanċellata f'konformità mal-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE. Ma għandhomx jitqiesu l-emissjonijiet matul il-perjodu ta' tliet snin li jibda mill-2005 u jispiċċa fl-2007 u l-kwoti maħruġa fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet. L-ewwel pubblikazzjoni għandha sseħħ sal-15 ta' Mejju 2017.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Mill-2024, il-kalkolu tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari għandu jinkludi l-għadd kumulattiv ta' kwoti maħruġa fir-rigward tal-avjazzjoni u t-tunnellati kumulattivi ta' emissjonijiet verifikati mill-avjazzjoni fl-ambitu tal-EU ETS, li jeskludu l-emissjonijiet minn titjiriet fuq rotot koperti minn kumpens ikkalkulat skont l-Artikolu 12(6) tad-Direttiva 2003/87/KE, bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena partikolari.

Il-kwoti kkanċellati skont l-Artikolu 3gb tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitqiesu bħala maħruġa għall-finijiet tal-kalkolu tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni.";

(c) il-paragrafi 5 u 5a huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"5. Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun bejn 833 miljun u 1 096 miljun, għadd ta' kwoti ugwali għad-differenza bejn l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, kif stabbilit fl-aktar pubblikazzjoni reċenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u 833 miljun għandhom jitnaqqsu mill-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla minn 1 096 miljun kwota, l-għadd ta' kwoti li jridu jitnaqqsu mill-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u li jridu jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Settembru ta' dik is-sena għandu jkun ugwali għal 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni. B'deroga mit-tieni sentenza ta' dan is-subparagrafu, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-persentaġġ msemmi f'dik is-sentenza għandu jiġi rduppjat.

Mingħajr preġudizzju għall-għadd totali ta' kwoti li jridu jitnaqqsu skont dan il-paragrafu, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-kwoti msemmija fl-Artikolu 10(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tad-Direttiva 2003/87/KE ma għandhomx jitqiesu meta jiġu ddeterminati l-ishma tal-Istati Membri li jikkontribwixxu għal dak l-ammont totali.

5a. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fl-ewwel rieżami mwettaq f'konformità mal-Artikolu 3, mill-2023 il-kwoti miżmuma fir-riżerva 'l fuq minn 400 miljun kwota ma għandhomx jibqgħu validi.";

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu ma jkunx applikabbli u tkun ġiet issodisfata l-kundizzjoni fl-Artikolu 29a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, 75 miljun kwota għandhom jiġu rilaxxati mir-riżerva u għandhom jiżdiedu mal-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) ta' dik id-Direttiva. Meta jkun hemm inqas minn 75 miljun kwota fir-riżerva, il-kwoti kollha fir-riżerva għandhom jiġu rilaxxati skont dan il-paragrafu. Meta l-kundizzjoni fl-Artikolu 29a(1) ta' dik id-Direttiva tiġi ssodisfata, il-volumi li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva f'konformità ma' dak l-Artikolu għandhom jitqassmu

b’mod ugwali matul perjodu ta’ tliet xhur, li jibda mhux aktar tard minn xahrejn mid-data meta l-kundizzjoni fl-Artikolu 29a(1) ta’ dik id-Direttiva tiġi ssodisfata kif innotifikat mill-Kummissjoni f’konformità mar-raba’ subparagrafu tiegħu.”;

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

”*Artikolu 1a*

**It-tħaddim tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-setturi tal-bini, tat-trasport bit-triq u oħrajn addizzjonali**

1. Il-kwoti koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitqiegħdu fi u jiġu rilaxxati minn taqsima separata tar-riżerva stabbilita skont l-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni, f’konformità mar-regoli stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. It-tqegħid tal-kwoti fir-riżerva skont dan l-Artikolu għandu jopera mill-1 ta’ Settembru 2028. Il-kwoti koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitqiegħdu u jinżammu fir-riżerva, u jiġu rilaxxati minnha, separatament mill-kwoti koperti mill-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni.

3. Fl-2027, it-taqsima msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandha tinħoloq f’konformità mal-Artikolu 30d(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE. Mill-1 ta’ Jannar 2031, il-kwoti msemmija f’dak is-subparagrafu li ma jkunux ġew rilaxxati mir-riżerva ma għandhomx jibqgħu validi.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE kull sena, sal-1 ta’ Ġunju tas-sena sussegwenti, separatament mill-għadd ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni skont l-Artikolu 1(4) ta’ din id-Deċiżjoni. L-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni skont dan l-Artikolu f’sena partikolari għandu jkun l-għadd kumulattiv ta’ kwoti koperti minn dak il-Kapitolu maħruġa fil-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2027, neqsin it-tunnellati kumulattivi tal-emissjonijiet ivverifikati koperti minn dak il-Kapitolu għall-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 2027 u l-31 ta’ Diċembru ta’ dik l-istess sena partikolari u kwalunkwe kwota koperta minn dak il-Kapitolu kkanċellata f’konformità mal-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE. L-ewwel pubblikazzjoni għandha sseħħ sal-1 ta’ Ġunju 2028.

5. Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, kif stabbilit fl-aktar pubblikazzjoni reċenti msemmija fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu, ikun ogħla minn 440 miljun kwota, għandhom jitnaqqsu 100 miljun kwota mill-kwantità ta’ kwoti koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 30d ta’ dik id-Direttiva u għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta’ 12-il xahar li jibda fl-1 ta’ Settembru ta’ dik is-sena.

6. Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta’ kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun inqas minn 210 miljuni, 100 miljun kwota koperta mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jiġu rilaxxati mir-riżerva u jiżdiedu mal-kwantità ta’ kwoti koperti minn dak il-Kapitolu li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 30d ta’ dik id-Direttiva. Meta jkun hemm inqas minn 100 miljun kwota fir-riżerva, il-kwoti kollha fir-riżerva għandhom jiġu rilaxxati skont dan il-paragrafu.

7. Il-volumi li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva f’konformità mal-Artikolu 30h tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jiżdiedu mal-kwantità ta’ kwoti koperti mill-Kapitolu IVa ta’ dik id-Direttiva li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 30d ta’ dik id-Direttiva. Il-volumi li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva għandhom jiġu distribwiti b’mod ugwali matul perjodu ta’ tliet xhur, li jibda mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data li fiha l-kundizzjonijiet ġew issodisfati skont il-pubblikazzjoni f’dak ir-rigward f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 30h(8) tad-Direttiva 2003/87/KE.

8. L-Artikolu 1(8) u l-Artikolu 3 ta’ din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw għall-kwoti koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE.

9. B’deroga mill-paragrafi 2, 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu, meta waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30k(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, jew it-tnejn li huma, jiġu ssodisfati, it-tqegħid tal-kwoti fir-riżerva msemmi fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu għandu jopera mill-1 ta’ Settembru 2029 u d-dati msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom jitressqu lura b’sena.”;

(3) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

**Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tar-riżerva fil-kuntest tar-rapport previst fl-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE. Dak ir-rapport għandu jikkunsidra l-effetti rilevanti fuq il-kompetittività, b'mod partikolari fis-settur industrijali, inkluż fir-rigward tal-PDG, tal-impjiegi u tal-indikaturi tal-investiment. Fi żmien tliet snin minn meta r-riżerva tibda topera, u f'intervalli ta' ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni, abbażi ta' analiżi tal-funzjonament ordnat tas-suq Ewropew tal-karbonju, għandha tirrieżamina r-riżerva u tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta dan ikun xieraq. Kull rieżami għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-perċentwal għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li jridu jitqiegħdu fir-riżerva skont l-Artikolu 1(5) ta' din id-Deċiżjoni, il-valur numeriku tal-livell limitu għall-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, inkluż fid-dawl ta' aġġustament potenzjali ta' dak il-livell limitu f'konformità mal-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE, kif ukoll l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva skont l-Artikolu 1(6) jew (7) ta' din id-Deċiżjoni. Fir-rieżami tagħha, il-Kummissjoni għandha tanalizza wkoll l-impatt tar-riżerva fuq it-tkabbir, l-impjiegi, u l-kompetittività industrijali tal-Unjoni u fuq ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.";

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2023. Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2024.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-artikoli li ġejjin sat-30 ta' Ġunju 2024:

(a) l-Artikolu 1, il-punt (3), il-punti (ae) sa (ai), ta' din id-Direttiva;

(b) l-Artikolu 1, il-punt (29), ta' din id-Direttiva bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 30f(4) tad-Direttiva 2003/87/KE kif imdaħħal b'dak il-punt; u

(c) l-Artikolu 1, il-punt (31), ta' din id-Direttiva rigward l-Annessi III u IIIa għad-Direttiva 2003/87/KE kif imdaħħal b'dak il-punt.

Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

Meta jikkonformaw mal-obbligu tagħhom stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom li tittrasponi l-Artikolu 3, il-punt (u), l-Artikolu 10a(3) u (4), l-Artikolu 10c(7) u l-Anness I, il-punti 1 u 3, tad-Direttiva 2003/87/KE, fil-verżjoni tagħha applikabbli fl-4 ta' Ġunju 2023, tkompli tapplika sal-31 ta' Diċembru 2025. B'deroga mill-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, l-aħħar sentenza, huma għandhom japplikaw il-miżuri nazzjonali tagħhom li jittrasponu l-emendi għal dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2026.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-10 ta' Mejju 2023.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| R. METSOLA | J. ROSWALL |

*ANNESS*

(1) L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet użati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti u proċessi ġodda mhumiex koperti minn din id-Direttiva. Installazzjonijiet meta matul il-perjodu ta' ħames snin rilevanti preċedenti msemmi fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti skont l-Artikolu 14 jikkontribwixxu bħala medja għal aktar minn 95 % tal-emissjonijiet totali medji ta' gassijiet serra, mhumiex koperti minn din id-Direttiva.";

(b) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-input termiku nominali totali ta' installazzjoni jiġi kkalkulat sabiex jiġi deċiż jekk l-installazzjoni tiddaħħalx fl-EU ETS, l-inputs termiċi nominali tal-unitajiet tekniċi kollha li jagħmlu parti minnha u li fihom jinħarqu fjuwils fi ħdan l-installazzjoni, għandhom jingħaddu flimkien. Dawk l-unitajiet jistgħu jinkludu kull tip ta' bojlers, berners, turbini, ħiters, fran tal-funderiji, inċineraturi, kalkari tal-ġir, kalkari, fran, apparat għat-tnixxif, magni, ċelluli tal-fjuwil, unitajiet tal-kombustjoni "chemical looping", apparat tal-ivvampjar, u impjanti termiċi jew katalitiċi tal-post-kombustjoni. Unitajiet b'input termiku nominali ta' inqas minn 3 MW ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet ta' dan il-kalkolu.";

(c) it-tabella hija emendata kif ġej:

(i) l-ewwel ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Kombustjoni ta' fjuwils f'installazzjonijiet b'input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW (ħlief f'installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż jew muniċipali)<br>Mill-1 ta' Jannar 2024, il-kombustjoni ta' fjuwils f'installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali b'input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW, għall-finijiet tal-Artikoli 14 u 15. | Diossidu tal-karbonju"; |

(ii) it-tieni ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Ir-raffinar taż-żejt, li fih jitħaddmu unitajiet tal-kombustjoni b'input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW | Diossidu tal-karbonju"; |

(iii) il-ħames ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Produzzjoni tal-ħadid jew tal-azzar (fissjoni primarja jew sekondarja) inkluż l-ikkastjar kontinwu, b'kapaċità li taqbeż it-2,5 tunnellati fis-siegħa | Diossidu tal-karbonju"; |

(iv) is-seba' ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Produzzjoni ta' aluminju primarju jew alumina | Diossidu tal-karbonju u perfluworokarburi"; |

(v) il-ħmistax-il ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "It-tnixxif jew il-kalċinazzjoni tal-ġipsum jew il-produzzjoni ta' twavel tal-ġibs u ta' prodotti oħra tal-ġipsum, b'kapaċità ta' produzzjoni ta' ġipsum kalċinat jew ġipsum sekondarju mnixxef li taqbeż total ta' 20 tunnellata kuljum | Diossidu tal-karbonju"; |

(vi) it-tmintax-il ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Il-produzzjoni tal-iswed tal-karbonju li tinvolvi l-karbonizzazzjoni ta' sustanzi organiċi bħal żjut, qatran, residwi tad-distillazzjoni u tal-fran tal-ikkrekkjar b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum | Diossidu tal-karbonju"; |

(vii) l-erbgħa u għoxrin ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Il-produzzjoni tal-idroġenu ($H_2$) u ta' gass sintetiku b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-5 tunnellati kuljum | Diossidu tal-karbonju"; |

(viii) is-sebgħa u għoxrin ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "It-trasport ta' gassijiet serra għal ħżin ġeoloġiku f'post tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, bl-esklużjoni ta' dawk l-emissjonijiet koperti minn attività oħra skont din id-Direttiva | Diossidu tal-karbonju"; |

(ix) ir-ringiela li ġejja tiżdied wara l-aħħar ringiela ġdida, b'linja ta' separazzjoni bejniethom:

| | |
|---|---|
| "Trasport marittimu<br>L-attivitajiet tat-trasport marittimu koperti mir-Regolament (UE) 2015/757 bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu koperti mill-Artikolu 2(1a) u, sal-31 ta' Diċembru 2026, l-Artikolu 2(1b) ta' dak ir-Regolament | Diossidu tal-karbonju Mill-1 ta' Jannar 2026, metan u ossidu nitruż"; |

(2) l-Anness IIb tad-Direttiva 2003/87/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS IIb*

Parti A

ID-DISTRIBUZZJONI TAL-FONDI MILL-FOND GĦALL-MODERNIZZAZZJONI LI TIKKORRISPONDI GĦALL-ARTIKOLU 10(1), IT-TIELET SUBPARAGRAFU

| | Sehem |
|---|---|
| Il-Bulgarija | 5,84 % |
| Iċ-Ċekja | 15,59 % |
| L-Estonja | 2,78 % |
| Il-Kroazja | 3,14 % |
| Il-Latvja | 1,44 % |
| Il-Litwanja | 2,57 % |
| L-Ungerija | 7,12 % |
| Il-Polonja | 43,41 % |
| Ir-Rumanija | 11,98 % |
| Is-Slovakkja | 6,13 % |

Parti B

ID-DISTRIBUZZJONI TAL-FONDI MILL-FOND GĦALL-MODERNIZZAZZJONI LI TIKKORRISPONDI GĦALL-ARTIKOLU 10(1), IR-RABA' SUBPARAGRAFU

| | Sehem |
|---|---|
| Il-Bulgarija | 4,9 % |
| Iċ-Ċekja | 12,6 % |
| L-Estonja | 2,1 % |
| Il-Greċja | 10,1 % |
| Il-Kroazja | 2,3 % |
| Il-Latvja | 1,0 % |
| Il-Litwanja | 1,9 % |
| L-Ungerija | 5,8 % |
| Il-Polonja | 34,2 % |
| Il-Portugall | 8,6 % |
| Ir-Rumanija | 9,7 % |
| Is-Slovakkja | 4,8 % |
| Is-Slovenja | 2,0 %"; |

(3) l-Annessi li ġejjin jiddaħħlu bħala l-Annessi III u IIIa tad-Direttiva 2003/87/KE:

*"ANNESS III*

**ATTIVITÀ KOPERTA MILL-KAPITOLU IVa**

| Attività | Gassijiet serra |
|---|---|
| Ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u f'setturi addizzjonali. Din l-attività ma għandhiex tinkludi:<br>(a) ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw fl-attivitajiet elenkati fl-Anness I, ħlief jekk jintużaw għall-kombustjoni fl-attivitajiet ta' trasport ta' gassijiet serra għall-ħżin ġeoloġiku kif stabbilit fit-tabbella (ringiela sebgħa u għoxrin ta' dak l-Anness) jew jekk jintużaw għall-kombustjoni f'installazzjonijiet esklużi skont l-Artikolu 27a;<br>(b) ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li l-fattur tal-emissjoni tagħhom huwa żero;<br>(c) ir-rilaxx għall-konsum ta' skart perikoluż jew muniċipali użat bħala fjuwil.<br><br>Is-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq għandhom jikkorrispondu għas-sorsi ta' emissjonijiet li ġejjin, definiti fil-Linji Gwida għall-Inventarju Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006, bil-modifiki meħtieġa għal dawk id-definizzjonijiet, kif ġej:<br>(a) Ġenerazzjoni Kkombinata tas-Sħana u tal-Elettriku (CHP) (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A1a ii) u l-Impjanti tas-Sħana (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A1a iii), sakemm jipproduċu s-sħana għall-kategoriji taħt il-punti (c) u (d) ta' dan il-paragrafu, direttament jew permezz ta' networks tat-tisħin distrettwali; | Diossidu tal-karbonju |
| (b) It-Trasport bit-Triq (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A3b), eskluż l-użu ta' vetturi agrikoli fuq toroq pavimentati;<br>(c) Kummerċjali / Istituzzjonali (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A4a);<br>(d) Residenzjali (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A4b). | |

| Attività | Gassijiet serra |
|---|---|
| Setturi addizzjonali għandhom jikkorrispondu għas-sorsi ta' emissjonijiet li ġejjin, definiti fil-Linji Gwida għall-Inventarju Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006:<br>(a) Industriji tal-Enerġija (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A1), ħlief il-kategoriji definiti skont it-tieni paragrafu, il-punt (a), ta' dan l-Anness;<br>(b) Industriji tal-Manifattura u tal-Kostruzzjoni (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A2). | |

*ANNESS IIIa*

**AĠĠUSTAMENT TAL-FATTUR TA' TNAQQIS LINEARI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 30c(2)**

1. Jekk l-emissjonijiet medji rrapportati skont il-Kapitolu IVa għas-snin 2024 sa 2026 ikunu aktar minn 2 % ogħla meta mqabbla mal-valur tal-kwantità tal-2025 definita skont l-Artikolu 30c(1), u jekk dawk id-differenzi ma jkunux dovuti għad-differenza ta' inqas minn 5 % bejn l-emissjonijiet irrapportati skont il-Kapitolu IVa u d-data tal-inventarju tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni tal-2025 mill-kategoriji tas-sorsi tal-UNFCCC għas-setturi koperti mill-Kapitolu IVa, il-fattur ta' tnaqqis lineari għandu jiġi kkalkulat billi jsir aġġustament tal-fattur ta' tnaqqis lineari msemmi fl-Artikolu 30c(1).

2. Il-fattur ta' tnaqqis lineari aġġustat f'konformità mal-punt 1 għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

$LRF_{aġġ} = 100\%* [MRV_{[2024\text{-}2026]} – (ESR_{[2024]} - 6* LRF[_{2024}]* ESR_{[2024]})]/ (5* MRV_{[2024\text{-}2026]})$, fejn,

$LRF_{aġġ}$ huwa l-fattur ta' tnaqqis lineari aġġustat;

$MRV_{[2024\text{-}2026]}$ huwa l-medja tal-emissjonijiet verifikati skont il-Kapitolu IVa għas-snin 2024 sa 2026;

$ESR_{[2024]}$ huwa l-valur tal-emissjonijiet tal-2024 definit skont l-Artikolu 30c(1) għas-setturi koperti mill-Kapitolu IVa;

$LRF[_{2024}]$ huwa l-fattur ta' tnaqqis lineari msemmi fl-Artikolu 30c(1).";

(4) l-Anness IV tad-Direttiva 2003/87/KE huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, it-taqsima "Kalkolu" hija emendata kif ġej:

(i) fit-tielet paragrafu, l-aħħar sentenza "Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomassa għandu jkun żero." hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomassa li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà u mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttva, għandu jkun żero.";

(ii) il-ħames paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandhom jintużaw fatturi ta' ossidazzjoni prestabbiliti żviluppati skont id-Direttiva 2010/75/UE, sakemm l-operatur ma jkunx jista' juri li l-fatturi speċifiċi għall-attivitajiet huma iktar eżatti.";

(b) fil-Parti B, it-taqsima "Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju", ir-raba' paragrafu, l-aħħar sentenza "Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomassa għandu jkun żero." hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomassa li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà u mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva, għandu jkun żero.";

(c) tiżdied il-parti li ġejja:

"PARTI C

**Monitoraġġ u rapportar tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-attività msemmija fl-Anness III**

Monitoraġġ tal-emissjonijiet

L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' kalkolu.

Kalkolu

L-emissjonijiet għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tal-formula li ġejja:

Fjuwil rilaxxat għall-konsum × il-fattur tal-emissjoni

Il-fjuwil rilaxxat għall-konsum għandu jinkludi l-kwantità ta' fjuwil rilaxxat għall-konsum mill-entità regolata.

Għandhom jintużaw il-fatturi tal-emissjoni prestabbiliti tal-IPCC, meħudin mil-Linji Gwida tal-Inventarju tal-IPCC tal-2006 jew minn aġġornamenti sussegwenti ta' dawk il-Linji Gwida, sakemm ma jkunux aktar eżatti l-fatturi tal-emissjoni marbutin speċifikament mal-fjuwil identifikati minn laboratorji indipendenti akkreditati bl-użu ta' metodi ta' analiżi aċċettati.

Għandu jsir kalkolu separat għal kull entità regolata, u għal kull fjuwil.

Ir-rapportar tal-emissjonijiet

Kull entità regolata għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-rapport tagħha:

A. Data li tidentifika l-entità regolata, inklużi:

— isem l-entità regolata;

— l-indirizz tagħha, inklużi l-kodiċi postali u l-pajjiż;

— it-tip ta' fjuwils li tirrilaxxa għall-konsum u l-attivitajiet tagħha li permezz tagħhom tirrilaxxa l-fjuwils għall-konsum, inkluż it-teknoloġija użata;

— l-indirizz, in-numru tat-telefon u tal-faks u d-dettalji tal-posta elettronika għal persuna ta' kuntatt; u

— isem is-sid tal-entità regolata, u ta' kwalunkwe kumpanija omm.

B. Għal kull tip ta' fjuwil rilaxxat għall-konsum u li jintuża għall-kombustjoni fis-setturi msemmija fl-Anness III, li għalih huma kkalkulati l-emissjonijiet:

— il-kwantità ta' fjuwil rilaxxat għall-konsum;

— il-fatturi tal-emissjoni;

— l-emissjonijiet totali;

— l-użu/i finali tal-fjuwil rilaxxat għall-konsum; u

— l-inċertezza.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jikkoordinaw il-ħtiġiet tar-rapportar ma' kull ħtieġa eżistenti tar-rapportar sabiex jimminimizzaw il-piż tar-rapportar fuq in-negozji.";

(5) Fl-Anness V għad-Direttiva 2003/87/KE, tiżdied il-parti li ġejja:

"PARTI C

**Verifika tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-attivitajiet imsemmija fl-Anness III**

Prinċipji Ġenerali

1. L-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-attivitajiet imsemmija fl-Anness III għandhom ikunu soġġetti għal verifika.

2. Il-proċess tal-verifika għandu jinkludi l-konsiderazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 14(3), u tal-monitoraġġ matul is-sena ta' qabel. Għandu jindirizza l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-eżattezza tas-sistemi tal-monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni irrapportati fejn jidħlu l-emissjonijiet, u b'mod partikolari:

(a) il-fjuwils rrapportati rilaxxati għall-konsum u l-kalkoli relatati;

(b) l-għażla u l-użu tal-fatturi tal-emissjoni;

(c) il-kalkoli li jwasslu biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ġenerali.

3. L-emissjonijiet irrapportati jistgħu jiġu vvalidati biss jekk ikun hemm data u informazzjoni affidabbli u kredibbli li jippermettu li l-emissjonijiet jiġu determinati b'livell għoli ta' ċertezza. Livell għoli ta' ċertezza jirrikjedi li l-entità regolata turi li:

(a) id-data rrapportata tkun ħielsa minn inkonsistenzi;

(b) il-ġbir tad-data jkun twettaq f'konformità mal-istandards xjentifiċi applikabbli; u

(c) ir-reġistri rilevanti tal-entità regolata jkunu kompleti u konsistenti.

4. Il-verifikatur għandu jingħata aċċess għas-siti kollha u għall-informazzjoni kollha fir-rigward tas-suġġett tal-verifika.

5. Il-verifikatur għandu jqis jekk l-entità regolata tkunx irreġistrata bħala parti mill-iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali tal-Unjoni (EMAS).

Metodoloġija

Analiżi strateġika

6. Il-verifika għandha tkun ibbażata fuq analiżi strateġika tal-kwantitajiet kollha ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum mill-entità regolata. Dan jirrikjedi li l-verifikatur ikollu ħarsa ġenerali tal-attivitajiet kollha li permezz tagħhom l-entità regolata tkun qed tirrilaxxa l-fjuwils għall-konsum, u s-sinifikat tagħhom għall-emissjonijiet.

Analiżi tal-proċess

7. Meta xieraq, il-verifika tad-data u tal-informazzjoni ppreżentati għandha titwettaq fuq is-sit tal-entità regolata. Il-verifikatur għandu juża kontrolli fuq il-post sabiex jiddetermina l-affidabbiltà tad-data u tal-informazzjoni rrapportati.

Analiżi tar-riskji

8. Il-verifikatur għandu jissottometti l-mezzi kollha li permezz tagħhom il-fjuwils jiġu rilaxxati għall-konsum mill-entità regolata għal evalwazzjoni fir-rigward tal-affidabbiltà tad-data dwar l-emissjonijiet globali tal-entità regolata.

9. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-verifikatur għandu jidentifika b'mod espliċitu kwalunkwe element b'riskju għoli ta' żball u l-aspetti l-oħra tal-proċedura tal-monitoraġġ u r-rapportar li x'aktarx jikkontribwixxu għall-iżbalji meta jiġu determinati l-emissjonijiet ġenerali. Dan jinvolvi b'mod speċjali l-kalkoli meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat il-livell tal-emissjonijiet minn sorsi individwali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk l-elementi b'riskju għoli ta' żball u lill-aspetti msemmija hawn fuq dwar il-proċedura tal-monitoraġġ.

10. Il-verifikatur għandu jqis kwalunkwe metodu effettiv ta' kontroll tar-riskju applikat mill-entità regolata bil-ħsieb li jiġi minimizzat il-livell ta' inċertezza.

Rapport

11. Il-verifikatur għandu jħejji rapport dwar il-proċess tal-validazzjoni li jiddikjara jekk ir-rapport skont l-Artikolu 14(3) ikunx sodisfaċenti. Dan ir-rapport għandu jispeċifika l-kwistjonijiet kollha rilevanti għax-xogħol imwettaq. Tista' ssir dikjarazzjoni li r-rapport skont l-Artikolu 14(3) huwa sodisfaċenti jekk, fl-opinjoni tal-verifikatur, l-emissjonijiet totali ma jkunux iddikjarati b'dikjarazzjoni skorretta materjali.

Rekwiżit ta' kompetenza minima għall-verifikatur

12. Il-verifikatur għandu jkun indipendenti mill-entità regolata, għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod professjonali, kompetenti u oġġettiv, u jifhem:

(a) id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, kif ukoll l-istandards u l-gwida rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1);

(b) ir-rekwiżiti leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi rilevanti għall-attivitajiet li jkunu qed jiġu vverifikati; u

(c) il-ġenerazzjoni tal-informazzjoni kollha relatata mal-mezzi kollha li permezz tagħhom il-fjuwils jiġu rilaxxati għall-konsum mill-entità regolata, b'mod partikolari dik relatata mal-ġbir, il-kejl, il-kalkolu u r-rapportar tad-data.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT